CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

# BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI U LITURGIJA TAL-KELMA

Nru. 32 Randan — Għid 1982

WERREJ

Id-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija 129
Testo integrale del discorso del Papa al Primo Ministro Dom Mintoff 156
Egħluq is-750 sena tal-mewt ta' S. Elisabetta ta' l-Ungerija 158
Jum il-Paċi 1982 162
Preżentazzjoni tal-esortazzjoni "Familiaris Consortio" 173
Message of the Major Religious Superiors of Europe 179
Diskorsi, omiliji u ittri pastorali 180
Ċirkolarijiet tal-Kurja 191
Kungress tal-Vokazzjonijiet 195
"Intejbu l-omilija" — Seminar fuq l-omilija 210
Kunsill Presbiterali — rapport u elezzjonijiet 231
Diocesan Priests in the Maltese islands — Diskors f'jum il-gradwazzjoni 239
Nomini ġodda 250
Direttivi għad-Dekani u l-Kapi-uffiċċju 251
Ħutna fi Kristu li l-Mulej sejjaħ fl-1981 253
Eżempji ta' omiliji u talbiet tal-fidili 258
Ittra tal-isqfijiet lill-kleru u l-lajċi 306
Randan: Appell tal-Papa, pastorali, ċirkolari 302
Kors ta' Aġġornament 309

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 32 Randan — Għid 1982

# ID-DĦUL TAL-KBAR FILĦAJJA NISRANIJA

Dan l-aħħar f'Malta kien hemm każ ta' Malti li ġie mgħammed kbir, u dan hu sinjal għalina il wasal iż-żmien li jinqaleb għall-Malti l-ORDNI GĦAD-DĦUL TAL-KBAR FILĦAJJA NISRANIJA ippubblikat b'digriet tal-Kongregazzjoni għall-Kult, fis-6 ta' Jannar 1972.

L-Ordni sħiħ, li jħaddan ir-riti kollha tal-katekumenat, għadu mhux f'waqtu f'pajjiżna, u għalhekk mhux qiegħed jiġi pubblikat għalissa; imma tajjeb li nkunu nafu sewwa t-tagħrif li l-Ordni jagħti (Kap. I).

Barra l-Ordni sħiħ li jħaddan għadd ta' ċelebrazzjonijiet li jsiru tul perjodu ta' żmien ftit u xejn twil, hemm Ordni iqsar li bih id-dħul ta' wieħed kbir fil-ħajja nisranija ssir b'ċelebrazzjoni waħda. Hu dan l-Ordni iqsar li ntuża fiċ-ċelebrazzjoni hawn Malta u li qiegħed jiġi pubblikat (Kap II).

Hemm ukoll Ordni għad-dħul ta' wieħed kbir fil-ħajja nisranija, meta dan ikun filperiklu tal-mewt: ir-rit mhux qed jiġi pubblikat għax għad m'hemmx għalfejn, iżda t-tagħrif dwaru hu importanti ħafna, għalhekk qiegħed jiġi pubblikat (Kap. III).

Importanti wkoll hu t-tagħrif dwar it-tħejjija ta' tfal mgħammdin meta kienu trabi, iżda li qatt ma tgħallmu duttrina: id-direttivi li hemm igħoddu ħafna għalina wkoll, għax niltaqgħu b'każi ta' tfal Maltin li qatt ma tgħallmu duttrina u jridu jersqu għallewwel tqarbina u l-Griżma (Kap. IV).

Fl-aħħarnett hemm Ordni għad-dħul ta' tfal fil-ħajja nisranija; dan l-Ordni huwa adattament għall-eta' tat-tfal ta' l-Ordni għad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija (Kap. V). F'dan il-każ ukoll it-tagħrif biss qed jiġi pubblikat, għax għad mhux il-każ li l-Ordni jintuża f'pajjiżna.

It-tagħrif ġenerali fuq id-dħul tal-ħajja nisranija jinsab fil-Ktieb "Il-bidu tal-ħajja nisranija" pp. 7-13.

# ID-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA TA' L-ADULTI

## TAGĦRIF TA' QABEL

1. L-ordni għad-dħul fil-ħajja nisranija mfisser hawn hu għall-adulti li, wara li semgħu t-tħabbira tal-misteru ta' Kristu u l-Ispirtu s-antu fetħilhom qalbhom, minn rajhom u b'fehma sħiħa qegħdin ifittxu lil Alla l-ħaj u bdew mexjin fit-triq tal-fidi u tal-konverżjoni. B'dan l-Ordni huma jiksbu l-għajnuna fir-ruħ biex iħejju ruħhom ħa jaslu, meta jkun il-waqt biex jirċievu s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija b'mod li jkun ta' ġid għalihom.

2. L-Ordni għad-dħul fil-ħajja nisranija tal-adulti ma jikkonsistix biss fil-Magħmudija, il-Griżma u l-ewwel Tqarbina, imma fih ukoll iċ-ċerimonji kollha tal-Katekumenat.

Il-katekumenat li fl-ewwel żminijiet tal-Knisja kien ta' siwi tassew kbir, illum ġie adattat għall-ħtiġijiet missjunarji ta' kull imkien, u tant intalab minn kull imkien li l-Konċilju Vatikan II iddeċieda li jerġa' jitwaqqaf u adattat skond il-ħtiġijiet u t-tradizzjoni ta' kull post. (1)

3. Dan l-Ordni, biex ikun jaqbel mal-ħidma tal-Knisja u jkun adatt għall-ħtiġijiet tal-individwu u tal-parroċċi u tal-missjonijiet, għandu l-ewwelnett sura li tgħodd ħafna għal meta hemm għadd mhux ħażin qegħdin jitħejjew għall-Magħmudija, sura li r-ragħajja tal-erwieħ jistgħu malajr jadattawha għal meta jkun hemm wieħed biss qiegħed iħejji ruħu għall-Magħmudija. Imbagħad, għall-każijiet partikulari, hemm sura oħra aktar sempliċi, li tista' ssir f'ċelebrazzjoni waħda jew ukoll f' għadd ta' ċelebrazzjonijiet; fl-aħħarnett hemm sura oħra, qasira ħafna, għal dawk li jinsabu fil-periklu tal-mewt.

## L-ISTRUTTURA TAD-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA TA' L-ADULTI

4. Id-dħul tal-katekumeni filħajja nisranija jsir b'ċertu progress fi ħdan il-komunità tal-insara li, flimkien mal-katekumeni, jqisu s-siwi tal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu u jġeddu l-konverżjoni tagħhom u bl-eżempju tajjeb tagħhom iħajru lill-katekumeni biex b'ħeġġa akbar iħallu l-Ispirtu s-Santu jaħdem fihom.

5. Dan l-Ordni għandu jiġi adattat għall-progress spiritwali tal-adulti, progress li jvarja skond il-mod kif dawn l-adulti minn rajhom iwieġbu għall-grazzja, skond il-ħidma tal-Knisja u ċ-ċirkustanzi taż-żmien u tal-imkien.

6. F'dan il-mixi lejn il-ħajja nisranija, barra ż-żmien tal-istħarriġ u maturazzjoni (ara n. 7) hemm ukoll għadd ta' turġien jew passi 'l quddiem, li l-katekumenu jrid jagħmel qisu dieħel minn bieb jew tiela' tarġa.

a) l-ewwel pass jagħmlu, jew jitla' l-ewwel tarġa, meta jibda jibdel ħajtu u juri l-fehma li jrid isir nisrani, u l-Knisja għalhekk tilqgħu bħala katekumenu.

b) it-tieni pass li jagħmel, jew it-tieni targa li jitla', huwa meta jkun mexa ħafna 'l quddiem filfidi u wasal fit-tmiem il-katekumenat, u għalhekk jiġi aċċettat għal tħejjija qawwija biex jirċievi s-sagramenti.

ċ) it-tielet pass li jagħmel, jew it-tielet tarġa li jitla', huwa meta jtemm it-tħejjija spiritwali tiegħu u jirċievi s-sagramenti li bihom isir nisrani adult.

Tlieta huma l-passi, jew it-turġiet jew il-bibien, li għandhom jitqiesu bħala l-mumenti l-aktar importanti fid-dħul għall-ħajja nisranija. Kull pass hu msieħeb ma' ċelebrazzjonijiet liturġiċi: l-ewwel pass hu l-Ordni li bih wieħed isir katekumenu, it-tieni pass hu "l-għażla", u t-tielet pass hu ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija.

7. Dawn il-passi jwasslu għall-"mumenti" ta' stħarriġ jew ta' maturazzjoni, jew iħejju għalihom.

a) l-ewwel mument jitlob stħarriġ dwar il-fidi u l-Knisja minnaħa ta' dak li jixtieq jitgħam-

med; min-naħa tal-Knisja huwa ż-żmien li fih il-kandidat għall-Magħmudija jiġi katekizzat, żmien li jissejjaħ il-"prekatekumenat", u jintemm meta l-kandidat jiġi milqugħ fost il-katekumeni.

b) it-tieni, li jibda mad-dħul fil-katekumenat, u jista' jtul għall-għadd ta' snin, hu żmien ta' tagħlim tal-katekiżmu u ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi marbutin ma' dan it-tagħlim; jintemm meta l-katekumenu jintgħażel għall-Magħmudija.

ċ) it-tielet mument, tassew qasir, bħala regola jiġi fi żmien ir-Randan, li hu ż-żmien tat-tħejjija għall-festa ta' l-Għid u għas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija: hu żmien ta' 'safa' u ta' 'dawl'.

d) l-aħħar mument, li jdum tul iż-żmien kollu ta' l-Għid, hu ż-żmien tal-**mistagoġija,** jiġifieri ż-żmien li fih wieħed mill-esperjenza tiegħu stess jagħraf x'jiġifieri tkun nisrani u jikseb il-frott ta' dan, u jkabbar u jsaħħaħ ir-rabtiet tiegħu max-xirka tal-insara.

Erbgħa mela huma l-mumenti: il-"prekatekumenat", li jiġi qabel l-ewwel tħabbira tal-Evanġelju; il-"katekumenat", li fih issir istruzzjoni katekétika sħiħa; "żmien is-safa u d-dawl" li hu ż-żmien ta' l-aħħar ġranet qabel il-Magħmudija; u l-"mistagoġija", żmien li fih wieħed jirċievi s-sagramenti u jintrabat dejjem aktar max-xirka tal-insara.

8. Barra dan, jeħtieġ li ċ-ċelebrazzjoni kollha tad-dħul fil-ħajja nisranija turi dejjem il-ferħ ta' l-Għid, għaliex id-dħul fil-ħajja nisranija m'hux ħlief l-ewwel tisħib sagramentali fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, u għaliex żmien "is-safa u d-dawl" jaħbat fir-Randan (2) u żmien il-"mistagoġija" fi żmien il-Għid. B'hekk ir-Randan jikseb il-qawwa kollha tiegħu għat-tħejjija tal-magħżulin għall-Magħmudija, u l-vġili ta' l-Għid jitqies bħala l-waqt li fih għandu jsir id-dħul fil-ħajja nisranija (3), għalkemm, għal raġunijiet pastorali, mhux projbit li dan id-dħul isir barra dan iż-żmien.

### A. It-tħabbira tal-Evanġelju jew il-"prekatekumenat"

9. Għalkemm l-Ordni għad-dħul fil-ħajja nisranija jibda malli wieħed jidħol mal-katekumeni, iż-żmien li jiġi qabel, jew il-"prekatekumenat", għandu importanza kbira u ma għandux jitħalla barra. Tul il-"prekatekumenat" issir dik l-evanġelizzazzjoni, li biha, bil-fiduċja kollha u bla heda, jitħabbar Alla l-ħaj u Dak li Hu bagħat għas-salvazzjoni ta' kulħadd, Ġesù Kristu, biex l-Ispirtu s-Santu jiftaħ qalb dawk li m'humiex insara, ħa jemmnu u minn rajhom iduru lejn Alla, u, bis-sinċerità kollha jintrabtu miegħu, hu li, għax hu t-triq, il-verità u l-ħajja, itemm ix-xewqat kollha ta' ruħhom, anzi jiżboqhom bla qjies, għal kollox (4)

10 Permezz tat-tħabbira tal-Evanġelju, magħmula bl-għajnuna ta' Alla, tinbet fihom il-fidi u ssir dik l-ewwel konverżjoni, li biha jħossu ruħhom imsejħin biex jitbiegħdu mid-dnub u jintelqu f' idejn l-imħabba misterjuża ta' Alla. Din l-evanġelizzazzjoni tkompli sejra tul il-prekatekumenat kollu kemm hu, biex tissaħħaħ u tilħaq il-qofol tagħha r-rieda li jkollhom li jmorru wara Kristu u

jitolbu l-Magħmudija.

11. Tul dan iż-żmien, lill-kandidati għall-katekumenat l-Evanġelju għandu jiġi mfisser mill-katekisti, mid-djakni, mis-saċerdoti, u mil-lajċi wkoll, biex tingħatalhom għajnuna xierqa ħalli jwieġbu għas-sejħat tal-grazzja ta' Alla b' fehma safja u żgura; b'hekk il-laqgħa ta' dawn il-kandidati mal-familji u mal-gruppi tal-insara meta jasal il-waqt tkun eħfef.

12. Il-Konferenzi Episkopali, barra li jieħdu ħsieb it-tħabbira proprja tal-Evanġelju għal dan iż-żmien, għandhom, jekk ikun il-każ, u skond iċ-ċirkustanzi tal-post, jaraw kif se jilqgħu dawk li jsejħulhom "simpatizzanti", jiġifieri dawk li għalkemm, għad li ma jemmnux għal kollox, juru sura ta' ġibda għall-fidi nisranija.

i. il-laqgħa tagħhom, li ssir biss jekk wieħed irid jagħmilha, u għandha ssir bla ċerimonji, turi biss x'fehma għandhom, u mhux il-fidi tagħhom.

ii. il-laqgħa trid tiġi adattata għaċ-ċirkustanzi tal-post u skond il-ħtieġa: lil xi simpatizzanti jrid jintwera x'inhu l-ispirtu nisrani, ħa jagħrfuh u jippruvawh; għal dawk, li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux jingħaddu mal-katekumeni, ikun biżżejjed li ssir xi ħaġa minnhom jew mix-xirka tal-insara.

iii. il-laqgħa ssir waqt li l-komunità tal-post tkun miġbura flimkien, biex ikun hemm ħin għall-konversazzjoni u l-ħbiberiji. Ippreżentat minn xi ħabib, is-simpatizzant jiġi milqugħ mis-saċerdot u minn xi membru prominenti tal-komunità.

13. Tul iż-żmien tal-"prekatekumenat" hu dmir ir-ragħajja tal-erwieħ igħinu b'talb adatt lil dawn is-simpatizzanti.

## B. Il-katekumenat

14. Importanza kbira għandu r-rit li bih wieħed isir katekumenu, għaliex b'dan ir-rit il-kandidati għall-Magħmudija, għall-ewwel darba jidhru quddiem il-fidili, juru x'iridu lill-Knisja, u l-Knisja, hija u taqdi d-dmir appostoliku tagħha, tilqagħhom bħala dawk li jridu jsiru membri tagħha. Lilhom Alla jagħti l-grazzji x'jixtiequ, u jiġu milqugħin u jirċievu l-ewwel konsagrazzojni tagħhom mill-Knisja.

15. Il-kandidati għall-Magħmudija, biex jagħmlu dan l-ewwel pass, jeħtieġ li jkollhom ġà xi bidu tal-ħajja spiritwali u l-pedament tad-duttrina nisranija (5): jiġifieri l-ewwel ħjiel tal-fidi li jkun inkiseb fi żmien il-"prekatekumenat", li-konverżjoni tal-bidu u rieda ta' bidla fil-ħajja, u xewqa ta' rabta ma' Alla fi Kristu: minn hawn l-ewwel sinjali ta' penitenza, il-bidu ta' drawwa ta' talb lil Alla, u wkoll l-ewwel esperjenza tax-xirka nisranija u tal-ispirtu nisrani.

16. Bl-għajnuna tal-garanti (ara n. 42), tal-katekisti u tad-djakni, ir-ragħajja tal-erwieħ huma fid-dmir li jagħarblu minn dak li jidher minn barra, dawn id-dispożizzjonijiet (6). Hu dmir tagħhom ukoll li, jaraw li ħadd ma jerġa' jiġi mgħammed, tkun xi tkun ir-raġuni, jekk ikun diġà tgħammed validament (ara Tagħrif ġenerali, n. 4).

17. Wara ċ-ċelebrazzjoni tar-rit, minnufih jitniżżlu, fi ktieb

apposta, l-ismijiet tal-katekumeni, flimkien ma' l-isem tal-ministru u tal-garanti, u l-jum u fejn daħlu mal-katekumeni.

18. Minn dak il-waqt il-Knisja tħaddan magħha b'imħabba u tieħu ħsieb il-katekumeni, għax marbutin magħha, u huma nies taddar ta' Kristu (7); tmantnihom bil-Kelma ta' Alla u ssaħħaħhom bl-għajnuna tal-Liturġija. Min-naħa tagħhom huma għandhom ifittxu b'qalbhom kollha l-barkiet u s-sagramentali tal-Knisja. Jekk żewġ katekumeni jiżżewġu ma' xulxin, jew katekumenu jiżżewweġ ma' wieħed mhux mgħammed, jew waħda mhux mgħammda, skond il-każ, jintuża rit apposta (8). Jekk katekumenu jmut, waqt li għadu katekumenu, ikollu funeral nisrani.

19. Il-katekumenat hu żmien fit-tul, u ma' tulu l-katekumeni jirċievu istruzzjoni pastorali u jitħarrġu permezz ta' dixxiplina xierqa (9), biex id-dispożizzjonijiet li wrew meta daħlu fil-katekumenat, jaslu għall-aħjar tagħhom. Dan isir b'erba' modi:

i katekeżi adatta mogħtija mis-saċerdoti, mid-djakni, jew mill-katekisti jew lajċi oħra; tingħata ftit ftit imma tingħata kollha kemm hi, skond iż-żmien liturġiku li jkun; u tissaħħaħ b'ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla ħa jaslu, mhux biss li jkunu jafu b'mod xieraq il-veritajiet tal-fidi u l-kmandamenti, imma wkoll li jkunu jafu mill-qiegħ il-misteru tas-salvazzjoni, li għax huma katekumeni, jixtiequ li jseħħ fihom.

ii Huma jitħarrġu b'mod familjari ħa jgħixu ħajja nisranija, megħjunin mill-eżempju u l-għajnuna tal-garanti u tal-komunità kollha tal-insara, jidraw jitolbu 'l Alla, jagħtu xhieda ta' twemminhom, f'kull ħaġa juru li qegħdin jistennew lil Kristu, jimxu skond ma jkunu mnebbħin mis-sema f' kull ma jagħmlu, u f'kollox juru mħabba għal għajrhom ukoll bis-sagrifiċċju tagħhom infushom. Imħarrġin b'dan il-mod "il-konvertiti ġodda jibdew mexjin fit-triq tarruħ: minnha huma, li ġà qed jissieħbu bil-fidi tagħhom fil-misteru tal-mewt u l-qawmien, igħaddu biex mill-bniedem il-qadim jinbidlu fil-bniedem il-ġdid, li jilħaq il-perfezzjoni tiegħu fi Kristu. Dan il-mixi 'l quddiem, li jġib miegħu bil-mod il-mod bidla fil-fehmiet u fl-imġiba, irid jidher dejjem aktar fil-konsegwenzi soċjali tiegħu, u, tul il-katekumenat, irid dejjem jidher miexi aktar 'il quddiem. Il-Mulej, li fih nemmnu, hu sinjal li jmeruh, għalhekk il-bniedem li jikkonverti, kemm-il darba, iġarrab firdiet u ksur ta' relazzjonijiet, imma jġarrab ukoll ferħ li Alla jagħti bla qjies" (10).

iii. Fil-mixi tagħhom il-katekumeni jkollhom l-għajnuna ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa permezz ta' riti liturġiċi adatti, li bihom bil-mod jissaffew minn dnubiethom u jissaħħu bil-barka ta' Alla. Jiswa ħafna li jsiru għalihom ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla; anzi l-katekumeni jistgħu jissieħbu fil-Liturġija tal-Kelma flimkien mal-fidili, biex hekk jitħejjew aħjar għat-tisħib fl-Ewkaristija fil-ġejjieni. Iżda, skond id-drawwa, meta jkunu jieħdu sehem mal-ġemgħa tal-fidili, bil-ħlewwa kollha għandhom jintbagħtu 'l barra qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija

ewkaristika, jekk dan ma joħloqx diffikultajiet kbar: iridu jistennew il-Magħmudija li biha jibdew jingħaddu mal-poplu saċerdotali, sabiex ikunu jistgħu jissieħbu fil-qima ġdida ta' Kristu.

iv. Il-ħajja tal-Knisja hija ħajja ta' apostolat, għalhekk il-katekumeni jridu jitgħallmu jagħtu s-sehem tagħhom, bil-ħeġġa kollha, għax-xandir tal-Evanġelju u għall-bini tal-Knisja bix-xhieda ta' ħajjithom u l-istqarrija tal-fidi tagħhom (11).

29. It-tul taż-żmien xieraq għall-katekumenat jiddependi kemm mill-grazzja ta' Alla u kemm miċ-ċirkustanzi, jiġifieri minn kemm il-katekumeni jkunu tgħallmu, mill-għadd tal-katekisti, djakni u saċerdoti, mill-kooperazzjoni ta' kull wieħed mill-katekumeni, minn kull ma hu meħtieġ biex wieħed imur igħammar fil-post tal-katekumenat, u mill-għajnuna li tingħata mill-komunità tal-post. Għalhekk xejn ma jista' jkun iffissat minn qabel. Hu l-isqof li jrid jiffissa t-tul tal-katekumenat, u jgħid kif għandu jimxi 'l quddiem. Il-Konfeernzi Episkopali wkoll, waqt li jqisu l-kundizzjonijiet tal-ġnus u l-postijiet li jkunu, jistgħu jagħtu direttivi aktar fit-tul (12).

### Ċ. Żmien is-safa u d-dawl

21. Iż-żmien li fih il-katekumeni "jissaffew" u "jiddawlu" bħala regola għandu jkun żmien ir-Randna, għaliex ir-Randan, kemm fil-liturġija u kemm fil-katekeżi liturġika, bit-tifkira tal-Magħmudija jew bit-tħejjija għaliha, u bil-penitenza (13) iġedded ix-xirka tal-insara flimkien mal-katekumeni, u jħejjihom għat-tifkira tal-misteru ta' l-Għid, li jseħħ f'kull wieħed bis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. (14)

22. It-tieni pass għad-dħul fil-ħajja nisranija jagħti bidu għaż-żmien ta' "safa" u ta' "dawl", żmien ta' ħeġġa aqwa u ta' tħejjija bil-qalb. F'dan iż-żmien issir "l-għażla" mill-Knisja, jiġifieri dawk il-katekumeni li minħabba d-dispożizzjonijiet tajba tagħhom, jingħażlu biex jieħdu sehem fl-ewwel ċelebrazzjoni li tkun ser issir tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. Tissejjaħ "għażla", għaliex hu Alla li qiegħed jagħżilhom permezz tal-Knisja. Tissejjaħ ukoll "il-kitba ta' l-isem", għaliex il-katekumeni, magħżulin bħala kandidati għas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, b'rahan tal-fedeltà tagħhom, iniżżlu isimhom fil-ktieb tal-magħżulin.

23. Qabel ma ssir iċ-ċelebrazzjoni ta' "l-għażla", il-katekumeni jeħtieġ li jkunu waslu għal bidla sħiħa fil-fehmiet u l-imġiba, jafu biżżejjed id-duttrina nisranija, u jkollhom sentimenti ta' fidi u mħabba; meħtieġa wkoll deċiżjoni dwar humiex tajbin biżżejjed ħa jirċievu s-sagramenti. Imbagħad waqt iċ-ċelebrazzjoni tar-rit tal-"għażla", quddiem il-komunità kollha huma jagħtu xhieda tar-rieda tagħhom u l-isqof jew id-deputat tiegħu jistqarr li jistħoqqilhom jirċievu s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. Minn dan jidher li l-Knisja trid li l-"għażla" ssir bis-solennità kollha, għax hi tassew il-qofol ta' kollu kemm hu l-katekumenat.

24. Minn dak in-nhar ta' l-"għażla", il-katekumeni jibdew

jissejħu "magħżulin". Jissejħu wkoll "kompetenti" għaliex flimkien qed "jikkompetu", jiġifieri jħabirku biex jiksbu s-sagramenti ta' Kristu u d-don tal-Ispirtu s-Santu. Jissejħu wkoll "dawk li se jiddawlu", għaliex il-Magħmudija hija fiha nfisha "dawl" għax bil-Magħmudija l-imgħammdin ġodda jimtlew bid-dawl tal-fidi. Fi żminijietna nistgħu nużaw kliem ieħor biex, skond id-drawwiet u l-kultura ta' kull post, il-ħila tannies biex jifhmu u s-sura tal-ilsna, infissru aħjar dak li jagħmlu s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija.

25. F'dan iż-żmien, it-tħejjija magħmula b'ħerqa akbar, għandha sservi għall-ġabra tar-ruħ, għat-tagħlim tal-katekiżmu, u trid twassal biex, permezz tal-eżami tal-kuxjenza u tal-penitenza, issaffi l-qlub u l-ħsibijiet, u ddawwal ir-ruħ b'għarfien aqwa ta' Kristu l-Feddej. Dan isir permezz ta' għadd ta' ċelebrazzjonijiet li jissejħu "skrutinji" u "għotjiet".

i. L-"iskrutinji", li għandhom jiġi ċelebrati bis-solennità kollha f'jum il-Ħadd, għandhom żewġ għanijiet: juru x'hemm dgħajjef, nieqes u ħażin fi qlub il-magħżulin, biex jiġu mfejqa minnu; u x'hemm tajjeb, sod u qaddis, biex jissaħħaħ dejjem aktar. L-iskrutinji jsiru biex il-magħżulin jinħelsu mid-dnub u mix-xitan u jissaħħu fi Kristu, li hu t-triq, il-verità u l-ħajja tagħhom.

ii. L-"għotjiet", ġejjin mill-ewwel żminijiet tal-Knisja; bihom il-Knisja tagħti lill-magħżulin l-istqarrija tal-fidi u t-talba li l-Mulej għallimna — jiġifieri l-**Kredu** u l-**Missierna** — u, bħala għan, għandhom li jdawlu l-magħżulin. Il-**Kredu,** li jfakkar l-egħġubijiet ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin, jimliehom bil-fidi u l-hena. Bil-**Missierna** jagħarfu aħjar id-dinjità ġdida ta' wlied li se jkollhom, dinjità li tagħtihom li jsejħu 'l Alla Missier, l-aktar waqt il-ġemgħa ewkaristika.

26. Bħala tħejjija fil-qrib għas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija:

i. il-magħżulin jiġu mwissija li Sibt il-Għid, kemm jista' jkun, ma jagħmlux ix-xogħol tagħhom tassoltu, ħa jgħaddu l-jum fit-talb u l-ġabra tar-ruħ u jsumu kemm jistgħu (15).

ii. Fl-istess jum, jekk se ssir laqgħa għall-magħżulin, jistgħu jiġu ċelebrati xi riti ta' tħejjija fil-qrib, v.g. "l-għoti lura" tal-Kredu, l-"Effeta", l-għażla ta' l-isem li l-katekumenu jrid ikollu bħala nisrani, u, jekk ikun il-każ, id-dlik biż-żejt tal-katekumeni.

### D. Is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija

27. Dawn is-sagramenti, jiġifieri l-Magħmudija, il-Griżma u l-Ewkaristija, huma l-aħħar pass li bih il-magħżulin, bi dnubiethom maħfura, jingħaddu mal-poplu ta' Alla, jiksbu l-adozzjoni ta' wlied Alla, jitwasslu mill-Ispirtu s-Santu għall-milja mwiegħda taż-żminijiet, anzi jaslu biex iduqu s-saltna ta' Alla permezz tas-sagrifiċċju u l-ikla ewkaristika.

#### a) Iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija ta' l-adulti

28. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, li tilħaq il-qofol tagħha bit-tiswib ta' l-ilma u s-sejħa tat-

Trinità qaddisa, titħejja bit-tberik ta' l-ilma u l-istqarrija tal-fidi, li hi marbuta sħiħ mar-rit tat-tiswib ta' l-ilma.

29. It-tberik ta' l-ilma jfakkar il-misteru ta' l-Għid u l-għażla ta' l-ilma biex dan il-misteru jseħħ sagramentalment, u f'waqtu tissejjaħ għall-ewwel darba t-Trinità qaddisa; dan it-tberik jagħti tifsir reliġjuż lill-ilma, ħolqien ta' Alla, u jxandar lil kulħadd li beda jseħħ il-misteru ta' Alla.

30. Bir-riti taċ-ċaħda u tal-istqarrija tal-fidi, dawk li se jitgħammdu jistqarru l-fidi ħajja tagħhom fil-misteru ta' l-Għid, imfakkar fit-tberik ta' l-ilma, u mħabbar fil-qasir miċ-ċelebrant bil-kliem tal-Magħmudija. Il-kbar ma jiksbux is-salvazzjoni, jekk ma jersqux minn rajhom, u jkunu jridu jiksbu d-don ta' Alla bil-fidi tagħhom. Il-fidi, li tagħha jirċievu s-sagrament, ma hijiex biss il-fidi tal-Knisja, imma hija wkoll il-fidi tagħhom, u wieħed jistenna li din il-fidi tkun tassew ħajja fihom. Huma u jitgħammdu, ma jirċevux is-sagrament passivament biss, imma, b'rieda sħiħa, jagħmlu patt ma' Kristu, jiċħdu l-iżbalji tagħhom u jingħaqdu ma' Alla.

31. Minnufih imbagħad, wara li jkunu stqarrew il-fidi tagħhom fil-misteru ta' l-Għid ta' Kristu, huma jirċievu dan l-istess misteru mfisser bit-tiswib ta' l-ilma, u wara li jkunu stqarrew il-fidi tagħhom fit-Trinità qaddisa, it-Trinità stess, imsejħa miċ-ċelebrant, taħdem fihom, tgħoddhom fost l-ulied adottivi ta' Alla u ssieħibhom mal-poplu ta' Alla.

32. Barra dan, il-ħasil ta' l-ilma, b'mod mistiku, jfisser tisħib fil-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu; bih dawk li jemmnu f'ismu imutu għad-dnub u jqumu għall-ħajja ta' dejjem; għalhekk jikseb il-qofol tat-tifsir tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija. Minħabba f'dan, għandu jintgħażel dak ir-rit — b'immersjoni fl-ilma u bit-tiswib ta' l-ilma — li jkun l-aktar adatt, biex, skond id-drawwiet u ċ-ċirkustanzi li jkunu, wieħed jifhem li l-ħasil ta' l-ilma m'huwiex biss għas-safa, imma hu sagrament ta' għaqda ma' Kristu.

33. Id-dlik biż-żejt tal-Griżma wara l-Magħmudija jfisser is-saċerdozju regali tal-imgħammdin u x-xirka tagħhom mal-poplu ta' Alla. Il-libsa bajda tfisser id-dinjità ġdida tagħhom. Ix-xama' mixgħula turi s-sejħa tagħhom biex jimxu skond ma jixraq l-ulied id-dawl.

b) Il-Griżma ta' l-adulti

34. Skond drawwa li mill-qedem tinsab fil-Liturġija ta' Ruma, wieħed kbir li ma għandux jitgħammed jekk mhux se jirċievi minnufih il-Griżma, sakemm ma hemmx xi raġunijiet tassew serji (ara n. 44). Din ir-rabta bejn il-Magħmudija u l-Griżma turi li wieħed hu l-misteru ta' l-Għid, u li hemm rabta bejn il-missjoni ta' l-Iben u l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, u għaqda bejn iż-żewġ sagramenti, li bihom iż-żewġ Persuni tat-Trinità qaddisa, flimkien mal-Missier, jiġu fl-imgħammdin.

35. Għalhekk wara r-riti ta' l-aħħar tal-Magħmudija, titħalla barra d-dlik biż-żejt tal-Griżma u tingħata l-Griżma.

ċ) L-ewwel tisħib fl-Ewkaristija tal-imgħammdin ġodda

36. Imbagħad titqaddes il-Quddiesa, li fiha għall-ewwel darba n-neofiti jieħdu sehem bid-dritt kollu, u hekk itemmu d-dħul tagħhom fil-ħajja nisranija. In-neofiti, jew imgħammdin ġodda, imżejnin bid-dinjità ta' saċerdozju regali, fil-Quddiesa għandhom sehem attiv l-aktar fit-Talba tal-fidili, u, kemm jista' jkun, fil-preżentazzjoni tal-offerti fuq l-altar; mal-komunità kollha jissieħbu fl-offerta tas-sagrifiċċju u fit-Talba li l-Mulej għallimna, u b'hekk juru bid-dieher l-ispirtu ta' wlied adottivi li kisbu bil-Magħmudija. Fl-aħħarnett, meta jitqarbnu bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej iwettqu d-doni li rċevew u jduqu l-ħwejjeġ tas-sema.

## E. Żmien il-"mistagoġija"

37. Wara dan l-aħħar pass, il-komunità kollha, flimkien man-neofiti, bil-meditazzjoni tal-Evanġelju, bit-tisħib fl-Ewkaristija u bl-egħmejjel ta' mħabba, timxi 'l quddiem fl-għarfien dejjem aktar tal-misteru ta' l-Għid, u kull wieħed dejjem aktar igħixu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Dan hu l-aħħar mument tad-dħul fil-ħajja nisranija, iż-żmien tal-"mistagoġija" tan-neofiti.

38. Tagħrif aktar sħiħ u aktar ta' siwi tal-"misteri" jinkiseb bil-ġrajja, f'sura ġdida, tal-misteru ta' l-Għid u aktar u aktar, bl-esperjenza tas-sagramenti li wieħed ikun irċieva. In-neofiti jkunu ġġeddu fil-fehma tagħhom, iġġustaw aktar il-kelma t-tajba ta' Alla, irċevew l-Ispirtu s-Santu u ppruvaw u raw kemm hu tajjeb il-Mulej. B'din l-esperjenza, li jġarrabha biss min hu nisrani, in-neofiti, bis-saħħa tal-ħajja li jgħixu, jiksbu fehma ġdida tal-fidi, tal-Knisja u tad-dinja.

39. It-tisħib ġdid fis-sagramenti, mhux biss idawwalhom biex jifhmu aħjar l-Iskrittura, imma jkabbar fihom ukoll l-għerf tal-bniedem li jgħinhom ukoll biex jagħarfu jgħixu fil-komunità: b' hekk ir-relazzjonijiet tan-neofiti mal-bqija tal-fidili jsiru aktar ħfief u aktar ta' siwi. Żmien il-mistagoġija għalhekk hu mportanti ħafna biex in-neofiti, mgħejjunin mill-parrinijiet tagħhom, isaħħu r-relazzjonijiet tagħhom mal-bqija tal-insara u jiksbu dehra ġdida ta' kollox u ħeġġa ġdida.

40. Is-sura u l-qawwa ta' dan iż-żmien tiġi mill-esperjenza ġdida u personali tas-sagramenti u tal-komunità li jkollhom in-neofiti: għalhekk għandhom importanza kbira f'dan iż-żmien ta' mistagoġija l-hekk imsejħa "Quddies tan-neofiti", jiġifieri l-Quddies tal-Ħdud ta' l-Għid, għaliex f'dan il-Quddies, in-neofiti jiltaqgħu mhux biss mal-komunità ekkleżjali kollha u jissieħbu fil-misteri qaddisa, imma wkoll, u l-aktar fis-sena A tal-Lezzjonarju, jisimgħu qari tassew adatt għalihom. Għal dan il-Quddies għandhom jiġu mistiedna, flimkien mal-komunità tal-post, in-neofiti u l-parrini tagħhom, u l-qari ta' dan il-Quddies jista' jintuża wkoll meta d-dħul fil-ħajja nisranija ma jsirx fi żmienu.

## II. MINISTERI U UFFIĊĊJI

41. Barra dak li nsibu fit-Tagħrif ġenerali tal-Ktieb; **Il-bidu**

tal-Ħajja nisranija (n. 7), il-poplu ta' Alla, li jinsab fil-Knisja tal-post, dejjem fehem u qies li d-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija hu ħaġa tiegħu u tal-imgħammdin kollha (16). Għalhekk il-poplu ta' Alla għandu jkun dejjem imħejji biex huwa u jaqdi s-sejħa appostolika tiegħu, jagħti għajnuna lil dawk li qegħdin ifittxu l' Kristu. Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja ta' kuljum u fil-ħidma tal-appostolat, kull dixxiplu ta' Kristu huwa fid-dmir ixandar il-fidi (17). Għalhekk għandu jgħin il-katekumeni tul iż-żmien kollu tat-tħejjija tagħhom, fil-prekatekumenat, fil-katekumenat, u fi żmien il-mistagoġija. Dan ifisser li:

i. fi żmien ix-xandir tal-Evanġelju u l-prekatekumenat, l-insara għandhom jiftakru li l-appostolat tal-Knisja, u tal-membri kollha tagħha, għandu l-ewwelnett iwassal biex, bil-kliem u bl-egħmil, juru x'inhi l-Bxara t-Tajba ta' Kristu u jwassal lill-oħrajn il-grazzja tiegħu (18). L-insara għalhekk għandhom ifittxu li bil-ħeffa kollha juru x'inhu l-ispirtu tal-komunità nisranija, jilqgħu fil-familji tagħhom il-kandidati għas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, jitħaddtu magħhom, u jilqgħuhom ukoll fil-ħruppi tagħhom.

ii. L-insara għandhom jieħdu sehem kemm jistgħu fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-katekumenat u jwieġbu bir-responsorji, bit-talb, bil-kant u l-akklamazzjonijiet.

iii. Nhar l-"għażla", għaliex din tfisser tkattir fil-għadd tal-komunità, għandhom ifittxu li jagħtu xhieda f'waqtha għall-katekumenu, skond is-sewwa u bil-għaqal kollu.

iv. Żmien ir-Randan, jiġifieri żmien "is-safa u d-dawl", ma għandhom ifallu qatt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-"iskrutinji" u tal-"għotjiet"; għandhom jagħtu lill-katekumeni eżempju tajjeb tat-tiġdid tagħhom fl-ispirtu tal-penitenza, tal-fidi u ta' l-imħabba. Fil-Vġili ta' l-Għid minn qalbhom għandhom iġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija.

v. Fi żmien il-mistagoġija għandhom ifittxu li jissieħbu fil-Quddies tan-neofiti, jaruhom imħabba u jagħtuhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu biex iħossu ruħhom aktar fil-hena fost l-imgħammdin.

42. Min jitlob biex jingħadd mal-katekumeni għandu jkollu garanti, jiġifieri raġel jew mara li jafu, jgħinu, u jkun xhud tal-imġiba tajba, tal-fidi u tar-rieda tiegħu. Jista' jiġri li dan il-garanti ma jkunx jista' jagħmilha ta' parrinu fi żmien "is-safa" u "d-dawl" u fi żmien il-mistagoġija: f'dan il-każ ikun hemm ħaddieħor biex jagħmilha ta' parrinu.

43. Il-parrinu (19), magħżul mill-katekumenu minħabba l-eżempju tajjeb u l-kwalitajiet tajba tiegħu u għax ħabib, bħala delegat tal-komunità nisranija tal-post, u approvat mis-saċerdot, jissieħeb mal-kandidat f'jum il-għażla, nhar iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, u fi żmien il-mistagoġija. Dmiru hu li juri lill-katekumenu b'mod familjari kif igħix l-Evanġelju fil-ħajja ta' kuljum u fir-relazzjonijiet tiegħu mas-soċjetà, igħinu fid-diffikultajiet u l-qtigħ il-qalb tiegħu, jagħti xhieda għalih u jara li jkun miexi 'l quddiem fil-ħajja tiegħu ta' mgħammed. Ma-

għżul qabel l-"għażla", il-parrinu jibda jaqdi dmiru minn dan in-nhar ta' "l-għażla", meta jagħti x-xhieda tiegħu fuq il-katekumenu quddiem il-ġemgħa; il-ħidma tal-parrinu tibqa' importanti ukoll meta n-neofitu, wara li jkun irċieva s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, ikun meħtieġ l-għajnuna biex iżomm sħiħ fil-wegħdiet tal-Magħmudija.

44. L-Isqof hu fid-dmir (20) li hu stess, jew permezz tad-delegat tiegħu, jwaqqaf l-istitut pastorali tal-katekumenat, u jmexxih 'il quddiem, jagħmel "l-għażla" minn fost il-katekumeni u jiċċelebra s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. Hi ħaġa ta' min jixtieqha li, kemm jista' jkun, l-isqof jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tar-Randan li fiha ssir "il-għażla", u ċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid li fiha jiġu ċelebrati s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija. L-isqof imbagħad, fil-ħidma tiegħu bħala ragħaj, iħalli f'idejn il-katekisti li jkunu tassew jistħoqqilhom u jkunu mħejjija kif jixraq, iċ-ċelebrazzjoni tal-eżorċiżmi minuri (21).

45. Huwa dmir is-saċerdoti li, barra l-ministeru li jwettqu (22) f'kull ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, tal-Griżma u ta' l-Ewkaristija bħala ragħajja, jieħdu ħsieb personalment il-katekumeni (23), u l-aktar ta' dawk li jarawhom għadhom mhux żguri għal kollox u ftit imħawdin, biex, bil-għajnuna tad-djakni u tal-katekisti, igħallmuhom il-katekiżmu, japprovawhom il-parrini li jagħżlu u jisimgħuhom bil-qalb u jgħinuhom; fl-aħħarnett għandhom ifittxu li jużaw kull attenzjoni biex jiċċelebraw sewwa u kif jixraq ir-riti kollha li jsiru fl-Ordni kollu tad-dħul ta' l-kbar fil-ħajja nisranija (ara n. 67).

46. Is-saċerdot li jgħammed wieħed kbir, jew tifel li laħaq iż-żmien li jibda jitgħallem il-katekiżmu, jekk ma hemmx l-isqof, għandu jiċċelebra wkoll il-Griżma, sakemm dan is-Sagrament mhux se jiġi ċelebrat aktar tard (n. 56) (24).

Meta l-għadd ta' dawk li se jirċievu l-Griżma hu kbir, il-ministru tal-Griżma jista' jsieħeb miegħu xi saċerdoti biex jagħmlu l-Griżma miegħu.

Hu meħtieġ li dawn is-saċerdoti

i. jew ikollhom dmir jew uffiċċju speċjali fid-djoċesi, jiġifieri jridu jkunu jew il-Vigarju ġenerali, jew il-Vigarju jew id-Delegati episkopali, jew il-Vigarji distrettwali jew reġjonali, jew dawk li b'mandat tal-Ordinarju, huma daqs dawn minħabba l-uffiċċju li għandhom;

ii. jew li huma l-kappillani tal-post fejn issir il-Griżma, jew tal-post li minnu ġejjin dawk li se jirċievu l-Griżma, jew saċerdoti li kellhom ħidma speċjali fit-tħejjija katekika ta' dawk li se jirċievu l-Griżma (25).

47. Jekk ikun hemm djakni dawn iridu jagħtu l-għajnuna tagħhom. Jekk il-Konferenza Episkopali ddeċidiet li jkun hemm djakni permanenti, għandha tara li jkun hemm biżżejjed minnhom b'mod li l-passi, iż-żminijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-katekumenat isiru f'kull imkien skond ma jitolbu l-ħtiġijiet pastorali (26).

48. Il-katekisti, li għandhom uffiċċju importanti ħafna biex

imexxu 'l quddiem il-katekumeni u jżidu l-għadd tal-komunità, għandu jkollhom parti attiva, kemm jista' jkun, fiċ-ċelebrazzjonijiet. Huma u jgħallmu għandhom ifittxu li t-tagħlim tagħhom ikun mimli bl-ispirtu tal-Evanġelju, jaqbel mas-simboli tal-Liturġija u taż-żmien li jkun tas-sena, adatt għall-katekumeni, u mżejjen, kemm jista' jkun, mid-drawwiet tal-post. Jistgħu wkoll jiġu mqabbdin mill-Isqof biex jiċċelebraw l-eżorċiżmi minuri (ara n. 44) u l-barkiet li jingħataw waqt iċ-ċelebrazzjoni. (27)

## III IŻ-ŻMIEN U L-POST TAĊ-ĊELEBRAZZJONI

49. Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom jagħmlu użu mill-Ordni għad-dħul fil-ħajja nisranija b'mod li s-sagramenti jiġu ċelebrati fil-Vġili ta' l-Għid u "l-għażla" ssir fl-ewwel Ħadd tar-Randan. Ir-riti l-oħra jitqassmu bejn dawn iż-żewġ ġranet skond id-dispożizzjonijiet imfissra fin-nru. 6-8, 14-40. Iżda dan l-Ordni, minħabba raġunijiet pastorali serji, jista' jitqassam mod ieħor kif hu mfisser fin-nri. 58-62

### A. Iż-żmien proprju

50. Dwar iż-żmien li fih isir ir-rit għall-bidu tal-katekumenat, jingħad dan:

i. ma għandux ikun kmieni żżejjed; wieħed għandu jistenna sakemm għall-kandidati, skond id-dispożizzjonijiet u l-qagħda tagħhom, ikun għadda żmien biżżejjed biex jilksbu l-bidu tal-fidi u taw l-ewwel sinjali ta' bidla f'ħajjithom (ara n. 20).

ii. fejn l-għadd tal-kandidati s-soltu jkun kbir, wieħed għandu jistenna li jkun hemm għadd biżżejjed għall-katekeżi u għaċ-ċelebrazzjoni tar-riti liturġiċi.

iii. jiġu ffissati jumejn, jew, jekk ikun meħtieġ, tliet ijiem jew żewġ żminijiet jew tlieta, li fihom regolarment isir id-dħul fil-katekumenat.

51. Ir-rit ta' "l-għażla" jew ta' "l-kitba tal-isem", bħala regola jew fl-ewwel Ħadd tar-Randan. Jista' jsir ukoll ftit qabel jew matul l-ewwel ġimgħa tar-Randan, jekk dan ikun aħjar.

52. "L-iskrutinji" għandhom isiru fit-II, ir-IV u l-V Ħadd tar-Randan, jew, jekk ikun meħtieġ, fi Ħdud oħra tar-Randan, jew ukoll matul il-ġimgħa, fi ġranet l-aktar adatti. Għandu jkun hemm tliet skutinji, iżda, jekk ikun hemm diffikultajiet kbar, l-Isqof jista' jiddispensa minn wieħed minn dawn l-iskrutinji u, fil-każ ta' diffikultajiet kbar ħafna, minn tnejn ukoll. Jekk ma jkunx hemm żmien u "l-għażla" jkollha ssir qabel, isir qabel ukoll l-ewwel skrutinju, iżda ż-żmien ta' "s-safa u d-dawl" ma għandu qatt jitwal aktar minn tmien ġimgħat.

53. Fl-imgħoddi "l-għotjiet" kienu jsiru wara l-iskrutinji, u kienu jagħmlu parti miż-żmien ta' "s-safa u d-dawl": għalhekk għandhom isiru matul il-ġimgħa, u l-**Kredu** għandu "jingħata" fil-ġimgħa ta' wara l-ewwel skrutinju, u l-**Missierna** wara t-tielet skrutinju. Iżda, għal raġunijiet pastorali, biex tistagħna l-liturġija ta' żmien il-katekumenat, dawn "l-għotjiet" jistgħu jsiru fi żmien il-katekume-

nat, bħala riti ta' "mixi 'l quddiem"

54. Sibt il-Għid, għax il-magħżulin ma jkunux marbutin bixxogħol tagħhom ta' kuljum (ara n. 26) u jkunu mehdijin fil-meditazzjoni, jistgħu jsiru ħafna riti ta' tħejjija: "l-għoti" lura tal-Kredu, l-"Effeta", l-għażla ta' l-isem, u wkoll id-dlik biż-żejt tal-katekumeni.

55. Is-sagramenti tad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija jiġu ċelebrati fil-Vġili ta' l-Għid (ara 8 u 49) Jekk l-għadd tal-katekumeni jkun kbir ħafna, il-kotra l-kbira tagħhom għandhom jirċievu s-sagramenti fil-lejl qaddis ta' l-Għid, u l-oħrajn jitħallew għall-ġranet ta' l-Ottava u jirċievu bis-sagramenti jew fil-knejjes ewlenin jew ukoll fiċ-ċentri sekondarji. Fil-każ titqaddes il-Quddiesa tal-jum jew il-Quddiesa ritwali għad-dħul fil-ħajja nisranija, iżda l-qari jkun dak tal-Vġili ta' l-Għid.

56. F'kull każ iċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma tista' titħalla għall-egħluq iż-żmien ta' l-Għid, jiġifieri għal nhar Għid il-Ħamsin.

57. Kull Ħadd, wara l-ewwel Ħadd ta' l-Għid, ikun hemm il-"Quddiesa tan-neofiti" li għaliha l-komunità kollha u l-imgħammdin ġodda mal-parrini tagħhom għandhom jiġu mistiedna bil-ħeġġa kollha (ara n. 40).

### B. Barra ż-żmien proprju

58. Għalkemm l-Ordni tad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija huwa mqassam b'mod li s-sagramenti jingħataw fil-Vġili ta' l-Għid, minħabba ċirkostanzi speċjali jew għal raġunijiet pastorali, ir-rit ta' "l-għażla" u ż-żmien ta' "s-safa u d-dawl" jistgħu jsiru barra żmien ir-Randan, u s-sagramenti jingħataw f'ġurnata li ma tkunx il-Vġili ta' l-Għid jew Ħadd il-Għid. F'każi ordinarji dan jista' jsir biss għall-ħtiġijiet gravi v.g. meta hemm għadd kbir ħafna għas-sagramenti, wara li jkun intemm iż-żmien ta' tħejjija regolarment fi żmien ir-Randan, jista' jintgħażel żmien ieħor, kemm jista' jkun, żmien il-Għid, għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. F'dawn il-każijiet, għalkemm ir-riti ma jkunux qed isiru fiż-żmien tagħhom fis-sena liturġika, l-istruttura tal-Ordni, bl-intervalli mitluba minnu, għandha tibqa' dik li hi u l-adattamenti li jridu jsiru, għandhom isiru kif hu mfisser hawn.

59. Is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija għandhom isiru kemm jista' jkun f'jum il-Ħadd u titqaddes, skond il-każ, il-Quddiesa tal-Ħadd li jkun jew dik ritwali (ara n. 55).

60. Ir-rit għad-dħul fil-katekumenat, għandu jkollu ż-żmien adatt għalih kif jingħad fin-nru. 50.

61. "L-għażla" issir xi sitt ġimgħat qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament u tad-dħul fil-ħajja nisranija. Wieħed għandu joqgħod attent li ċ-ċelebrazzjoni ta' "l-għażla" ma ssirx f'solennità tas-sena liturġika. Għaċ-ċelebrazzjoni jintgħażel il-qari indikat fir-Ritwal (fit-II edizzjoni tal-Lezzjonarju). Il-Quddiesa tkun tal-ġurnata jew dik ritwali.

62. L-iskrutinji ma għandhomx isiru fis-solennitajiet, imma nhar ta' Ħadd jew matul il-ġimgħa, bl-intervalli indikati fir-rit, u bil-

qari indikat fir-Ritwal jew fit-II Edizzjoni tal-Lezzjonarju. Il-Quddiesa tkun tal-ġurnata jew dik ritwali.

### Ċ. Il-post

63. Iċ-ċelebrazzjoni għandha ssir f'post xieraq. Wieħed irid iqis ukoll il-ħtiġijitt speċjali li jkollhom iċ-ċentri sekondarji tal-pajjiżi tal-missjoni.

## IV. L-ADATTAMENTI LI JISTGĦU JSIRU MILL-KONFERENZI EPISKOPALI

64. Barra l-adattamenti msemmija fit-Tagħrif ġenerali (n. 30-33), l-Ordni għad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija jammetti adattamenti oħra li jistgħu jiġu determinati mill-Konferenzi Episkopali.

65. Dawn jistgħu jekk iridu.

i. jistitwixxu ċelebrazzjoni qabel il-katekumenat, li biha jilqgħu 'l dawk li huma mħajrin isiru nsara, is-"simpatizzanti" (ara n. 12)

ii. f'pajjiżi fejn il-paganeżmu hu mxerred ħafna, jistgħu jdaħħlu fir-rit għad-dħul fil-katekumenat, l-ewwel eżorċiżmu u l-ewwel ċaħda.

iii. jiddeċiedu li s-sinjal tas-salib flok isir fuq il-ġbin, isir quddiem il-wiċċ, fejn in-nies iqisu mhux ħaġa xierqa tmiss il-wiċċ.

iv. jiddeċiedu li l-isem nisrani jingħata mad-dħul fil-katekumenat fejn ,skond id-drawwa tar-reliġjonijiet mhux insara, l-isem jingħata minnufih lil dawk li jħaddnu r-reliġjon.

v. iżidu riti oħra awżiljari biex ifissru d-dħul fil-komunità, skond id-drawwiet tal-post.

vi. mar-riti li hemm għal żmien il-katekumenat, idaħħlu wkoll ir-"rit tal-mixi 'l quddiem" li fih isiru "l-għotjiet", flok li jsiru aktar tard, ir-rit tal-"Effeta", l-"għoti lura" tal-Kredu, u wkoll id-dlik biż-żejt tal-katekumeni.

vii. jiddeċiedu li titħalla barra d-dilka tal-katekumeni, jew li jittrasferuha għal mar-riti tat-tħejjija li jsiru fi żmien il-katekumenat bħala "rit tal-mixi 'l quddiem"

viii. idaħħlu formoli taċ-ċaħda aktar twal u b'aktar tifsir.

## V. DAK LI JISTA' JSIR MILL-ISQOF TAL-POST

66. L-isqof għad-djoċesi tiegħu jista'

i. iwaqqaf il-katekumenat u jagħti direttivi skond ma jkun meħtieġ (ara n. 44).

ii. Skond iċ-ċirkustanzi jiddeċiedi jekk l-Ordni għad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija għandux isir barra ż-żmien, u fil-każ, meta (ara n. 58).

iii. jeżenta, għar-raġunijiet gravi, minn skrutinju wieħed, u f' każijiet tassew eċċezzjonali, minn tnejn.

iv. jippermetti li jintuża r-rit aktar sempliċi kollu kemm hu jew parti minnu.

v. jagħti l-permess lill-katekisti li jkun tassew jistħoqqilhom u jkunu verament imħejjijin li jagħmlu l-eżorċiżmu u jagħtu l-barkiet (ara 44 u 47).

vi. jippresiedi r-rit ta' "l-għażla" u hu stess jew permezz tad-delegat tiegħu japprova l-magħżulin.

## VI. DAK LI JISTA JAGĦMEL IL-MINISTRU

67. Iċ-ċelebrant għandu bil-libertà kollha, imma b'mod intelliġenti, jagħmel użu sħiħ minn dak li jagħtih it-tagħrif ta' qabel (n. 34) u r-rubriki ta' dan l-Ordni. F'ħafna postijiet, għal ta' apposta, ma ġiex determinat la dak li wieħed għandu jagħmel u lanqas it-talb li għandu jgħid, jew ingħataw żewġ soluzzjonijiet, biex iċ-ċelebrant jadatta ruħu bil-għaqal kollu għall-ħtiġijiet pastorali tal-kandidati u tal-fidili li jkunu preżenti. Iċ-ċelebrant għandu libertà sħiħa dwar it-twissijiet u l-invokazzjonijiet li jista' jagħmel: jista' jtawwal jew iqassar jew ibiddel l-intenzjonijiet ħa jkunu tassew jaqblu mal-qagħda tal-kandidati (v.g. jekk il-familja ta' dak li jkun ġarbet xi ferħ jew niket) jew tal-fidili preżenti (v.g. xi ferħ jew niket li laqat il-komunità jew il-pajjiż).

Iċ-ċelebrant ukoll għandu jadatta t-testi tar-rit, skond jekk il-kandidat huwiex raġel jew mara, jew jekk hemmx kandidat wieħed jew aktar.

## NOTI

1. **Sacrosanctum Concilium** n. 64-66; **Ad gentes** n. 14; **Christus Dominus** n. 14.
2. **Sacrosanctum Concilium** n. 109.
3. Jitħassar il-kan 790 C.I.C.
4. **Ad gentes** n. 15.
5. ibid. n. 14.
6. ibid. n. 13.
7. **Lumen gentium** n. 14; **Ad gentes** n. 14.
8. **Ordo celebrandi Matrimonium** n. 55-56.
9. **Ad gentes** n. 14.
10. ibid 13.
11. ibid n. 14.
12. **Sacrosanctum Concilium** n. 64.
13. ibid. n. 109.
14. **Ad gentes** n. 14.
15. **Sacrosanctum Concilium** n. 110.
16. **Ad gentes** n. 14.
17. **Lumen gentium** n. 17.
18. **Apostilicam actuositatem** n. 6.
19. Tagħrif ġenerali n. 6.
20. Ara ibid. n. 12.
21. Jitneħħa f'dan il-każ kan 1153 C.I.C.
22. Tagħrif ġenerali n. 13-15.
23. **Presbyterorum ordinis** n. 6.
24. **Ordo Confirmationis**, tagħrif ta' qabel n. 7b.
25. Ara ibid. n. 8.
26. **Lumen gentium** n. 26; **Ad gentes** n. 16.
27. Ara **Sacrosanctum Concilium** n. 79.

### Ordni aktar sempliċi għad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija

240. F'ċirkostanzi straordinarji, meta kondidat għad-dħul filħajja nisranija ma jkunx jista' jgħaddi mill-gradi kollha meħtieġa, jew meta l-isqof tal-post ikun ċert mis-sinċerità tal-konverżjoni tal-kandidat u mit-tħejjija reliġjuża tiegħu, u għalhekk jiddeċiedi li għandu jitgħammed minnufih, l-isqof jista' jippermetti k u l l darba li jintuża Ordni aktar sempliċi b'ċelebrazzjoni li ssir f'ġurnata waħda, jew jiddeċiedi li jkun hemm xi riti tal-katekumenat jew ta' żmien "is-safa u d-dawl" qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti.

241. Qabel ma l-kandidat, li jkun għażel il-parrinu tiegħu (ara Tagħrif ta' qabel n. 43), jitgħammed u jibda jissieħeb mal-komunità tal-post (ara n.12, u 18 par. 2), jeħtieġ li jkun għadda żmien jitgħallem id-duttrina u jħejji ruħu, biex dejjem aktar tissaffa l-fehma li għaliha talab il-Magħmudija u l-fidi u l-konverżjoni tiegħu jimxu aktar 'il quddiem.

242. Ir-rit jibda bil-preżentazzjoni tal-kandidat biex jiġi milqugħ mill-Knisja; il-kandidat, waqt ir-rit, juri l-fehma sħiħa u ċara tiegħu li jidħol għall-ħajja nisranija. Trid tidher ukoll l-approvazzjoni tal-Knisja; wara ċelebrazzjoni xierqa tal-liturġija tal-Kelma, issir iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti kollha tad-dħul fil-ħajja nisranija.

243. Iċ-ċelebrazzjoni bħala regola għandha ssir waqt il-Quddiesa; il-qari jintgħażel jew mill-Quddiesa għad-dħul fil-ħajja nisranija jew minn Quddiesa oħra; wara l-Magħmudija u l-Griżma, l-imgħammed ġdid jersaq jitqarben għall-ewwel darba.

244. Iċ-ċelebrazzjoni għandha ssir, kemm jista' jkun f'jum il-Ħadd bit-tisħiħ sħiħ tal-komunità tal-post.

## RITI TAL-BIDU TAL-ĦAJJA NISRANIJA TA' WIEĦED KBIR

(rit aktar sempliċi)

**IL-LAQGĦA TA' DAK LI SE JITGĦAMMED**

1. Waqt li l-fidili jkantaw is-salm jew l-innu tad-dħul, is-saċerdot, liebes l-ilbies tal-Quddiesa, ħdejn il-bieb tal-knisja, jew x'imkien ieħor adatt fil-knisja, jilqa' 'l dak li se jitgħammed, flimkien ma' parrinuh.

2. Iċ-ċelebrant iselmilhom, u juri lilhom u lin-nies li jkunu preżenti l-ferħ u l-ħajr tal-Knisja, u jfakkar lill-parrinu u 'l oħrajn, jekk jidhirlu is-sentimenti reliġjużi li wasslu lil dak li se jirċievi l-Magħmudija għaċ-ċelebrazzjoni il kienet se ssir. Imbagħad jistedinhom jieħdu posthom fil-knisja.

3. Iċ-ċelebrant imbagħad jistaqsi lil dak li se jitgħammed

**N. X'titlob mill-Knisja ta' Alla?**

il-kandidat iwieġeb:

**Il-fidi.**

Iċ-ċelebrant:

**X'tagħtik il-fidi?**

Il-kandidat:

**Il-ħajja ta' dejjem.**

4. Wara dan iċ-ċelebrant igħid il-kliem li ġej jew kliem bħalu:

**Din hi l-ħajja ta' dejjem, li tagħraf lil Alla wieħed veru u 'l Dak li bagħat, Sidna Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet u ġie kostitwit minn Alla prinċep tal-ħajja u Sid dak kollu li jidher u ma jidhirx.**
**Int, illum, ma kontx titlob din il-ħajja flimkien mal-Magħmudija, kieku ma kontx ġà taf bi Kristu u ma xtaqtx issir dixxiplu tiegħu. Smajtha l-Kelma tiegħu? tħares il-kmandamenti tiegħu? Għamiltu dan kollu, biex issir nisrani?**

Il-kandidat:

**Iva, dan għamiltu.**

5. Iċ-ċelebrant imbagħad jistaqsi lill-parrinu:

**Int li ġejt hawn bħala parrinu, quddiem Alla, jidhirlek li dan jistħoqqlu Illum jirċievi s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija?**

Il-parrinu jwieġeb:

**Iva, jidhirli li jistħoqqlu.**

Iċ-ċelebrant:

**Lest int, bil-kelma u l-imġiba tiegħek, tgħin lil N, li għalih tajt xhieda, biex jaqdi l-Mulej Ġesù?**

Il-parrinu:

**Iva, jiena lest.**

6. Iċ-ċelebrant jagħlaq b'din it-talba:

**Nitolbu.**
**Inroddulek ħajr, Missier l-aktar ħanin, għal dan il-qaddej tiegħek,**
**li ġa fittxek, imqanqal b'ħafna modi minnek**
**u llum qiegħed iwieġeb għas-sejħa tiegħek quddiem il-Knisja.**
**U issa, fit-tjieba tiegħek, agħtih**
**li ferħan jasal għat-tmiem tal-ħsieb ta' mħabbtek għalih.**
**Bi Kristu Sidna.**

℟. **Amen.**

7. Iċ-ċelebrant, wara dan, igħidlu l-kliem li ġej jew kliem ieħor bħalu:

N. Idħol fil-knisja, ħalli jkollok sehem magħna mill-mejda tal-Kelma ta' Alla.

Waqt dan jitkanta innu adatt.

## LITURĠIJA TAL-KELMA

8. Jitħallew barra r-riti kollha tal-bidu tal-Quddiesa, li tibda bil-qari, li jisṭa' jkun dak għaċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, jew dak tal-Ħadd skond kif jippermettu r-rubriki. Wara ssir l-omelija.

## TALBA U ATT PENITENZJALI

9. Wara l-omelija, il-kandidat, ma' parrinuh, jersaq quddiem iċ-ċelebrant. Il-ġemgħa kollha tissieħeb f'din it-talba penitenzjali jew talba oħra bħalha:

**Nitolbu, ħuti, għal dan ħuna l-maħbub, li qiegħed jitlob is-sagramenti ta' Kristu, u nitolbu wkoll għalina midinbin, biex aħna u nersqu lejn Kristu b'qalb niedma u sħaħ fil-fidi, bla ħeda naqbdu t-triq ta' ħajja ġdida.**

Invokazzjonijiet:

**Kebbes u ġedded fina lkoll indiema u sogħba vera.**
℟. **Ismagħna nitolbuk, Mulej**

**Agħmel li aħna, li fil-Magħmudija mitna għad-dnub u ksibna s-salvazzjoni mingħand Kristu inkunu nistgħu nagħtu xhieda tal-grazzji tiegħu.**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**

**Agħti lil dan il-qaddej tiegħek, kollu fiduċja fil-ħniena tiegħek u qalbu sogħbiena, il-grazzja li jħejji ruħu ħa jiltaqa' ma' Kristu s-Salvatur tagħna.**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**

**Ħa jimxi wara Kristu, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja, biex jitfejjaq minn kull tiġis tad-dnub u jinħall minn kull irbit tiegħu.**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**

**Ħa jissaffa f'ruħu mill-Ispirtu s-Santu, u, immexxi minnu, jaqbad it-triq tal-qdusija.**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**

**Ħa jindifen ma' Kristu, permezz tal-Magħmudija, biex imut għad-dnub u igħix dejjem għal Alla**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**

**Ħa jersaq lejn il-Missier u joffrilu frott ta' qdusija u mħabba**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej**

**Agħmel li d-dinja kollha, li għaliha l-Missier ta' 'l Ibnu l-maħbub, temmen f'imħabbtek u ddur lejk**
℟. **Ismagħna, nitolbuk, Mulej.**

Meta tintemm din it-talba, il-kandidat, għarkobbtejh jew b'rasu baxxa, flimkien malġemgħa kollha, jagħmel l-istqarrija ġenerali ta' dnubietu, billi jgħid:

**Nistqarr 'l Alla li jista' kollox, u lilkom, ħuti......**

Jekk iċ-ċirkostanzi jitolbu dan, din l-istqarrija tista' titħalla barra.

IT-TALBA TAL-EŻORĊIŻMU U D-DLIK BIŻ-ŻEJT TAL-KATEKUMENI

10. Kif tintemm l-istqarrija, iċ-ċelebrant, mingħajr ma jgħid: **Ilhenn għalikom...**, igħid din it-talba:

**Mulej Alla li tista' kollox,**
**int bgħatt l-Iben il-waħdieni tiegħek**
**biex jagħti l-ħelsien ta' wliedek**
**lill-bniedem, imjassar mid-dnub:**
**fix-xejn tagħna nitolbuk għal dan il-qaddej tiegħek**
**li, wara li daq il-frugħat tad-dinja**
**u ġarrab it-teħdid tax-xitan**
**jistqarr quddiemek li hu midneb;**
**bil-Passjoni u l-qawmien ta' Ibnek għall-ħajja**
**eħilsu mis-setgħa tad-dlamijiet**
**biex, imwettaq mill-grazzja ta' Kristu,**
**tħarsu bla heda tul il-mixja kollha ta' ħajtu.**
**Bi Kristu Sidna.**
℟. **Amen**

11. Iċ-ċelebrant ikompli jgħid:

**Issaħħek il-qawwa ta' Kristu, is-Salvatur tagħna,**
**u aħna, bħala sinjal ta' din il-qawwa,**
**nikkonsagrawk biż-żejt tas-salvazzjoni,**
**fl-istess Sidna Ġesù Kristu, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem**
℟. **Amen**

Iċ-ċelebrant jidlek lill-kandidat biż-żejt tal-katekumeni fuq sidru jew fuq idejh ittnejn, jew, jekk jidhirlu, fuq xi parti oħra tal-ġisem. U minnufih, bla ma għid xejn, iqiegħed idu fuq ras il-kandidat.

IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-MAGĦMUDIJA

12. Il-kandidat jersaq lejn il-fonti tal-Magħmudija, flimkien ma' parrinuh. Iċ-ċelebrant imbagħad igħid dan il-kliem li ġej jew kliem bħalu:

**Ħuti egħżież, nitolbu ħniena lil Alla l-Missier li jista' kollox, għal dan ilqaddej tiegħu N., li qiegħed jitlob magħna il-Magħmudija. Ħa jagħti dawl u qawwa lil dan il-qaddej tiegħu li hu stess sejjaħ u wasslu għal dan ilwaqt, biex b'qalbu kollha jintrabat ma' Kristu u jistqarr il-fidi tal-Knisja. U jagħtih it-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu, li aħna issa stess sejrin insejħu fuq dan l-ilma.**

13. Iċ-ċelebrant ibierek l-ilma b'din it-talba:

**O Alla,**
**b'qawwa li ma narawhiex bl-għajnejn tal-ġisem,**
**int tagħmel l-egħġubijiet bis-sagramenti tiegħek.**
**B'ħafna modi ħejjejt l-ilma, li inti ħlaqt,**
**biex juri l-grazzja tal-Magħmudija.**
**Fil-bidu tad-dinja, l-Ispirtu tiegħek infirex fuq l-ilmijiet,**
**biex sa minn dak iż-żmien stess**
**l-ilma jieħu fih innifsu l-qawwa li jqaddes.**
**Fl-ilma tad-dilluvju int tajtna sinjal ta' twelid ġdid,**
**biex bil-misteru ta' l-istess ilma**
**jinqerdu d-drawwiet ħżiena u jitnisslu d-drawwiet tajba.**
**Int għaddejt l-ulied Abraham fl-inxief minn nofs il-baħar tal-Qasab,**
**biex il-poplu tiegħek, meħlus mill-jasar tal-Fargħun,**
**ikun xhieda minn qabel tal-poplu mgħammed.**
**Ibnek Ġesù Kristu,**
**wara l-Magħmudija tiegħu minn Ġwanni fl-ilma tal-Ġordan,**
**kien ikkonsagrat minnek bl-Ispirtu s-Santu;**
**waqt li kien imdendel fuq is-salib,**
**ħareġ minn ġenbu ilma mħallat mad-demm**
**u wara li qam mill-imwiet ordna lid-dixxipli tiegħu u qalilhom:**
**"Morru u għallmu l-ġnus kollha u għammduhom**
**fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu."**
**Ħares, mela, Mulej, lejn il-Knisja tiegħek**
**u ifthilha l-għajn ta' l-ilma tal-Magħmudija.**
**Agħmel li dan l-ilma jilqa' fih**
**il-grazzja ta' Ibnek mill-Ispirtu s-Santu,**
**biex il-bniedem, li int ħlaqtu xbieha tiegħek,**
**jinħasel minn kull tinġis qadim tad-dnub**
**permezz tas-sagrament tal-Magħmudija,**
**u mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu jirxoxta bħala iben ġdid tiegħek.**

Iċ-ċelebrant imiss l-ilma b'idu l-leminija, u jkompli jgħid:

**Permezz ta' Ibnek Ġesù Kristu,**
**ħa tinżel il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu f'dan l-ilma (fl-ilma ta' dan il-fonti)**
**ħalli dawk kollha li bil-Magħmudija jindifnu fil-mewt ma' Kristu**
**iqumu miegħu għal ħajja ġdida.**
**Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.**
℟. **Amen**

---

Fi żmien il-Għid, meta jkun hemm l-ilma mbierek fil-Vġili ta' l-Għid, flok it-talba għat-tberik ta' l-ilma, tingħad it-talba li ġejja:

**Imbierek int, Alla, il-Missier li tista' kollox, li ħlaqt l-ilma li jsaffina u jagħtina l-ħajja**
℟. **Imbierek Alla.**

Imbierek int, Alla, Iben waħdieni Ġesù Kristu, li minn ġenbek ħareġ demm u ilma, biex mill-mewt u l-qawmien tiegħek titwieled il-Knisja.

℟. Imbierek Alla.

Imbierek int, Alla, Spirtu s-Santu, li kkonsagrajt lil Kristu wara li tgħammed fl-ilma tal-Ġordan, biex aħna lkoll nitgħammdu fik.

℟. Imbierek Alla.

Bil-misteru ta' dan l-ilma mbierek wassal għat-tiġdid fir-ruħ lill-qaddej tiegħek N li sejjaħt għal din il-Magħmudija, biex ikollu l-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.

℣. Amen.

---

### IĊ-ĊAĦDA TAX-XITAN U L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

14. Kif jintemm it-tberik ta' l-ilma, iċ-ċelebrant jistaqsi lill-kandidat:

**Tiċħad id-dnub, biex tgħix fil-ħelsien ta' wlied Alla?**

Il-kandidat:

**Iva, niċħad**

Iċ-ċelebrant:

**Tiċħad il-qerq tal-ħażen, biex id-dnub ma jaħkimx fuqek?**

Il-kandidat:

**Iva, niċħad**

Iċ-ċelebrant:

**Tiċħad lix-xitan li jħajjar u jqanqal għad-dnub?**

Il-kandidat:

**Iva, niċħad**

### L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

15. Iċ-ċelebrant imbagħad jistaqsi lill-kandidat:

**N. Temmen int f'Alla l-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art?**

Il-kandidat:

**Iva, nemmen**

Iċ-ċelebrant:

**Temmen f'Ġesù Kristu, Ibnu l-waħdieni u Sidna, li twieled minn Marija Verġni, bata, miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet u qiegħed fil-lemin tal-Missier?**

Il-kandidat:

**Iva, nemmen**

Iċ-ċelebrant:

**Temmen fl-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja mqaddsa kattolika, fix-xirka tal-Qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet, fil-qawmien mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem?**

Il-kandidat:

**Iva, nemmen**

**IL-MAGĦMUDIJA**

16. Wara din l-istqarrija tal-fidi, il-kandidat jiġi mgħammed, waqt li parrinuh ikollu idu l-leminija fuq spallejn il-kandidat.

**N. jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier** (iċ-ċelebrant isawwab l-ilma fuq ras il-kandidat)
**u ta' l-Iben** (jerġa' jsawwab l-ilma)
**u ta' l-Ispirtu s-Santu** (jerġa' jsawwab l-ilma)

**IR-RITI TA' L-AĦĦAR**

**Id-dlik wara l-magħmudija**

Jekk għal xi raġuni speċjali, il-Griżma ma tkunx se ssir dak in-nhar tal-Magħmudija, wara t-tiswib ta' l-ilma fuq ras il-kandidat, iċ-ċelebrant jidlek lill-kandidat biż-żejt tal-Griżma, billi jgħid:

**Alla li jista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu li tak twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu u ħafirlek dnubietek kollha, jikkonsagrak biż-żejt tas-salvazzjoni biex tingħaqad mal-poplu tiegħu u tibqa' membru ta' Kristu s-Saċerdot, il-Profeta u s-Sultan u hekk tasal fil-ħajja ta' dejjem.**
℟. **Amen.**

**Il-libsa l-bajda**

17. Din il-parti tar-rit tista' titħalla barra, jekk iċ-ċirkostanzi jitolbu dan (i.e. jekk wara l-Magħmudija l-kandidat mhux se jilbes libsa bajda). Jekk ir-rit se jsir, tingħad din it-talba:

**N. sirt ħolqien ġdid u lbist 'il Kristu. Ħu din il-libsa bajda u żommha fuqek bla mittiefsa sal-ħajja ta' dejjem** ℟. **Amen.**

**L-għoti tax-xama'**

'8. Iċ-ċelebrant huwa u jmiss b'idu l-blandun, igħid lill-parrinu:

**Ersaq biex tieħu d-dawl u tagħtih lil dak li għadu kemm tgħammed**

Il-parrinu jixgħel ix-xama' mill-blandun u jagħtiha lill-filjozz tiegħu, waqt li ċ-ċelebrant igħid:

**Int sirt dawl fi Kristu. Imxi dejjem bħala bin id-dawl, biex, sħiħ fil-fidi, tkun tista' tmur tilqa' lill-Mulej li ġej, flimkien mal-Qaddisin kollha fis-saltna tas-sema.** ℟. **Amen.**

19. Kif tintemm il-Magħmudija, il-ġemgħa tkanta innu ta' ferħ u uradd il-ħajr v.g. **Lil Alla bil-ferħ inkantaw...** Kif jintemm il-kant, l-imgħammed ġdid jersaq quddiem iċ-ċelebrant, li jgħidlu l-kliem li ġej jew kliem ieħor bħalu:

**N. int twelidt mill-ġdid fi Kristu u sirt membru tiegħu u tal-poplu saċerdotali tiegħu: jonqsok biss li tirċievi l-Ispirtu s-Santu, li ġà issawwab fina, l-Ispirtu s-Santu li, mibgħut mill-Mulej fuq l-Appostli, nhar Għid il-Ħamsin, minnhom u mis-suċċessuri tagħhom ingħata lill-imgħammdin kollha. Int ukoll għalhekk se tirċievi l-qawwa mwiegħda tal-Ispirtu s-Santu biex dejjem aktar issir xebh ma' Kristu, tagħti xhieda tal-Passjoni u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, u tkun membru ħaj tal-Knisja għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu fil-fidi u l-imħabba.**

Iċ-ċelebrant, imbagħad, b'idejh ma' xulxin, idur lejn il-ġemgħa u jgħid:

**Nitolbu, egħżież, lil Alla l-Missier li jista' kollox,**
**biex fit-tjieba tiegħu, isawwab fuq dan l-imgħammed ġdid**
**l-Ispirtu qaddis tiegħu biex iwettqu bil-kotra tad-doni tiegħu**
**u bid-dilka tiegħu jagħtih xebh sħiħ ma' Kristu l-Iben ta' Alla.**

Wara ftit waqtiet ta' skiet, iċ-ċelebrant, b'idejh miftuħa fuq il-kandidat, igħid din it-talba:

**O Alla li tista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu,**
**int tajt twelid ġdid lil dan il-qaddej tiegħek**
**mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu u ħlistu minn dnubietu kollha;**
**ibgħat fuqu, Mulej, l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur;**
**agħtih l-Ispirtu ta' l-għerf u tad-dehen,**
**l-Ispirtu tal-għaqal u tal-qawwa,**
**l-Ispirtu tax-xjenza u tal-pjetà;**
**imlieh bl-Ispirtu tal-biża' tiegħek.**
**Bi Kristu Sidna.**

℟. Amen

20. Il-kandidat jersaq lejn iċ-ċelebrant, mal-parrinu, li jkollu idu l-leminija fuq l-ispalla l-leminija tal-filjozz tiegħu. Iċ-ċelebrant, b'sebgħu l-kbir, jagħmel sinjal tas-salib fuq ġbin il-kandidat biż-żejt tal-Griżma, waqt li jgħidlu:

**N. Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu**

Il-kandidat iwieġeb **Amen.** Iċ-ċelebrant jeħodlu b'idu u jgħidlu:

**Il-paċi miegħek**

u l-kandidat iwieġeb.

**U miegħek ukoll.**

21. Il-**Kredu** ma jingħadx, iżda tingħad it-**Talba tal-fidili**. L-imgħammed ġdid inewwel l-offerti fuq l-artal.

22. Jekk tingħad it-Talba Ewkaristika I, it-talba **Ilqa' nitolbuk** hi proprja u qiegħda p. 358, tas-Sagramentarju Malti, l-ewwel waħda; jekk tingħad it-Talba Ewkaristika II, tiżdied it-talba **Ftakar ukoll, Mulej,** li qiegħda p. 369 tas-Sagramentarju Malti; jekk tingħad it-Talba Ewkaristika III, flok it-talba **Ilqa' bit-tjieba** li qiegħda p. 375 tas-Sagramentarju, tingħad it-Talba li tinsab l-ewwel waħda, fil-paġna ta' wara; jekk tingħad it-Talba Ewkaristika IV, tiżdied it-Talba li tinsab p. 385.

23. Jaqbel li l-imgħammed jitqarben biż-żewġ soeċi, flimkien ma' parrinuh, qrabatu u dawk li ħejjewh għall-Magħmudija.

24. Qabel il-**Ħaruf ta' Alla,** iċ-ċelebrant, jekk irid, jista' jgħid kelmtejn lill-imgħammed ġdid, fuq is-siwi u l-kobor tal-Ewkaristija, li hija l-qofol tar-riti kollha għad-dħul fil-ħajja nisranija u tal-ħajja nisranija kollha kemm hi.

## KAP III

### Ordni iqsar biex jintuża għad-dħul fil-ħajja nisranija ta' wieħed kbir f'periklu li jmut jew qrib il-mewt

278. Min hu qrib il-mewt, sew jekk hu katekumenu sew jekk le, jista' jitgħammed b'rit qasir ħafna, sakemm ikun jista' jisma' u jwieġeb għall-mistoqsijiet tar-rit, billi ma jkunx għadu għal kollox f'tarf ħajtu.

279. Jekk hu ġà magħdud mal-katekumeni, irid iwiegħed li, jekk ifiq, ikompli sa l-aħħar l-istruzzjoni li tingħata lill-katekumeni. Jekk mhux katekumenu jeħtieġ juri sinjali ċerti li hu dar lejn Kristu u li ċaħad id-drawwiet tal-pagani u ma jidhirx li hemm impedimenti morali li jfixklu (v.g. li jkollu aktar minn mara waħda, eċċ); irid ukoll iwiegħed li, meta jfiq, se jmur għall-istruzzjoni kollha li tingħata lill-katekumeni.

280. Iċ-ċelebrazzjoni hi mfassla b'mod li tista' ssir mill-katekisti jew lajċi; saċerdot jew djaknu jista' jagħmel użu minn dan ir-rit, iżda, bħala regola, saċerdot jew djaknu għandu jiċċelebra r-rit aktar sempliċi (Kap. II), bl-adattamenti skond iż-żmien u l-post.

Is-saċerdot li jgħammed, jekk ikun hemm żmien u jkollu ż-żejt tal-Griżma, għandu jiċċelebraha wkoll, u, fil-każ, għandu jħalli barra r-rit tad-dlik biż-żejt tal-Griżma wara l-Magħmudija.

U, jekk jista' jkun, is-saċerdot jew id-djaknu, u wkoll il-katekista jew il-lajk jekk ikollhom il-permess li jqarbnu, għandhom iqarbnu l-imgħammed il-ġdid. Fil-każ, il-ministru jieħu miegħu s-sagrament qabel jibda ċ-ċelebrazzjoni, u jħallih fuq il-mejda, mgħottija bi tvalja f'post ta' ġieħ.

281. Meta l-mewt hi tassew fil-qrib u ma hemmx żmien, il-ministru għandu jħalli kollox barra u jsawwab l-ilma fuq ir-ras tal-kandidat, ukoll jekk l-ilma ma jkunx imbierek, basta jkun ilma naturali; waqt li jkun isawwab l-ilma jgħid il-forma tas-soltu (ara Tagħrif ġenerali n. 23).

282. Dawk li jkunu tgħammdu meta kienu f'periklu tal-mewt jew

qrib il-mewt, jekk jerġgħu jiksbu saħħithom, għandu jinħasbilhom biex ikollhom katekeżi xierqa, ħalli wara li jiġu milqugħin fil-knisja, jirċievu s-sagramenti l-oħra. Fil-każ isir dak li hemm imfisser fil-kap. V, bl-adattamenti meħtieġa.

## KAP IV

### It-Tħejjija għall-Griżma u l-Ewkaristija ta' mgħammdin meta kienu trabi, imma qatt ma tgħallmu d-Duttrina Nisranija

295. Dawn id-direttivi pastorali huma għall-adulti li ġew mgħammdin meta kienu trabi, iżda wara qatt ma ġew imgħallmin id-duttrina nisranjia u għalhekk ma rċevewx il-Griżma u l-anqas għamlu l-ewwel tqarbina. Dawn id-direttivi jistgħu wkoll jiġu adattati għal każijiet oħra bħal dan, l-aktar għall-każ ta' wieħed kbir li ġie mgħammed meta kien f'periklu jew qrib il-mewt.

Għalkemm nies bħal dawn qatt ma semgħu bil-Bxara t-Tajba tal-misteru ta' Kristu, il-qagħda tagħhom m'hijiex bħal dik tal-katekumeni, għaliex, għax mgħammdin, huma membri tal-Knisja u wlied Alla. Il-pedament tal-bidla sħiħa ta' ħajjithom qiegħed fil-Magħmudija li ġà ħadu, u għalhekk iridu joħorġu l-qawwa kollha tagħha.

296. It-tħejjija tagħhom trid żmien twil, bħat-tħejjija tal-katekumeni (ara Tagħrif n. 21), biex il-fidi msawba fihom fil-Magħmudija tikber, tilħaq il-milja tagħha u tagħmel l-egħruq fihom permezz tat-tagħlim pastorali li jingħatalhom; jeħtieġ ukoll li l-ħajja nisranija tagħhom titwettaq permezz tad-dixxiplina li jkollhom, ta' katekeżi xierqa, tar-relazzjonijiet mal-komunità tal-insara u ta' tisħib fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

297. Il-katekeżi tagħhom bejn wieħed u ieħor taqbel ma' dik tal-katekumeni (ara Tagħrif n. 19 par. 1); iżda d-djaknu jew is-saċerdot li qiegħed igħallimhom il-katekiżmu għandu dejjem iqis il-qagħda speċjali tagħhom, li ġà rċevew il-Magħmudija.

298. Il-komunità tal-insara għandha tgħin lil dawn in-nies bħalma tgħin lill-katekumeni b' egħmejjel ta' mħabba ta' l-aħwa u bit-talb, u, meta jasal il-waqt, tagħti xhieda li jistħoqqilhom jirċievu s-sagramenti (ara Tagħrif nn. 4 19 par. 2 23).

299. Dawn in-nies għandhom jiġu preżentati lill-komunità minn garanti. Kull wieħed minn dawn in-nies, fi żmien it-tħejjija, għandu jagħżel parrinu, li jrid ikun approvat mis-saċerdot; għandu jitqies bħala r-rappreżentant tal-komunità u għandu l-istess dmirijiet lejh bħal ma għandu parrinu ta' katekumenu. (Ara Tagħrif n. 43). Il-parrinu, magħżul f'dan iż-żmien, jista' jkun il-parrinu tal-Magħmudija sakemm jista' jaqdi sewwa dan id-dmir.

300. Iż-żmien tat-tħejjija jitqaddes permezz ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi: l-ewwel ċelebrazzjoni hi dik li permezz tagħha dak li jkun jiġi milqugħ fil-komunità, u għax ġà mgħammed jiġi magħruf bħala membru tagħha.

301. Minn dan in-nhar 'il qud-

diem dawn in-nies jibdew jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Liturġija tal-Kelma, kemm għal dawk li jsiru għall-komunità kollha, u kemm għal dawk li jsiru għall-katekumeni.

302. Tkun ħaġa f'postha jekk, biex tidher il-ħidma ta' Alla f'din it-tħejjija, wieħed jagħmel użu minn xi riti tal-katekumenat, li jkunu jaqblu mal-qagħda ta' dawn in-nies u jkunu ta' ġid spiritwali għalihom. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jistgħu jkunu l-għoti tal-Kredu, tal-Missierna u tal-Evanġelju wkoll.

303. Il-katekeżi trid tkun taqbel maż-żmien liturġiku, l-aktar lejn it-tmiem tagħha, li għandu jiġi kemm jista' jkun fi żmien ir-Randan. Dan iż-żmien igħodd ħafna għal ċelebrazzjonijiet penitenzjali li għandhom iwasslu mbagħad għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Penitenza.

304. Il-qofol tat-tħejjija kollha jiġi, bħala regola, fil-Vġili ta' l-Għid, meta dawn in-nies jistqarru l-fidi tal-Magħmudija tagħhom, jirċievu l-Griżma u jitqarbnu. Jekk fil-Vġili tal-Għid ma tkunx tista' ssir il-Griżma, għax ma hemmx l-isqof jew il-ministru straordinarju tal-Griżma, din tingħata kemm jista' jkun malajr, u, jekk jista' jkun, fi żmien il-Għid.

305. Dawn in-nies imbagħad itemmu l-formazzjoni nisranija tagħhom u jidħlu għal kollox fil-komunità tal-fidili, tul iż-żmien tal-mistagoġija flimkien man-neofiti.

## KAP V

### Ordni għad-dħul fil-ħajja nisranija ta' tfal li waslu fiż-żmien li jibdew jitgħallmu l-katekiżmu

306. Dan ir-rit hu għal dawk it-tfal li ma tgħammdux meta kienu trabi u issa waslu fl-età tarraġuni, u jistgħu għalhekk jibdew jitgħallmu l-katekiżmu. Dawn it-tfal jersqu biex jitolbu d-dħul fil-ħajja nisranija jew għax ikunu ġabuhom il-ġenituri tagħhom jew dawk li jieħdu ħsiebhom, jew għax qed jagħmlu dan minn rajhom, imma bil-permess tal-ġenituri jew it-tuturi tagħhom. Huma jkunu ġà kapaċi jemmnu u jqawwu t-twemmin tagħhom u jaslu għal xi stħarriġ tal-kuxjenza. Iżda ma jistgħux jitqiesu bħala kbar, għax għadhom jaħsbuha ta' tfal, u jippedendu mill-ġenituri u t-tuturi tagħhom u jistgħu jiġu influwenzati ħafna minn sħabhom u mis-soċjetà.

307. Id-dħul tagħhom fil-ħajja nisranija titlob minnhom qabel xejn bidla fihom infushom skond is-snin li għandhom, bidla li tilħaq il-qofol tagħha bl-għajnuna ta' dik l-edukazzjoni li jeħtieġu fl-età tagħhom. Din l-edukazzjoni trid tiġi adattata wkoll għall-mixi spiritwali tagħhom biex jikbru fil-fidi u jitgħallmu l-katekiżmu. Għalhekk id-dħul tagħhom fil-ħajja nisranija bħal dak tal-kbar, jekk ikun hemm bżonn, jista' jtul għal snin sħaħ, qabel ma jaslu għas-sagramenti, u dan id-dħul irid ikollu għadd ta' turġien li wieħed irid jitla', u żminijiet ta' tħejjija, u ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

308. Il-mixi 'l quddiem tat-tfal

f'din it-tħejjija jiddependi kemm mill-għajnuna u l-eżempju ta' sħabhom u kemm mill-ġenituri tagħhom: u dan kollu jrid jitqies sewwa.

a) Dawn it-tfal li għadhom mhux mgħammdin aktarx jagħmlu parti minn grupp ta' tfal li ġà tgħammdu, u qegħdin jitħejjew għall-ewwel tqarbina u l-Griżma; għalhekk id-dħul tagħhom irid jimbena pass pass 'il quddiem, mat-tħejjija tat-tfal l-oħra, li qegħdin jitgħallmu l-katekiżmu għall-ewwel tqarbina u l-Griżma.

b) Ta' min jistenna li dawn it-tfal, kemm jista' jkun, ikollhom ukoll għajnuna mingħand il-ġenituri: dawn it-tfal jeħtieġu l-permess tal-ġenituri biex jidħlu fil-ħajja nisranija u l-għajnuna tagħhom biex imbagħad igħixu ħajja nisarnija. Għalhekk tul iż-żmien tat-tħejjija, il-familja kollha għandu jkollha okkażjonijiet li tiltaqa' mas-saċerdoti u l-katekisti.

309. Jiswa ħafna jekk għadd ta' tfal, li jinsabu fl-istess qagħda, skond iċ-ċirkustanzi, jissieħbu flimkien għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan l-Ordni, biex igħinu 'l xulxin fil-mixi tagħhom 'il quddiem fil-katekumenat.

310. Dwar dak li għandu x' jaqsam miż-żmien li fih isiru ċ-ċelebrazzjonijiet wieħed għandu jfittex li, kemm jista' jkun, l-aħħar żmien tat-tħejjija ikun jaħbat mar-Randan, u s-Sagramenti jiġu ċelebrati fil-Vġili ta' l-Għid (ara Tagħrif n. 8). Iżda qabel ma t-tfal jiġu msejħa biex jieħdu sehem fil-festi ta' l-Għid, wieħed għandu jara humiex imħejjijin biżżejjed, u kellhomx żmien biżżejjed ta' tagħlim tal-katekiżmu. Kemm jista' jkun wieħed għandu jfittex li dawn it-tfal jirċievu s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija flimkien ma' sħabhom li jkunu se jagħmlu l-ewwel tqarbina u jirċievu l-Griżma.

311. Iċ-ċelebrazzjonijiet għandhom isiru bit-tisħib tal-ġemgħa mdaqsa tal-fidili, magħmula mill-ġenituri u l-qraba tat-tfal, mill-għalliema tad-duttrina u xi qraba kbar oħra. Meta tfal bħal dawn ikunu se jidħlu fil-ħajja nisranija, jaqbel li ma jkunx hemm il-komunità kollha tal-insara tal-post: biżżejjed rappreżentanza tagħha.

312. Kif inhu mfassal dan l-Ordni jista' jkollu xi adattamenti u żidiet, magħmulin mill-Konferenzi Episkopali, ħalli jkun jaqbel aktar mal-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi tal-post u l-okkażjonijiet pastorali li jista' jkun hemm. Jista' wieħed idaħħal f'dan l-Ordni dawk ir-riti ta' "mixi 'l quddiem" li jinsabu fl-Ordni għall-kbar (ara n. 103). Meta dan l-Ordni jinqaleb fl-ilsna tal-lum, wieħed għandu jara li t-twissijiet, it-talb u l-invokazzjonijiet ikunu ta' sura li t-tfal jifhmuhom malajr. Jekk ikun il-każ, ma' xi talba ta' dan l-Ordni, meta tinqaleb fl-ilsien tal-post, il-Konferenza Episkopali tista' żżid xi talba oħra bl-istess ħsibijiet imma aktar adatta għat-tfal li jkunu (ara Tagħrif ġenerali n. 32).

313. Il-ministri, li jużaw dan l-Ordni, bil-libertà kollha u bil-għaqal kollu jistgħu jagħmlu użu minn dak kollu li jippermettulhom kemm it-Tagħrif ġenerali (n. 34 u 35), it-tagħrif għall-Magħmudija tat-trabi (n. 31) u tagħrif għad-dħul fil-ħajja nisranija tal-kbar fil-ħajja nisranija.

**Il testo integrale del discorso di S.S. Giovanni Paolo II a Sua Emm. Dom Mintoff, Primo Ministro di Malta: 12 novembre 1981**

Signor Primo Ministro,

Mi e' gradito porgerle un ,ordiale benvenuto, manifestandole, al tempo stesso, il mio animo grato per questa sua visita, e rivolgendo altresi', per suo tramite, il mio saluto beneaugurante all'intera nazione maltese.

Il primo pensiero che sorge spontaneo, in questo momento, e' evocativo dei particolari rapporti millenari intercorsi tra la Santa Sede e Malta, i quali sono stati espressione di quella costante fedeltà a Cristo ed alla Chiesa, che ha contraddistinto la storia, la cultura, il costume e la sensibilità di quel diletto popolo.

Esso, infatti, considera come suo particolare vanto far risalire le proprie origini cattoliche alla permanenza nell'isola dell'Apostolo delle Genti, definito a giusto titolo evangelizzatore mediterraneo, il quale vi annunziò la parola di salvezza, ricambiato, a sua volta, dalla gentilezza e dai doni di quegli abitanti.

Da allora, e proprio in virtù di un avvio tanto significativo e robusto, la Chiesa Apostoli,a di Malta ha continuato a corrispondere alla sua vocazione al Vangelo, ed ha saputo conservare ed incrementare, anche nelle ore più difficili della sua storia le proprie risorse spirituali ed il ricco patrimonio delle sue antiche tradizioni di fede.

In tal contesto, desidero, da parte mia, signor Primo Ministro, manifestare anche in questa circostanza il mio costante e profondo affetto — che conferma e prolunga quello dei miei predecessori — per il popolo maltese rendendo pubblico attestato alle virtù dei suoi figli sia per quanto concerne la loro vita cristiana, sia per quel che attiene all'impegno nei vari settori della vita civile, che ha trovato proiezione anche all'estero, mediante la presenza ed il lavoro dei concittadini emigranti. Tutto ciò costituisce una ragione di sincero compiacimento e rappresenta in pari tempo una garanzia sicura per un avvenire sereno e laborioso dell'isola.

Nel penetrare sempre più lo spirito del messagio evangelico nei costumi di un popolo, la Chiesa non può che contribuire a consolidare i fondamenti della società, alimentando tra i figli di una stessa patria l'unione fraterna, la mutua collaborazione e la stima di quei valori spirituali che sono alla radice di un autentico progresso.

E' per questo motivo che la Chiesa, con la sua opera, offre un contributo altamente prezioso alla vita della società civile, come ne fa fede la molteplicità delle istituzioni in campo educativo, assistenziale e caritativo, e il patrimonio inestimabile dei valori riguardanti la solidità dell' istituto familiare.

Per attuare questo suo servizio la Chiesa chiede la libertà che la compete avendo ricevuto da Dio il mandato — che e' dovere e diritto — di annunziare il Vangelo in forme adeguate alla natura stessa di questo

messaggio, ed alla umana dignità di coloro che ne sono i destinatari. Con ciò la Chiesa forma le coscienze, e quindi rende il più alto servizio non solo ai singoli perche' sappiano corrispondere alla loro vocazione trascendente, ma anche alla comunità civile, non potendo il cristiano maturo non essere, insieme, anche cittadino esemplare.

Tale appunto e' l'opera che stanno svolgendo meritoriamente i vescovi, i quali hanno la cura pastorale del popolo maltese; ed io amo renderne qui loro testimonianza, sapendo che il loro insegnamento anche circa la vita morale della famiglia e l'educazione cristiana dei figli, come pure il loro impegno di sostenere ed incrementare le scuole cattoliche ed altre opere assistenziali, corrispondono, al genuino spirito del Vangelo e ai valori che la Chiesa, oggi, come sempre, difende ed esalta nel suo magistero.

Cosi' la Chiesa e lo Stato, che nel loro rispettivo ordine intendono promuovere il bene dell'uomo, hanno non pochi punti di incontro.

E, a proposito di una tale collaborazione, desidero assicurarle, signor Primo Ministro, che la Chiesa conosce la volontà e l'impegno dispiegati dalla nazione maltese, dopo il raggiungimento dell'Indipendenza, per migliorare il proprio livello di vita sociale e per risolvere i difficili problemi economici connessi. In questo nobile sforzo, Malta troverà nei vescovi e nella Santa Sede valido appoggio e piena comprensione. Cosi' pure posso garantire la mia premura per tutti quei propositi diretti a definire in modo soddisfacente la delicata e complessa partecipazione di Malta alla vita internazionale.

E' comprensibile — sempre al riguardo di detta collaborazione tra Chiesa e Stato — che talora possano ssorgere difficoltà. Per superarle occorre ricercare cordiale intesa, mutua comprensione, fattivo buon volere, nel reciproco riguardo per le rispettive autorità costituite; in una sola espressione, e' necessario profondo spirito di dialogo. Per parte sua, la Chiesa si offre senza sottintesi a tale prospettiva di dialogo e sarà lieta di trovare la stessa favorevole disposizione da parte dello Stato maltese.

Con questi sentimenti e voti, invoco sull'intero popolo di Malta e sui suoi governanti la Divina Protezione, in pegno delle quale invio alla sua cara patria la mia benedizione apostolica.

## ITTRA TAL-PAPA LILL-KNISJA TA' L-UNGERIJA EGHLUQ IS-750 SENA TAL-MEWT TA' S. ELISABETTA TA' L-UNGERIJA

Lill-Eminenza tiegħu il-Kardinal Laszlo Lekai, Arċisqof ta' Esztergof, lill-isqfijiet, lis-saċerdoti, lir-reliġjużi rġiel u n-nisa u lill-fidili maħbubin tal-Ungerija.

B'ferħ kbir qed niktbilkom, ħuti tal-Ungerija, f'egħluq is-750 sena mill-mewt qaddisa ta' Santa Elisabetta, tar-razza ta' Arpad, bint li jistħoqqilha kull ġieħ tal-poplu u tal-knisja tal-Ungerija. Irrid inkun magħkom fl-ispirtu f'Sarospatak, fil-post fejn aktarx twieldet fejn f'dawn il-ġranet u f'din is-sena għadd kbir ta' pellegrini qed jiifirħu b'din il-warda li fetħet minnisel ta' San Stiefnu, l-ewwel sultan ta' l-Ungerija.

**Il-ħajja ta' S. Elisabetta, mart il-landgraf ta' Wartburg**

Waqt li intom qegħdin tlissnu innijiet f'ġieħ ',il-ħajja tas-sinjura Elisabetta" u tfakkru l-"ħafna egħmejjel ta' ġid" tagħha, intom qegħdin tiftakru f'omm żagħżugħa li bilkemm għexet 24 sena. Flimkien magħkom nara lil Elisabetta, tfajla fuq ruħha, titgħallem, minn ċkunitha, tħobb lil Ġesù u lill-Madonna, mingħand ommha, li ġarbet xorti tassew ta' niket. Narawha mbagħad fit-Turingja, fil-kastell ta' Wartburg, imsemmi għal **Minnesanger** tiegħu, fejn bil-ħeġġa kollha ta' ħajjitha, u bl-imħabba tagħha bla xkiel għal kulħadd, serqet qlub dawk kollha ta' madwarha. Ħsiebha biss kien li tagħmel dak li jrid Kristu; l-imħabba għal Kristu kienet tiddi f'egħmilha kollu. Quddiem Kristu msallab neħħiet il-kuruna tagħha hija u tgħid: "Kif nista' nxidd kuruna tad-deheb meta l-Mulej ħu liebes kuruna tax-xewk? U liebes il-kuruna tax-xewk minħabba fija!"

Ħajjitha tilħaq il-milja tagħha f' imħabbitha għal żewġha, il-landgraf Dovik. Elisabetta, tfajla ta' 14-il sena, u Dovik, żagħżugħ ta' 21 sena, kienu jinħabbu f'Alla u kienu jgħinu 'l xulxin biex iħobbu 'l Alla dejjem aktar. B'ħajr millaqwa laqgħu mingħand il-Ħallieq ta' kollox il-ħajja ġdida li tahom. Min ma jitqalqalx bil-ferħ ta' omm żagħżugħa, omm ta' ħmistax-il sena u mill-imħabba kbira għal xulxin ta' Elisabetta u Dovik?

Din l-omm żagħżugħa, imqanqla mill-imħabba ta' Kristu, kienet iżżur lill-fqar, lill-morda, lit-tfal abbandunati. Jekk San Pawl sar kollox għal kulħadd biex kulħadd isalva, Elisabetta saret omm kulħadd biex taqsam ma' kulħadd il-Bxara t-Tajba ta' Kristu. "Fil-kastell ta' Wartburg, qiegħed fil-għoli, kien hemm dar kbira fejn kienet tilqgħor lill-morda. Kienet tfarraġhom u tkellimhom fuq is-sabar u fuq is-salvazzjoni ta' ruħhom, u kienet tagħtihom jieklu u jixorbu, u kienet tbiegħ id-dehebijiet tagħha biex tgħinhom. Fl-istess dar kienet iżżomm ħafna tfal fqar, tipprovdilhom kollox u tieħu ħsiebhom bit-tjieba u l-ħlewwa, hekk li kollha kienu jsejħulha "mà" u kienu jinġabru madwarha meta kienet iżżur id-dar, u jiġru lejha. Fos-

thom kollha kienet tħobb l-aktar l-imġiddmin, il-morda, id-dgħajfin, il-maħmuġin u l-immankati u kienet iżżiegħel bihom u tħaddanhom magħha" (**De dictis quattuor ancillarum, II, 771 ..**)

Hi stess tgħid lill-qaddejja tagħha x'kien is-sigriet ta' dan il-ferħ u ta' dan il-qadi hekk kbir: "X' xorti kbira għandna li nistgħu naħslu l-Mulej u nħejjulu s-sodda".

Bħal San Franġisk ta' Assisi, l-eeżmpju tagħha, ma kinitx tibża' mill-imġiddmin, u kienet tqisu privileġġ iddur bihom. Elisabetta u Dovik, bl-għajnejn ta' ruħhom, kienu jaraw 'il Kristu f'kull marid.

Elisabetta, b'għajnejha miftuħa, kienet tara x'ġerħat tagħmel l-inġustizzja fis-soċjetà. Fi żmien il-għaks, ma kinitx taħsibha darbtejn biex tiftaħ il-maħżen tal-landgraf ħa titma l-fqar bil-ġuħ li kienu jiġu mill-bogħod, u fl-istess ħin ukoll issibilhom ix-xogħol. Għarfet tirbaħ il-fehmiet ta' żmienha, u kienet hi wkoll taħdem, waqt li kienet tgħallem 'l uliedha u taqdi dmirijietha bħala mart il-landgraf. Il-ferħ qatt ma għeb minn qalbha: kienet tagħti bil-ferħ tal-Evanġelju: "Kull ma għandna, għandna nqassmuh bil-ferħ u minn qalbna".

## Il-ħajja ta' Elisabetta fit-tiġrib

F'Elisabetta għadna naraw ukoll "il-mara ta' qawwa" li fuqha titkellem l-Iskrittura, il-mara li ma tifnihiex it-tbatija, imma sseħibha fil-misteru tal-Għid ta' Kristu. Elisabetta, li kienet qiegħda tistenna tarbija oħra, kellha ġġarrab taqbida kiefra biex tħalli 'l żewġha jmur mal-Kroċjati fl-Art imqaddsa. Elisabetta u Dovik, permezz tat-talb, sabu l-qawwa biex jagħmlu r-rieda ta' Alla. B'sinjal ta' l-imħabba ta' dejjem tagħhom bħala miżżewġin, flimkien, offrew l-iben li kien se jitweldilhom għas-servizz ta' Alla. Elisabetta, omm żagħżugħa bi tliet itfal, u bil-kemm ta' 20 sena, fi żmien ta' ftit ġimgħat, tilfet 'il żewġha, u niesu ċaħduha minn ġidu. Elisabetta rat li, skond il-kuxjenza tagħha, ma setgħatx tibqa' tgħix fil-kastell ta' Wartburg; u, minn rajha, ħallietu u ħalliet f'idejn Alla l-ġejjieni tagħha u ta' wiledha. Riedet tkun tixbah 'il Kristu li "ħa s-sura ta' lsir... ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt tas-Salib" (Fil. 3, 7-8); issa, imdawla mill-grazzja, għarfet li għaliha wkoll kien wasal il-mument qaddis tal-"kenosis". Imċaħħda minn wirtha u mitluqa minn kulħadd, lissnet ferħana l-innu tagħha ta' radd il-ħajr: "Imneżża' minn kull ġid ta' l-art, imġarrbha minn ħafna tbatijiet f'ġisimha, imxiet wara Kristu, mhux bħal nisa oħra li baqgħu jħarsu mill-bogħod, imma mill-qrib u sejf ta' niket nifdilha ruħha" (**De dictis quattuor ancillarum, Prol. 80-84**).

Wara li bil-għaqal kollu, ħasbet għall-ġejjieni ta' wliedha, libset iċ-ċoqqa ta' San Franġisk, nhar il-Ġimgħa l-Kbira ċaħdet għar-rieda tagħha u bħala terzjarja franġiskana, l-ewwel waħda f'art ġermaniża, bdiet tgħix biss ħajja ta' talb u ta' qadi lil għajrha.

Għandha bdew ġejjin, f'folol kbar, il-morda u l-iddisprati, u hi li kontinwament kienet tgħix fil-preżenza ta' Alla, kienet tagħti l-fejqan u s-sliem ta' Alla lil ħafna. "Araw, għidtulkom: jeħtieġ

inferrħu l-bnedmin". Wara li tat għal kollox "ħajjitha għal ħbiebha" (ara Ġw. 15, 13) fuq is-sodda tal-mewt qalet: "Għandek tkun taf li jien kont dejjem kuntenta". 750 sena ilu, fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Novembru tas-sena 1231, bi tbissima fuq fommha, marret tiltaqa' ma' oħtna l-mewt li għaqditha għal dejjem ma' Kristu u mal-maħbubin tagħha.

Għaddew biss 4 snin, u fl-1235, il-Papa Girgor IX iddikjaraha qaddisa

**Qaddisa għal żminijietna**

Egħżież ħuti ungeriżi!

Minn dak iż-żmien Santa Elisabetta hi torċa taqbad għal kull min jixbaħ 'il Kristu fil-qadi ta' għajru. Imma, qabel kollox, Santa Elisabetta hi eżempju għalikom, ungeriżi tas-seklu għoxrin, għalikom żgħażagħ, għalikom miżżewġin, ħabbara tal-imħabba ta' Alla fiż-żminijiet tal-lum.

Irrid inkellem lilkom, żgħażagħ ungeriżi. Ħarsu lejn Santa Elisabetta u ppruvaw tkixxfu l-misteru ta' ħajjitha. Issibu 'l Kristu, li ġà tafuh, imma forsi ma tħobbuhx biżżejjed. Agħtu widen għas-sejħa ta' Alla li tiġi mill-qiegħ ta' qalbkom, "niżżlu l-egħruq tagħkom fl-imħabba u fuqha ibnu ħajjitkom" (ara Ef. 2, 17). Kunu qalbiena u agħtu ħajjitkom lil Kristu, u, fiH, lil ħutkom. "Il-fqar huma dejjem magħkom" (Ġw. 12, 8): ħarsu sew madwarkom: fejn tgħixu, imbagħad, fl-isptarijiet, fejn tfarket il-familja, fl-istituti tal-karità, u ssibu xi ħukom xiħ, xi marid waħdu, xi invalidu abbandunat mill-familja, xi marid fir-ruħ jew fil-ġisem; f'dawn tistgħu taqdu 'l Kristu: "Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar minn dawn ħuti, għamiltuh miegħi" Mt. 26, 40). Biex tilqgħu din il-missjoni appostolika bl-ispirtu ta' Santa Elisabetta, tridu tqawwu l-fidi tagħkom fi Kristu billi tagħmlu regolarment użu mill-mezzi tal-grazzja fdati f'idejn il-Knisja. ,'Ħa jgħammar Kristu f' qalbkom permezz tal-fidi'' (Ef. 3. 17). Kunu r-rappreżentanti ta' l-imħabba kollha ħniena tal-Missier, biex flimkien ma' ħutkom li jemmnu u flimkien ma' dawk li qegħdin ifittxu f'Alla t-tifsira ta' ħajjithom, "tkunu tistgħu tifhmu flimkien mal-qaddisin kollha, x' inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu, tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef. 3, 18-29).

Aħsbu f'din is-sena ċentenarja, fuq il-ħajja ta' ferħ fil-familja li għexet Santa Elisabetta, intom il-miżżewġin, intom l-ommijiet u l-missirijiet tal-familja! Kunu qrib xulxin, fidili dejjem lejn xulxin mingħajr xejn ma jċaqlaqkom. Kunu konvinti li l-imħabba t'Alla u ħajja verament nisranija m'humiex xi tfixkil imma għajn li qatt ma tiġi nieqsa ta' mħabba bejn miżżewġin. Qaddsu 'l xulxin, wieħed 'il ieħor; għinnu 'l xulxin wieħed 'il ieħor biex tkunu xebh ma' Kristu. Ftakru li n-nies ta' Turingja jqisu qaddis 'il Dovik ukoll, flimkien ma' Elisabetta: Itolbu kuljum flimkien ukoll u kunu afu li Kristu jkun fostkom. Fi Kristu tistgħu tkunu dak li għandkom tkunu bil-qawwa tas-sagrament taż-żwieġ: ġisem wie-

ħed u ruħ waħda. Ilqgħu bil-ferħ l-isbaħ don li jista' jagħtikom Alla, il-Ħallieq ta' kollox: id-don tal-ħajja li hi mqaddsa sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha. Biddlu darkom fi knisja żgħira, rabbu 'l uliedkom fil-fidi. "Il-ħidma katekétika tal-familja għandha sura speċjali, u, b'xi mod, ma hemm xejn li jeħdilha postha" (**Catechesi tradendae, 68**).

Qaddsu 'l uliedkom, għallmuhom iħobbu 'l Kristu u l-Knisja tiegħu, jaqdu bla ebda interess lill-Poplu ta' Alla. Saħħu fikom il-fehma li tkunu qegħdin tagħtu 'l uliedkom l-aħjar ħaġa li għandkom meta tgħaddulhom il-fidi tagħkom u tagħtuhom eżempju bil-ħajja tagħkom. Tistgħu tkunu l-missirijiet u l-ommijiet ta' ulied li għad ikunu qaddisin, bħalma hi t-tielet tifla ta' Santa Elisabetta, Gertrude, meqjuma bħala qaddisa mill-premostratensi. Għożżu l-ġabra tal-knisja ż-żgħira ta' darkom, imma fl-istess ħin, kunu miftuħin għad-dmir kbir li tibnu s-Saltna ta' Alla. Kunu ċentru li jxerred madwar id-dija tal-imħabba għal kulħadd.

Is-soċjetà tal-lum teħtieġ ħafna rġiel u nisa lebsin 'il Kristu, li bil-ferħ u bla interess, jagħtu ruħhom għall-qadi ta' għajrhom, li bħala ommijiet u missirijiet iħaddnu magħhom u jgħinu l-fqar ta' żminijietna li tant jeħtieġu għożża, li tant jeħtieġu min jifhimhom, li tant jeħtieġu l-fidi u l-ġid tar-ruħ u tal-ġisem. Kunu żguri li b'hekk tkunu tissieħbu sewwa fil-missjoni appostolika waħdanija tal-Knisja.

Ħarsu lejn Santa Elisabetta lkoll kemm intom, ħuti ungeriżi. Agħrfu fiha s-sejħa tal-għaġeb tal-imħabba ta' Alla, "għani bil-ħniena" (Ef. 2, 4). Kunu kburin li Santa Elisabetta, den bint l-art ungeriża, saret qaddisa magħrufa u maħbuba fid-dinja kollha. Ħsiebha kien jisboq il-ħsieb ta' żmienha, qalbha għarfet il-qawwa li tgħaqqad tal-imħabba u l-ħtieġa kbira ta' l-għaqda. Il-verità ta' Kristu ħelsitha biex tkun tista' tibni l-għaqda bejn żewġt iġnus, tagħmel pont bejn żewġ klassijiet kontra xulxin, tiġbor fiha nfisha ħafna suriet ta' qdusija u fl-aħħarnett tqabbel flimkien qlub il-bnedmin.

Itolbu għalhekk l-interċessjoni tal-kbira Santa Elisabetta, din il-qaddisa hekk ta' żmienna, għall-pajjiżkom, għall-poplu tal-Ungerija, għall-għaqda bejn il-ġnus mibnija fuq l-imħabba u r-rispett għal xulxin. "F'isem Kristu msallab u rxoxt, fl-ispirtu tal-missjoni tiegħu bħala Messija, li għadha sejra fil-ġrajja tal-bnedmin, ngħollu leħenna u nitolbu li l-imħabba li l-Mulej għandu għalina f'dan il-mument tal-ġrajja tal-bniedem, u li, bil-ħidma tal-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, tidher fid-dinja tal-lum... nitolbu dan bl-inteċessjoni ta' dik li ma tehdhiex ixxandar il-ħniena ta' Alla 'f'kull żmien' u bl-interċessjoni ta' dawk ukoll li għalihom seħħ għal kollox il-kliem tad-Diskors tal-Muntanja: Henjin dawk li jħennu, għaliex huma jsibu ħniena" (Dives in misericordia 15).

Biex is-sena ċentinarja ta' Santa Elisabetta tkun għal kulħadd sena ta' tiġdid li tbiddel ħajjithkom, ħuti egħżież tal-Ungerija, nafdakom għall-ħarsien tal-"Magna Domina Hungarorum" u b'imħabba

speċjali nagħtikom il-barka appostolika tiegħi.

Minn San Pietru, 12 ta' Novembru, 1981

## MESSAĠĠ TAL-PAPA GĦALL-JUM IL-PAĊI 1982

### IL-PAĊI: DON TA' ALLA FDAT LILNA

Liż-żgħażagħ li fid-dinja ta' għada jridu jieħdu deċiżjonijiet importanti ħafna,
lill-irġiel u n-nisa li llum huma responsabbli tal-ħajja fis-soċjetà,
lill-familji u lill-għalliema,
lill-individwi u l-komunitajiet,
lill-Kapijiet tal-Istati u l-Mexxejja tal-gvernijiet:
Lilkom ilkoll jien nibgħat dan il-messaġġ fil-bidu tas-sena 1982. Nistedinkom timmeditaw miegħi fuq is-suġġett ta' dan il-Jum Dinji ġdid: il-paċi hi don ta' Alla fdat lilna.

1. Niltaqgħu ma' din il-verità meta niġu biex niddeċiedu x'se jkunu l-impenji tagħna u l-għażliet tagħna. Hi sfida għall-bnedmin kollha, għall-irġiel u n-nisa kollha li jafu li huma individwalment responsabbli ta' xulxin, u flimkien responsabbli tad-dinja kollha.

Fi tmiem l-ewwel gwerra dinjija, il-Papa Beneditt XV kiteb enċiklika fuq dan is-suġġett. Huwa u juri l-ferħ tiegħu għax kien intemm il-ġlied u huwa u jinsisti fuq il-ħtieġa li titwarrab il-mibegħda bi ħbiberiji ġodda mibnija fuq l-imħabba għal xulxin, beda l-enċiklika tiegħu b'riferenza għall-paċi "li hi don tassew ta' l-għaġeb li ġej minn Alla"; kif jgħid Santu Wistin, "il-paċi wkoll jekk inqisuha bħala waħda mill-ħwejjeġ tad-dinja li jgħibu malajr, hi dejjem kelma li m'hemmx waħda oħra aktar ħelwa minnha, hi dejjem xewqa li ma hemmx xewqa aktar mixtieqa minnha, hi don li ma jistax jinstab don aħjar minnu."

**(De Civitate Dei, XIX, xi — Enc. Pacem Dei munus, AAS 12 (1920) p. 29).**

### Sforzi għall-paċi f'dinja maqsuma

2. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Papiet li ġew qabli spiss fakkru din il-verità fl-isforzi tagħhom biex jedukaw il-bnedmin għall-paċi u jħeġġuhom biex jaħdmu għall-paċi li tibqa' dejjem. Illum il-paċi mad-dinja kollha, qiegħda tħasseb ħafna mhux biss lil dawk li huma responsabbli tad-destin tal-popli, imma wkoll, u wisq aktar, oqsma kbar tal-popolazzjoni tad-dinja u għadd bla qjies ta' nies li b'ġenerożità kbira u b'ħerqa liema bħalha qegħdin joħolqu opinjoni favur il-paċi biex ikun hemm paċi vera bejn il-popli u n-nazzjonijiet. Din ħaġa li tfarrġek. Imma xejn ma jista' jaħbi l-fatt li, minkejja l-isforzi kollha tal-irġiel u n-nisa kollha ta' rieda tajba, għad hemm ħafna theddid serju għall-paċi fid-dinja. Xi theddid għandu s-sura

ta' firdiet fi ħdan in-nazzjonijiet; theddid ieħor ġej minn tensjonijiet kbar, b'egħruq fil-fond ħafna, bejn nazzjonijiet jew blokki ta' nazzjonijiet fi ħdan il-komunità tal-bnedmin fid-dinja kollha.

Fil-fatt il-konfronti li qegħdin naraw illum jintgħażlu minn dawk tal-imgħoddi minħabba għadd ta' karatteristiċi ġodda. L-ewwelnett huma konfronti m**a**d-dinja kollha: ġlied lokali f'xi mkien spiss hu l-effett ta' tensjonijiet li għandhom il-bidu tagħhom f'xi mkien ieħor fid-dinja. Spiss ukoll jiġri li konflitt ikollu effetti kbar fi mkien ferm bogħod minn fejn beda. Karatteristika oħra hi **t-totalità** talħaġa: it-tensjonijiet taż-żmien tallum iqanqlu l-qawwiet kollha tan-nazzjonijiet li jkunu milquta minn dawn it-tensjonijiet; barra dan kollu, illum niltaqgħu wkoll ma' monopolju mibni fuq l-egoiżmu, u ġlied u tilwim, kemm dwar il-mod kif titmexxa l-ħajja ekonomika u kif tintuża x-xjenza għat-teknoloġija, u kemm dwar il-mod kif qegħdin jintużaw il-"mass media" u l-qawwiet militari. Fl-aħħarnett irridu nagħmlu enfasi fuq karattru **raidkali** tat-tilwim tal-lum: illum hi mhedda r-razza kollha tal-bnedmin: jibqgħux aktar bnedmin fid-dinja TANT HI KBIRA L-QAWWA GĦALL-QERDA li għandhom il-ħażniet militari tal-lum.

Fi ftit kliem, waqt li hemm ħafna fatturi li jistgħu jgħinu għall-għaqda fid-dinja, is-soċjetà tal-bnedmin tidher qisha dinja mifruda fiha nfisha: kull ma jista' jġib il-għaqda qiegħed iċedi quddiem il-firda li hemm bejn il-Lvant u l-Punent, bejn it-Tramuntana u Nofs in-nhar, bejn il-ħabib u l-għadu.

**Problema Essenzjali**

3. Il-kawżi ta' din il-qagħda huma komplikati ħafna u ta' suriet differenti. **Ir-raġunijiet politiċi** huma l-aktar li jingħarfu malajr. Gruppi partikulari jabbużaw mill-qawwa tagħhom biex igħabbu bil-madmad tagħhom soċjetajiet sħaħ. Xewqa kbira ta' espansjoni twassal lil ħafna nazzjonijiet biex jibnu l-progress tagħhom mingħajr ma jqisu — u xi drabi wkoll bil-qerda ta' — l-hena ta' l-oħrajn.

B'hekk nazzjonaliżmu bla rażan iġib 'il quddiem pjani ta' ħakma, li jħallu n-nazzjonijiet l-oħra f' qagħda li, jridu jew ma jridux, ikollhom jagħmlu għażla; jew jagħżlu li jkunu f'qagħda ta' dipendenza bħala satelliti ta' nazzjonijiet oħra, jew f'qagħda ta' pika u ta' ġlied ma' nazzjonijiet oħra. Jekk wieħed jgħarbel aktar fil-fond ir-raġuni ta' din il-qagħda, għandu jintebaħ li ġejja mill-applikazzjoni ta' ċerti fehmiet u ta' ċerti **ideoloġiji** li jippretendu li huma biss il-pedament tal-verità dwar il-bniedem, is-soċjetà u l-istorja.

Meta niġu biex nagħżlu bejn paċi u gwerra, insibu ruħna wiċċ imb'wiċċ magħna nfusna, man-natura tagħna stess, mal-pjanijiet tagħna għall-ħajja tagħna bħala individwi u fis-soċjetà, mal-użu li se nagħmlu mil-libertà tagħna. Ir-relazzjonijiet bejn il-popli se jkomplu mexjin bla ħniena fuq linja ta' nuqqas ta' ftehim u ta' konfront kiefer, għax din hi l-liġi iebsa tal-ħajja tal-bnedmin fid-dinja? Jew, kontra dak li naraw fl-annimali li jiġġieldu bejniethom skond il-"liġi" tal-ġungla, il-bnedmin hu-

ma msejħa b'mod speċjali u għandhom il-ħila min-natura tagħhom stess, li jgħixu fis-sliem ma' sħabhom ħa joħolqu l-kultura, is-soċjetà u l-istorja? Fl-aħħar mill-aħħar, meta nqisu l-kwistjoni tal-paċi, naslu biex inqisu wkoll x' inhu t-tifsir u x'inhi l-qagħda tal-ħajja tagħna bħala persuni u bħala membri tas-soċjetà.

## Il-Paċi, don ta' Alla

4. Il-paċi m'hijiex biss bilanċ superfiċjali bejn interessi materjali li ma jaqblux ma' xulxin — bilanċ li għandu x'jaqsam biss ma' ħwejjeġ materjali, ma' kemm huma dawn il-ħwejjeġ materjali. Il-paċi hi, fin-natura intima tagħha, xi ħaġa li aktar għandha x' taqsam mal-bniedem, mal-bniedem bħala bniedem responsabbli ta' egħmilu: hi għalhekk ta' natura morali u spiritwali, il-frott tal-verità u tal-virtù. Toħroġ mill-ħeġġa tar-rieda ħielsa tal-bniedem, hija mmexxija mir-raġuni għall-ġid ta' kulħadd u tinkiseb bil-verità l-ġustizzja u l-imħabba. **L-ordni tar-raġuni u tal-morali** jinbena fuq deċiżjonijiet meħudin mill-kuxjenza ta' bnedmin li qegħdin ifittxu armonija fir-relazzjonijiet ta' bejniethom, fir-rispett tal-ġustizzja għal kulħadd, u għalhekk f'rispett tad-drittijiet fundamentali ta' bniedem bħala persuna. Wieħed ma jifhimx kif dan l-ordni morali jista' jwarrab lil Alla, il-bidu ewlieni ta' kull ma hawn fil-ħolqien, il-verità fiha nfisha, l-aqwa ġid.

F'dan is-sens, il-paċi ġejja minn Alla bħala l-**fundament** tagħha: il-paċi hi don ta' Alla. Meta l-bniedem jiġi biex jagħmel tiegħu il-ġid u r-risorsi tad-dinja billi fuqhom hu jħaddem ħiltu — u huwa spiss minħabba f'hekk li jqumu l-ġlied u l-gwerer — "il-bniedem dejjem għandu jiltaqa' mad-don li tagħtih fil-bidu 'in-natura' u li, fl-aħħar mill-aħħar, hu don li jagħtih Alla stess li ħalqu" (Enċiklika **Laborem Exercens**, 12). Alla jagħti lill-bniedem fid-dinja xi ħaġa **aktar mill-ħolqien** biex imexxi u jiżviluppa għall-qadi tal-bnedmin kollha bla ebda għażla bejniethom: hu jnaqqax **ukoll fil-kuxjenza tal-bniedem** il-liġijiet li jgħaqluna nirrispettaw, f'ħafna suriet, il-ħajja u l-persuna ta' ħutna l-bnedmin l-oħra, maħluqin bħala sura xbieha ta' Alla. Alla hu għalhekk il-**garanti** ta' dawn id-drittijiet fundamentali kollha tal-bniedem. Iva, Alla hu l-bidu u l-għajn tal-paċi: isejjaħ għall-paċi, iħarisha, u jagħtiha bħala frott tal-"ġustizzja".

Barra dan, Alla **jgħinna** f'ruħna biex niksbu jew nergħu nsibu l-paċi. Tul il-ħajja qasira tagħna, dejjem mhedda mill-iżball u d-deni, aħna l-bnedmin infittxu l-paċi fost ħafna diffikultajiet. Il-fakultajiet tagħna huma mdallmin minn ħafna deħriet taparsi tal-verità, imħajrin minn ġid qarrieq, imbegħdin mit-triq it-tajba minn istinti egoisti u bla raġuni. Għalhekk jeħtieġilna niftħu qalbna għad-dawl sopranaturali ta' Alla li jdawlilna ħajjitna, isaffiha minn kull żball, u jeħlisna minn kull passjoni ta' ġlied. Alla mhux bogħod minn qalb dawk li jitolbuh u jippruvaw jagħmlu djalogu miegħu, bil-libertà kollha, Alla jofrilhom is-sliem bħala xirka ta' mħabba ma' Alla u ma' ħuthom. Fl-Iskrittura l-kelma "sliem" in-

sibuha kontinwament marbuta mal-fehma ta' hena, armonija, ġid, sigurtà, ftehim, salvazzjoni u ġustizzja, bħala l-aqwa barka li Alla, "Il-Mulej tas-sliem" (2 Tes 3, 16), ġà qiegħed jagħti u jwiegħed bilkotra: "Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara" (Is. 66, 12).

**Don ta' Alla fdat lilna**

5. Għalkemm il-paċi hija don, il-bniedem qatt ma hu skużat mir-responsabbiltà li jfittixha u, bittħabrik tiegħu bħala individwu u bħala membru tas-soċjetà iwaqqafha, tul il-ġrajja kollha tal-bniedem. Id-don tal-paċi li jagħti Alla, hu wkoll tul iż-żminijiet kollha rebħa u suċċess tal-bniedem, la darba l-paċi tingħatalna biex naċċettawha minn rajna n nġibuha 'l quddiem bil-mod il-mod bir-rieda tagħna li nagħmlu xi ħaġa. Barra dan, Alla, fl-imħabba tiegħu għall-bniedem, qatt ma jħallina waħedna u, ukoll fiż-żminijiet l-aktar imdallma tal-istorja, imexxina 'l quddiem jew jiġbidna lura, b'mod misterjuż, lejn it-triq tas-sliem. Id-diffikultajiet, l-iżbalji u t-traġedji tal-imgħoddi u tal-lum għandna nqisuhom bħala lezzjonijiet provvidenzjali li minnhom nitgħallmu l-għerf li neħtieġu biex insibu triqat ġodda, aktar jaqblu mar-raġuni u aktar qalbiena, għall-bini tal-paċi. Jekk inkunu mqanqlin mill-verità ta' Alla, niksbu l-ideal u l-enerġija li neħtieġu biex negħilbu l-qagħdiet ta' inġustizzja, biex neħilsu minn ideoloġija ta' setgħa u ta' ħakma, u biex nimxu lejn vera mħabba bejn l-aħwa mad-dinja kollha.

**L-insara**, fidili lejn Kristu li ħabbar "il-Bxara t-Tajba tas-Sliem" u ġab is-sliem fil-qlub billi ħabbibhom ma' Alla, għandhom raġunijiet aktar qawwija — kif se nuru fi tmiem dan il-messaġġ — biex iqisu l-paċi bħala don ta' Alla, u biex bil-kuraġġ kollu jgħinu ħa sseħħ f'din id-dinja, skond it-tama li għad isseħħ fil-milja kollha tagħha fis-saltna ta' Alla. Jafu wkoll li huma msejħin biex igħaqdu l-isforzi tagħhom ma' dawk tan-**nies li jemmnu f'reliġjonijiet oħra**, li, bla serħan, jikkundannaw il-mibegħda u l-gwerra u jagħtu ruħhom, b'mod jew ieħor, għall-progress tal-ġustizzja u l-paċi.

Nibdew biex inqisu l-pedament naturali ta' din il-fehma tal-bnedmin kollha, fehma mimlija b'tama hekk kbira għall-paċi; u ninsistu fuq ir-responsabbiltà morali bi tweġiba għad-don ta' Alla. Dan idawwal u jħeġġeġ il-ħidma tal-bniedem f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-informazzjoni, l-istudju u l-impenn għall-paċi, tliet oqsma li rrid issa nfisser permezz ta' xi eżempji.

**Informazzjoni**

Sa ċertu livell, il-paċi fid-dinja tiddependi fuq għarfien aħjar ta' xulxin mill-individwi u s-soċjetajiet. Dan l-għarfien jiddependi mill-informazzjoni u mis-sura tal-informazzjoni li tkun. Dawk li jfittxu u jħabbru l-verità, huma u juru rispett u mħabba għall-oħrajn, qegħdin jaħdmu għall-paċi. Dawk li jagħtu ruħhom biex juru x'inhuma l-valuri ta' kull kultura, l-individwalità ta' kull soċjetà, u l-għana bħala bnedmin ta' kull poplu, qegħdin jaħdmu għall-paċi.

Dawk li jwasslu tagħrif biex jitwarrbu min-nofs id-distanzi, biex kulħadd tassew iħoss għall-ħtiġijiet ta' nies li huma vittmi tal-gwerra u ta' inġustizzji f'pajjiżi 'l bogħod ħafna minna, qegħdin jaħdmu għall-paċi. Veru li meta jkun hemm ħafna tagħrif bħal dan, speċjalment f'każijiet ta' diżgrazzji kbar li ma jiddependu xejn minna, dan, fl-aħħar mill-aħħar, jista' joħloq indifferenza u xaba' f'dawk li jirċievu biss it-tagħrif mingħajr qatt ma jagħmlu xejn. Iżda, fiha nfisha, il-ħidma tal-"mass media" hi ta' ġid: kull wieħed minna issa huwa msejjaħ biex ikun il-proxxmu ta' ħutu kollha fid-dinja (ara Lq. 10, 29-37).

L-informazzjoni meta tkun mill-aħjar għandha influwenza diretta fuq l-edukazzjoni u fuq deċiżjonijiet politiċi. Jekk iż-żgħar iridu jsiru jafu bil-problemi tal-paċi u jiġu preparati biex jaħdmu għall-paċi, il-programmi edukattivi jridu bilfors jagħtu tagħrif dwar qagħdiet li jeżistu fid-dinja fejn il-paċi hi mhedda, u juru x'inhu meħtieġ biex il-paċi timxi 'l quddiem. Il-paċi ma tinbeniex bis-setgħa biss ta' min jaħkem. Il-paċi tinbena fis-sod biss jekk tkun taqbel mal-fehma soda tan-nies kollha ta' rieda tajba. Min għandu s-setgħa jrid ikun imdawwal u mwieżen mill-opinjoni pubblika li tħeġġu, u fejn hu meħtieġ, turih ukoll li ma taqbilx. Għalhekk hi ħaġa sewwa wkoll li min għandu s-setgħa jfisser lill-pubbliku dak kollu li għandu x'jaqsam mal-problema tal-paċi.

**Studju li jgħin għall-bini tal-paċi**

7. Il-bini tal-paċi jiddependi wkoll mill-progress li jsir fl-istudji dwar il-paċi. Studji xjentifiċi fuq il-gwerra, fuq in-natura tagħha, fuq il-kawżi, il-mezzi, l-għaniet u l-perikli tagħha għandhom ħafna x'jgħallmuna dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-paċi. Dawn l-istudji, għax jitfgħu dawl fuq ir-relazzjonijiet bejn gwerra u politika, juru li fil-ġejjieni se jiswew aktar id-diskussjonijiet milli l-ġlied bl-armi biex jinstab tarf għat-tilwim bejn in-nazzjonijiet.

Minn dan jiġi li l-għan tal-liġi għall-ħarsien tal-paċi jrid ikompli jissaħħaħ. Kulħadd jaf li f'kull pajjiż il-ħidma tal-**ġuristi** tgħin ħafna biex il-ġustizzja u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem jimxu 'l quddiem. Il-ħidma tal-ġuristi għaldaqstant tiswa biex jintlaħqu l-istess skopijiet fuq livell internazzjonali u jitjiebu l-istrumenti ġuridiċi għall-bini u l-ħarsien tal-paċi.

Iżda, għax il-ħerqa għall-paċi hi minquxa fil-fond ta' qalbna, il-progress fit-triq tal-paċi jsib għajnuna kbira wkoll mill-istudji tal-**psikoloġi** u l-**filosofi**. Veru li x-xjenza tal-gwerra stagħniet bl-istudju dwar meta, bla raġuni ta' xejn, il-bniedem iħebb għal ħaddieħor, iħossu mbuttat għall-qtil jew jagħmel bħall-mogħoż affarijiet li hin bla waqt jistgħu jaħkmu soċjetajiet sħaħ. Iżda għad hemm ħafna x'jingħad dwar il-biża' tagħna l-bnedmin li nagħmlu użu mill-libertà tagħna, u dwar in-nuqqas ta' sigurtà li nħossu quddiemna stess u quddiem l-oħrajn. Tagħrif aħjar dwar l-impulsi favur il-ħajja, is-simpatija istintiva għall-poplu l-oħra, il-ħeffa li biha nħobbu 'l oħrajn u nkunu lesti naqsmu

magħhom dak li għandna, żgur igħinu ħafna biex nifhmu aħjar il-mekkaniżmi psikoloġiċi li jgħinu għall-paċi.

Permezz ta' dawn l-istudji, il-psikoloġija hi msejħa biex iddawwal u tkompli x-xogħol tal-filosofi. Il-filosofi dejjem ħasbu fuq il-problemi tal-paċi u l-gwerra. Qatt ma kienu neqsin mir-responsabbiltà f' dan. Għadha ħajja sewwa t-tifkira ta' dawk il-filosofi li raw il-bniedem "bħala lupu għal ħutu l-bnedmin", u l-gwerra bħala ħaġa meħtieġa mill-bniedem. Iżda, hu veru wkoll li ħafna minnhom riedu jqegħdu pedament għall-paċi li tibqa' għal dejjem, billi fasslu, biex insemmu eżempju, pedament teoriku sod tal-liġi internazzjonali.

Dawn l-isforzi kollha jistħoqqilhom jibqgħu u jkomplu. Il-filosofi li jagħtu ruħhom għal din il-ħidma, jistgħu jsibu għajnuna kbira fil-ħafna kontribuzzjonijiet mogħtija minn kurrent filosofiku tal-lum, li qiegħed jagħti importanza kbira għall-persuna tal-bniedem u b' mod speċjali, għall-istudju tal-libertà u tar-responsabbiltà. Dan jista' jagħti dawl kbir lir-riflessjonijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem, fuq il-ġustizzja u fuq il-paċi.

**Ħidma indiretta**

8. Jekk il-mixi 'l quddiem tal-paċi, b'xi mod, jiddependi mill-informazzjoni u mir-riċerka, fl-aħħar mill-aħħar, jiddependi l-aktar mill-ħidma li n-nies jagħmlu għall-paċi. Xi ħidmiet li se nsemmu hawn għandhom biss relazzjoni indiretta mal-paċi. Iżda niżbaljaw jekk inqisuhom mhux importanti: kif se nuru minn xi ftit eżempji li se nsemmu, kważi kull qasam tal-ħidma tal-bniedem jagħti okkażjonijiet mhux mistennija għall-mixi 'l quddiem tal-paċi.

Dan hu l-ka tal-**bidliet kulturali** fis-sens l-aktar wiesgħa tal-kelma. Kull ħaġa li tgħin biex in-nies jaslu biex ikunu jafu 'l xulxin aħjar permezz ta' attivitajiet kulturali, jgħin biex iġarraf il-ħitan ta' bejniethom. Meta l-kliem ma jiswiex u d-diplomazija tagħti għajnuna li ma hi xejn żgura, il-mużika, il-pittura, it-tijatru u l-isports iressqu n-nies aktar lejn xulxin. L-istess ngħidu dwar ir-**riċerka xjentifika:** ix-xjenza, bħall-arti, toħloq u tiġbor flimkien soċjetà universali li tħaddan lil dawk kollha li jħobbu l-verità u l-ġmiel, bla ebda firda bejniethom. B'hekk ix-xjenza u l-arti huma, kull waħda fil-qasam tagħha, tħabbira minn qabel tal-bidu ta' soċjetà universali li tgħix fis-sliem.

**Il-ħajja ekonomika** wkoll għandha tressaq in-nies lejn xulxin. Veru li r-relazzjonijiet ekonomiċi spiss joħolqu okkażjonijiet ta' konfronti u ta' piki bla ħniena u xi kull tant ukoll ta' sfruttament bla qjies u bla mistħija. Iżda ma jistgħux dawn ir-relazzjonijiet isiru relazzjonijiet ta' servizz u ta' solidarjetà u hekk ineħħu min-nofs waħda mill-kawżi li l-aktar jaqilgħu inkwiet u tilwim?

**Ġustizzja u paċi fi ħdan in-nazzjonijiet**

9. Il-paċi għandu jħabrek għaliha kulħadd, imma dan id-dmir hu l-ewwel u l-aktar id-dmir tal-**mexxejja politiċi.** Meta nħarsu lejn il-problema tal-paċi b'dan il-

mod, il-post fejn tinbena l-paċi jkun dejjem in-nazzjon bħala soċjetà organizzata politikament. Issa l-għan li għalih titwaqqaf soċjetà politika hu biex isseħħ il-ġustizzja biex ikun hemm progress fil-ġid ta' kulħadd u biex kulħadd ikollu sehem f'dan; għalhekk soċjetà politika tgawdi l-paċi daqskemm dawn it-tliet affarijiet huma mħarsa sewwa. Il-paċi tista' tiżviluppa biss fejn huma mħarsin il-ħtiġijiet elementari tal-ġustizzja.

Ir-rispett sħiħ u effettiv għad-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem hi l-kundizzjoni meħtieġa biex il-paċi ssaltan fis-soċjetà. Quddiem dawn id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet l-oħra kollha huma b'xi mod ġejjin minnhom u sekondarji. F'soċjetà fejn dawn id-drittijiet m'humiex imħarsa, tinqered minnufih l-idea tal-universalità malli grupp żgħir ta' individwi jwaqqfu, għall-vantaġġ tagħhom biss, prinċipju ta' diskriminazzjoni li bih id-drittijiet u l-istess ħajja ta' l-oħrajn ikunu jiddependu biss mill-burdati ta' min hu aktar b'saħħtu. Soċjetà bħal din ma tistax tkun paċi magħha stess: għandha fi ħdanha prinċipju li jwassal għall-firda. Għall-istess raġuni, soċjetà politika tkun tista' tassew tagħti sehemha għall-bini tal-paċi fid-dinja kollha, biss jekk hemm il-paċi fi ħdanha, jiġifieri jekk bis-serjetà kollha qiegħda ġġib 'il quddiem fi ħdanha d-drittijiet tal-bniedem. Daqskemm il-mexxejja ta' pajjiż qegħdin iħabirku biex jagħmlu l-pajjiżhom soċjetà verament ġusta, daqshekk ieħor jistgħu verament igħinu għall-bini ta' paċi vera, li tibqa', fuq pedamenti sodi. (Ara **Pacem in terris,** 11)

**Ġustizzja u paċi bejn in-nazzjonijiet**

10. Il-paċi fi ħdan kull nazzjon hi kundizzjoni meħtieġa għall-iżvilupp ta' paċi vera, iżda m'hijiex biżżejjed. Il-bini tal-paċi mad-dinja kollha ma jistax ikun ir-riżultat tax-xewqat ta' kull pajjiż għalih waħdu, għaliex dawn ix-xewqat spiss ma jkollhomx tifsir ċar u xi kull tant ikun kontra xulxin. Hu proprju biex jegħlbu dan in-nuqqas, li n-nazzjonijiet waqqfu **organizzazzjonijiet internazzjonali,** bi skop, fost oħrajn, li jqabblu ma' xulxin ix-xewqat ta' kull nazzjon u jgħaqqduhom flimkien għall-ħarsien tal-paċi u għat-tkattir tal-ġustizzja bejn in-nazzjonijiet.

Bl-awtorità li kisbu u bis-suċċessi li kellhom, l-Organizzazzjonijiet internazzjonali kbar għamlu ħidma tassew ta' l-għaġeb għall-paċi. Veru li mhux dejjem irnexxilhom jagħmlu dak li riedu: ma rnexxilhomx jevitaw il-gwerer kollha jew iwaqqfuhom malajr. Imma għenu biex juru lid-dinja li l-gwerer, id-dmija, il-biki, m'humiex il-mezzi biex jintemmu t-tensjonijiet bejn nazzjon u oħra. Taw, biex ngħidu hekk, prova bil-fatti li fuq livell internazzjonali wkoll il-bnedmin kapaċi jaħdmu flimkien u jħabirku flimkien għall-paċi.

**Il-ħerqa għall-paċi fit-twemmin nisrani**

11. F'dan il-pont tal-messaġġ tiegħu nixtieq inkellem b'mod aktar speċjali lil ħuti fil-Knisja. Il-Knisja ssostni u tħeġġeġ kull sforz serju għall-paċi. Mingħajr ma taħsibha darbtejn, hi tħabbar

li l-ħidma ta' dawk kollha li jagħtu l-aħjar tagħhom għall-paċi, tagħtihom sehem fil-pjan ta' Alla tas-salvazzjoni f'Ġesù Kristu. Iżda l-Knisja trid tfakkar lill-insara li għalihom hemm raġunijiet aqwa biex huma jagħtu xhieda attiva tad-don tal-paċi li jagħti Alla.

L-ewwelnett, il-kelma u l-eżempju ta' Kristu taw bidu għall-imġieba ġdida favur il-paċi. Kristu wassal l-etika tal-paċi ħafna 'l hemm mill-imġieba ordinarja tal-ġustizzja u tal-ftehim. Fil-bidu tal-missjoni tiegħu huwa ħabbar: "Henjin dawk li jġibu l-paċi għaliex jissejħu wlied Alla" (Mt 5, 9). Bagħat id-dixxipli tiegħu iwasslu s-sliem minn dar għal dar, minn belt għall-oħra (Mt 10, 11-13) Ħeġġiġhom jagħżlu s-sliem u mhux il-vendetta hi ta' liema sura hi, u jiċċaħħdu wkoll minn xi drittijiet fuq l-oħrajn — tant kellu għal qalbu li jċarrat minn qalb il-bniedem kull sinjal ta' aggressività (Mt 5, 38-42). Qalilhom iħobbu lil dawk li għal xi raġuni jew oħra saru egħdewwa tagħhom (Mt 5, 43-48). Bħala eżempji kien isemmi nies li ta' spiss kienu jiġu mmaqdrin (Lq 10, 33; 17, 16). Ħeġġeġ lin-nies biex ikunu dejjem umli u jaħfru dejjem (ara Mt 18, 21-22). L-imġieba li taqsam dak li għandek ma' min ma għandu xejn — u fuq dan rabat il-ġudizzju ta' l-aħħar — kellha tkun kontribut radikali biex jitwaqqfu relazzjonijiet veri ta' mħabba bejn l-aħwa.

Dawn l-appelli ta' Ġesù u l-eżempju tiegħu kellhom influwenza kbira fuq l-imġieba tad-dixxipli tiegħu ma' kullimkien, kif jixhdu elfejn sena ta' storja. Imma l-ħidma ta' Kristu hi fuq livell tassew għoli, hi fuq il-livell ta' bidla misterjuża fil-qalb. Hu "ġab tassew paċi lill-bnedmin li fihom Alla sab l-għaxqa tiegħu", kif ħabbru l-Anġli meta twieled (ara Lq 2, 14), u dan għamlu mhux biss billi wriehom l-imħabba tal-Missier għalihom imma fuq kollox billi ħabbibhom ma' Alla permezz tas-sagrifiċċju tiegħu. Għaliex hu d-dnub u l-mibegħda li jfixklu l-paċi ma' Alla u ma' l-oħrajn, qeridhom billi offra ħajtu fuq is-Salib: ħabbeb flimkien f'ġisem wieħed dawk li kienu egħdewwa ta' xulxin (ara Ef 2, 16, Rum 12, 5). L-ewwel kelmiet li qal lill-Appostli wara li rxoxta kienu: "Is-sliem għalikom" (Ġw 20, 19). Dawk li jħaddnu l-fidi fil-Knisja huma komunità profetika: bl-Ispirtu s-Santu mogħti minn Kristu, wara l-Magħmudija li tagħmilhom parti mill-Ġisem ta' Kristu, huma jġarrbu l-paċi mogħtija minn Alla fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u fit-tqarbina ewkaristika; huma jxandru l-Bxara t-tajba tas-Sliem" (Ef 6, 15); jippruvaw igħixuha minn jum għall-ieħor, bilfatti; u jixxenqu għaż-żmien tal-ħbiberija sħiħa meta, b'qawwa ġdida ta' Alla li jqajjem mill-imwiet, aħna nifthu għal kollox qalbna għal Alla u għal ħutna. Din hi d-dehra tal-fidi li ssaħħaħ il-ħidma tal-insara għall-paċi.

Hekk, il-Knisja, bil-preżenza tagħha stess, tinsab fid-dinja bħala soċjetà ta' nies li jħobbu 'l xulxin u qegħdin igħixu fil-paċi bil-grazzja ta' Kristu, f'xirka ta' mħabba u ħajja ma' Alla u ma' ħuthom 'l hemm minn kull ma jista' jifred il-bnedmin minn xulxin: fiha nfisha il-Knisja hi ġa, u

tħabrek biex tkun dejjem aktar fil-fatt, don u ħmira tal-paċi mogħtija minn Alla lill-bnedmin kollha. Veru li l-membri tal-Knisja jħossu li huma għadhom midinbin, f' din il-ħaġa wkoll; imma almenu jħossu r-responsabbiltà kbira li għandhom li jużaw fil-fatt dan id-don tal-paċi. Biex dan jagħmluh, iridu l-ewwelnett jegħilbu kull ma jifridhom bejniethom, biex bla dewmien jibdew mexjin lejn il-milja ta' l-għaqda fi Kristu: b'hekk huma jissieħbu ma' Alla ħa joffru l-paċi tiegħu lid-dinja. Iridu wkoll igħaqqdu l-isforzi tagħhom ma' dawk tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba li qegħdin jaħdmu għall-paċi fil-ħafna oqsma tas-soċjetà u tal-ħajja internazzjonali. Il-Knisja tixtieq li wliedha, bix-xhieda u l-inizjattivi tagħhom, ikunu quddiemnett fost dawk li qegħdin iħejju l-paċi u jġagħluha ssaltan. Fl-istess ħin, il-Knisja taf ukoll, li fil-mument din hija ħidma iebsa ħafna, ħidma li titlob ġenerożità kbira, għażla u tama, bħala sfida tassew.

**Il-paċi sfida li tibqa' għall-insara**

12. L-ottimiżmu ta' l-insara, mibni fuq is-Salib glorjuż ta' Kristu u fuq id-don tal-Ispirtu s-Santu, m'huwiex raġuni biex nitqarrqu bina nfusna. Għall-insara l-paċi fl-art hi dejjem sfida, minħabba d-dnub li hemm moħbi f'qalb il-bniedem. L-insara, imqanqlin mill-fidi u t-tama tagħhom, iħabirku għalhekk għall-progress ta' soċjetà ġusta; jeħduha kontra l-ġuħ, innuqqas u l-mard fid-dinja; jitħassbu fuq dak li qiegħed jiġri lill-emigranti, lill-priġunieri u lill-imwarrbin fil-ġenb (ara Mt 25, 35-36). Imma jafu wkoll li dawn l-attivitajiet kollha, waqt li juru xi ftit mill-ħniena u l-perfezzjoni ta' Alla (ara Lq 6, 36; Mt 4, 48), huma dejjem limitati fl-estensjoni tagħhom, mhux żguri minn dak li jirnexxilhom jagħmlu u mhux dejjem ċerta r-raġuni għaliex isiru. Hu Alla, li jagħti l-ħajja, li jista' biss itemm it-tama mħeġġa tagħna meta jiġbor kollox fi Kristu (ara Ef 1, 10) u jwassal għat-tmiem tiegħu kull ma seħħ fl-istorja skond l-Ispirtu tiegħu f'kull ma għandu x'jaqsam mal-ġustizzja u l-paċi.

Għalkemm l-insara jużaw l-aħjar enerġiji tagħhom biex ma jkunx hemm gwerer jew biex iwaqqfu l-gwerer, ma jitqarrqux bihom infushom billi jaħsbu li l-kawża tal-paċi se tirbaħ bil-ħila tagħhom, u l-anqas billi jaħsbu kemm se jiswew l-isforzi tagħhom għal dan il-għan. Għalhekk jinteressaw ruħhom fl-inizjattivi kollha tal-bnedmin favur il-paċi u spiss jissieħbu fihom: iżda jqisuhom kif veramenti huma, bl-umiltà kollha. Wieħed jista' jgħid li "jirrelattivizzawhom" f'żewġ sensi: jiġifieri jqisuhom min-naħa f'relazzjoni mal-qagħda tad-dnub tal-bniedem, u min-naħa l-oħra mal-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni. L-ewwelnett l-insara jagħrfu li, moħbija fil-qalb tal-bniedem, hemm pjanijiet ta' ġlied, ħakma u manipulazzjoni ta' l-oħrajn, u xi kull tant f'dawn il-pjanijiet bil-moħbi, jseħħu l-fehmiet tan-nies, minkejja ħafna dikjarazzjonijiet tagħhom u sinjali favur il-paċi. L-insara jafu li f'din id-dinj soċjetà ta' bnedmin li tgawdi l-paċi dejjem u għal kollox hi diżgrazzjatament biss ħolma sabiħa, u

dawk l-ideoloġiji li jsostnu li ħaġa bħal din tista' tinkiseb bil-ħeffa kollha, huma mibnijin fuq tamiet li ma jistgħux iseħħu, hi x'inhi r-raġuni tagħhom. Din hi kwistjoni ta' fehma żbaljata tal-qagħda tal-bniedem u ta' nuqqas ta' studju sħiħ tal-kwistjoni kollha kemm hi fiha nfisha; tista' tkun ukoll ħarba mill-fatti biex ittaffi l-biża', jew f' xi każijiet oħra wkoll biex wieħed iġib 'il quddiem l-interessi proprji tiegħu. L-insara huma konvinti, almenu għax hekk tgħallmu mill-esperjenza personali tagħhom, li dawn it-tamiet qarrieqa jwasslu dritt għall-paċi falza tar-reġimi totalitarji. Iżda din il-fehma mibnija fuq il-fatti ma hijiex tat-tfixkil għall-insara biex jaħdmu għall-paċi: anzi, tqanqlilhom il-ħeġġa, għaliex jafu li r-rebħa ta' Kristu fuq il-qerq, il-mibegħda u l-mewt, tagħti lil dawk li jħobbu l-paċi raġuni aktar qawwija biex jaħdmu milli jagħtuhom it-teoriji mill-aktar ġenerużi dwar il-bniedem: ir-rebħa ta' Kristu tagħti wkoll tama aktar soda minn kull tama li jista' jagħti l-ħolm l-aktar esaġerat.

Hu għalhekk li l-insara, ukoll huma u jħabirku biex iżommu u jwaqqfu kull xorta ta' gwerra, ma jaħsbuhiex darbtejn li jfakkru f' isem il-prinċipju l-aktar elementari tal-ġustizzja, li l-popli kollha għandhom id-dritt u d-dmir ukoll li jħarsu l-eżistenza u l-libertà tagħhom b'mezzi xierqa kontra kull min iħebb għalihom inġustament (ara **Gaudium et Spes, 79**). Iżda minħabba d-differenza li hemm bejn gwerra klassika u l-gwerra nukleari jew batterjoloġika — differenza biex ngħidu hekk ta' natura — u minħabba l-ġirja għall-armi tal-gwerra, li hu skandlu kbir meta tqis il-ħtiġijiet kbar tat-Tielet Dinja, dan id-dritt, li hu veru dritt fil-fatt bħala prinċipju, illum juri biss kemm jeħtieġ li s-soċjetà tal-bnedmin, bla ebda telfien ta' żmien, għandha jkollha l-mezzi kollha li żgur iwasslu għall-ftehim permezz ta' negozjati. B' dan il-mod it-twerwir nukleari li qiegħed jaħkimna f'dan iż-żmien, ajsal biex iħeġġiġna ħalli nħabirku biex jistagħna l-wirt tagħna billi nsibu ħaġa li malajr nistgħu nsibuha, jiġifieri billi nifhmu li l-gwerra hu l-mezz l-aktar salvaġġ u l-anqas tajjeb biex jintemm it-tilwim. Aktar minn qabel, illum, is-soċjetà tal-bnedmin hi mġiegħelha ssib għaliha mezzi ta' konsultazzjoni u ta' djalogu li teħtieġ jekk trid tibqa' teżisti, u għalhekk istituzzjonijiet meħtieġa għall-bini tal-ġustizzja u l-paċi.

Jalla tifhem li ħidma bħal din hi ħaġa li l-bniedem waħdu ma għandux ħila jagħmilha!

### Talb għall-paċi

13. Tul dan il-messaġġ għamilt appell lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba speċjalment lill-insara għax **Alla tassew ried jafda f'paċi f' idejn il-bnedmin.** Bir-realiżmu u t-tama li jiġu mill-fidi, ippruvajt nuri liċ-ċittadini u l-mexxejja tan-nazzjonijiet li hemm għadd ta' egħmejjel u ta' mġieba li ġà jistgħu jsiru u jistgħu jkunu pedament sod għall-paċi. Iżda barra l-ħidma kollha, anzi flimkien ma' din il-ħidma kollha, li tista' tidher li tiddependi għal kollox mill-bniedem, hemm il-fatt li **l-paċi hi fuq kollox don ta' Alla** — ħaġa li ma

għandha tintesa qatt — u ħaġa li għandna bla heda nitolbuha lilħniena tiegħu.

Din il-konvinzjoni żgur tidher li tħaddnet min-nies ta' kull kultura li taw l-ewwel post lill-paċi fit-talb tagħhom. Din it-talba nsibuha firreliġjonijiet kollha. Kemm irġiel għaddew minn ġlied li ġab tant imwiet u minn kampi ta' konċentrament, kemm nisa u tfal, imġarrbin mill-gwerer fl-imgħoddi talbu lil Alla tas-Sliem! Illum meta l-perikoli saru aktar serji minħabba l-kobor tagħhom u n-natura radikali tagħhom, u meta d-diffikultajiet għall-bini tal-paċi ħadu sura ġdida u ta' spiss jidhru li ma hemmx soluzzjoni għalihom, ħafna individwi qegħdin isibu ruħhom imġagħlin jitolbu, ukoll jekk ma humiex imdorrijin jagħmlu dan.

Iva, il-ġejjieni tagħna hu f'idejn Alla ,li biss jagħti l-vera paċi. U meta l-qalb tal-bniedem taħseb, bis-sinċerità kollha, fil-ħidma għall-paċi hi l-grazzja ta' Alla li tkun tqanqal u ssaħħaħ dawn il-ħsibijiet. Kull bniedem b'xi mod hu msejjaħ biex ikollu s-sentimenti ta' San Franġisk ta' Assisi, li din is-sena qegħdin infakkru t-tmien mitt sena tat-twelid tiegħu: Mulej għamilni strument tal-paċi tiegħek: fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ l-imħabba; fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex il-maħfra; fejn hemm il-firda, ħallini nibni l-paċi.

L-insara jħobbu jitolbu għall-paċi, meta jagħmlu tagħhom it-talb ta' ħafna mis-salmi kollhom invokazzjonijiet għall-paċi, imtennijin bl-imħabba ta' Ġesù għal kulħadd. Hawn għandna ħaġa tassew ta' qawwa kbira u li nistgħu naqsmu flimkien f'kull ħidma ekumenika. Nies li jemmnu mad-dinja kollha qegħdin huma wkoll jistennew mingħand Alla d-don tal-paċi u, ħafna nies ta' rieda tajba, ftit jew wisq qegħdin jintebħu li huma lesti biex jagħmlu huma wkoll din it-talba fis-skiet ta' qalbhom. Jalla dan it-talb kollu ħeġġa jitla' quddiem Alla mill-erbat itruf ta' l-art! Ha jwassal dan it-talb għall-għaqda sħiħa f'fehma waħda fil-mixi fit-triq tal-paċi. U min jista' jiddubita li Alla ma jismax it-talba ta' wliedu u jwieġeb għall-għajta tagħhom: Mulej ,agħtina l-paċi! Mulej, agħtina s-sliem!

## L-ESORTAZZJONI APPOSTOLIKA "FAMILIARIS CONSORTIO"

### Preżentazzjoni mill-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan

Bl-eżortazzjoni Appostolika "Familiaris consortio" il-Papa Ġwann Pawlu II, bħala suċċessur ta' San Pietru, ried jagħti servizz lill-Knisja, billi jwasslilha l-frott tal-ħidma li saret fis-sitt Sinodu tal-Isqfijiet (26 ta' Novembru — 25 ta' Ottubru 1980) fuq "id-dmirijiet tal-familja nisranija fid-dinja tal-lum."

Is-Sinodu beda t-tħejjija tiegħu fil-knejjes ta' kull pajjiż li lestew xi punti dwar il-problemi tagħhom fil-familja; minn dawn il-punti s-Segreterija tas-Sinodu ħejjiet "dokument ta' studju" għas-Sinodu, li temm il-ħidma tiegħu billi ppreżenta lill-Papa 43 propożizzjoni, li kienu jiġbru fil-qasir dak kollu li ntqal waqt id-diskussjonijiet fis-Sinodu.

Ftit aktar minn sena wara egħluq is-Sinodu, il-Papa, fit-22 ta' Novembru li għadda, nhar il-festa ta' Kristu Re, iffirma l-esortazzjoni apostolika ta' wara s-Sinodu (ittieni waħda wara l-**Catechesi tradendae**), u qiegħed jibgħatha lil kulħadd bħala xhieda oħra tas-servizz tal-Knisja liż-żwieġ u lill-familja.

**Il-Familiaris consortio** għandha erba' taqsimiet.

**L-ewwel taqsima: DWAL U DELLIJIET FIL-FAMILJA TAL-LUM**

Fl-ewwel taqsima għandna deskrizzjoni qasira tal-qagħda tal-familja fid-dinja tal-lum, qagħda li turi aspetti tajbin u aspetti ħżiena jew aspetti li joħolqu problemi, qagħda li tħaddan affarijiet ta' siwi u affarijiet bla ebda siwi ta' xejn. Il-Knisja, biex taqdi l-missjoni taħha tax-xandir tal-Evanġelju, tħoss il-ħtieġa li tkun taf sew din il-qagħda, għaliex hi trid ixxandar l-Evanġelju dejjem ġdid u qatt ma jinbidel ta' Kristu, lill-familji tal-lum kif inhuma fil-fatt.

Il-Knisja tqis fid-dawl tal-Evanġelju l-kultura l-ġdida tad-dinja li qegħda tinfluwenza l-qagħda tal-familja llum. B'din l-għajnuna taddawl tal-Evanġelju, li jagħti ħajja u jsaħħaħ il-bidla tal-fehma u firruħ, il-Knisja trid tagħti servizz lil żmienna, billi tistieden lix-xjenza ħalli, f'kull ma tagħmel għall-progress tal-bniedem, tagħmlu imsieħba mal-għerf, għax l-għerf biss hu l-bidu ta' kull proċess li jista' jwassal biex il-kultura tkun tassew tixraq lill-bniedem fid-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu.

**It-tieni taqsima: IL-PJAN T'ALLA GĦAŻ-ŻWIEĠ U GĦALL-FAMILJA**

Il-Knisja timxi fuq it-tagħlim ta' Kristu, u bħalu tmur għall-"bidu". Fil-bidu Alla ħalaq il-bniedem sura xbieha tiegħu: il-ħolqien tal-bniedem kien att ta' mħabba, u Alla ħalaq il-bniedem biex iħobb u jgħix f'għaqda ma' l-oħrajn.

Fiż-żwieġ l-għoti tar-raġel u l-mara lil xulxin hu "sħiħ", jiġifieri hu l-għoti tal-persuna sħiħa, firruħ u l-ġisem; hu l-għoti 'l xulxin b'mod hekk sħiħ li ma tistax tid-

ħol persuna oħra fin-nofs bejniethom, hu għoti li ma jintemm qatt u hu dejjem miftuħ biex jaqdi l-ħajja.

Ir-rabta tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ hu **simbolu** tal-patt ta' Alla mal-bniedem, patt li jilħaq il-qofol kollu tiegħu fi Kristu Ġesù. Huwa juri l-verità li ż-żwieġ kellu mill-bidu, l-aktar bis-sagrifiċċju tiegħu fuq is-Salib, sagrifiċċju ta' mħabba għall-għarusa tiegħu l-Knisja, sagrifiċċju li jiġġedded fis-Sagrament tal-Ewkaristija: iż-żwieġ tal-insara hu tifkira u tiġdid veru ta' din l-imħabba. "Il-miżżewġin għalhekk huma għall-Knisja tifkira li tibqa' ta' dak li seħħ fuq is-Salib; huma għal xulxin, u għal uliedhom, xhieda ta' dik is-salvazzjoni li fiha jseħibhom is-Sagrament taż-żwieġ".

Bil-qawwa ta' l-għoti 'l xulxin bir-ruħ u l-ġisem kollhom kemm huma, il-miżżewġin biż-żwieġ iwaqqfu l-komunità tal-familja: dan l-għoti 'l xulxin iwassalhom biex jagħtu l-aqwa ħaġa li jistgħu qatt jagħtu, id-don tal-ħajja: jissieħbu ma' Alla biex jagħtu l-ħajja lill-bniedem ġdid li jitwieled.

Fiż-żwieġ u l-familja jibdew iseħħu għadd ta' relazzjonijiet ta' persuni bejniethom (ir-relazzjoni tar-raġel u l-mara ma' xulxin bħala miżżewġin, ir-relazzjoni tal-missier u l-omm ma' l-ulied, ir-relazzjonijiet tal-aħwa bejniethom); dawn ir-relazzjonijiet jgħinu kull bniedem biex ikun ukoll membru tal-"familja tal-bnedmin" fis-soċjetà, u tal-"familja ta' Alla" li hi l-Knisja.

B'hekk iż-żwieġ u l-familja jibnu l-Knisja, għaliex bit-twelid ġdid li tagħti l-magħmudija u bl-edukazzjoni fil-fidi nisranija, it-tfal jidħlu jagħmlu sehem mill-komunità tal-insara.

Il-misteru tal-patt ta' mħabba bejn Alla u l-bnedmin m'huwiex imfisser biss miż-żwieġ; hu mfisser b'mod privileġġjat, mill-verġinità, għax il-verġinità, waqt li tagħti xhieda li s-Saltna ta' Alla hi dik il-ġawhra ta' siwi kbir li tippreferiha għal kull ħaġ'oħra, kbira kemm hi kbira, iżżomm ħaj fil-Knisja l-għarfien taż-żwieġ u tħarsu minn kull nuqqas u tagħwiġ.

## It-tielet taqsima: ID-DMIRIJIET TAL-FAMILJA NISRANIJA

Il-familja hi msejħa biex "issir" dak li "hi", komunità ta' mħabba u ta' ħajja, billi taqdi dawn l-erba' dmirijiet tagħha:

1. **Il-formazzjoni ta' komunità ta' persuni**: "L-ewwel ħidma tal-familja hija dik li tgħix, bil-fedeltà kollha, l-għaqda li hi, billi bla heda tħabbrek ħa tiżviluppa komunità vera ta' persuni"; dan iseħħ jekk il-familja tħalli l-imħabba tmexxiha. L-imħabba

a) hija l-pedament tal-għaqda tal-miżżewġin bejniethom, u tibni din il-għaqda li ma tinħall qatt (kemm in-natura tal-bniedem u kemm l-Evanġelju jitolbu li l-għaqda tal-miżżewġin bejniethom ma tinħall qatt, u dan qiegħed jinġħad u jitħabbar bil-qawwa kollha kontra l-felħma kulturali tal-lum, li tasal biex tiċħad u tnaqqas il-ġieħ ta' din ir-rabta hekk sħiħa).

b) hi l-pedament ta' l-għaqda tal-membri tal-familja bejniethom, u tibniha, billi terfa l-fuq ir-rabtiet naturali tad-demm u l-laħam u ttejjibhom spiritwalment.

c) tħabbrek biex iġġib 'il qud-

diem id-dinjità u l-vokazzjoni ta' kull wieħed mill-membri tal-familja. L-esortazzjoni għandha paragrafu speċjali dwar il-mara, u ssemmi d-drittijiet u l-ħidma tal-mara fil-familja u fis-soċjetà; titkellem ukoll fuq ir-raġel bħala żewġ martu u bħala missier, fuq it-tarbija u fuq ix-xjuħ.

2. **Is-servizz għall-ħajja** fiż-żewġ aspetti tiegħu, kemm dwar it-tnissil tal-ħajja u kemm dwar l-edukazzjoni tat-tfal li jitwieldu.

a) Il-Knisja tagħti ħarsien sħiħ lid-dinjità għolja u lir-responsabbiltà **tat-tnissil tal-ħajja**, għaliex tqis dan it-tnissil mhux biss bħala frott u sinjal tal-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin, imma tqisu wkoll bħala tisħib fis-setgħa ta' Alla l-Missier il-Ħallieq ta' kollox.

Fiż-żmien tal-lum, meta qegħda tinxtered sewwa dik li l-Ingliżi jsejħulha **l-anti-life mentality**, il-Knisja hi "favur il-ħajja" u terġa' ttenni quddiem kulħadd "ir-rieda tagħha li b'kull mezz iġġib 'il quddiem il-ħajja u tiddefendi l-ħajja tal-bniedem minn kull theddid, hi x'inhi l-qagħda li fiha tinsab, hu x'inhu l-mument tal-iżvilupp tagħha". Dan il-Knisja tgħidu lill-gvernijiet u lill-awtoritajiet ċivili kollha, u dan ittennih lil kull koppja ta' miżżewġin, billi, b'mod l-aktar ċar, twasslilhom it-tagħlim u r-regolamenti tagħha, tagħlim u regolamenti li ġejjin mill-qedem imma dejjem ġodda, kif ġew dan l-aħħar imfissra bi spirtu tassew profetiku mill-Konċilju Vatikan II u mill-Enċiklika tal-Papa Pawlu VI **Humanae Vitae.**

Il-Knisja taf bil-ħafna diffikultajiet kbar li magħhom jiltaqgħu llum il-miżżewġin li jridu jirregolaw it-tnissil tal-ħajja b'sens kbir ta' responsabbiltà; iżda hu proprju għalhekk li l-Knisja tħoss aktar qawwija fiha l-imħabba għall-"verità sħiħa" tar-raġel u tal-mara u ta' l-għoti sħiħ lil xulxin fiż-żwieġ. Il-Knisja qatt ma tehda tħabbar li din hi kondizzjoni li wieħed ma jistax jgħaddi mingħajrha jekk irid li l-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin tikber u tilħaq il-milja tagħha bħala mħabba li tassew tixraq lill-bniedem. Il-Knisja tqis lill-bniedem kollu kemm hu, fis-sħuħija kollha tiegħu u tas-sejħa tiegħu, u għalhekk tgħallem li għandu jgħix il-ħajja tiegħu fiż-żwieġ mingħajr ma jbiddel jew idawwar l-att taż-żwieġ tiegħu b'mezzi artifiċjali; il-Knisja trid li l-bniedem jgħix il-ħajja tiegħu fiż-żwieġ billi b'mod tassew responsabbli, u, skond il-kuxjenza tiegħu, jirrispetta l-istruttura sħiħa tar-rabta taż-żwieġ b'dak kollu li titlob, jiġifieri li l-ħajja tiegħu taż-żwieġ tkun sinjal u espressjoni ta' l-għoti "sħiħ" tal-miżżewġin 'il xulxin.

Bħala omm, il-Knisja hi dejjem qrib il-miżżewġin fil-mixi morali tagħhom, tqawwilhom il-fiduċja tagħhom, issaħħilhom il-fehma sinċiera u sħiħa tagħhom biex dejjem aktar iġibu 'l quddiem dawk il-kundizzjonijiet psikoloġiċi morali u spiritwali tal-bniedem (bħalma huma l-kontroll u l-għarfien tagħhom infushom) li jeħtieġu biex jifhmu u jgħixu r-regola tal-morali u s-siwi tagħha.

b) Dwar **l-edukazzjoni ta' l-ulied,** l-esortazzjoni, bil-qawwa kollha, terġa' ittenni li d-dritt u d-dmir li għandhom il-ġenituri dwar l-edukazzjoni ta' uliedhom huwa dritt u dmir essenzjali li ġej mill-bidu

u hu l-ewwel wieħed; hu dritt u dmir li ebda ħadd ieħor ma jista' jkollu u li ma jistgħux jiċħduh: l-għan ta' dan id-dritt u d-dmir hu l-edukazzjoni tal-ulied dwar il-valuri essenzjali tal-ħajja tal-bniedem (fost dawn il-valuri hemm l-edukazzjoni sesswali mogħtija b'mod "ċar u delikat").

L-edukazzjoni tat-tfal ta' ġenituri nsara, li, għaliex iż-żwieġ tagħhom hu sagrament, għandhom "ministeru" edukattiv, għandha fiha xi ħaġa ġdida u oriġinali: is-sawwar il-bniedem li jemmen, fil-Knisja.

Mingħajr ma ċċedi d-drittijiet tagħha u skond il-liġi tas-sussidjarjetà, il-ħidma edukattiva tal-ġenituri tista' u għandha tagħmel użu mill-istituti edukattivi, kemm ċivili u kemm ekkleżjastiċi.

3. **sehem fl-iżvilupp tas-soċjetà.** Bħala "l-ewwel ċellula ħajja tas-soċjetà" il-familja

a) mhux biss għandha tkun imħarsa u miġjuba 'l quddiem fid-drittijiet tagħha u l-qadi tad-dmirijiet tagħha mis-soċjetà u mill-Istat,

b) imma wkoll trid tidħol bir-responsabbiltà kollha għall-ħidma ta' l-iżvilupp tas-soċjetà: l-esperjenza ta' għaqda u tisħib li tibda fil-familja għandha twassal għall-għadd ta' egħmejjel ta' qadi soċjali, l-aktar favur il-fqar (il-fqar "ġodda"), anzi għandha twassal għall-ħidma, fin-natura tagħha, "politika". Il-politika tal-familja twassal mhux biss biex il-familja tikseb dak li għandha tikseb, imma wkoll biex tagħmel dak li għandha tagħmel.

4. **sehem fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja.** Bħala "l-knisja tad-dar" il-familja nisranija għandha postha u għandha l-ħidma tagħha fi ħdan il-komunità nisranija, għaliex hija msejħa mis-Sagrament taż-żwieġ biex taqsam mal-Knisja l-missjoni proprja tagħha ta' salvazzjoni. It-tisħib tal-familja hu komunitarju, jiġifieri mill-membri kollha tal-familj flimkien, u jseħħ permezz tal-valuri proprji tal-familja, bħalma huma l-imħabba u l-ħajja.

L-esortazzjoni ssemmi tliet okkażjonijiet ta' preżenza u ta' ħidma tal-familja nisranija fil-Knisja, għax turiha bħala

a) komunità li temmen u tħabbar l-Evanġelju

b) komunità li titkellem ma' Alla, imsejħa biex titqaddes u tqaddes permezz tat-tisħib fis-sagramenti, ta' l-offerta tagħha nfisha u tat-talb;

c) komunità ta' servizz għall-bniedem, hija u tgħix il-kmandament ġdid ta' l-imħabba fi Kristu għal kull bniedem, xbieha ħajja ta' Alla.

## Ir-raba' taqsima: IL-PASTORALI TAL-FAMILJA

F'din it-taqsima l-esortazzjoni titkellem fuq iż-żmien, l-istrutturi, l-operaturi u l-qagħdiet diffiċli.

a) **iż-żmien.** Il-Knisja tissieħeb mal-familja fil-mixi tagħha, u timpenja ruħha

i) **fit-tħejjija għaż-żwieġ** (l-esortazzjoni ssemmi l-ħtieġa ta' din it-tħejjija biex jiftiehem aħjar x'inhu ż-żwieġ għall-bniedem u għan-nisrani);

ii) **fiċ-ċelebrazzjoni liturġika** (l-esortazzjoni ssemmi d-dmir li l-imgħammdin li ma jemmnux jiġu evanġelizzati, u ssemmi wkoll il-

ħtieġa li, għal raġunijiet teoloġiċi u pastorali, jiġi aħmess għażżwieġ "ukoll min hu mhux biżżejjed imħejji").

iii) fl-għajnuna mogħtija lill-miżżewġin u lill-familji biex jgħixu l-ħajja u l-vokazzjoni tagħhom.

b) l-istrutturi: fi ħdan il-komunità ekklesjali, u b'mod speċjali, fi ħdan il-parroċċa, li hi ċ-ċentru fejn issir il-ħidma pastorali, għandu jkun hemm għarfien talpost li, f'dan il-qasam, għandha l-missjoni tal-miżżewġin u tal-familja, bil-qawwa tal-grazzja tassagrament taż-żwieġ".

c) l-operaturi: barra l-familja, l-esortazzjoni ssemmi wkoll il-ħidma tal-isqfijiet u tas-saċerdoti, tar-reliġjużi rġiel u nisa, tal-lajċi speċjalizzati, u ta' dawk li jħaddmu u jużaw il-mezzi kollha tal-komunikazzjonijiet soċjali.

iv) il-qagħdiet diffiċli (bħalma huma: iż-żwiġijiet imħallta, iż-żwiġijiet bi prova, l-għaqdiet bla ebda rabta, kattoliċi miżżewġin biss ċivilment, divorzjati li ma reġgħux iżżewġu, divorzjati li żżewġu, nies bla familja), Il-Knisja, filwaqt li titlob ħidma soċjali u kulturali biex jintrebaħ kull ma jgħin qagħdiet diffiċli u irregolari bħal dawn, trid fi ħdanha ġġib 'il quddiem pastorali ta' obbedjenza u fedeltà lejn l-Evanġelju ta' Kristu. B'hekk, mingħajr ma tiġġudika u lanqas tikkundanna lil ħadd, il-Knisja ma tieqafx tħabbrilhom dik "il-verità" u dawk "ir-regoli" li hi stess irċeviet mingħand Kristu, għax hi konvinta li biss meta wieħed iħaddan din il-verità u dawn ir-regoli jista' jagħti tweġiba sħiħa għal dak kollu li titlob u trid l-imħabba tal-bniedem.

## EVALWAZZJONI TA' L-ESORTAZZJONI
### "Familiaris Consortio"

1. L-esortazzjoni għandha **ton pożittiv**: issemmi l-ħidma tal-familja u timxi fuq l-appell li għamel il-Papa fil-ftuħ tas-Sinodu biex tingħata mill-ġdid "fiduċja lill-familji".

L-esortazzjoni trid tqawwi l-qalb u tgħin lil tant familji tajba li qegħdin ifittxu li jgħixu s-sejħa tagħhom f'ambjent kulturali mill-aktar diffiċli.

2. L-esortazzjoni hi **realistika**: tagħraf ċar x'inhuma d-diffikultajiet tal-familji; taf x'diffikultajiet jiltaqgħu magħhom **il-familji kollha** biex jgħixu skond l-ideal u l-verità nisranija tal-familja f'dinja li ma taċċettax din bil-verità. Tagħraf ukoll li **kull familja** għandha d-diffikultajiet proprji tagħha.

3. L-esortazzjoni hi **esortazzjoni pastorali.** Għalkemm ixxandar it-tagħlim tal-Knisja b'mod ċar u sħiħ, ma tikkundanna lil ħadd, lanqas lil dawk li ma jirnexxilhomx jgħixu għal kollox il-messaġġ nisrani.

L-esortazzjoni trid tikkonvinċi — kif jaf jagħmel il-Papa — lill-familji biex, f'mixja ta' konverżjoni, jinqatgħu f'qalbhom mill-ħażen u jħaddnu t-tajjeb bil-qawwa kollha.

4. **L-ispiritwalità tal-familja.** L-esortazzjoni ssemmi l-mezzi kollha li għandhom il-familji biex jiksbu

l-grazzji li jgħinuhom fil-mixi tagħhom; b'hekk l-esortazzjoni tgħidilna x'għandha tkun l-ispiritwalità tal-familja. Ma tistax taħbi li biex isir dak li titlob l-esortazzjoni, jeħtieġ sforz kbir mill-miżżewġin insara: hu ideal iebes biex il-bniedem tal-lum jifhmu, jaċċettah u jagħmlu. Imma l-Knisja hi żgura li biss permezz ta' dan l-ideal — li tah Kristu stess — il-bniedem jasal biex jaħkem lilu nnifsu u jikber fl-imħabba bħala bniedem tassew.

Il-Knisja tammetti li qegħda tmur kontra l-kurrent tad-dinja, anzi hija żgura li hekk biss tista' ssalva l-bniedem tal-lum mill-qerq ta' dawk is-suriet ta' ħajja li fihom infushom ma jagħtu ebda sodisfazzjon lill-bniedem, u twasslu biex jgħix b'mod sħiħ il-verità ta' Kristu.

5. **L-esortazzjoni tagħti importanza kbira lill-għaqda:** titkellem fuq id-dimensjoni komunitarja tal-persuna u tal-ħajja tal-familja, kontra l-individwaliżmu esaġerat li minnu ħerġin il-fehmiet li n-nies tal-lum għandhom tal-bniedem.

6. **L-esortazzjoni hi appell lill-Knisja kollha:** biex kulħadd — kif u fejn hu — jimpenja ruħu biex jagħti ħajja għall-pjan pastorali għall-familji insara kollha fil-Knisja, ukoll għal dawk li b'ħasra ma jistgħux igħixu għal kollox il-messaġġ ta' Kristu.

7. **L-esortazzjoni hi ġabra sħiħa fil-qosor ta' tagħlim li jitlob studju u applikazzjoni.** Il-Papa juri t-triq li minnha rridu ngħaddu, mhux biss permezz tad-direttivi pastorali tal-esortazzjoni, imma wkoll permezz tal-Kunsill Pontifiċju tal-Familja u tal-Istitut internazzjonali għall-istudji fuq il-familja, eċċ.

8. **L-esortazzjoni hi frott tas-Sinodu.** Il-Papa, bil-kariżma speċifiku tiegħu, jilqa' u jwettaq b'mod sinifikattiv, dak li qal is-Sinodu.

Din is-sura ta' tagħlim kolleġġjali għandha s-siwi tagħha għaliex turi l-fehim sħiħ fit-tagħlim tal-Papa u tal-Isqfijiet, wara ż-żmien ta' ħsieb mill-Knisja kollha kemm hi.

9. **L-esortazzjoni hi pass 'l quddiem:** xi argumenti ġà ġew studjati jl-fond kemm teoloġikament u kemm pastoralment, u dan l-istudju wassal għall-preżentazzjoni ġdida ta' problemi diffiċli, li issa se timpenja l-Knisja kollha għal sforz biex twettaqhom fil-prattika (il-ħidma tat-teoloġi, eċċ.).

## MESSAGE OF THE CONFERENCE OF THE MAJOR SUPERIORS OF EUROPE TO ALL RELIGIOUS

**Frascati, 9-13 November 1981**

We religious members of the National Conference of Major Superiors representing 23 European Conferences of Major Superiors met in Rome to collaborate more closely in promoting religious life in Europe and to encourage reflection and propose action that can help the religious of Europe to bear witness to the Gospel in the cultural and social-economic context of our times.

We are conscious that like our Founders we are called upon today to live a life totally dedicated to God and man. The basis of this life is a deep personal experience of God. Our total belonging to God is modelled on the life of God made man, Jesus Christ, who being rich freely gave himself fully for the salvation of men. We believe in his own time, God and Father of Our Lord Jesus Christ will keep his promise to create a new heaven and a new earth. Then will the weakness of this world disappear and all creation will experience what eye has not seen nor ear heard.

There is a way of serving man which is specific to us religious: our mission in fact is "to attest in a striking and exceptional way that the world cannot be transformed and offered to God except in the spirit of the Beatitudes". (Lumen Gentium No. 31). The Conference urges us all to follow Christ in the spirit of our commitment.

We are aware of the many hardships endured by people in Europe and through the world: hardships which include the denial of human rights, such as the right to life, the right to work, the right to political and religious freedom. In our concern we wish to show solidarity with these people and the poor of all continents, by doing all we can to help overcome these difficulties, resulting from human weakness and at times human malice. The means we have to overcome these ills are mainly spiritual, rooted in faith and absolute dependence on God. But being convinced that no consecration to God can exist unless manifested in service to man, we support and encourage every effort made to overcome injustice wherever it appears.

While being aware of local and national needs we must not be unmindful of our obligations to the world and be prepared to meet them even out of our poverty. The joy which comes from a deep personal experience of God should express itself in a greater simplicity of life. This is a demanding and audacious programme but it bears witness to the Christian values which are contrary to those of the consumer society in which we live and will be the authentic sign which will attract young people to our way of life.

Before we separate we would like to express our communion in

faith, prayer and suffering with our sisters and brothers in Europe and throughout the world who are deprived of the freedom of living their religious life to the full. Their witness helps us to become more authentir followers of Christ and to continue contributing to bringing about the Kingdom of God on earth.

## DISKORS TA' L-ARĊISQOF FIL-FESTA TA' KRISTU RE

Illum qegħdin infakkru l-Festa ta' Kristu Re u llum Malta qed terġa' tistqarr li Kristu huwa s-Salvatur tagħha.

Għalina, Kattoliċi Maltin, din hija stqarrija ta' ringrazzjament u wegħda ħierġa minn qalb imtaqqla bin-nuqqasijiet u d-dgħufija, iżda mwieżna u msaħħa mill-ħniena kbira ta' Alla.

Malta hija rikonoxxenti lejn Alla. L-istorja, il-kultura, id-drawwiet u s-sensibilità tal-Poplu Malti jixhdu l-fedeltà tiegħu lejn Kristu u l-Knisja. Din il-fedeltà saħħet ħafna s-soċjetà ċivili tagħna u tefgħet l-għeruq tal-veru progress billi għenet u saħħet is-sħuħija tal-familja, rawmet u kabbret l-għaqda ta' aħwa fostna u ħasbet għall-fqir, għall-iltim u għall-ħaddiem f'għadd sabiħ ta' istituzzjonijiet fil-kamp edukattiv, assistenzjali u karitatevoli.

Dan kollu huwa ġieħ kbir għalina, Maltin; huwa ġieħ li ġej mir-rabtiet speċjali bejn Kristu u l-Vigarju ta' Kristu fuq l-art, il-Papa; huwa ġieħ li ġej mill-fedeltà tagħna lejn it-tagħlim ta' Ġesù kif tfissirulna u twassalulna l-Knisja tiegħu.

Dawn ir-rabtiet twieldu fostna minn mindu l-Evanġelizzatur tal-Mediterran, missierna San Pawl, nissilna fi Kristu bix-xandir tal-fidi u nissel fil-ħajja u d-drawwiet tagħna l-ispirtu tal-messaġġ tal-Vanġelu.

B'dawn id-drawwiet Kristu ingħata lil Malta u Malta ingħatat lil Kristu; sakemm Malta żammet sħiħ din ir-rabta ma' Kristu, Malta kellha wkoll fl-iktar sigħat diffiċli ta' l-istorja tagħha is-sedqa u l-għaqda fost uliedha. Din il-għaqda hija ġid kbir f'pajjiżna; hija l-pedament u l-qofol ta' soċjetà f'saħħitha. Din ir-rabta tagħna ma' Kristu, sfortunatament qegħda tiddgħajjef fostna għax ukoll aħna qed niġu maħkuma fost affarijiet oħra, minn spirtu ta' sekolarizzazzjoni u materjaliżmu li qed igħin il-firda bejn l-aħwa.

Il-firda bejn l-ulied ta' l-istess pajjiż huwa deni mill-iktar ikrah li jista' jolqot pajjiż; ineżża' l-bniedem mid-dinjità tiegħu u hekk jiftaħ bieb għal kull xorta ta' strumentalizzazzjoni u manipolazzjoni tal-bniedem bħal ma jiġri kull darba li jiena, għall-iskopijiet tiegħi, noħnoq u nirfes il-jeddijiet ta' ħaddieħor, infixkel li jifforma tajjeb il-kuxjenza tiegħu billi naħbilu jew ngħawwiġlu l-verità jew b'xi mod nipprova naljenah minn Alla — l-Għajn tal-ġid veru għall-bniedem. Din il-firda timraħ sewwa meta lil Alla naqħtih spallejja biex ma narahx fil-proxxmu tie-

għi.

Din il-firda ta' bejnietna turi l-ħtija tagħna quddiem Alla. Ġejna mirbuħin mill-egoiżmu tagħna iżda m'aħniex mitlufin. Ġesù Kristu, li Alla Missieru kkonsagrah Re u Sultan tal-ħolqien kollu, qed jurina u jgħarrafna fih innifsu, li Alla huwa għani fil-ħniena.

Id-dgħufija tħammrilna wiċċna iżda m'aħniex nitgerrxu mill-ħniena ta' Alla. Alla fil-ħniena tiegħu, tant ħabb lill-bniedem li l-inqas lil Ibnu stess ma ħelisha iżda tah għalina biex isalvana u riedu jsir bniedem bħalna f'kollox minbarra fid-dnub, biex hekk iħobb fina dak li jħobb fih.

In-nuqqasijiet tagħna għandhom iwassluuna għall-indiema bla ma naqtgħu qalbna mill-ħniena ta' Alla li f'Ġesù Kristu jurina li l-qawwa tiegħu hija fl-aqwa tagħha sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef.

Miksurin min-nuqqasijiet tagħna, il-ħniena t'Alla twieżinna biex induru lejh, nitolbuh maħfra u f' din l-okkażjoni ta' Kristu Re inwegħduh li nsaħħu għal quddiem dejjem iżjed ir-rabtiet tagħna ma' Kristu u l-Knisja billi nagħżlu lil Ġesù fuq kollox u fuq kulħadd bħala s-sultan tagħna. Dan iwassal ukoll għall-għaqda ta' bejnietna billi kemm issa u kemm fiż-żmien li ġej ma nieħdux vaganza fil-ħarsien tal-prinċipji kattoliċi tagħna b'mod speċjali il-maħfra, il-ħniena u l-imħabba, u hekk inħarsu lejn il-bniedem bħala l-qofol tal-ħolqien, li filwaqt li jaqdi lil Alla waħdu, ħallieq tiegħu, irid li ma jkun ilsir ta' xejn u ta' ħadd iżda li jsaltan Hu kif irid Kristu, fuq il-ħlejjaq kollha.

## MESSAĠĠ TA' MONSINJUR Ġ. MERCIECA

## MILIED 1981

Illum għandi din l-okkażjoni sabiħa niltaqa' magħkom minn fuq il-Mezzi tax-Xandir u nwasslilkom, maħbubin Maltin u Għawdxin, f' dawn il-ġranet tal-Milied, ix-xewqat tajba tal-Knisja f'Malta.

Il-Knisja twasslilna x-xewqat tagħha billi tistedinna niftakru fit-twelid ta' tarbija ċkejkna. Il-Knisja ttennilna li bit-twelid ta' din it-tarbija ingħatalna s-Salvatur, li ismu huwa Ġesù, veru Alla u veru Bniedem, li ħabbibna mill-ġdid ma' Alla Missierna billi ħelisna mid-dnub, l-agħar jasar li jista' jiġi fuq bniedem.

It-twelid ta' Ġesù huwa l-jum tal-ħelsien tal-bniedem. Mat-twelid ta' Ġesù, minn mindu Alla deher fostna bħala bniedem jixbaħna f' kollox barra mid-dnub, il-ferħ feġġ f'qalb il-bniedem tant li salġurnata tal-lum, f'kull parti taddinja, il-ġranet tal-Milied huma msejħa ġranet ta' ferħ, il-ferħ tal-Milied.

Inħossuna li fil-ġranet tal-Milied għandna nkunu ferħanin u nferrħu wkoll lil ħaddieħor: jintbagħtu għalhekk kartolini b'xewqat tajba, jingħataw rigali, isiru ikliet speċjali u jinżammu parties u ok-

każjonijiet oħra ta' festa u briju. Il-ġranet tal-Milied irriduhom ġranet ta' ferħ u l-Knisja wkoll tingħaqad ma'. dan l-ispirtu u tixtieqilna lkoll il-ferħ tal-Milied.

Il-ferħ tal-Milied li ġġibilna l-Knisja jingħażel minn kull ferħ ieħor u jiżboq kull ferħ li jista' jagħtina kull bniedem ieħor jew il-ħwejjeġ ta' din l-art. Meta nirċievu xi pjaċir jew favur mingħand xi ħadd u nakkwistaw dak li nixtiequ inħossuna kuntenti u bir-raġun. Inħossu ferħ veru f'ċirkustanzi bħal dawn. Iżda l-ferħ tal-Milied li tixtieqilna l-Knisja ma għandux x'jaqsam ma' dan il-ferħ; dan hu ikbar minn kull ferħ ieħor. Barra minn hekk kull ferħ ieħor biż-żmien jiċkien u xi drabi jintilef. Iżda l-ferħ li tixtieqilna l-Knisja maż-żmien jikber u ħadd u xejn ma jista' jaħtfu minn qalbna. Dan il-ferħ jibqa' għandna sakemm ma nitilfuhx aħna stess.

X'inhu dan il-ferħ li tridilna l-Knisja? Dan huwa l-ferħ ta' min għandu ġewwa fih il-paċi ta' Ġesù. Din il-paċi ta' Ġesù hija l-preżenza ta' Alla fina, jiġifieri li aħna nkunu ħbieb ma' Ġesù billi ngħixu fil-Grazzja ta' Alla. Ma hemmx fid-dinja kollha, bniedem f'sikktu, bħal min qed jgħix fil-Grazzja ta' Alla.

Min jista' jagħtina din il-paċi? Din il-paċi jagħtihielna Alla waħdu. Din il-paċi huwa l-ikbar u l-isbaħ rigal li Alla jagħti lil bniedem; dan ir-rigal huwa Ġesù nnifsu li jingħata lill-bnedmin meta ngħixu fil-Grazzja ta' Alla. Il-bniedem jista' jkollu din il-paċi. Iżda jkollna din il-paċi biss jekk irridu-ha; bilfors u kontra qalbna ma jkollna qatt din il-paċi. Alla jagħti din il-paċi lil kull min jitlobhielu tassew mingħajr ma jimponiha fuq ħadd. Alla ma jimponi ruħu fuq ħadd, iżda huwa fatt li mingħajr Alla ħadd ma hu ħieles filwaqt li kulħadd ukoll irid iġorr ir-responsabbiltà ta' għemilu. Min jilqa' 'l Ġesù isalva u min ikeċċih jintilef.

Min tassew iħobb u jrid il-paċi, irid idur lejn Alla u jgħix fil-Grazzja t'Alla. Meta ngħixu fil-Grazzja t'Alla jkollna dejjem il-paċi f'qalbna, kemm fl-ikrah u kemm fis-sabiħ tal-ħajja tagħna fuq din l-art. Meta ngħixu fil-Grazzja t'Alla jkollna fidi sħiħa li Alla huwa magħna, u għalhekk, ngħaddu minn x'ħiex ngħaddu, il-paċi tibqa' dejjem f'qalbna għaliex nemmnu li kull ma jippermetti huwa għall-ġid tagħna.

Il-Knisja llum terġa' ttennilna li tixtieq tarana ngħixu fil-Grazzja t' Alla biex ngħixu lkoll flimkien fil-paċi. Min igħix fil-Grazzja t'Alla, jgħin ukoll lil ħaddieħor biex jikseb il-paċi f'qalbu u hekk toktor il-għaqda u s-sliem. Iżda min ma jgħix fil-Grazzja t'Alla ma jkollux il-paċi u min ma jkollux il-paċi ma jkunx jista' jgħadiha lil ħaddieħor.

Is-sliem u l-għaqda jinsabu kull fejn hemm il-paċi ta' Ġesù u kull min tassew jgħix fil-Grazzja t' Alla, imwieżna bis-Sagramenti iħoss il-ħtieġa li bħal Ġesù jagħmel kollox biex iġib fost sħabu s-sliem u l-għaqda.

Meta Alla huwa magħna u fina xejn ma jbeżżagħna. Jekk nitnikktu quddiem in-nuqqas ta' għaqda fis-soċjetà tagħna, il-Knisja llum terġa' tqawwilna qalbna u tgħidilna li dawn il-firdiet ta' bejnietna jistgħu jingħalqu. It-triq tas-sliem

u l-għaqda għall-bnedmin tista' tidher iebsa iżda għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir.

Irridu biss niftħu qalbna biex inħallu lil Ġesù jagħtina l-paċi tiegħu, u nfasslu ħajjitna fuq il-ħajja tiegħu u hekk ngħixu fil-Grazzja t'Alla. Dan jitlob minna li nżommu lil Alla u l-Grazzja tiegħu bħala l-aqwa teżor li għandna, li nwarrbu minna d-dnub biex nifilħu nrażżnu l-egoiżmu tagħna u nħarsu lejn xulxin bl-ikbar imħabba.

Il-Knisja taf dan kollu u għalhekk illum tistedinna biex nilqgħu x-xewqat tagħha, xewqat ta' paċi, xewqat li ngħixu fil-Grazzja t' Alla. Hekk inħossu u jkollna tassew ġewwa fina l-paċi u l-ferħ tal-Milied, ferħ li jin nixtieq lilkom ilkoll — lit-tfal, lill-familji, lill-ħaddiema, lill-morda, lil min hu fil-ħabs u lil dawk kollha li jinsabu barra minn arthom.

## DISKORS TA' MONSINJUR ARĊISQOF Ġ. MERCIECA JUM IL-PAĊI — 1.1.82

Il-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwann Pawlu II, għall-bidu tas-sena 1982, bagħtilna bħas-soltu, il-Messaġġ tiegħu dwar il-Paċi. Huwa ried iwassal dawn il-ħsibijiet tiegħu fuq il-Paċi liż-żgħażagħ, lill-irġiel u n-nisa tal-lum, lill-familji, lill-insara u nies ta' rieda tajba, lill-individwi u l-komunitajiet, lill-kapijiet ta' l-Istati u l-mexxejja tal-gvernijiet. Huwa wassal dan il-Messaġġ biex jgħinna lkoll nifhmu aħjar il-missjoni u r-responsabbiltà tagħna quddiem il-paċi, niddedikaw ruħna għall-paċi u naħdmu dejjem iżjed għall-paċi.

Il-Papa fakkar li l-paċi hi don li Alla fdah lilna. Il-paċi huwa rigal li Alla ried jafda f'idejn il-bnedmin. Dan ifisser li l-paċi hija don ta' Alla, iżda, min-naħa l-oħra, il-bniedem qatt ma hu skużat mir-responsabbiltà li jfittixha u li, bittħabrik tiegħu bħala individwu u bħala membru tas-soċjetà, iwaqqafha.

Il-paċi tingħatalna minn Alla biex naċċetawha minn rajna u nġibuha 'l quddiem billi, imqanqlin mill-verità ta' Alla dwar il-bniedem, is-soċjetà u l-Istorja, il-bnedmin jiksbu l-idejal u l-enerġija meħtieġa biex jegħilbu l-qagħdiet ta' inġustizzja, jeħilsu minn ideoloġiji ta' setgħa u ħakma u hekk jimxu lejn vera mħabba bejn l-aħwa mad-dinja kollha. Il-paċi hu wkoll għalhekk tul iż-żminijiet kollha rebħa u suċċess tal-bniedem. Iżda kif fakkarna l-Papa, barra din il-ħidma kollha, anzi flimkien ma' din il-ħidma kollha, li tista' tidher li tiddependi għal kollox mill-bniedem, hemm il-fatt li l-paċi hija don li bla heda għandna nitolbuh lill-ħniena ta' Alla.

Il-paċi hi don ta' Alla lill-bniedem. Alla ħalaq il-bniedem u riedu bil-paċi f'qalbu. Il-paċi hi meħtieġa għall-bniedem. Hu Alla nnifsu li naqax f'qalb il-bniedem din il-ħerqa għall-paċi u naqaxlu wkoll fil-kuxjenza tiegħu l-liġijiet li jġe-

għluna nirrispettaw, f'ħafna suriet, il-ħajja u l-persuna ta' ħutna l-bnedmin l-oħra, maħluqin bħalna, sura xbieha ta' Alla. Din hi l-paċi vera li jagħti biss Alla, paċi li Alla hu l-fundament tagħha u li Alla hu l-garanti tad-drittijiet fundamentali kollha tal-bniedem. Dan juri li kull fejn hemm il-bniedem, hemm il-ħtieġa tal-paċi, hemm il-ħtieġa ta' Alla. Meta nħobbu l-bniedem inħobbu l-paċi, inħobbu lil Alla. Inħobbu tassew il-bniedem meta ngħinuh ikollu din il-paċi f'qalbu u ngħinuh ipoġġi lil Alla f'ħajtu kollha billi fl-oqsma kollha — sew privati sew pubbliċi — ta' egħmilu iħares it-tagħlim ta' Ġesù kif twassalulna l-Knisja.

Il-Paċi hi don ta' Alla lill-bniedem. Alla huwa l-bidu u l-għajn tal-paċi; isejjaħ għall-paċi, iħarisha u jagħtiha bħala frott tal-"ġustizzja". F'dan is-sens, kif igħidilna l-Papa, aħna lkoll aħna individwalment responsabbli ta' xulxin u flimkien responsabbli tad-dinja kollha, iktar meta, diżgrazzjatament, is-soċjetà tal-bnedmin tidher qisha dinja mifruda fiha nfisha: responsabbiltà tagħna bħala bnedmin u bħala nsara fil-ħidma għall-paċi.

Jaħdem għall-paċi min jaħdem għall-għarfien dejjem aħjar ta' xulxin u jfittex u jħabbar il-verità bl-ikbar rispett u mħabba għall-oħrajn. Hekk anki ż-żgħar u ż-żgħażagħ li għada jridu jieħdu deċiżjonijiet importanti ħafna isiru jafu bil-problemi li jheddu l-paċi u jiġu ppreparati biex jaħdmu għall-paċi.

Il-paċi għandu jħabrek għaliha kulħadd, imma, kif qalilna l-Papa, dan id-dmir hu l-ewwel u l-aktar id-dmir tal-mexxejja politiċi u, f'dan is-sens, il-post fejn tinbena l-paċi ikun dejjem in-Nazzjon bħala soċjetà organizzata politikament, li tagħraf li r-rispett sħiħ u effettiv għad-drittijiet fundamentali ta' kull bniedem hi l-kundizzjoni meħtieġa biex ikun hawn il-paċi fis-soċjetà. Daqskemm il-mexxejja ta' pajjiż, ikompli jgħid il-Papa, qegħdin iħabirku biex jagħmlu lil pajjiżhom soċjetà verament ġusta, daqshekk ieħor jistgħu verament jgħinu għall-bini ta' paċi vera, li tibqa' fuq pedamenti sodi. Din il-paċi fi ħdan kull nazzjon tgħin ħafna lill-organizzazzjonijiet internazzjonali imwaqqfa bl-iskop, fost l-oħrajn, li jkun hemm ġustizzja u paċi bejn in-nazzjonijiet.

Fil-qadi ta' din il-missjoni il-bniedem m'għandux jinsa li l-paċi fid-dinja, minkejja l-isforzi ta' ħafna nies li jaħdmu għall-paċi, hija u tibqa' sfida għall-bniedem. Filwaqt li nifhmu u nemmnu li l-gwerer, id-dmija u l-biki huma mezz l-aktar selvaġġ u l-anqas tajjeb biex jintemm it-tilwim, jeħtieġ fuq kollox nitolbu l-għajnuna t'Alla biex il-moħħ ma jiddallamx minn ħafna dehriet ta' parti tal-verità, u l-qalb ma tinġibidx minn ġid qarrieq. Alla jgħinna nirbħu l-istinti egoisti u nfittxu dejjem il-paċi tiegħu għalkemm fost ħafna diffikultajiet.

F'dan il-Messaġġ il-Papa kellem b'mod iktar speċjali lill-insara. Filwaqt li fakkarhom li l-paċi fdq l-art hi dejjem sfida minħabba d-dnub li hemm moħbi f'qalb il-bniedem u li għalhekk f'din id-dinja, soċjetà ta' bnedmin li tgawdi dejjem u għal kollox il-paċi hi,

minkejja ideoloġiji li jsostnu xort' oħra, diżgrazzjatament biss ħolma sabiħa; kellimhom fuq ir-responsabbiltà kbira li għandhom li jridu jagħtu xhieda attiva tad-don talpaċi li jagħti Alla, biex hekk il-Knisja, bil-preżenza tagħha stess, tinsab fid-dinja bħala soċjetà ta' nies li jħobbu lil xulxin u qegħdin jgħixu fil-paċi tal-grazzzja ta' Kristu, f'xirka ta' mħabba u ħajja ma' Alla u ma' ħuthom.

## OMELIJA TA' MONSINJUR ARĊISQOF NHAR L-EPIFANIJA

Aħna lkoll smajna kemm-il darba l-istorja tas-Slaten Maġi, kif dawn, imnebbħin minn Alla, ħallew art twelidhom biex isibu 'l Ġesù: nafu wkoll li r-re Erodi, li ried joqtol lil Ġesù, malli sama' b' dawn il-Maġi sejħilhom u talabhom biex igħidulu fejn twieled Ġesù.

Ilkoll nafu x'ġara: il-Maġi sabu 'l Ġesù; offrewlu r-rigali tagħhom, iżda ma marrux lura għand Erodi.

Din il-ġrajja nisimgħuha kull sena, meta nfakkru l-Epifanija ta' Ġesù. U għalfejn, wieħed jistaqsi, il-Knisja tkellimna kull sena fuq din il-ġrajja?

Il-Knisja tagħmlu dan biex tgħinna nirbħu s-superfiċjalità tagħna u biex nagħarfu aħjar ittagħlima li għandha għalina din il-ġrajja. Din hi tagħlima importanti ħafna, hi tagħlima li tolqot lil kulħadd.

Permezz ta' din il-ġrajja tal-Maġi, il-Knisja ttenni li biex ikollna l-għaqda bejnietna huwa meħtieġ l-ewwelnett li nkunu fil-paċi ma' Alla; inkunu fil-paċi ma' l-oħrajn, meta nkunu fil-paċi ma' Alla.

Il-Knisja twasslilna din it-tagħlima billi tistedinna nħarsu lejn is-soċjetà tal-bnedmin li jrid iwaqqaf Alla fuq din l-art u l-ħajja li l-bnedmin qegħdin igħixu.

Ġesù jwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin, ġie fostna biex ifarraġ 'l-imnikktin u jeħles l-imjassrin; f'kelma waħda Ġesù ried igħallimna fuq l-eżempju ta' ħajtu kif ngħinu lil min hu żgħir u batut u hekk titwaqqaf fost il-bnedmin saltna, soċjetà ta' ġustizzja u paċi.

Ġesù huwa s-salvatur ta' kulħadd; kien għalhekk mistenni minn kulħadd u llum il-Knisja qiegħda tgħidilna li dak li kien mistenni wasal u qiegħed fostna.

Il-Knisja illha żmien tkellimna fuq il-miġja ta' Ġesù, veru Alla u veru bniedem, fostna, ilha żmien tkellimna fuq il-missjoni tiegħu li jwaqqaf soċjetà ta' bnedmin li jgħixu bħal aħwa bejniethom; iżda, min-naħa l-oħra, il-bnedmin qegħdin igħixu f'dinja mifruda fiha nfisha.

Il-ħajja li qegħdin igħixu l-bnedmin ma taqbilx mal-ħajja li jrid iġibilna Ġesù. Id-dinja qiegħda tgħix f'għawġ kbir u llum il-Knisja qiegħda twissina li l-marda kollha ġejja minna. Hawn nuqqas ta' paċi u għaqda, iżda dawn huma nuqqasijiet tagħna.

Ma ninsewx li għalkemm Erodi spiċċa u miet, l-ispirtu ta' Erodi għadu jaħkem f'kull wieħed u waħda minna minħabba d-dnub li

hemm moħbi f'qalbna; il-bniedem għalhekk għandu dejjem min ifixklu u jħarbatlu t-triq li twassal għand Ġesù.

Il-verità hija li Ġesù biss igħaqqad il-bnedmin; Ġesù biss jagħtihom il-vera paċi. Inħarsu ftit: kull imkien fid-dinja jingħad kliem favur il-paċi; kull imkien tingħata għajnuna, taħt sura jew oħra, bħala turija ta' mħabba lejn xulxin. Madankollu hemm il-firda: għaliex, wieħed jistaqsi, hemm il-firda, jekk nagħmlu egħmejjel li jgħidilna l-istess Ġesù? Ir-risposta hija li l-Ispirtu ta' Ġesù huwa nieqes mill-ħajja u l-egħmejjel tagħna. Ma hemmx ħajja fejn jonqos l-Ispirtu ta' Ġesù.

Il-Knisja għalhekk tistedinna ngħarblu l-egħmil tagħna u naraw xi rridu. Jekk irridu l-paċi u l-għaqda, mhux biżżejjed li nsemmu u nitkellmu fuq Ġesù, mhux biżżejjed li ngħidu l-istess kliem ta' Ġesù u nwettqu materjalment ma' ħaddieħor id-dmir tal-għajnuna. Il-fatti juruna li dawn ma wasslux 'il bnedmin biex igħixu ta' aħwa.

Jekk irridu l-paċi u l-għaqda, irridu nersqu lejn Ġesù u nħallu 'l Ġesù jmexxi hu l-egħmejjel tagħna, sew privati u sew pubbliċi. Jekk inżomm qalbi 'l bogħod minn Ġesù, Erodi jidħol f'ħajti, jirkibni l-egoiżmu u nsib elf skuża jew pretest li nneżża' l-bniedem middinjità tiegħu u nġibu oġġett f' idejja għall-iskopijiet tiegħi. Sitwazzjoni bħal din twassal għallinġustizzja u nuqqas ta' paċi u għaqda.

Illum il-Knisja qegħda tfakkarna li hawn min iġib 'il bnedmin kollha ma' xulxin f'għaqda ta' mħabba: dan hu biss Ġesù.

## ITTRA PASTORALI TA' L-ISQFIJIET FUQ L-ELEZZJONI

Egħżież,

L-elezzjonijiet politiċi fil-Gżejjer tagħna huma fil-qrib. Għall-Pajjiż din hija ġrajja importanti ħafna. Permezz tal-vot, iċ-ċittadin jagħżel b'għejnejh miftuħa, lil dawk in-nies li fi'dejhom jafda t-tmexxija tal-Pajjiż, li tolqot ħafna l-ħajja tiegħu u ta' wliedu għaż-żmien li ġej. Dan jitlob minn kulħadd għaqal u sens ta' responsabbiltà.

Għal daqshekk huwa wkoll dmir tagħna, l-Isqfijiet, li għandna r-responsabbiltà tal-komunità Kattolika f'Malta u Għawdex, li nkellmu l-membri tagħha, kif soltu jsir f'dawn iċ-ċirkostanzi, u nfakkruhom fid-dmirijiet tagħhom bħala ċittadini Maltin u bħala veri Kattoliċi.

In-nisrani veru ma jistax ma jkunx ukoll ċittadin tajjeb. L-imġieba tan-nisrani, fil-ħidmiet kollha tiegħu, meta hi mdawla mit-tagħlim tal-Knisja, tirrispetta f'kulħadd id-dinjità tal-bniedem u twassal għall-veru ġid tiegħu, li huwa l-ġid tal-bniedem sħiħ, ġid li jiswa kemm għall-ġisem u kemm għar-ruħ. Din hi l-imġieba li twassal ukoll għall-veru progress tas-soċjetà ċivili.

Dan li għidna huwa miġbur fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II li jgħidilna: "Iċ-ċittadini kollha għandhom jitfakru fil-jedd, li huwa wkoll dmir,

li jużaw il-vot liberu tagħhom biex iġibu 'l quddiem il-ġid komuni" (Gaudium et spes 75) Dan ifisser li l-vot, barra li huwa dritt, huwa wkoll dmir: dmir taċ-ċittadin lejn il-Pajjiż; dmir tal-Kattoliku lejn il-Knisja.

Il-Knisja titlob mill-mexxejja tan-Nazzjonijiet il-libertà. Dan il-prinċipju fakkru wkoll dan l-aħħar il-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwann Pawlu II. L-istess Konċilju Vatikan II dwar dan il-prinċipju jgħallem li l-Knisja "għandha dejjem u kullimkien il-jedd li xxandar bil-veru libertà l-fidi, tgħallem id-duttrina soċjali tagħha, tmexxi l-ħidma tagħha bla tfixkil fost il-bnedmin, kif ukoll tagħti ġudizzju morali, ukoll fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-ordni politiku, meta l-jeddijiet fundamentali tal-persuna, jew is-salvazzjoni ta' l-erwieħ jitolbu dan." (Gaudium et Spes 76).

In-nisrani matur għandu għal qalbu wkoll il-ġieħ ta' pajjiżu u għalhekk għandu jixtieq u jħabbrek u jitlob biex dawn l-elezzjonijiet isiru bil-kalma u fil-paċi, kif jixraq lill-pajjiż ċivili u nisrani.

Nirrikmandaw lill-kleru, lir-reliġjużi u lill-insara kollha biex bil-ħeġġa jitolbu lil Alla, lill-Verġni Mqaddsa Marija, il San Pawl Missierna u lill-Qaddisin Protetturi tagħna għall-veru ġid ta' Art Twelidna.

Nordnaw ukoll li, minn meta tasal din l-Ittra sakemm tispiċċa l-elezzjoni, (i) fil-Quddies kollu, fit-Talba tal-Fidili tingħad l-invokazzjoni:

"Ħares lil din l-Art ħelwa, l-omm li tatna isimha, biex taħt il-ħarsien glorjuż ta' Marija, qatt ma tiċħad is-sejħa tagħha ta' pajjiż nisrani".

(ii) fil-Knejjes Sagramentali kollha, waqt iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' fil-għaxija, qabel il-Barka, jingħad it-Talb li qiegħed jintbagħat ma' din l-ittra.

Nixtiequ lil kulħadd kull ġid tas-Sema u nagħtukom il-Barka tagħna.

Mogħtija llum, 28 ta' Novembru, 1981.

† ĠUŻEPPI
ARĊISQOF TA' MALTA

† NIKOL
ISQOF TA' GĦAWDEX

# TALBA QABEL L-ELEZZJONIJIET

Wara l-qari mill-Iskrittura, għandu jkun hemm ftit waqtiet ta' skiet, imbagħad tingħad din il-Litanija:

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Missier etern, Alla | ħenn għalina |
| Iben Alla, Feddej tad-dinja | ” |
| Spirtu s-Santu, Alla | ” |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | ” |
| Kristu, Iben Alla l-ħaj | ” |
| Int li ġejt fid-dinja | ” |
| Int li lqajt is-Salib għalina | ” |
| Int li ridt tieħu l-mewt għalina | ” |
| Int li ridt titqiegħed fil-qabar | ” |
| Int li qomt mill-imwiet | ” |
| Int li tlajt fis-sema | ” |
| Int li bgħatt l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli | ” |
| Int li qiegħed fin-naħa tal-lemin tal-Missier | ” |
| Int li ġej biex tagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin | ” |
| Uri ħniena magħna | eħlisna, nitolbuk, Mulej |
| Minn kull deni | ” |
| Mill-korla tal-mibegħda u minn kull rieda ħażina | ” |
| Mill-ġlied, mill-inkwiet u minn kull tilwim | ” |
| Kebbes fi qlubna xewqat ta' tjieba, mogħdrija, sabar u mħabba | ismagħna, nitolbuk, Mulej |
| Agħtina l-paċi u l-għaqda vera tal-qlub | ” |
| Mexxi u ħares il-Knisja tiegħek f'art twelidna | ” |
| Ħares lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha, biex ma tiċħad qatt is-sejħa tagħha ta' pajjiż nisrani | ” |
| Dawwalna biex għal pajjiżna nagħżlu mexxejja li qatt ma jitbiegħdu mit-tagħlim tal-Knisja tiegħek | ” |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna. |

Ħallieq ta' kollox, ejja; o Spirtu, żur lil ruħna;
bil-grazzja tiegħek fawwar il-qlub maħluqa minnek.

Int Difensur u Faraġ, id-don ta' Alla l-għoli;
għajn, ħajja, nar, imħabba, u qawwa tar-ruħ tagħna.

Int turi l-qawwa ta' Alla bis-seba' doni tiegħek;
Int mill-Mulej imwiegħed biex tagħti l-kliem lil fommna.

Mexxina fid-dawl tiegħek, b'imħabbtek imla 'l qlubna,
bil-qawwa tiegħek wettaq il-ġisem dgħajjef tagħna.

Biegħed minn fostna l-għadu, fis-sliem għal dejjem żommna;
jekk int quddiemna timxi, neħilsu minn kull deni.

Kun fina, u bid-doni tiegħek nagħrfu l-Missier u l-Iben
u nemmnu b'fidi sħiħa li Int l-Ispirtu tagħhom, Amen

Nitolbu.

O Alla, int għallimt il-fidili tiegħek,
billi dawwaltilhom moħħhom bid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu
agħmel li l-istess Spirtu Qaddis tiegħek
jagħtina l-qawwa biex nagħrfu dak li hu sewwa, ħa nagħmluh,
u jimliena dejjem bil-faraġ tiegħu.

Agħtina, o Alla li tista' kollox,
il-għajnuna tat-talb tal-Verġni Mqaddsa Marija,
u ferraħna bil-ħarsien tagħha
biex aħna, il-fidili tiegħek,
neħilsu minn kull deni fuq l-art
u naslu għall-hena ta' dejjem fis-sema.

O Alla, fil-provvidenza tiegħek ta' l-għaġeb,
int għoġbok li l-Appostlu Missierna San Pawl
jara l-għarqa biex jiġi fostna u jxandrilna l-fidi;
bil-ħrara kollha nitolbuk
li nżommu sħiħ u bla mittiefes
it-tagħlim li tana bil-kelma u bl-eżempju tiegħu.
Bi Kristu Sidna. Amen.

## MESSAĠĠ TA' L-ISQFIJIET DWAR L-ENĊIKLIKA "LABOREM EXERCENS"

Ftit ilu, b'tifkira ta' egħluq id-disgħin sena tal-enċiklika "Rerum Novarum" tal-Papa Ljun XIII, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ ittra enċiklika dwar il-Bniedem u x-xogħol tiegħu.

B'din l-enċiklika l-Papa, bħala Viġarju ta' Kristu, ried iwassal it-tagħlim tiegħu mhux biss lill-insara iżda wkoll lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Sa minn meta sar Papa, Ġwanni Pawlu II tkellem b'mod tassew awtorevoli fuq il-bniedem: fl-ewwel enċiklika tiegħu tkellem fuq il-bniedem mifdi minn Kristu; fit-tieni enċiklika tkellem fuq id-dinjità tal-bniedem li għandha l-pedament tagħha fil-ħniena ta' Alla, u f'din l-aħħar enċiklika jitkellem fuq il-kobor u d-dinjità tal-bniedem kif jidhru fix-xogħol tiegħu.

It-tagħlim ta' din l-enċiklika huwa mportanti ħafna, attwali u ta' siwi għad-dinja kollha: igħodd ħafna wkoll għalina f'pajjiżna. Għalhekk inħossu li għandna nroddu ħajr lill-Papa, f'isem il-komunità kattolika kollha ta' dawn il-gżejjer, għal dan it-tagħlim hekk sabiħ li għoġbu jagħtina bl-enċiklika tiegħu.

Iżda r-radd ta 'ħajr tagħna ma għandux ikun bil-kliem biss: għandna nuruh fil-prattika billi ngħixu t-tagħlim tal-enċiklika fil-ħajja kollha tagħna, u l-aktar fil-qasam tax-xogħol u fir-relazzjonijiet ta' bejnietna li jintisġu waqt ix-xogħol jew minħabba x-xogħol.

It-tagħlim ta' l-enċiklika jitlob studju fil-fond u attenzjoni kbira biex nifhmuh sewwa u nwettquh fil-ħajja kollha ta' pajjiżna. Għalhekk inħeġġu b'mod speċjali lil-lajċi biex jagħmlu dan, aħna u nfakkruhom li l-Konċilju Vatikan II ried jafda f'idejn il-lajċi l-missjoni tassew importanti u nobbli li jqaddsu l-ħajja fuq din l-art, u għalhekk, ukoll il-ħajja tax-xogħol, billi jfassluha skond il-ħsieb ta' Alla u t-tagħlim tal-Evanġelju imwassal lilna mill-Knisja.

Inħeġġu 'l kulħadd jaqra u jistudja din l-enċiklika, li ġà tinsab fl-idejn, maqluba bil-Malti, fil-kwiet ta' djarhom u flimkien ma' oħrajn, biex jifhmu kif il-bniedem ma jistax ma jkunx it-triq ewlenija u fondamentali tal-Knisja, il-bniedem fil-kobor u d-dinjità tiegħu, fid-drittijiet u d-dmirijiet li jitnisslu mix-xogħol tiegħu, bil-problemi u d-diffikultajiet kollha li magħhom jtliaqa' fil-ħajja tal-lum.

B'mod speċjali nħeġġu l-għaqdiet kattoliċi u għaqdiet u istituzzjonijiet oħra biex jorganizzaw laqgħat ta' studju, konferenzi u seminars ħa jaraw kif nistgħu napplikaw għalina t-tagħlim tal-enċiklika biex nibnu soċjetà aktar ġusta fid-dawl tal-Evanġelju, soċjetà li tkun ta' eżempju għall-ġnus ta' madwarna.

Il-Knisja tieħu pjaċir u tbierek kull inizjattiva li tista' ssir, u lesta tagħti l-għajnuna kollha tagħha biex is-soċjetà Maltija dejjem aktar tissaħħaħ fid-dawl tat-tagħlim soċjali ta' din l-enċiklika tal-Papa.

† **Ġużeppi Mercieca**
Arċisqof ta' Malta

† **Nikol Cauchi**
Isqof ta' Għawdex

Ċirkulari Nru. 98

## FESTA TA' KRISTU RE — JUM L-EMIGRANTI

Lir-Rev.di Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Novembru, id-dinja kattolika tiċċelebra l-festa ta' Kristu Re.

Malta, mill-miġja tal-Appostlu Missierna San Pawl, dejjem żammet ruħha magħquda ma' Kristu u mal-Knisja tiegħu. U għalhekk kull Malti għandu dmir li jħares din il-festa bl-akbar għożża.

Is-Saltna ta' Kristu, kif twissina l-liturġija tal-Knisja, "hi saltna ta' verità u ta' ħajja; ta' qdusija u ta' grazzja; ta' ġustizzja, ta' mħabba u ta' sliem" (Prefazju ta' Kristu Re).

Fil-qlub li fihom isaltan Kristu l-paċi ma tistax tonqos. Fil-familji li fihom Kristu jsaltan tinsab il-garanzija tal-fedeltà u tal-għaqda. Is-soċjetà li tagħraf lil Kristu bħala Sultan tagħha tkun qegħda toħloq atmosfera li fiha ma jibqax lok għall-vjolenza, għall-mibegħda bejn l-aħwa, għall-vizzju tad-drogi u għall-korruzzjoni tal-erwieħ.

Persważ minn tant ġid spiritwali u materjali li ġġib magħha s-Saltna ta' Kristu fuq pajjiżna Monsinjur Arċisqof jixtieq li kull Malti jieħu sehem attiv fil-festa ta' Kristu Re:

a) qabel xejn bil-konsagrazzjoni ta' qlubna u tal-familji tagħna lil Ġesù;

b) imbagħad billi jieħu sehem fil-programm imħejji għal din il-festa mill-Kumitat imwaqqaf apposta.

Tkun ħaġa l-aktar sabiħa jekk, bħas-sena l-oħra, iż-żgħażagħ jieħdu sehem f'numru kbir fil-"Jesus Festival" li ser isir quddiem San Ġwann, il-Belt, nhar is-Sibt, 21 ta' Novembru fis-6.15 p.m. fejn juru l-fidi tagħhom u jitolbu flimkien ukoll permezz tal-kant 'folk' reliġjuż.

Tkun ukoll ħaġa l-aktar qaddisa li l-għada l-Ħadd, 22 ta' Novembru, bħal fl-imgħoddi, mill-Parroċċi kollha, għadd numeruż ta' Maltin, kbar, żgħażagħ u tfal; saċerdoti, reliġjużi u lajċi, membri ta' għaqdiet reliġjużi jew ċivili u dawk li m'huma msieħbin fl-ebda għaqda jingħaqdu parroċċa parroċċa fil-Korteo ta' Kristu Re li jibda fis-2.30 p.m. mill-Furjana u jasal sal-pjazza ta' quddiem San Ġwann, fejn Monsinjur Arċisqof għandu jkellem lill-ġemgħa u wara jiġġedded l-Att tal-konsagrazzjoni ta' Malta lill-Qalb ta' Ġesù.

Il-Ħadd ta' wara, l-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent, il-Knisja tiċċelebra f' Malta Jum l-Emigrant.

L-għadd tal-emigranti maltin u wliedhom jaqbeż in-numru tal-Maltin li jinsabu ġewwa Malta stess.
Il-Knisja ma tistax tibqa' indifferenti quddiem il-problema ta' ħutna Maltin li fittxew l-għajxien 'il bogħod mix-xtut tagħna.

L-emigranti maltin jibqgħu dejjem ħutna. U l-Knisja tibqa' tħobbhom billi tipprovdilhom l-assistenza reliġjuża meħtieġa. Mill-erba' mitt saċer-

dot u madwar elf soru mxerrda mad-dinja fuq il-mitt saċerdot qed iwettqu l-missjoni tal-Knisja fost l-emigranti ħutna.

Jum l-Emigrant għandu jqanqal fostna dak is-sens ta' mħabba fraterna li torbot l-aħwa bejniethom anki meta dawn jinsabu imbegħda minn xulxin.

F'Jum l-Emigrant il-Knisja ssellem lill-emigranti kollha u lill-familji tagħhom u tistedinna biex nitolbu għalihom. F'dan il-jum il-Knisja trid ukoll tfakkarna li f'pajjiżna jinsab imwaqqaf Segretarjat għall-Emigranti u Turisti b'sede tiegħu f'Dar l-Emigrant. Din l-opra tikkorrispondi malemigranti u tgħin b'kull mod lil dawk li jsibu rwieħhom f'xi problemi kemm morali kif ukoll materjali. Hu dmir ta' kull Malti li jgħin din l-opra bil-mezzi kollha possibbli ħalli tkun tista' tkompli l-missjoni tagħha.

Il-Kappillani u r-Retturi tal-Knejjes huma mħeġġin joffru l-Quddiesa tas-Sibt, 28 ta' Novembru, għall-bżonnijiet spiritwali u materjali ta' l-emigranti li ħarġu mill-parroċċa li tinsab f'paġna 919 tas-Sagramentarju Malti.

Fit-28 tax-xahar sejra titqaddes Quddiesa f'San Ġwann fil-5.30 p.m. għall-bżonnijiet tal-emigranti. Matul il-Quddiesa ssir il-konsagrazzjoni tal-emigranti maltin lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Tkun ħaġa f'waqtha li għall-Quddiesa jkunu preżenti b'manjiera speċjali l-membri tal-familji li għandhom lil qrabathom jaħdmu f'art barranija.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, 11 ta' Novembru, 1981.

CARMELO XUEREB
Vigarju Ġenerali

ANNETTO DEPASQUALE
Kanċellier

Ċirkulari Nru. 99

## TALB GĦALL-POLONJA

Lir-Rev.di Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi.

F'dawn il-ġranet il-Papa fid-diskorsi tiegħu kemm-il darba wera t-tħassib tiegħu għal dak li qiegħed jiġri f'art twelidu, il-Polonja, u wera l-ħajr kollu tiegħu għal dawk kollha li wasslulu s-solidarjetà tagħhom. F' diskors li għamel dan l-aħħar waqt udjenza ġenerali huwa qal li jrid jafda 'l pajjiżu f'idejn il-Mulej Ġesù, is-Sid taż-żmien li ġej, u f'idejn Ommu, il-Verġni Marija ta' Jasna Gora.

Bħala nsara hu dmir tagħna li nissieħbu mal-Papa u nitolbu skond l-intenzjoni tiegħu. L-insara Maltin kollha huma għalhekk mistiedna biex jingħabru fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt, nhar l-aħħar tas-sena, 31 ta' Diċembru fil-5.30 p.m. Wara l-Quddiesa jkun hemm siegħa adorazzjoni għall-bżonnijiet tal-Polonja u fl-aħħar jitkanta t-Te Deum ta' l-aħħar tas-sena.

Iż-żgħażagħ, il-membri tal-għaqdiet tal-apostolat, u r-reliġjużi huma mistednin b'mod speċjali biex jieħdu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, illum 23 ta' Diċembru 1981.

KAN. C. XUEREB
Vigarju Ġenerali

ANNETTO DEPASQUALE
Kanċellier

## ĊIRKOLARI TAS-SEGRETERIJA TAL-KURJA

1. Qiegħed nibgħatlek messaġġ ta' l-Isqfijiet fuq l-enċiklika "Laborem Exercens" biex jinqara wara l-Omelija fil-Quddies kollu ta' nhar il-Ħadd li ġej, 22 ta' Novembru u fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija.

2. Nipprofitta mill-okkażjoni biex ngħarrfek li

a) l-Ordo u l-Aġenda tad-Djoċesi għas-sena 1982 ikun jista' jinkiseb mingħand il-Kaxxier tal-Kurja mill-bidu tal-ġimgħa d-dieħla. Il-prezz hu £M1.60.

Infakkrek li kull Knisja hi mistennija tagħti kopja ta' l-Ordo lis-saċerdoti kollha li jiffurmaw parti mill-presbiterju tagħha.

b) għand il-Kaxxier tal-Kurja jinsabu għall-bejgħ:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Lezzjonarju B (għall-Ħdud tas-sena 1982) | prezz £M2 |
| ii) | Lezzjonarju ferjali I (ferji tal-Avvent ecc.) | prezz £M6 |
| iii) | Ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi barra l-Quddiesa | prezz £M4 |

3. Il-volum tar-ritwal ĊELEBRAZZJONIJIET EWKARISTIĊI BARRA L-QUDDIESA se jkun obbligatorju mill-1 ta' Jannar 1982 jiġifieri fiċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi kollha (barka sagramentali, espożizzjoni, tqarbin barra l-Quddiesa) għandu jintuża biss dan il-ktieb.

4. Nistiednek biex tagħmel appell lin-nies waqt il-Quddiesa biex jużaw il-bolli tal-Milied — iż-żieda żgħira li wieħed iħallas tmur għall-Istituti u l-għaqdiet tal-Karità. Somma sabiħa tingħata kull sena lid-Djar tat-Tfal u lill-Istituti mid-dħul ta' dawn il-bolli.

5. Infakkar lill-kappillani biex jibdew jaħsbu minn issa ħalli, fil-bidu tas-sena d-dieħla jibgħatu lis-Segreterija l-lista tal-Magħmudijiet, Griżmi, Żwiġijiet u funerali li saru fil-parroċċa tagħhom fuq il-formoli li jinkisbu mill-Kurja.

Dan hu obbligu mitlub mill-Kodiċi tal-Liġi Kanonika.

6. Nitlob il-kappillani biex javżaw meta jixtiequ li matul is-sena 1982 jiġi ċelebrat is-Sagrament tal-Griżma fil-parroċċa tagħhom, billi jibgħatu l-formola tas-soltu lis-Segreterija sal-31 ta' Diċembru 1981.

Grazzi ta' kollox.
18 ta' Novembru, 1981.

**Mons. G. Lupi**
Segretarju Djoċesan

## RAPPORT TAL-KUNGRESS INTERNAZZJONALI TAL-VOKAZZJONIJIET RUMA

### 10-16 TA' MEJJU 1981

"Il-problema tal-vokazzjonijiet saċerdotali u tar-reliġjużi: irġiel u nisa — hu, u dan ngħidu bil-miftuħ, il-problema fundamentali tal-Knisja. Il-Knisja turi hijiex ħajja spiritwalment minn kemm għand-ha vokazzjonijiet, u l-istess vokazzjonijiet jagħtu l-ħajja lill-Knisja."

Hekk qal il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Omelija tal-quddiesa li hu qaddes flimkien mal-Isqfijiet u Promuturi tal-Vokazzjonijiet nhar l-10 ta' Mejju, 1981 fil-Bażilika ta' San Pietru.

Permezz ta' din il-quddiesa, il-Papa fetaħ uffiċċjalment it-tieni Kungress Internazzjonali tal-Vokazzjonijiet.

### Ħidma Flimkien

Il-Kungress kien il-frott u fl-istess ħin l-okkażjoni biex kulħadd jaħdem flimkien. It-Tnejn, 11 ta' Mejju l-Kardinal Baun irringrazzja lil Alla, lill-Papa Ġwanni Pawlu, lill-Konferenzi Episkopali, lill-Kongregazzjonijiet l-oħra, lill-aktar minn 700 Isqof li bagħtu Ruma l-pjani ta' Azzjoni għall-vokazzjonijiet li għamlu għad-djoċesijiet tagħhom u lill-Kongregazzjoni tar-Rogazzjonisti li ħadmu fix-xogħol preparatorju u fil-mixi ta' kuljum tal-Kungress.

Alla, il-Knisja u l-operaturi pastorali huma t-tliet atturi prinċipali tal-Kungress tal-Vokazzjoniijet.

### Alla

"Aħna lkoll imsejħin minn Alla biex niffurmaw il-Knisja, sabiex ngħixu fil-Knisja, biex naħdmu u nsofru għall-Knisja, fuq l-art waqt li nistennew ',biex niksbu d-dawl li ma jgħib qatt" (L.G. n. 9), qal il-Kardinal Baum.

Mons. Javiere Ortas, kien speċifiku ħafna meta qal: "dan il-ħin tal-Kungress aħna nafu li Alla qiegħed magħna għax nafu li hu ma jirtirax il-wegħdiet tiegħu. Alla ġabarna f'ismu, għax Hu jrid jieħu sehem fix-xogħol pastorali qalb il-merħla u jerġa', jitlob lill-Missier biex jibgħat ħafna ħaddiema fidili" (Diskors fl-ewwel ġurnata).

### Il-Knisja

Il-Papa Ġwanni Pawlu fetaħ il-Kungress b'quddiesa konċelebrata f'San Pietru fl-10 ta' Mejju. Fl-Omelija huwa qal, "l-iskop li għalih iltaqa' l-Kungress huwa l-iżvilupp tal-ħidma pastorali tal-vokazzjonijiet fil-Knisja lokali."

Permezz ta' dan il-Kungress il-Knisja trid ittejjeb il-ħidma tagħha f'dan il-qasam li hu ta' mportanza kbira għaliha.

Fid-diskors tiegħu, Monsinjur Javiere Ortas qal li l-varjetà kbira ta' parteċipanti fil-Kungress hi okkażjoni ta' ferħ għax naraw li dawk li qed jieħdu sehem jirrappreżentaw lill-eluf kbar ta' nsara li qed jaħdmu spiritwalment u jitolbu magħna waq t dan il-Kungress.

Il-parteċipanti ġew mill-Knisja Kattolika kollha u magħhom ġabu l-esperjenzi tagħhom. Ħadu sehem 194: 68 Isqof, 51 saċerdot, 38 re-

liġjużi rġiel, 23 reliġjużi nisa, 9 lajċi, wieħed Djaknu permanenti u 4 membri ta' Istituti Sekulari: ħadu sehem ukoll membri ta' organizzazzjonijiet Mondjali li jaħdmu għall-vokazzjonijiet.

**L-operaturi Pastorali**

Ġesù sejjaħ lill-Appostli. "Sejjaħ lil dawk li ried. Huma resqu lejh u għażel tnax li semmieħom appostli biex jibqgħu miegħu" (Mark 3:12-14). L-Appostli għamlu bħal Ġesù u sejħu oħrajn. (Atti tal-Appostli 6, 2-6).

"Il-Kungress iltaqa' b'dan il-motiv tejoloġiku," qal il-Kardinal Baum u kkwota l-**Christus Dominus** tal-Konċilju Vatikan II, n. 15, ',L-Isqfijiet jagħmlu kull sforz sabiex ikattru l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża u b'mod speċjali jħeġġu lin-nies għall-vokazzjonijiet missjunarja." Irridu naħdmu għall-kontemplativi li mhumiex fostna."

"Illum," qal il-Kardinal, "il-komunità kollha li Alla jsejjaħ biex tkun Knisja lokali, trid taqdi lill-Ispirtu s-Santu u flimkien mal-Isqof u taħt it-tmexxija tiegħu, biex tieħu ħsieb sewwa tal-vokazzjonijiet kollha." (Diskors tal-ewwel ġurnata).

Il-Kardinal ikkwota l-**Optatam Totius** n. 2 tal-Konċilju Vatikan II biex jenfasizza l-punt li hija l-komunità kollha li taħdem għall-vokazzjonijiet.

**L-Isqof u l-Vokazzjonijiet**

Fil-Kungress, erba' isqfijiet kienu mistiedna jitkellmu fuq is-sehem tal-Isqof fil-qasam tal-vokazzjoniijet.

L-Isqof Odeonjo ta' **Tororo, Uganda**, ikkwota l-**Christus Dominus** n. 15 u qal, "peress li huma mqabbdin biex jipperfezzjonaw il-merħla tagħhom, l-Isqfijiet għandhom ifittxu li jmexxu 'l quddiem fil-ħajja tal-qdusija s-saċerdoti tagħhom, ir-reliġjużi u s-sekulari, skond il-vokazzjoni partikolari ta' kull wieħed minnhom, persważi mill-obbligu li għandhom li jagħtu huma minn ta' l-ewwel l-eżempju tal-qdusija, fil-karità, fl-umiltà u fis-sempliċità tal-ħajja. Għandhom iwasslu l-Knejjes afdati lilhom sa dak il-grad ta' qdusija li fihom ikun jiddi s-sens tal-Knisja universali ta' Kristu.

Bħala konsegwenza, ifittxu kemm huwa possibbli l-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi missjunarji.'

Minn dan il-kliem tal-Konċilju jidher ċar u fil-fatt, li waqt il-Kungress saret enfasi speċjali li l-Isqof huwa l-persuna l-iktar responsabbli tal-vokazzjonijiet fid-djoċesi.

Monsinjur Stefan Barela mill-Polonja żied igħid, "l-Isqof jaqsam ir-responsabbiltà tiegħu f'dan il-qasam mal-komunità tal-Knisja fid-Djoċesi tiegħu u b'mod partikulari mas-saċerdoti u l-persuni konsagrati kollha."

Patri Gaetano Cirammi Serfer tal-Kongregazzjoni tar-Rogazzjonisti qal, "dan l-impenn tal-Isqfijiet — sinjal viżibbli ta' Kristu kap — jinqasam mal-membri kollha tal-Ġisem mistiku (**Optatam Totius** n. 2) u b'mod partikulari mas-Superjuuri Reliġjużi li minħabba l-pożizzjoni tagħhom fil-Knisja u x-xogħol li jwettqu, jiġu mmedjatament wara l-Isqfijiet fil-linja tar-

responsabbiltà. Għalhekk hemm bżonn jinħoloq djalogu bejn l-Isqfijiet u s-Superjuri Reliġjużi fl-oqsma kollha tal-ħidma pastorali tal-Vokazzjonijiet.

Patri Cirammi kkwota n. 39 tal-Mutuae Relationes: "Kamp privileġġjat li fih l-Isqfijiet u r-Reliġjużi jistgħu jaħdmu flimkien hu l-ħidma pastorali li timxi pass wara l-ieħor mal-vokazzjonijiet."

Sister Agnes Wolsh, tal-Kongregazzjoni tal-Beata Verġni Marija qalet li r-Reliġjużi jridu jitolbu lill-Isqof biex jifhem aħjar il-ħajja reliġjuża. Hija ħaġa wisq importanti li l-Isqfijiet kemm fis-Sinodu, fil-Konferenzi Episkopali u fid-djoċesi bħala vigarji u ambaxxaturi ta' Kristu jagħrfu li permezz tagħna l-Knisja trid tagħti għarfien aħjar ta' Kristu (L.G. n. 46) u li aħna għandna bżonn l-għajnuna tagħhom biex nikbru u niffjorixxu bl-ispirtu tal-fundaturi tagħna." (L.G. n. 45).

L-Arċisqof Ibrahim Helou ta' Saida fil-Libanu qal li fil-Libanu l-kleru djoċesan jaħdem id f'id mar-reliġjużi u jagħmlu apostolat mill-isbaħ bl-imħabba reċiproka tagħhom. Din il-ħidma flimkien tilħaq ukoll il-livell tal-Isqfijiet kattoliċi li jaħdmu flimkien mar-rappreżentanti ta' żewġ kongregazzjonijiet reliġjużi — sinjal tal-pastorali flimkien kif ridha l-Konċilju Vatikan II.

Anki f'sitwazzjonijiet diffiċli bħal dawk li tgħix fihom il-Knisja Ukrajna kemm fil-pajjiżi u wkoll fid-diaspora. Monsinjur Myroslav Ivan Lubachivsky qal, "Il-Mulej jgħin b'mod li jidher il-Knisja tiegħu u jibgħatilha saċerdoti u reliġjużi rġiel u nisa mimlijin żelu apostoliku, ta' ċaħda u ta' sagrifiċċju.

Fuq ix-xogħol tal-Isqof fil-qasam tal-vokazzjonijiet tkellmu wkoll kelliema li għandhom vokazzjonijiet differenti.

Gerald Murphy, president internazzjonali tas-Serra (Għaqda ta' Lajċi li jaħdmu għall-Vokazzjonijiet) qal li Serra tista' taħdem għall-vokazzjonijiet jekk l-Isqof jifhem il-bżonn tal-lajċi f'dan il-qasam. Huwa kompla jgħid li għall-futur il-lajċi għandhom jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà li tmiss lilhom fit-tkattir tal-vokazzjonijiet waqt li jħallu f'idejn is-saċerdoti x-xogħol tal-pariri u taddirezzjoni.

Is-Sinjorina Ezia Fiorentino tkellmet dwar l-istituti sekulari li l-membri tagħhom waqt li jibqgħu lajċi u jaħdmu fl-oqsma soċjali kollha jikkonsagraw ħajjithom bittliet voti reliġjużi. Id-Djaknu Lorenzo Tagliaferri tkellem fuq il-vokazzjoni tad-Djaknu permanenti li "għandu sehem fil-kariżma u l-ministeru tal-Isqof billi jagħti servizz lill-Knisja lokali."

Monsinjur Marri, Rettur tas-Seminarju tal-Kbar ta' Ruma, qal li s-Seminarju jwettaq ħidma pastorali li biha huwa jsejjaħ żgħażagħ għas-saċerdozju. Is-Seminarju jagħti formazzjoni lis-saċerdoti tal-futur; jevanġelizza l-vokazzzjonijiet; u jippreżenta ruħu bħala komunità ta' persuni msejħin fil-Knisja lokali.

Tkellem ukoll il-Kappillan Dun Mario Bezzina li qal, "Il-parroċċa għadha, ukoll illum, l-art li tagħti vokazzjonijiet għall-ħajja konsagrata. Iżda biex tkun hekk, hemm bżonn li l-parroċċa ssir tassew ko-

munità. Infatti l-vokazzjonijiet jiżviluppaw u jimmaturaw fl-ambjent ta' komunità"

Fuq is-sehem tas-saċerdoti filqasam tal-vokazzjonijiet tkellmet Sister Agnes Walsh. Hija qalet li l-Isqof għandu jkollu entużjażmu għat-tkattir tal-vokazzjonijiet u li hu għandu jgħaddi dan l-entużjażmu lis-Saċerdoti tiegħu. B'hekk huma jiffurmaw l-attitudni tal-ġenituri lejn is-sejħat li Alla jagħmel lil uliedhom. U permezz tal-kuraġġ, pariri u direzzjoni li huma jagħtu liż-żgħażagħ, il-vokazzjonijiet jiżviluppaw f'dawn il-persuni msejħin.

Patri Gaetano Ciranni saħaq fuq l-ambjent li r-reliġjużi għandhom joħolqu meta "huma jgħixu d-don tal-ħajja konsagrata u jitolbu lill-Mulej għall-vokazzjonijiet — dan hu post privileġġjat ta' xhieda li jinfed il-qalb ta' min hu msejjaħ u jgħaddilhom il-vokazzjoni.

Il-kelliema tal-Kungress semmew xi mezzi li jgħinu ħafna filqasam tal-vokazzjonijiet.

Mons. Barela qal, "Iż-żgħażagħ insara fil-Polonja jafdaw il-ħajja tagħhom f'idejn il-Patruna tagħhom. Il-pellegrinaġġi taż-żgħażagħ saru ġrajja tas-soltu. Il-pellegrinaġġi jsiru minn żewġ gruppi prinċipalment: l-istudenti li spiċċaw l-Iskola Sekondarja u l-istudenti li spiċċaw l-Istudji tagħhom fl-Università. Huma jirringrazzjaw lill-Madonna u jafdaw il-ħajja tagħhom lilha. Mhux ħaġa rari li f'okkażjonijiet bħal dawn iż-żgħażagħ jiskopru s-sejħa saċerdotali u reliġjuża tagħhom; imbagħad huma jiġu mgħejjuna mill-konfessuri tagħhom.

Patri Cirammi semma t-talb. "Il-vokazzjoni timmatura meta l-bniedem jiġi wiċċ imb'wiċċ ma' Alla. Fil-ħidma għall-vokazzjonijiet, it-talb jieħu l-ewwel post. Dan hu l-mezz li tana Kristu. Iżda, ir-Reliġjużi fl-ambjent tal-Knisja lokali, għandhom joffru servizz li bih huma jitolbu għall-vokazzjonijiet u li fih wieħed jista' jieħu sehem fit-talb.

Sister Agnes Walsh tkellmet fuq l-iskejjel. Hija qalet li fl-iskejjel tal-Knisja għandna nkunu żguri li l-formazzjoni spiritwali tingħata l-ewwel post. L-istudenti għandhom jikbru fir-rabta personali tagħhom ma' Kristu li tista' twassalhom biex jagħtu lilhom infushom kompletament.

Iżda ma nistgħux ninsew lil numru kbir ta' studenti li hemm fl-iskejjel tal-Istat. Għandna nkunu lesti u nkunu għaqlin biex insibu metodi u żmien biex ngħinuhom jikbru fi Kristu biex huma wkoll b'sens matur ta' responsabbiltà, jagħżlu l-vokazzjoni tagħhom, anki jekk din tkun vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża." **(Gaudium et spes, 52).**

### Ħidma fi Gruppi

Meta l-parteċipanti fil-Kungress inqasmu f'ħames gruppi, sar xogħol li minnu ħareġ ħafna frott. Ħafna membri wrew kemm huma jafu sew il-Knisja u jafu sew id-dinja li l-Knisja tgħix fiha.

### IL-KOMUNITA' FI ĦDAN IL-KNISJA (It-tieni Ġurnata tal-Kungress)

Issemmew ħafna diffikultajiet li l-Knisja ssib quddiemha meta tgħix tassew bħala komunità nisranija: id-dinja ta' madwarha tiġ-

bed lejha, iż-żgħażagħ li huma instabbli u dgħajfa fil-karattru tagħhom, il-Knisja stess issib diffikultà biex tirrappreżenta sew lilha nfisha, is-saċerdot u l-ħajja konsagrata minħabba l-parti umana tagħha.

Iżda t-tagħlim tal-Konċilju fuq il-Knisja bħala komunità nisranija marbuta ma' Kristu, jrid jasal għand kull membru tal-komunità u għand kull grupp fil-komunità.

Il-familja, il-parroċċa, il-gruppi li jitgħallmu l-katekiżmu, l-iskola kattolika, is-Seminarji taż-żgħar għandhom isiru komunitajiet insara ċkejknin.

F'dawn il-komunitajiet, iż-żgħażagħ jiskopru l-fidi nisranija u jgħixu l-fidi tagħhom. L-Evanġelizzazzjoni tagħti bidu għall-fidi nisranija u hija l-għixien tal-ħajja nisranija fiż-żgħażagħ. Hija wkoll l-Evanġelizzazzjoni li tnibbet il-vokazzjoni fiż-żgħażagħ insara.

## VOKAZZJONIJIET FI ĦDAN IL-KOMUNITA' NISRANIJA (It-tielet ġurnata tal-Kungress)

Alla jseħħaħ lill-bnedmin biex jimxu wara Ġesù u permezz tal-Ispirtu s-Santu jagħżlilhom il-vokazzjoni li jridhom iħaddnu. Dawn l-imsejħin kollha huma l-Knisja u jistgħu jkunu saċerdoti reliġjużi, miżżewġin u lajċi impenjati fil-Knisja u wħud minnhom ikkonsagrati wkoll.

Minn din il-komunità ta' nsara jinbtu l-familji, l-għaqdiet, l-iskejjel, il-parroċċi u d-djoċesijiet: il-Knisja lokali li fiha jidher ix-xogħol ta' Kristu fid-dinja; li jgħallem, iqaddes u jmexxi bl-Evanġelu u bis-Sagramenti.

Il-membri ta' dawn il-komunitajiet jagħtu xhieda personali tal-impenn tagħhom fil-Knisja billi jidħlu għas-sagrifiċċju tal-vokazzjoni tagħhom, billi jagħtu lilhom infushom biex jaqdu lil ħuthom u jaslu biex imutu għall-oħrajn bil-ferħ.

F'komunitajiet insara fejn issib membri bħal dawn issib ukoll art tajba biex fiha jinbtu vokazzjonijiet ġodda.

Il-ħajja ta' aħwa fost is-saċerdoti magħqudin mal-Isqof tagħhom taħdem mal-animatur djoċesan tal-vokazzjonijiet biez jagħtu servizz lil dawk li għandhom il-vokazzjoni. Din l-istess ħaġa tapplika għall-komunitajiet reliġjużi, għas-Seminarju, għall-gruppi, movimenti u għaqdiet u għall-familji.

Għalkemm il-vokazzjonijiet jinbtu frott tax-xhieda li jagħtu l-membri tal-komunità, jibqa' dejjem il-fatt li għandha ssir għażla tal-vokazzjoni. Il-membri tal-komunità nisranija għandhom ukoll ix-xogħol li jieħdu ħsieb il-vokazzjonijiet magħżula u jwassluhom għall-maturità.

Biex dan isir hemm bżonn ta' **katekeżi** fuq is-sejħa li Alla jagħmel permezz tal-komunità u **tal-ambjent ta' talb** l-iktar dak ta' Adorazzjoni ta' Ġesù Ewkaristija.

## IL-KNISJA SSEJJAĦ LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ (Ir-raba' ġurnata tal-Kungress)

M'għandniex nibżgħu nsejħu liż-żgħażagħ għas-servizz tal-Knisja f' vokazzjoni jew oħra. Iżda għandna noħolqu ambjenti li fihom iż-żgħażagħ jagħmlu l-għażla tagħhom. Iż-żgħażagħ huma mistiedna jagħmlu esperjenza li tagħtihom formazzjo-

ni nisranija u għażla tal-vokazzjoni.

B'dan il-mod iż-żgħażagħ jitgħallmu jkunu membri ta' komunità, jitolbu u jaqdu s-Saltna ta' Alla. Huma jagħmlu dan għaliex iżommu quddiem għajnejhom lil Kristu u jagħżluh.

Meta jagħżlu l-vokazzjoni tagħhom dejjem jibqa' l-bżonn li l-komunità tgħin liż-żgħażagħ. Il-parroċċa, is-Seminarji, il-komunitajiet reliġjużi u familji impenjati fil-Knisja jilqgħu liż-żgħażagħ fi ħdanhom u jagħtuhom impenn speċifiku xi jwettqu. Komunità oħra li tgħin ħafna liż-żgħażagħ li diġà għamlu l-għażla tal-vokazzjoni hija l-laqgħa tagħhom fi rtiri spirtwali. F'dan l-ambjent huma jipprofondixxu s-sejħa ta' Alla u t-tweġiba tagħhom. Hawnhekk ukoll iż-żgħażagħ isiru wkoll aħwa u huma stess joħolqu komunità.

Ċerti Isqfijiet fetħu d-djar jew il-katedrali tagħhom għaż-żgħażagħ u stednuhom jiġu biex jitolbu flimkien. Meta ż-żgħażagħ jaraw dan, jaraw li l-Knisja mhix biss struttura ta' nies għolja u huma sempliċi membri, iżda l-Knisja hi l-laqgħa tal-aħwa kollha mal-Missier. Dan il-pass tal-Isqfijiet qed igħin biex iż-żgħażagħ jirritornaw fi ħdan il-Knisja u jsibu li din hi d-dar tagħhom.

B'dan, il-Knisja-Komunità qed tegħleb diffikultà kbira li ssemmiet u li tirrigwarda n-nuqqas ta' xhieda tassew tajba min-naħa tal-Isqfijiet, saċerdoti u reliġjużi fil-Knisja.

Diffikultà oħra li ssemmiet hija n-nuqqas ta' diretturi spiritwali għaż-żgħażagħ u n-nuqqas ta' tħejjija ta' dawk is-saċerdoti u reliġjużi li jagħtuha. Iż-żgħażagħ min-naħa tagħhom jew ma jafux biha jew ma jriduhiex. Iżda meta jinħoloq klima ta' djalogu u preżenza ta' Alla, allura d-direzzjoni spiritwali ssir għajn ta' ġid kbir għaż-żgħażagħ.

Tfal u żgħażagħ isibu din id-direzzjoni spiritwali fis-Seminarju taż-żgħar. F'ċerti pajjiżi u ambjenti dawn is-Seminarji huma istituzzjonijiet li jgħinu ħafna biex jinbtu l-vokazzjonijiet, jikbru u ssir l-aħjar għażla tagħhom.

Iżda llum barra s-Seminarji taż-żgħar hemm forom oħra fil-Knisja li jagħtu l-istess servizz liż-żgħażagħ.

# DOKUMENT KONKLUSIV FIL-QOSOR
# TAL-KUNGRESS INTERNAZZJONALI TAL-VOKAZZJONIJIET

**Ruma 10 — 16 ta' Mejju 1981**

## I. DAHLA

1.1 Kristu ma jieqaf qatt isejjaħ għal warajh nies, irġiel u nisa li jaqdu u jagħtu xhieda tal-Vanġelu. Hemm bżonn li ħafna jagħtu tweġiba pożittiva lil din is-sejħa biex il-Knisja tkun sagrament ta' Salvazzjoni fid-dinja.

Il-Knisja hi bħal merħla ċkejkna f'din id-dinja. Hija xxandar il-Bxara t-Tajba lill-bniedem tal-lum li ma jafx għajr niket u nkwiet. Meta l-Knisja twettaq fil-milja tagħha l-missjoni tagħha fid-dinja, ħafna rġiel u nisa, speċjalment żgħażagħ, iħossu x-xewqa li jimpenjaw ruħhom fil-ministeru tagħha u fil-forom differenti tal-Ħajja konsagrata tagħha.

F'diversi partijiet tad-dinja diġà jeżisti dan l-impenn ġdid biex wieħed jagħti ħajtu lil Alla u lill-Knisja.

### 1.2 Iż-Żgħażagħ

L-ikbar tfixkil li jġibu ż-żgħażagħ hu li fil-Knisja ma jsibux qbil bejn il-Fidi u l-ħajja fl-għixien tal-Insara. Għalhekk il-Knisja trid tippreżenta ruħha u l-missjoni tagħha bħala servizz lill-komunità u hekk hija tiġbed liż-żgħażagħ lejha. Hija tħobb liż-żgħażagħ u tpoġġi l-fiduċja tagħha fihom għax huma jistgħu jgħinuha.

Min-naħa tagħhom iż-żgħażagħ lesti jkunu ġenerużi u lesti biex igħinu. Fuq kollox huma lesti biex jiftħu qalbhom lil Kristu.

Fis-saċerdozju u fil-ħajja konsagrata, iż-żgħażagħ ma jfittxux ħajja faċli. Huma jridu jafu lil Kristu, jiddeċiedu favurih u jżommu sħiħ fis-sejħa li jagħmlilhom.

### 1.3 Ħidma għall-vokazzjonijiet

Il-ħidma għall-vokazzjonijiet taf il-bidu tagħha lill-missjoni tal-Knisja fid-dinja. Din il-ħidma ssir favur il-Knisja biex id-doni ġerarkiċi u karismatiċi, li Alla jagħti lill-poplu tiegħu, isibu min jilqagħhom minkejja d-diffikultajiet li jsibu dak li huma msejħa.

## II IT-TEOLOĠIJA TAL-VOKAZZJONIJIET

2.1 It-Teoloġija flimkien mat-talb hija l-qalba tal-appostolat tal-vokazzjonijiet. Din hija wkoll il-bażi l-iktar soda tal-motivazzjonijiet ta' dawk li huma msejħa.

L-vokazzjoni għall-ministeru jew għall-ħajja konsagrata ma tistax tifhimha jekk ma tidħolx fil-misteru tal-Knisja u ma tistax tidħol fil-misteru tal-Knisja bla ma tidħol fil-misteru ta' Alla.

### 2.2 Alla u l-vokazzjoni

Kull vokazzzjoni hija skond il-pjan ta' Alla li jħobb lill-bniedem. Kull vokazzjoni taħdem id f'id ma' l-Iben li l-Missier bagħat fid-dinja biex isalva lill-bnedmin u jdaħħalhom fis-saltna tas-sema.

Kull vokazzjoni tissieħeb mal-

missjoni tal-Ispirtu s-Santu li ntbagħat biex kontinwament iqaddes il-Knisja.

### 2.3 Il-Knisja u l-vokazzjonijiet

Fil-qawmien tiegħu mill-mewt, Kristu deher bħala l-Mulej u ta l-Ispirtu s-Santu lid-dixxipli. Hekk il-Knisja bdiet ixxandar il-Kelma ta' Alla u ddaħħal lill-popli fis-Saltna ta' Kristu.

Il-Knisja kollha hija msejħa tagħmel dan ix-xogħol. Bis-saħħa tas-saċerdozju komuni, il-membri kollha tal-Knisja jaħdmu id f'id u jwettqu x-xogħol tas-salvazzjoni bis-sehem tagħhom tal-Ewkaristija u tas-Sagramenti, bit-talb, bix-xhieda ta' ħajjithom, bil-karità u l-appostolat.

### 2.4 Ministri ordinati

Biex imexxi l-Knisja tiegħu, Ġesù għażel lill-Appostli u bagħathom kif il-Missier bagħat lilu. Ġesù ried li l-Isqfijiet suċċessuri tal-Appostli, imexxu l-Knisja salaħħar tad-dinja. L-Isqfijiet flimkien mas-saċerdoti u d-djakni — kooperaturi tagħhom — jippresiedu f'isem Alla l-merħla tagħhom bħala Għalliema, Saċerdoti tal-kult Divin u Mexxejja tal-Knisja.

### 2.5 Il-Konsagrazzjoni Reliġjuża

Il-kunsilli Evanġeliċi tal-kastità konsagrata lil Alla tal-faqar u tal-ubbidjenza, mibnija fuq il-kliem u l-eżempji ta' Ġesù huma doni li Alla jagħti lill-Knisja.

Matul is-sekli fil-Knisja kibru forom differenti ta' ħajja reliġjuża approvati mill-Knisja. Huma jħabirku biex il-membri tagħhom jitqaddsu u biex iqaddsu lill-Poplu ta' Alla.

### 2.6 Konsagrazzjoni fid-dinja

Il-membri tal-Istituti sekulari jagħmlu stqarrija vera u sħiħa tal-kunsilli evanġeliċi billi jingħataw fid-dinja biex iwettqu l-appostolat partikulari tagħhom.

### 2.7 Missjunarji

Minħabba l-kmand ta' Ġesù, "Morru għallmu fid-dinja kollha..." il-Knisja tibqa' tibgħat missjunarji biex jagħmlu Knejjes ġodda u dawn ikomplu l-evanġelizzazzjoni.

### 2.8 Knisja Universali

Il-poplu t'Alla kollu jinsab finnazzjonijiet kollha tad-dinja. Fi ħdan il-knisja universali hemm il-Knejjes lokali.

Iżda jibqa' dejjem il-primat ta' Pietru li jippresjiedi fuq l-għaqda Universali tal-imħabba.

### 2.9 Il-Knisja Lokali

Il-Knisja ta' Kristu qiegħda fil-knisja lokali u taħdem fiha. Hija Knisja li għandha sejħa u missjoni.

L-imgħammdin jirċievu s-sejħa Universali għas-saċerdozju komuni u għall-qdusija.

Fil-Knisja lokali jsiru s-sejħat għall-ministeri li jingħataw b'ordinazzjoni għall-ħajja reliġjuża u għall-ħajja konsagrata 'l Alla fid-dinja u għall-ħidma missjunarja. L-isqof idawwal u jgħin lill-fidili

biex il-vokazzjonijiet tagħhom jikbru u jipperseveraw.

Il-vokazzjonijiet huma sinjali tal-ħajja tal-knisja lokali u jagħtu ħajja lill-Knisja. Difatti l-vokazzjonijiet huma r-rigal li l-Knisja lokali tagħti lill-Knisja Universali speċjalment fejn il-Knisja l-iktar teħtieġhom.

**2.10 L-imsejħin**

Il-Knisja taf il-bidu tagħha lit-Trinità Qaddisa. Issa kull vokazzjoni għall-ministeri u għall-ħajja konsagrata tikber u tissaħħaħ permezz ta' rabta intima u personali mat-Tliet Persuni Divini. Min jaħseb fuq il-pjan tal-Missier li jrid li kulħadd isalva jsib il-motiv li għalih jista' jikkonsagra ħajtu kollha lil Kristu.

Min jiddeċiedi li jimxi wara Ġesù, isib il-qawwa biex kuljum jerfa' l-piż ta' ħajja konsagrata 'l Alla u lill-Knisja.

L-Ispirtu s-Santu jagħti d-don tal-qadi u tal-konsagrazzjoni. Hu jagħti wkoll il-grazzja lil min hu msejjaħ biex iġedded l-"Iva" tiegħu lil Alla u lill-Knisja.

Alla hu l-bidu u l-perseveranza ta' kull vokazzjoni u tal-appostolat.

**2.11 Il-Knisja ssejjaħ**

Il-Knisja hija komunità ta' nsara msejħa mill-Missier, mibgħuta mill-Iben u kkonsagrata mill-Ispirtu s-Santu.

Il-Knisja, għax hi msejħa, issejjaħ hija wkoll. Permezz tax-xandir tal-Evanġelju, tal-Ewkaristija, tat-talb u tax-xhieda ħajja hija turi lilha nnifisha bħala omm: "Il-ħajja iġġib il-Ħajja".

Fuq l-eżempju ta' Ġesù li talab lill-Missier qabel għażel lill-appostli, il-Knisja titlob għall-imsejħin ġodda. Iżda t-talb jitlob mill-Knisja li tikkonverti u tiġġedded.

**2.12 Marija**

Marija hija marbuta mal-misteru ta' Alla u tal-Knisja u għalhekk mal-misteru ta' kull min hu msejjaħ għall-qadi ta' Alla u tal-Knisja.

Marija qalet 'Iva' lill-Missier, laqgħet għandha d-don tal-Ispirtu s-Santu u tat 'il Ġesù lid-dinja.

Waqt li l-Knisja tikkontempla l-grajjiet kollha ta' Marija, issib fiha l-eżempju tal-Knisja Universali u lokali għax Marija tagħti ħafna vokazzjonijiet.

## III IL-KNISJA LOKALI BĦALA MEDJATRIĊI TAL-VOKAZZJONIJIET

**3.1** "Il-komunità nisranija kollha hija fid-dmir li taħdem għall-vokazzjonijiet u tagħmel dan billi tgħix ħajja tassew nisranija."

Il-komunità fiha kemm persuni kif ukoll gruppi żgħar u dawn kollha bl-għajnuna ta' Alla jagħtu sehemhom.

**3.2** Kull persuna kkonsagrata lill-Knisja kemm fil-ministeru kif ukoll fil-ħajja kkonsagrata hi responsabbli fil-qasam tal-vokazzjonijiet.

**3.3 L-Isqof** għandu l-ikbar sehem f'dan il-qasam. Fil-predikazzjoni juri l-valur tal-ministeru ordinat u tal-ħajja kkonsagrata; jistieden lil min hu msejjaħ, iwieġeb bil-qalb biex jagħmel ir-rieda ta' Alla; iqabbad persuni biex ikunu ko-

responsabbli miegħu u jara li l-ogħla organizzazzjonijiet fid-djoċesi jimpenjaw ruħhom fil-ħidma għall-vokazzjonijiet.

Jidher ċar li l-Konferenzi tal-Isqfijiet ħadu bis-serjetà dan ix-xogħol: Għamlu pjani ta' azzjoni għall-pajjiżi tagħhom u waqqfu Ċentru Nazzjonali għall-vokazzjonijiet.

3.4 **Is-saċerdoti u d-djakni** jħarsu lejn il-ħidma tal-vokazzjonijiet bħala biċċa xogħol li "toħroġ mill-ħajja saċerdotali tagħhom u jaqsmu mal-Knisja l-ħsieb li qatt ma jonqsu l-ħaddiema li l-Knisja għandha bżonn."

Huma jagħtu attenzjoni speċjali liż-żgħażagħ biex isibu valuri awtentiċi u jagħmlu esperjenza spiritwali.

Jagħtu xhieda tal-fidi, ħajja tal-Evanġelju, entużjażmu fl-appostolat, karità, tama u ottimiżmu nisrani, biex iż-żgħażagħ isiru jixtiequ jkunu bħalhom u jingħaqdu magħhom.

Huma jagħżlu lil dawk iż-żgħażagħ li lesti jagħżlu l-ħajja kkonsagrata; juruhom li huma jistgħu jidħlu għaliha wara li jkunu talbu u jiggwidawhom b'direzzjoni spiritwali.

3.5 **Ir-reliġjużi** jagħtu l-ikbar sehem tagħhom billi jgħixu "dak li huma": persuni kkonsagrati lil Alla. Dan jitlob minnhom fedeltà ferrieħa għall-vokazzjoni proprja, ħajja tal-Vanġelu u qadi tal-Komunità Nisranija u tad-dinja.

Ir-reliġjużi diġà taw sehemhom meta fetħu l-komunitajiet tagħhom u taw liż-żgħażagħ opportunità li jgħixu f'komunità, jitolbu u jaqdu — għas-Saltna ta' Alla.

**Il-Kontemplattivi** qegħdin jaqdu dmirhom billi jitolbu lil Sid il-Ħsad.

**L-Istituti sekulari** jagħtu s-sehem tagħhom billi jkomplu jgħaqqdu l-ideja] tal-Vanġelu mal-Impenn fid-dinja.

**Il-missjunarju** jagħti sehemu billi jkun "ad gentes" (għall-ġnus kollha") fil-Knisja.

3.6 Ix-xhieda ta' fidi, talb, għaqda u karità jgħaqqdu flimkien lil dawk li huma kkonsagrati fil-Knisja lokali.

Fil-ħidma tal-vokazzjonijiet ħadd m'għandu jaħseb għal rasu, jaħdem għal Ordni tiegħu biss. Kulħadd jimxi id f'id biex jaqdi għal kulħadd.

3.7 Jeħtieġ li tingħata teoloġija u taħriġ pastorali tal-vokazzjonijiet għall-ministeru u għall-ħajja kkonsagrata fis-seminarji u fid-djar ta' formazzjoni.

3.8 Ħafna lajċi ħassu li għandhom responsabbiltà fil-Knisja. Iżjed ma l-lajċi jidħlu fil-qalba tal-vokazzjoni u x-xogħol tagħhom fil-Knisja, iżjed huma jaraw l-importanza tal-vokazzjonijiet għall-ministeru u l-ħajja kkonsagrata.

3.9 **IL-FAMILJA** tagħti edukazzjoni tajba daqskemm ikollha fidi, tgħix il-ħajja Nisranija, tħobb lill-Knisja u tifhem il-Missjoni tagħha.

Il-ġenituri jieħdu sehem fil-Liturġija ma' wliedhom u jitolbu magħhom. Huma jagħtu katekeżi lit-tfal. Ġenituri u tfal jaħdmu fl-appostolat tal-komunità nisranija tagħhom.

B'dan il-mod ġenituri u tfal jimxu 'l quddiem fil-mixja wara Ġesù. Id-doni tal-Ispirtu s-Santu jġibu art tajba f'din il-klima kollha kemm hi evanġelika.

Il-Knisja tgħin lill-familja tifhem it-teoloġija tal-vokazzjoni; tgħinha wkoll tħobb lill-ministri tal-Knisja u lill-persuni kkonsagrati. Tgħin bil-prudenza lit-tfal meta jaslu biex jagħmlu l-għażla tal-ħajja tagħhom.

**3.11 IL-PARROĊĊA** hija "komunità adulta" fil-fidi. Fiha kulħadd għandu don biex bih jaqdi lill-oħrajn.

Is-saċerdot janima l-kariżmi kollha u jgħaqqad lil kulħadd flimkien. Fi ħdan il-parroċċa s-saċerdot iwettaq il-ħidma tal-vokazzjonijiet.

Il-parroċċi li l-iktar li qed isibu vokazzjonijiet, huma dawk li huma mpenjati ħafna fl-appostolat, li jaħdmu għall-missjonijiet u li jagħtu servizz lill-fqar.

Il-komunitajiet reliġjużi li jkun hemm fil-parroċċa jagħtu sehem kbir fil-ħajja spiritwali u appostolika tal-parroċċa. Dan jiġri minħabba li dawn huma komunitajiet mibnija fuq il-fidi, talb u appostolat.

L-Għaqdiet, movimenti u gruppi ekkleżjali li hemm fil-parroċċi jgħinu fil-ħajja spiritwali u appostolika tal-parroċċa. Huma jagħtu kontribut kbir għall-vokazzjonijiet.

## IV. IL-ĦIDMA PASTORALI GĦALL-VOKAZZJONIJIET

**4.1** Il-ħidma (pastorali) tal-vokazzjoniijet hija integrata fil-ħidma kollha tal-knisja lokali.

**4.2 Liturġija** Il-knisja tagħmel l-ikbar talba tagħha għall-vokazzjoni. Dan tagħmlu fis-sagramenti kollha l-ewwel u qabel kollox fl-Ewkaristija.

**Fl-Ewkaristija** Kristu jagħti lilu nnifsu lil kull wieħed minna. Din hi l-għajn tas-saċerdozju u tal-ħajja konsagrata.

Is-saċerdot u dawk kollha li huma kkonsagrati lil Alla jinżlu għarkobbtejhom quddiem Ġesù Ewkaristija u jadurawh. F'dan il-ħin ta' Adorazzjoni, huma jsibu l-milja tal-vokazzjoni tagħhom u ħafna oħrajn jisimgħu s-sejħa ta' Alla.

**Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni** jgħin il-vokazzjoni ssir awtentika; għax kull vokazzjoni hija konverżjoni lejn Alla. Żagħżugħ li jkun immexxi tajjeb fil-qrar, jirċievi kalma, dawl, kuxjenza safja u kuraġġ. Huwa jagħraf tajjeb il-bżonn tas-Sagrifiċċju (penitenza) u l-misteru tas-Salib.

Dan is-sagrament irid jiġi amministrat minn Saċerdoti tajbin u mħarrġin mill-aħjar.

Is-Sagramenti tal-**Magħmudija u tal-Griżma** huma s-Sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija u wkoll tal-bidu tal-għażla tal-vokazzjoni.

Fil-preparazzjoni li ssir għas-Sagrament taż-Żwieġ jista' jitqajjem interess fil-vokazzjonijiet l-oħra.

**L-Ordni Sagri u l-Professjoni fil-ħajja Reliġjuża,** meta jsiru fil-komunità tal-insara jagħtu frott kbir ta' vokazzjonijiet.

**Is-Sagrament tal-morda** joffri opportunità lis-saċerdoti biex igħidu lill-morda joffru t-tbatija tagħhom għall-vokazzjonijiet.

**4.3 It-TALB** huwa frott tal-grazzja, tal-fidi u tad-disponsibiltà li wieħed għandu lejn Alla.

Ġesù riedna nitolbu għall-vokazzjonijiet ġodda, għall-kwalità tajba ta' vokazzjonijiet differenti skond

id-doni tal-Ispirtu s-Santu, għall-fedeltà fil-vokazzjoni ta' dawk li huma diġà msejħin u għal dawk li ma baqgħux fidili għas-sejħa tagħhom.

Tfal u żgħażagħ jeħtieġu jiġu mgħallma jitolbu. Jinħtieġ jiġu ffurmati ċenakli ta' talb għall-kbar. Jeħtieġ li s-Seminarji u djar reliġjużi jsiru ċentri ta' talb. Jeħtieġ li l-familji jitolbu.

**Il-Ġurnata ta' Talb** għall-vokazzjonijiet li ssir darba fis-sena biex il-komunità kollha tal-knisja lokali titlob għall-bżonn kbir tal-vokazzjonijiet.

**4.4 Il-katekeżi tal-vokazzjoni** tibda billi turi lill-Insara, b'mod speċjali liż-żgħażagħ, kif jisimgħu 'l Alla jkellimhom (kelma ta' Alla) u jwieġbuh (Fidi).

"Il-vokazzjonijiet għall-ministeru u għall-ħajja kkonsagrata huma frott ta' katekeżi tajba li ħadu dawk li huma msejħin meta kienu żgħar u adolexxenti." (Cat. Trademdae n. 39).

**4.5** Il-Katekeżi turi d-differenza essenzjali li hemm bejn is-saċerdozju komuni tal-fidili (Magħmudija) u s-saċerdozju Ministerjali (Ordni Sagri).

**4.6** F'dinja sekolarizzata, il-katekeżi turi l-ħajja tal-Verġinità u taċ-Ċelibat bħala doni t'Alla u toroq tal-Vanġelu li jwasslu lil wieħed jikkonsagra ħajtu lil Alla u lill-Knisja.

**4.7** Il-Bibbja toffri l-eżempju ta' personalitajiet kbar li wieġbu għas-sejħa ta' Alla biex iwettqu ġrajjiet kbar fl-istorja tas-salvazzjoni. Eż. Marija.

**4.8** Il-ħajjiet tal-qaddisin li mxew wara Kristu b'mod perfett jagħtu xhieda tat-tweġiba tagħhom lil Alla fit-triq tal-Martirju, tal-evanġelizzazzjoni tal-popli, tal-karità nisranija u tal-qdusija. Illum il-Knisja għandha bżonn ta' ħafna qaddisin biex issalva d-dinjità tal-bniedem, tal-ħajja, tal-ġustizzja, tal-libertà u tal-paċi.

**4.9** L-Ewkaristija hija l-katekeżi l-iktar li tagħti frott billi tqajjem ħafna vokazzjonijiet għall-ħajja konsagrata.

**4.10** Min jagħti katekeżi tal-vokazzjoni jrid jagħti xhieda bil-ħajja tiegħu stess. Fil-ħajja tal-ministeru u tal-ħajja kkonsagrata wieħed jagħti ħajtu għall-oħrajn — kif Ġesù ta ħajtu għalina. Din hija l-ikbar xhieda li tiġbed lejha ħafna vokazzjonijiet ġodda u awtentiċi.

**4.11** Katekeżi tal-vokazzjoni tingħata wkoll waqt eżerċizzi spiritwali, ġranet ta' rtiri, laqgħat ta' talb, pellegrinaġġi għaż-żgħażagħ, ġimgħat tal-vokazzjonijiet f'seminarji u kunventi "miftuħa" u fit-tmiem tal-aħħar sena ta' skola sekondarja.

## V. ĦIDMA TAL-VOKAZZJONIJIET FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**5.1** Illum iż-żgħażagħ għandhom bżonn

— formazzjoni fil-fidi tagħhom li tiġi mis-Smiegħ tal-kelma ta' Alla u mis-sehem tagħhom fil-Liturġija.

— formazzjoni li twassalhom jieħdu sehem attiv fil-komunità tal-insara u jaqdu lill-oħrajn.

— formazzjoni biex jagħrfu s-sinjali ta' żmienna u joffru ħajjithom fil-ministeru u għall-ħajja kkonsagrata.

Tliet ambjenti li jgħinu liż-

żgħażagħ jiżviluppaw.

— Vokazzjonijiet ġodda jinstabu fil-**komunità tal-parroċċa** u fil-gruppi/għaqdiet kollha tagħha. Huma jakkwistaw esperjenza tal-fidi.

Iż-żgħażagħ isiru mexxejja ta' gruppi ta' nsara, ta' laqgħat ta' talb u leaders fil-ħidma Soċjali.

Żgħażagħ impenjati b'dan il-mod isiru persuni impenjati ħaj-jithom kollha mal-knisja fil-ministeru u fil-ħajja kkonsagrata.

— Il-Vokazzjoni taż-żgħażagħ tim-matura b'mod fenomenali meta huma jħossu li qed **jimpenjaw ru-ħhom ma' Kristu** u ma' Kristu jibnu ċ-ċiviltà tal-imħabba. Huma jiftħu qalbhom għall-bnedmin l-iktar abbandunati huma fejn hu-ma fid-dinja.

— **L-Iskola** toffri orjentament vo-kazzzjonali liż-żgħażagħ. Fl-iskejjel tal-Istat, għalliema nsara jippre-żentaw viżjoni nisranija tal-ħajja u joffru impenn fil-ministeru ordi-nat u fil-ħajja kkonsagrata.

**L-Iskejjel kattoliċi** huma komu-nitajiet edukattivi fi ħdan il-knis-ja mmexxija minn persuni kkon-sagrati u lajċi impenjati li jafu jagħtu viżjoni umana u kristjana tal-ħajja. F'dawn l-iskejjel, l-istu-denti jimmaturaw l-għażliet vo-kazzjonali tagħhom u bil-kuraġġ kollu jagħrfu jagħżlu l-ministeru l-ħajja kkonsagrata u l-ħajja mis-sjunarja.

**5.3** Jeżistu **knejjes lokali fid-dias-fora,** qalb il-persekuzzjoni u l-libertà mnaqqsa; bi ftit insara, ftit saċerdoti u mezzi umani mxej-na.

Fejn hemm dan, hemm għana kbir tal-Ispirtu s-Santu: Kelma ta' Alla, Ewkaristija, talb, xhieda tal-fidi. F'ambjent bħal dan is-sejħa ta' Alla tinstema' minn persuni li jgħixu f'dawn il-knejjes lokali.

6.1 Il-vokazzjoni mhix problema ta' individwi; il-vokazzjoni tibda fil-knisja, tikber fil-knisja u l-kni-sja tgħin fl-iżvilupp kollu tagħha.

Difatti malli żagħżugħ jew żagħ-żugħa tħoss il-vokazzjoni, huwa jkellem lil saċerdot u jgħidlu b' din is-sejħa li Alla qed jagħmillu. Dan ifisser li min hu msejjaħ jif-taħ qalbu mal-knisja.

**6.2** Min iħoss is-sejħa ta' Alla, ħafna drabi jkun irid jingħaqad ma' oħrajn li huma msejħin ukoll.

Fil-knisja għalhekk, jinbtu grup-pi tal-vokazzjonijiet, ċentri ta' orjentament, Seminarji taż-żgħar li jħejju t-triq għas-saċerdozju jew għall-ħajja kkonsagrata.

**6.3 Gwida Individwali:** Dan huwa servizz li permezz tiegħu min jig-gwida jkun jaf jisma' lil min qed ikellmu u jħoss miegħu u jagħtih it-tama.

a) Huwa jipproponilu l-ewwel u qabel kollox lil Kristu.

b) imbagħad il-Vanġelu li jagħti d-dawl lill-ħajja;

c) Wara dan il-Knisja li tkompli fid-dinja l-missjoni ta' Kristu.

d) Huwa jurih il-vokazzjonijiet dif-ferenti li hawn fil-knisja;

e) U jgħinu jgħid "Iva" lill-Mulej.

**6.4 GWIDA TAL-GRUPP:** Il-grupp igħin fl-iżvilupp tal-ekwilibriju af-fettiv u jsaħħaħ il-fidi tal-membri.

Fil-grupp, min jiggwida

a) jipproponi l-vokazzjoni għall-ministeru u għall-ħajja kkonsag-rata;

b) jgħin lill-membri jiskopru l-va-lur tal-meditazzjoni, tat-talb, tal-ħajja flimkien, tal-appostolat, tad-direzzjoni spiritwali.

c) joħloq kuntatt u jaħdem mal-familji taż-żgħażagħ.

d) joħloq kuntatt u jaħdem mas-Seminarji, seminaristi, novizzjati, novizzi u ċentri ta' formazzjoni missjunarja.

**6.5 Grupp ta' nies imsejħin** jitmexxa minn saċerdot jew reliġjuż. Dan il-grupp hu orjentat lejn il-vokazzjoni għall-ministeru u għall-ħajja kkonsagrata. Gruppi bħal dawn jgħinu ħafna liż-żgħażagħ qabel jidħlu fis-seminarju jew fin-novizzjat.

**6.6 Ċentri taż-żgħażagħ** li jridu joffru servizz ta' orjentament għal kull xorta ta' vokazzjoni jgħinu liż-żgħażagħ jagħmlu sperjenza qawwija ta' ħajja ta' fidi. Iż-żgħażagħ jgħixu f'komunità, jitolbu flimkien, jaqdu lill-Knisja u jimxu wara Kristu skond il-vokazzjoni proprja tagħhom. Meta jasal il-waqt, jekk ikun hemm vokazzjoni, min imexxi jgħin liż-żgħażagħ jidħlu fis-seminarju jew fin-novizzjat.

**6.7 Seminarji taż-żgħar** u istituzzjonijiet bħalhom jistgħu jkunu fatturi pożittivi għall-bidu ta' vokazzjoni, għall-perseveranza tagħha u biex isir dixxerniment tagħha.

**6.8** Il-ħtieġa ta' ambjenti bħal dawn tidher mill-fatt li

a) anki tfal u adolexxenti jistgħu juru disponsibiltà li jidħlu għall-vokazzjoni għall-qadi tal-knisja.

b) Il-familji u l-gruppi taż-żgħażagħ għandhom bżonn min jgħinhom fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ meta dawn juru disponsibiltà għall-vokazzjoni.

c) li l-ħajja flimkien ta' dawk li huma msejħin toffri kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp sħiħ ta' ħajja umana u kristjana.

**6.9** Diffikultà kbira fil-qasam tal-Gwida tal-vokazzjoni hija n-nuqqas ta' nies li jistgħu jagħtu ħin biex jiggwidaw liż-żgħażagħ. Ħafna drabi meta jkun hemm persuni li jistgħu jiggwidaw, issib li dawn il-persuni huma mgħobbijin b'impenji oħra.

Xi wħud jaqtgħu qalbhom minn dan ix-xogħol ta' gwida għax ma jarawx suċċess. Dan jiġri għax ma jkunux nies adatti.

Iż-żgħażagħ stess jistgħu joħolqu diffikultà għax jibżgħu li jkunu manipolati.

**6.10** Il-ħidma **għall-vokazzjonijiet ta' persuni adulti** għandha tiġi żviluppata. Fil-knisja kien hemm ħafna qaddisin li saru jafu bil-vokazzzjoni tagħhom f'età kbira.

Persuni ta' età kbira għandhom bżonn ta' ħin ta' riflessjoni, gwida u tħejjija.

**6.11** Dawn huma **l-kwalitajiet meħtieġa fil-persuni li jiggwidaw il-vokazzjonijiet.**

a) Persuna li kapaċi tisma' bla ebda preġudizzju, liż-żgħażagħ jirrakkontaw il-ħajja tagħhom.

b) Persuna li taf tħoss mal-oħrajn, tgħinhom jgħelbu d-diffikultajiet tal-passat u tiftħilhom futur fid-dawl ta' Alla (Qrar)

c) Persuna li taf tagħti risposti fid-dawl tar-rieda ta' Alla.

d) Persuna li titlob u flimkien maż-żagħżugħ tara t-triq tiegħu fid-dawl ta' Alla.

e) Persuna li taf tagħti formazzjoni tajba biex l-iżvilupp uman u kristjan u t-tfittix tal-vokazzjoni proprja jkunu fil-ħajja taż-żgħażagħ mumenti ta' progress fil-fidi tiegħu.

f) Persuna li taf tieħu paċenzja

mimlija tama u li jkollha fiduċja sħiħa fil-grazzja ta' Alla.

Hija mportanti li l-persuni li jżommu kuntatt mas-Seminarji tal-jiggwidaw jingħaqdu bejniethom u Kbar u tan-Novizzjat.

7.1 Illum tinħass il-ħtieġa li l-ħidmiet kollha għall-vokazzjonijiet jingħaqdu flimkien biex jaqdu kull xorta ta' vokazzjoni u għall-ġid tal-Knisja lokali u universali.

**7.2 Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Vokazzjonijiet** hu mezz ta' għaqda tal-ħidmiet kollha tal-Vokazzjonijiet.

Iċ-Ċentru Nazzjonali jippreżenta l-linji tal-ħidma tal-vokazzjonijiet proposti mill-Konferenza Episkopali.

Iċ-Ċentru Nazzjonali jwaqqaf ċentri żgħar tal-Vokazzjonijiet f' kull djoċesi.

Iċ-Ċentru Nazzjonali jgħin fil-formazzjoni tal-animaturi tal-vokazzjonijiet.

Iċ-Ċentru Nazzjonali jikkoopera ma' organizzazzjonijiet oħra nazzjonali li jaħmdu f'oqsma oħra tal-apostolat.

Iċ-Ċentru hu l-post fejn jiltaqgħu l-membri taċ-Ċentri Djoċesani.

**7.3 Iċ-Ċentru Djoċesan** jgħin u jikkoordina l-ħidma tal-vokazzjonijiet li ssir f'kull parroċċa.

Iċ-Ċentru Djoċesan igħaqqad flimkien il-persuni u l-organizzazzjoni tal-Knisja lokali li jaħdmu għall-vokazzjonijiet.

Iċ-Ċentru Djoċesan joffri l-għajnuna tiegħu lil kull xorta ta' vokazzjonijiet tal-ħajja kkonsagrata u tal-ministeru.

Id-direttur taċ-Ċentru Djoċesan nominat mill-Isqof, jaqdi dmir meta joffri servizz ta' animazzjoni vokazzjonali lill-knisja lokali u lil kull xorta ta' vokazzjoni.

7.4 Iċ-Ċentru Nazzjonali u dak Djoċesan jikkordinaw il-ħidma għall-vokazzjonijiet li ssir mis-saċerdoti u mir-Reliġjużi.

Huma jaħdmu flimkien billi

a) jistudjaw it-teoloġija tal-vokazzjoni u jxandruha.

b) jagħtu sehem fl-iżvilupp tal-ħajja spiritwali u tat-talb.

c) jintegraw il-ħidma tal-vokazzjonijiet fil-pastorali kollha tal-Knisja lokali.

d) jaħdmu għall-vokazzjonijiet fil-parroċċi.

e) jaħdmu għall-vokazzjonijiet qalb iż-żgħażagħ.

f) jgħinu x-xogħol ta' gwida tal-vokazzjonijiet fis-seminarji tażżgħar.

g) iqajmu fil-komunità l-valur u l-ħtieġa tal-vokazzjonijiet "minsija" kontemplattivi, "brothers", sorijiet — li jaħdmu fil-moħbi minħabba x-xogħol speċifiku tagħhom.

h) jużaw il-mezzi moderni tax-xandir biex joħolqu klima favorevoli għall-vokazzjonijiet.

i) jippubblikaw rivisti, fuljetti tal-vokazzjonijiet.

j) iħejju l-persuni li b'mod jew ieħor jaħdmu għall-vokazzjonijiet u jiggwidaw lil dawk li huma msejħin.

## VIII. Konklużjoni

Dak li ingħad hawn fuq huma l-esperjenzi li għaddew minnhom il-knejjes lokali u l-promuturi tal-vokazzjonijiet. Huma wkoll il-prospettivi ta' ħajja ġdida għall-vokazzjonijiet fil-Knisja kollha.

## INTEJBU L-OMELIJA

### Seminar għall-Kleru organizzat mill-Kunsill tal-Provinċjali

### It-Tnejn, 30 ta' Novembru 1981

# X'INHI L-OMELIJA

Mons. G. Lupi

**Il-qawwa tal-Kelma ta' Alla**

1. "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet u tagħti ż-żerriegħa 'l min jiżra' u l-ħobż 'il min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili u ttemm dak li jien inkun bgħattha tagħmel." Hekk iħabbar il-profeta Isaija, u hekk hu, għaliex, kif igħid il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud "il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin lir-ruħ u l-ispirtu, l-ġogi u l-mudullun, u tagħrbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb."

Jekk dan minnu, għaliex kemm-il darba l-Kelma ta' Alla li nħabbru kull nhar ta' Ħadd, kull meta niċċelebraw il-misteri qaddisa, qisha ma tħalli ebda effett fuq dawk li jisimgħuha, qisha ma tbiddilhomx u tħallihom dak li huma, mingħajr ma ġġegħelhom iduru lejn il-Mulej Alla tagħna? Bħalma l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna f'waqt wieħed tal-ġrajja kollha tal-bniedem u, skond il-ġisem, ħareġ mill-ġens tal-Israelin, iżda b'danakollu ma ġiex biss għas-salvazzjoni tal-Lhud, imma għall-fidwa tal-bnedmin kollha ta' kull ġens u ta' kull imkien; hekk il-Kelma ta' Alla waslet għandna liebsa l-libsa ta' l-ilsien ta' popld żgħir tal-lvant nofsani, u madankollu hi l-Kelma ta' Alla għall-popli kollha ta' kull żmien u ta' kull imkien.

2. Din il-Kelma tiegħu l-Mulej irid iwassalha llum lill-poplu qaddis tiegħu kif wassalha fi żminijiet l-imgħoddija l-ewwel permezz tal-patrijarki u l-profeti u, imbagħad, fl-aħħar taż-żminijiet, kif wassalha Hu stess huwa u jdur l-ibliet u l-irħula tal-Lhudija u l-Galilija jistieden għall-indiema u jħabbar il-Bxara t-tajba.

**Ministri tal-Kelma ta' Alla**

3. Hu stess iwassalna llum ukoll lill-poplu tiegħu, permezz ta' dawk li hu jagħżel għal dan il-ministeru qaddis, u għalhekk irid li dawna l-ewwelnett jemmnu f'dak li jħabbru, igħallmu dak li jemmnu u jgħixu dak li jgħallmu. Jekk aħna, li ġejna msejħin għal dan il-ministeru qaddis mill-Mulej stess, ma nemmnux dak li ngħallmu u ma ngħixux skond ma ngħallmu, aħna mhux se nkunu għodda maħtura f'idejn il-Mulej biex inwasslu l-Bxara t-tajba tiegħu sa truf l-art kollha, u, ħtija tagħna, il-Kelma ta' Alla mhux se tagħmel f'

dawk li jisimgħuha, kull ma jogħġob lill-Mulej u mhux se ttemm fihom dak li bagħatha tagħmel.

4. X'responsabbiltà kbira din, ħuti! Kemm għandna nkunu midħla tal-Kotba Mqaddsa, bier inkunu tassew ministri tal-Kelma ta' Alla u ngħixu l-vokazzjoni tagħna! Kemm għandna nkunu mħejjijin sewwa biex inħabbruha b'mod li min jismagħna ma jitlifx l-iċken tikka minnha!. Kemm irridu nitolbu u naħsbu fuqha biex inkunu nistgħu noħorġu minnha, għall-poplu ta' Alla li jkun qiegħed jismagħna, sew il-ġdid u sew il-qadim li jkun igħodd għalih f'dak il-ħin u f'dak il-waqt!

5. Hemm ċertu progress fit-tħabbir tal-Kelma ta' Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa: tibda bil-qari mill-kotba tal-Patt il-qadim u/jew mill-Appostlu — huma l-letturi li għandhom il-ministeru li jwasslu l-kelma tal-profeti jew ta' l-Appostlu lill-poplu ta' Alla li jkun qed jissieħeb fiċ-ċelebrazzjoni; imbagħad l-Evanġelju — u huwa d-djaknu li hu fid-dmir li jħabbru; fl-aħħarnett jasal il-waqt biex dak li jkun qiegħed jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni jaqdi dmiru: juri kif il-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret kif inkitbet mijiet u mijiet ta' snin ilu, għadha tiswa llum ukoll, għandha l-istess qawwa li kellha meta tlissnet l-ewwel darba, għadha tagħmel dak li jogħġob lil Alla u ttemm dak li bagħatha tagħmel. Dmir iċ-ċelebrant li jkun jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni huwa li juri kif il-Kelma li tħabbret tolqot dak il-ħin u dak il-waqt stess lil kull min qiegħed jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni, kemm bħala individwu u kemm bħala membru taxxirka waħda ta' mħabba li hija l-Knisja ta' Kristu. Dan isir fl-omelija, u dan juruina x'siwi kbir għandha l-omelija, u kif tassew hi parti essenzjali miċ-ċelebrazzjoni.

### X'inhi l-omilija

6. Kif naqraw fid-daħla għat-tieni edizzjoni tal-Ordni tal-Qari għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, "l-omelija matul is-sena liturġika tfisser il-misteri tal-fidi u r-regoli tal-ħajja u l-imġiba nisranija mill-qari li jkun sar. Minn mindu ħarġet il-kostituzzjoni **Sacrosanctum Concilium** tal-Konċilju Vatikan II fuq il-Liturġija Mqaddsa, intqal ta' spiss li l-omilija hi parti mil-Liturġija tal-Kelma u hi obbligatorja fil-Ħdud u l-festi kollha u hemm rakkomandazzjoni qawwija li ssir ukoll fi żmien l-Avvent u r-Randan u fil-ġranet ta' festi popolari. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, l-għan tagħha hu li l-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret, flimkien mal-Liturġija Ewkaristika, issir qisha t-tħabbira ta' l-egħġubijiet ta' Alla fil-ġrajja tas-salvazzjoni: hi t-tħabbira tal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu li jseħħ imbagħad bis-sagrifiċċju tal-Quddiesa.

L-omilija, kemm jekk tfisser il-kelma ta' l-Iskrittura li tkun tħabbret, kemm jekk tfisser- xi testi liturġiċi oħra, trid twassal lill-ġemgħa ta' l-insara għal ċelebrazzjoni ħajja tal-Ewkaristija b'mod li l-insara igħixu f'ħajjithom dak li kisbu mill-fidi. B'dan it-tifsir ħaj tal-Kelma ta' Alla li tinqara, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja jiksbu qawwa akbar, sew jekk l-omilija tkun tassew frott ta' meditaz-

zjoni mħejjija tajjeb, la wisq fit-tul u lanqas fil-qosor, u sew jekk wieħed iqis sewwa min qiegħed jismagħha, it-tfal ukoll u n-nies bla skola".

**B'fidi ħajja**

7. Dan il-kliem mill-introduzzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Lezzjonarju tal-Quddiesa, fih ħafna x' togħmod, u jurina għaliex ma għandux ikun hemm ċelebrazzjoni ta' Sagrament wieħed, u wisq aktar ta' Quddiesa, almenu fil-Ħdud u l-festi, mingħajr omilija.

Is-sagramenti huma sagramenti tal-fidi, u għalhekk jeħtieġ nissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tagħhom b'fidi ħajja. Jekk tkun nieqsa l-fidi fil-ġemgħa ma għandniex ċelebrazzjoni, imma biss spettaklu — qegħdin naraw, forsi qed naqdu dmir mitlub mil-liġi, imma m'aħniex niċċelebraw il-misteru ta' l-Għid, m'aħniex nagħtu ġieħ, tifħir, radd il-ħajr, sebħ u glorja lil Dak li sejħilhom mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb. L-insara li jiġu l-Knisja għall-Quddiesa mhux kollha l-istess: xi wħud ġà kellhom ħeġġa ta' mħabba għal Alla, imma l-kotra l-kbira ġew għax iħossu ruħhom marbutin minn dmir, jew għal għajn innies, u ħsiebhom li ma ntawlux wisq biex ma ndejquhomx, ħafna forsi huma wkoll bla saħħa u morda fir-ruħ, u wkoll mejta. Huwa dmir tagħna għalhekk, aħna u nippresiedu ċ-ċelebrazzjoni, li nagħmlu l-ħajja l-fidi ta' dawn kollha biex ilkoll jieħdu sehem sħiħ u ħaj fl-offerta tas-sagrifiċċju ewkaristiku.

**Dmir iċ-ċelebrant**

8. Min jippresiedi għandu ħafna mezzi biex iqajjem u jagħti ħajja l-fidi tal-ġemgħa kollha — il-kant, it-twissijiet qosra u f' waqthom f'ċerti mumenti taċ-ċelebrazzjoni, il-mod biex ilissen it-talb, l-istess imġiba tiegħu — imma fuq kollox hi l-omilija li trid tagħmel ħajja l-fidi ta' kulħadd, għaliex hu permezz ta' l-omilija li ċ-ċelebrant irid juri lil kull wieħed li qed jissieħeb fiċ-ċelebrazzjoni kif il-Kelma ta' Alla li tkun għadha kemm tħabbritlu, qed tolqot lilu individwalment, bil-problemi kollha tiegħu, fil-ferħ u n-niket kollu tiegħu, — irid juri 'l kull wieħed u waħda li qed tisimgħu, kbar u żgħar, għorrief u m'humiex, żgħażagħ u xjuħ, it-tfal ukoll, li Kristu stess qed ikellimhom u jgħidilhom il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, il-kliem li l-aktar igħodd għalihom, għal kull wieħed u waħda minnha, f'dak il-ħin u f'dak il-waqt.

Forsi xi ħadd jistaqsi: Kif jista' jkun dan? Għal bniedem bil-ħila tiegħu biss dan qatt ma jista' jkun, imma bil-qawwa ta' dak li jwettaqna bil-grazzja tiegħu kollox jista' jkun — għalhekk il-ħtieġa tat-talb u l-meditazzjoni.

L-omilija m'hijiex ħaġa ħafifa, u trid tħejjija fit-tul, tħejjija remota u tħejjija prossima. Nifhmu aħjar kemm hi meħtieġa din it-tħejjija meta nqisu seww ax'inhi u x'mhiex l-omilija.

**M'hijiex biss spjega tal-Evanġelju**

9. Ħafna għadhom jaħsbu li l-omilija hija biss l-ispjega tal-Evanġelju, mhux għax ma jistax ikollok omilija mibnija fuq l-Evanġelju tal-ġurnata, imma min jaħseb li l-omilija hija biss l-ispjega tal-Evanġelju jkun qiegħed iqarraq bih in-

nifsu. Għaliex il-Liturġija tal-Kelma għandha struttura li tgħinna nifhmu l-proċess tal-misteru tas-salvazzjoni li seħħ tul iż-żmenijiet u li aħna rridu nħabbru kull darba li niċċelebraw il-misteri qaddisa. Il-Liturġija tal-Kelma hi mfassla b'mod li fl-ewwel qari nsibu dak li nistgħu nsejħulu l-"preparatorio evangelica" — it-Testment il-Qadim — għax dak kollu li seħħ u ntqal fi żmien il-Patt il-qadim taħt ix-xbihat kien għattagħlim tagħna, u seħħ fil-verità kollha tiegħu fil-Patt il-ġdid. — Kull nhar ta' Ħadd u f'kull solennità dak li jitħabbrilna mill-Patt il-qadim fl-ewwel qari narawh iseħħ fl-Evanġelju — hemm dejjem rabta sħiħa bejn l-ewwel qari u l-Evanġelju, u l-ewwel qari igħinna dejjem biex nagħrfu liema aspett tal-misteru tas-salvazzjoni għandna nħabbru fl-omilija tagħna dak in-nhar. M'hemmx din ir-rabta kollha mat-tieni lezzjoni tal-ġurnata, għalkemm it-tieni lezzjoni qatt ma hi maqtugħa għal kollox mill-bqija tal-qari. Infatti t-tieni qari — mill-Appostlu — jurina kif il-Knisja ta' l-ewwel żminijiet kienet tgħix l-Evanġelju, u l-eżempju tal-ewwel insara jiswa ħafna għall-insara tal-lum meta qegħdin ngħixu, kif igħidu f'era post-cristiana, meta sura ta' paganeżmu ġdid, ikrah daqs dak tal-ewwel żminijiet tal-Knisja, qed isaltan mad-dinja kollha.

Hu dmir iċ-ċelebrant jorbot flimkien il-qari tal-ġurnata u jorbtu wkoll mat-talb kollu tal-ġurnata biex joħroġ sħiħa l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni li l-Knisja tkun trid tagħtina dak in-nhar — jista' jkun hemm enfasi fuq xi test jew testi aktar milli fuq testi oħrajn, imma, kemm jista' jkun xejn ma għandu jitħalla fil-ġenb.

**L-importanza tal-eseġesi**

10. Biex dan inkunu nistgħu nagħmluh, irridu nkunu midħla sewwa tal-Kotba Mqaddsa. Naqrawha l-Iksrittura, nimmeditawha, nistudjawha: u nippruvaw nifhmu sewwa t-testi tal-Iskrittura li fuqhom irridu nibnu l-omilija tagħna.

L-eseġesi hija parti mportanti għall-istudju tat-testi liturġiċi, sabiex nifhmuhom tajjeb: m'hux biżżejjed li jkollna traduzzjoni tajba tat-test, ħa nifhmu sewwa l-ħsieb; irridu nkunu nafu wkoll x'kien il-ħsieb tal-kittieb, x'ġiegħelu jikteb dak li kiteb, x'kienu ċ-ċirkuustanzi li fihom għex, biex naraw x'kien il-messaġġ li permezz ta' dak il-kittieb Alla ried iwassal lill-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull imkien.

L-eseġesi hi mportanti għal min irid iħejji sewwa l-omilija tiegħu, imma dan ma jfissirx li l-omilija għandha tkun lezzjoni ta' eseġesi tal-qari li jkun sar: lill-ġemgħa ta' l-insara biżżejjed ngħidulhom fl-omilija kemm hu meħtieġ biex jaraw kemm jiswa għat-tagħlim tagħna dak li tħabbrilna mill-ġrajjiet u l-kitba ta' żmien il-Patt il-Qadim u l-Patt il-ġdid. Halli mbagħad meta tiġina l-okkażjoni nħajruhom biex fis-skiet ta' darhom, waħedhom u mal-familja kollha tagħhom, ifittxu li jsiru huma wkoll midħla sewwa tal-Kotba mqaddsa.

**Tħabbira tal-misteru ta' l-Għid**

11. L-omilija trid tattwalizza dak li tħabbar fil-qari, biex turi

kif dak li seħħ storikament mijiet ta' snin ilu, qiegħed jerġa' jseħħ **in mysterio** waqt iċ-ċelebrazzjoni li fiha qed nieħdu sehem. It-tiġdid liturġiku llum wassalna biex nagħarfu mill-ġdid dak li fl-imgħoddi kienu jgħallmu Missirijiet il-Knisja, jiġifieri li, kif igħid San Ambroġ, Kristu jerġa' jgħix fil-misteri tiegħu. Il-fatt storiku tal-Għid ta' Kristu — il-passaġġ tiegħu — Pesaħ, Pascha, transitus — mid-dinja għal għand il-Missier — għadda ,imma l-effett salvifiku tiegħu jiġġedded u jibqa' jiġġedded sa l-aħħar taż-żmien kull darba li aħna nagħmlu b'tifkira tiegħu dak li hu għamel fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli tiegħu biex inħabbru l-mewt tiegħu u nxandru l-qawmien tiegħu aħna u nistennewh jiġi fil-glorja.

Dan irridu nfissru lill-ġemgħa ta' l-insara kull darba li niċċelebraw il-misteri qaddisa — proprju għalhekk nitkellmu fuq il-misteri qaddisa. F'kull ċelebrazzjoni rridu nuru li qiegħed iseħħ fostna f' misteru dak li seħħ storikament mijiet ta' snin ilu fil-Palestina, jiġifieri qiegħed iseħħ fostna l-misteru tas-salvazzjoni tagħna, tas-salvazzjoni tad-dinja. Kull ċelebrazzjoni liturġika hija ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej — din hi l-Bxara t-tajba, il-"kerygma" li l-Knisja tħabbar kontinwament lid-dinja. Veru li mhux kull qari li għandna fil-Lezzjonarju jħabbar direttament il-misteru ta' l-Għid tal-Mulej, imma t-testi kollha tal-Iskrittura rridu nifhmuhom fid-dawl tal-misteru ta' l-Għid, biex naraw kif dan il-misteru jħaddan il-ħajja kollha tagħna bħala nsara, bħala mgħammdin, bħala midfunin ma' Kristu fil-mewt tiegħu biex miegħu stajna nqumu għall-ħajja ġdida.

Dan nagħmluh fl-omilija, billi nuru l-ġemgħa kollha tal-insara, kif fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja li qegħdin ngħixu fiha llum, firrisq it-tajjeb u l-ħażin, fil-ferħ u n-niket kollu tagħna, irridu kontinwament immutu ma' Kristu għad-dinja tad-dnub ħalli ngħixu ħajja ġdida fil-ħelsien ta' wlied Alla.

**Mhux katekeżi biss**

12. Dan li għidna jurina li hi xi ħaġa wisq aktar minn sempliċi katekeżi jew esortazzjoni morali, kif huma ħafna mill-priedki li nagħmlu. Il-katekeżi meħtieġa, u l-esortazzjoni morali hemm bżonnha wkoll, imma dejjem fid-dawl tat-tħabbira tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej.

Meta kien qiegħed jitħejja l-Lezzjonarju l-ġdid, kien sar suġġeriment lill-qari tal-Ħdud matul is-sena, ikun imqassam b'mod li għal kull Ħadd ikun hemm tema biex hekk jeħfief it-tagħlim li jingħata fl-omilija. Dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ proprju għaliex l-omilija m'hijiex biss katekeżi; fehma bħal din tmur għal kollox kontra dak li hi verament ċelebrazzjoni liturġika, li hi dejjem iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej. Il-Kelma ta' Alla li titħabbar waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa mhux biss tqis il-qagħda li fiha jinsabu — l-Bxara t-tajba trid titħabbrilhom kollha kemm hi, biex naslu għall-verità sħiħa. Il-katekeżi b' mod sistematiku, kif insibuha fil-,

manwali tal-katekiżmu, ma għandhiex postha fiċ-ċelebrazzjoni liturġika; il-katekeżi trid tiġi qabel iċ-ċelebrazzjoni liturġika. Il-Kostituzzjoni liturġika stess tgħidulna dan fil-par. 9, fejn titkellem fuq il-fatt li l-Liturġija ma tħaddanx il-ħidma kollha tal-Knisja. Qabel am wieħed jersaq biex jieħu parti fil-Liturġija jeħtieġ l-ewwel li jissejjaħ għall-fidi u għall-konverżjoni, jiġifieri jiġi katekizzat. U jiġu katekizzati mhux biss dawk li ma jemmnux, il-pagani, imma wkoll l-insara, b'katekeżi kontinwa, bi tħejjija għat-tisħiħ fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti u l-aktar tal-Ewkaristija. Mhux il-waqt li wieħed igħid issa fejn u meta u kif għandha ssir din il-katekeżi, imma nistgħu nsemmu bħala eżempju l-katekeżi tal-għarajjes qabel iż-żwieġ, tal-ġenituri għall-Magħmudija jew l-ewwel tqarbina jew il-Griżma ta' wliedhom. L-omilija lanqas għandha tkun espożizzjoni skolastika tal-veritajiet tal-fidi bħallikieku kienet xi lezzjoni tat-teoloġija għal-lajċi v.g. nhar is-solennità tat-Trinità qaddisa l-omilija ma għandhiex tkun espożizzjoni ta' dak li nsibu fil-manwali tat-teoloġija li konna nużaw fl-istudji tagħna, imma l-omilija trid tħabbrilna s-sehem tat-Tliet Persuni fis-salvazzjoni tagħna, kif aħna bil-ħajja tagħna nagħtu glorja lill-Missier li ħalaqna, fi Kristu li fdiena, bl-Ispirtu s-Santu li jqaddisna.

### M'hijiex tifsir tal-Quddiesa

13. L-omilija lanqas hi istruzzjoni, tagħrif dwar x'inhi l-Quddiesa, jew tifsir taċ-ċerimonja tal-Quddiesa, u, jekk hi omilija f'Quddiesa ritwali, tifsir tas-sagrament li jkun qed jiġi ċelebrat u tar-riti taċ-ċelebrazzjoni tiegħu, imma hi għajnuna għall-fidili biex jaraw, 'l hemm mill-istar tas-sinjali sagramentali, il-verità tal-misteru ħalli hekk jiltaqgħu mal-Mulej — Dan ngħiduh ukoll għall-interventi tal-kommentatur f'ċelebrazzjoni liturġika: dawn il-mumenti huma b'xi mod marbutin ma' l-omilija, huma sura tagħha; m'għandhomx jifissru dak li qed isir bħallikieku l-fidili huma spettaturi biss; il-kummenti jridu jsiru b'mod li jwasslu lill-fidili għat-tisħiħ sħiħ fiċ-ċelebrazzjoni bħala atturi u mhux sempliċi spettaturi — L-omilija, f'kull Quddiesa, trid twassal lill-ġemgħa kollha biex, wara li tkun fehmet kif qed jolqotha l-misteru ta' l-Għid ta' Kristu f'dak il-ħin u f' dak il-waqt, tissieħeb ma' Kristu, bħala l-Ġisem mar-Ras, għall-offerta ta' Kristu sħiħ, Kristu kollu kemm hu — Ras u membri — lill-Missier, offerta li sseħħ fis-sagrifiċċju ewkaristiku.

### Missjoni profetika

14. Bl-omilija għalhekk aħna nkunu neżerċitaw il-missjoni profetika tagħna bħala ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri qaddisa. Il-profeta, imdawwal mill-Mulej, jaqra s-sinjali taż-żminijiet, u juri l-poplu ta' Alla dak li Alla jrid minnu fiż-żminijiet li fihom qiegħed igħix: ir-rieda ta' Alla għall-poplu tiegħu nsibuha miktuba fl-Iskrittura Mqaddsa, u bl-omilija nuru kif dak li jrid Alla u li ġie mgħarraf lilna fil-qari tal-Quddiesa, aħna għandna nwettquh skond iż-żmenijiet li fihom qegħdin ngħixu. Irridu nħabbru dak li

jrid Alla u mhux dak li nixtiequ aħna; il-qofol tat-tħabbira tagħna fl-omilija għandu jkun dejjem KRISTU, fil-misteru ta' l-Għid tiegħu, Kristu, l-Iben il-Waħdieni tal-Missier... mimli grazzja u verità... li bata u miet għalina u qam mill-imwiet... dak li huwa għalina t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Meta, fl-omilija tagħna, aħna nippruvaw inwasslu l-fehmiet u l-għażliet tagħna, meta kliemna m'huwiex ħlief xandir ta 'ideoloġiji jew fehmiet soċjali taħt l-istar tal-Evanġelju, aħna ma nkunux inxandru 'l Kristu, imma nkunu nwarrbuh fil-ġenb; inkunu qegħdin ninqdew bih għall-fehmiet tagħna, inkunu ngħawġu l-Bxara t-tajba tiegħu. F'ċerti mumenti tista' tiġina wkoll it-tentazzjoni li fl-omilija tagħna nxandru ċertu "messjaniżmu" politiku u soċjali, li fl-aħħar mill-aħħar idgħajjef il-qofol tal-"ħelsien" imħabbar minn Kristu, il-ħelsien mill-jasar tad-dnub u l-mewt. Biex qatt ma naqgħu f' tiġrib bħal dan jeħtieġ li kontinwament induru lejn Alla ħa nagħarfu sewwa x'irid minna, biex imbagħad nimpenjaw ruħna biex nagħmluh bħala membri tal-Knisja ta' Kristu li qegħdin ngħixu fiddinja tal-lum, li rridu nqaddsu u nwasslu għand Kristu.

**Il-kelma ta' l-isqof**

15. Il-kelma profetika ta' dak li l-Ispirtu s-Santu qiegħed biex imexxi l-Knisja ta' Kristu f'pajjiżna, mhux bilfors trid tasal lil kull min hu fdat għall-ħsieb pastorali tiegħu; permezz tal-kelma ħajja tiegħu — tista' taslilhom miktuba u titħabbrilhom minn dawk kollha li huma ministri tat-tieni grad, mis-saċerdoti li bħala kollaboraturi tiegħu jgħinuh fil-ħidma pastorali tiegħu ta' ragħaj u għassies tal-poplu ta' Alla. Din hi r-raġuni għaliex pastorali jew messaġġ tal-isqfijiet tieħu post tal-omilija — ebda ċirkulari twila kemm hi twila, ma tista' tieħu l-post tal-omilija għaliex ċirkolari qiegħda tagħti biss direttivi u mhux twettaq il-missjoni profetika tal-Isqof. Iżda kull pastorali titlob li ma tiġix biss moqrija lin-nies: il-fidili jridu jsiru konxji, fid-dawl taċ-ċelebrazzjoni li qed issir, li huma se jisimgħu l-kelma tar-Ragħaj, tal-Qassis il-Kbir tal-Knisja li tagħha huma membri, li ġie mqiegħed mill-Ispirtu s-Santu biex jagħraf is-sinjali taż-żminijiet u jurihom 'l poplu fdat lilu ħa jagħrfu x'irid Alla minnu.

**Konklużjoni**

16. Minn kull ma għidna għandna naslu biex nikkonkludu li

a) L-omilija m'hijiex biss l-ispjega tal-Evanġelju tal-ġurnata li tkun;

b) m'hijiex l-eseġesi tat-testi tal-qari kollu li jkun sar;

c) m'hijiex katekeżi sistematika jew espożizzjoni skolastika tal-veritajiet tal-fidi;

d) m'hijiex esortazzjoni moralistika, mogħtija b'mod awtoritarju u paternalistiku lill-ġemgħa tal-insara; imma hi diskors profetiku, jiġifieri tħabbira tal-egħġubijiet ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna li qed iseħħu aħna u nisimgħu, permezz tal-ġrajjiet stess li naraw isiru madwarna, u li huma "is-sinjali taż-żminijiet" li minnhom aħna, fid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, nagħarfu x'inhi r-rieda ta' Alla

għas-salvazzjoni tagħna f'dak il-ħin u f'dak il-waqt.

L-omilija hi wkoll xhieda tagħna quddiem id-dinja: meta, fl-ordinazzjoni tagħna bħala djakni, l-isqof tana f'idejna l-ktieb tal-Evanġelju, qalilna: "qis li temmen dak li taqra fih, tgħallem dak li temmen, u tgħix dak li tgħallem" Jalla dan nagħmluh, biex l-omilija tagħna tkun dejjem għall-ġemgħa tal-insara li jkunu jisimgħuha, l-istedina ta' San Pawl lill-Korintin: "Ixbhu lili bħalma jien nixbah 'il Kristu."

Hi xhieda li rridu nwasslu lil kull min qiegħed jismagħna, bi kliem ħafif u sempliċi, b'mod li t-tfal ukoll, u dawk ukoll li huma bla skola ikunu jistgħu jifhmu l-Bxara t-tajba, il-Kelma li l-Mulej irid igħidilhom.

Kristu stess jgħallimna kif nagħmlu dan: hu kellem lin-nies tal-Lhudija u tal-Galilija b'mod li kulħadd kien jista' jifhmu, imma tkellem bħal wieħed li kellu s-setgħa, fuq il-ħwejjeġ moħbija ts-Saltna tas-sema, li għalkemm għolja għarfuhom iż-żgħar u ċ-ċkejknin, u ma għarfuhomx l-għorrief u dawk li jifhmu l-ħwejjeġ ta' l-art.

L-omilija bħala tema għandha dejjem il-misteru ta' Kristu, il-misteru tas-salvazzjoni tagħna, u dan il-misteru tħabbarulna bil-mod kif seħħ tul iż-żmien, kif jirrakkuntawhulna l-Evanġelju, u kif il-Knisja tistedinna ngħixuh tul is-sena liturġika.

Għajnuna kbira għalina biex nifhmu aħjar x'inhi u kif għandha tkun l-omilija, huma Missirijiet il-Knisja: ħafna mill-kitba tagħhom huma l-omiliji li kienu jippriedkaw waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, waqt it-Talb ta' sbiħ il-jum u waqt l-Għosrien — m'hijiex xi ħaġa ġdiad l-istedina tal-Knisja wara l-Konċilju, biex, meta parti tal-Liturġija tas-Sigħat tiġi ċelebrata mal-ġemgħa tal-insara, wara l-lezzjoni (li fil-każ ma tridx tkun lezzjoni qasira) issir l-omelija —. Jekk inkunu ftit aktar midħla ta' omiliji ta' Missirijiet il-Knisja mill-li aħna permezz tal-uffiċċju tal-qari, naraw kemm suriet jista' jkollha l-omilija, suriet li jiddependu wkoll miċ-ċeelbrazzjoni li tkun.

Is-sura tal-omilija fil-festi tal-Qaddisin m'huwiex l-istess bħas-sura ta' l-omilija ta' xi wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena, u l-anqas bħas-sura ta' l-omilija tas-solennitajiet kbar tal-Knisja. Imma l-omilija fil-festa ta' xi qaddis ma tridx tkun il-paneġirku kif nifhmuh aħna, jew, aħjar, kif jifhmuh in-nies: l-omilija ta' 'festa ta' xi qaddis hija t-tħabbira ta' l-egħġubijiet ta' Alla li dejjem jimla l-Knisja tiegħu b'qawwa ġdida bil-ħajja ta' l-għaġeb tal-Qaddisin tiegħu. L-omilija ta' San Fulgenz minn Ruspe għall-festa ta' San Stiefnu, jew ta' San Ambroġ fuq Santa Anjeze — biex insemmi tnejn biss li nsibu fil-Brevjar — huma eżempji mill-aħjar għalina ta' omilija fil-festi tal-Qaddisin.

L-omilija xi kull tant tista' wkoll tieħu s-sura ta' innu ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla għall-egħġubijiet tiegħu fis-salvazzjoni tagħna: tkun "għanja ġdida" li biha nagħtu tifħir, ġieħ, glorja u radd il-ħajr lil Alla, "għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu". Jum il-Milied, per eżempju, jew nhar Għid il-Kbir, jew

Għid il-Ħamsin, jew ukoll it-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija, huma okkażjonijiet adatti biex fihom l-omilija tieħu din is-sura.

Kemm is-sura parenetika, fil-festi tal-Qaddisin, kemm is-sura ta' innu ta' radd il-ħajr u tifħir, fil-festi l-kbar tal-Knisja, niltaqgħu magħhom fil-kitba ta' Missirijiet il-Knisja: kif ukoll niltaqgħu mas-sura ordinarja tal-omilija, dik tal-Ħdud ta' matul is-sena.

Hija din is-sura ta' omilija li ordinarjament irridu nħejju għal kull nhar ta' Ħadd b'talb u meditazzjoni — la ħafna fit-tul u lanqas fil-qosor — flimkien mas-saċerdoti ħutna tal-presbiterju tagħna, biex flimkien nagħarfu s-sinjali taż-żminijiet u nwasslu l-poplu ta' Alla, għatxan għall-Kelma tiegħu, il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni li qed jistenna minna.

## L-OMILIJA: NATURA, KONTENUT, THEJJIJA

P. Ġwann Frendo O.P.

Nixtieq nibda billi nagħmel xi rimarki dwar in-natura ta' l-omilija, ibbażati fuq testi bibbliċi u test patristiku.

1. Fl-Evanġelju (Lq. 4, 16-22) jingħad li Ġesù mar fis-Sinagoga, qara silta mill-profeta Isaija, imbagħad fissirha billi qal: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu". Din kienet l-iqsar omilija li qatt saret. Turi li l-Kelma t'Alla (li tinqara fil-liturġija) għandha fiha grazzja ta' attwalità, qawwa li ssalva u tqaddes. U l-omilija trid tkun il-mezz biex il-kelma, imħabbra fil-"Liturġija tal-Kelma", iġġib il-frott "hic et nunc" fil-każ konkret tal-ħajja. Is-saċerdot li jagħmel l-omilija jrid ikun il-**medjatur** bejn Alla li jitkellem u l-poplu li jisma' llum. B'dan il-mod il-Kelma t'Alla tagħmel frott kotran.

2. Fir-rakkont tad-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli ta' Għemmaws għandna ġrajja storika fi sfond liturġiku. Hi ġrajja li tirrifletti l-użu taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fi żmien l-appostli. Fi ftit kliem nistgħu nfissru l-ġrajja f'dawn il-punti:

a) Ġesù qagħad jisma' l-problema li kienet qed tħabbel moħħ id-dixxipli: għaliex il-bniedem ġust għandu jbati u jmut? Għaliex il-Messija, bniedem kbir fl-egħmejjel tajba, kellu jispiċċa ħajtu msallab?...

b) Ġesù jgħid lid-dixxipli dak li kien hemm miktub fuqu fl-Iskrittura;

ċ) U jfissrilhom l-Iskrittura billi japplikaha għall-każ konkret tagħhom.

Din l-ispeċi ta' "Omilija" ta' Ġesù turi tliet stadji: l-ewwelnett Ġesù **jisma'** x'inhu jinkwieta lill-bniedem; it-tieni: Ġesù **jagħti l-messaġġ** divin kif jinsab fil-Kelma t'Alla; u t-tielet: Ġesù **japplika** l-

messaġġ biex idawwal lill-bniedem imħawwad. Din hi l-forma idejali ta' l-omilija li nistgħu nfissruha b'dawn l-ittri: A (il-bniedem illum); B (il-messaġġ bibbliku); AB (applikazzjoni).

3. Test ieħor, meħud mill-Kitba ta' Missirijiet il-Knisja, hu dak ta' l-Apoloġija ta' San Ġustinu (I, c. 67). Hawnhekk dan il-lajk, filosfu pagan grieg li kkonverta għar-reliġjon nisranija, jagħtina l-ewwel deskrizzjoni tal-Quddiesa, miktuba qrib is-sena 150. L-insara jinġabru f'Jum il-Ħadd filgħodu kmieni, fl-istess post. Tinqara l-Iskrittura. Imbagħad dak li jippresiedi "oratione **admonet** et **excitat** ad haec praeclara imitanda". Dan ifisser li, wara l-qari ta' l-Iskrittura, issir l-omilija, u fiha ċ-ċelebrant jagħmel monizzjonijiet u jheġġeġ biex dawk li jisimgħu jimitaw l-eżempji sbieħ miġburin fil-Kelma t'Alla miktuba. S. Ġustinu jissokta d-deskrizzjoni billi jgħid: "Imbagħad inqumu bilwieqfa u jsir it-talb... jitressqu l-offerti... issir it-Talba (Ewkaristika; u l-konsagrazzjoni)... imbagħad titqassam l-Ewkaristija (Tqarbin).

Minn dan l-aħħar test jidher li wara żmien l-appostli ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa hija magħmula minn żewġ taqsimiet paralleli:

A: Liturġija tal-Kelma t'Alla: Qari ta' l-Iskrittura — Omilija.

B: Liturġija ta' l-Ewkaristija: Kliem Kristu fil-Konsagrazzjoni — Tqarbin.

F'dan il-paralelliżmu wieħed jara dan ix-xebh: bħalma fit-tieni parti tal-Quddiesa l-Kelma tal-Konsagrazzjoni tirrendi lil Kristu rejalment preżenti (bħala Ikla Sostanzjali) u mbagħad dan jitqassam bejn l-aħwa fit-tqarbin, hekk ukoll fl-ewwel parti tal-Quddiesa l-Kelma li tinqara hi l-preżenza rejali ta' Kristu fil-Kelma; imbagħad l-omilija tkun il-qsim tal-ħobż tal-Kelma t'Alla biex il-fidili jkunu jistgħu jieklu spiritwalment, għaliex: "mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla". F'dan is-sens l-omilija hi l-adattament tal-Kelma t'Alla għaċ-ċirkustanzi tal-bniedem illum, b'mod li din il-Kelma ssostni lill-bniedem bilġuħ.

Minn dan kollu li għidt jidher li l-kontenut ta' l-omilija jrid ikun: "Il-Kelma t'Alla f'relazzjoni mal-ħajja". Irid ikun messaġġ bibbliku "vitali", jiġifieri messaġġ li jagħti l-ħajja. U l-mod ta' l-omilija jrid ikun mod ta' "djalogu, diskursata, konverżazzjoni mal-poplu". Is-saċerdot li jagħmel l-omilija jrid ikun sema' l-poplu jitkellem, fehem l-eżiġenzi tiegħu u x'għandu bżonn, biex imbagħad jagħtih messaġġ tal-Kelma t'Alla li jdawlu, jagħtih il-ħajja, u jwasslu għas-salvazzjoni.

U b'hekk nasal għall-aħħar parti ta' dan l-istudju: it-tħejjija ta' l-omilija. U dan il-punt infissru fi ftit kliem:

a) Irid ikun hemm **kontemplazzjoni** bibblika: wieħed irid jifhem sewwa t-testi ta' l-Iskrittura biex ma jagħtix interpretazzjoni ħażina. U jifhem it-test tal-lezzjonijiet f'relazzjoni bejniethom biex jara wkoll il-konnessjoni bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid.

b) Irid ukoll jifhem **il-ħajja ta' kuljum** biex hekk it-tagħlim miġbur fl-omilija jkun qisu "tieqa mif-

tuħa fuq il-ħajja".

Nifhem li hemm diffikultà kbira fl-omilija: il-problema ta' l-adattament għal kull kategorija talpoplu li jisma' u għal kull sitwazzjoni. Imma hawnhekk nemmen li jaħdem ħafna l-Ispirtu s-Santu; iku meħtieġ ukoll li min jagħmel l-omilija jirrikorri lejn Alla permezz ta' l-istudju tal-Verità u permezz tat-talb.

## INTEJBU L-OMELIJA

Sur L. Mizzi

Ma nafx jekk qattx ġietx f'raskom kemm jeżisti jew suppost jeżisti xebh bejn min jitkellem minn fuq l-altar u min jitkellem fuq il-mezzi tax-xandir. (għidt "suppost" għar-raġuni ovvja li r-regoli mhux dejjem japplikaw jew jiġu obduti).

**Udjenza Motivata**

Nibdew per eżempju mill-udjenza. Suppost li l-udjenza fil-knisja u l-udjenza quddiem sett tat-television jew tar-radju li qiegħda ddar, qiegħda għax trid tara jew tisma'. Hija motivata.

Min assolutament ma jridx jisma' omelija ma jersaqx lejn knisja nhar ta' Ħadd; bħalma min assolutament ma jridx jismagħna fuq ir-radju jew fuq it-television ma jibqax quddiem is-sett.

Kemm il-knisja u kemm is-sett tat-TV u r-radju inti qiegħed tindirizza miġemgħa mhux żgħira ta' mijiet u xi drabi ta' eluf u kultant ukoll, għall-inqas fil-każ taxxandir, mijiet jew għexieren ta' eluf.

Fiż-żewġ każi l-udjenza hi mħallta.

Kemm il-knisja (aqta' xi eċċezzjonijiet) u kemm fil-każ tax-xandir għandek nies ta' kull:

a) età
b) kundizzjoni soċjali
c) intelliġenza
d) grad ta' motivazzjoni

**Mingħajr reazzjoni**

Fiż-żewġ każi inti ma għandekx ir-reazzjoni ta' min qed jarak u jisimgħek. Huwa veru li fil-knisja għandek vantaġġ li tista' tara xi drabi jekk humiex jisimgħu b'attenzjoni, għalkemm din tista' xi kultant ma tkun attenzjoni xejn iżda nuqqas assolut ta' nteress u konċentrazzjoni.

La fil-knisja u wisq inqas fuq il-mezzi tax-xandir mhu se jkun possibbli għall-kelliemi li jisma' ċapċip jew tisfir jew sinjali oħra ta' approvazzjoni jew diżapprovazzjoni. Meta fl-imgħoddi ġara xi ħaġa simili f'pajjiżna kien għal raġunijiet oħra.

Fil-każ tal-mezzi tax-xandir, il-kelliemi jista' jkun qed jitkellem

mingħajr ma jkollu semmiegħ wieħed, jew għax ikun telaq minn quddiem is-sett jew għax ikun tfielu.

Fil-knisja nistgħu ngħidu li qatt ma jwarrbu minn quddiem il-kelliemi, iżda bosta u bosta drabi jitfulu billi jibdew jaħsbu fuq xi ħaġ'oħra u l-kelliemi jkun qed jindirizza lill-istatwi li jkun hemm fil-knisja.

Min jaħdem fix-xandir jaf kemm hi reali din il-problema u għalhekk jagħmel ħiltu kollha biex jiżgura li l-messaġġ li jrid iwassal, jasal għand l-akbar numru ta' nies possibbli.

## Regoli komuni

Jiena jidhirli li ċerti regoli li jgħoddu għal min jikkomunika permezz tar-radju u t-TV jgħoddu wkoll għal min jagħmel l-omelija, jew aħjar għal min irid jikkomunika permezz ta' l-omelija — wara kollox b'ilsienna ngħidu li t-tnejn qegħdin "inxandru".

## Preparazzjoni

### L-ewwel Regola Fundamtntali: Ipprepara

Xandari "professional" ma jersaqx lejn mikrofonu jew quddiem camera tat-TV jekk ma jkunx ippreparat. Min jersaq mingħajr preparazzjoni mill-ewwel jinkixef u ma jdumx ma jitlef il-kredibilità, u wara, l-udjenza nnifisha.

Jekk dan igħodd għall-"broadcasters", igħodd xi ħaġa aktar għal min qed iwassal il-Kelma ta' Alla.

Jingħad li l-Isqof Fulton Sheen kien idum jipprepara ġimgħa sħiħa (mhux il-ħin kollu, naturalment) biex jagħmel dik il-kwarta fuq it-TV. Mhux ta' b'xejn li minkejja r-rivali kollha li kellu f'dak il-pajjiż affluwenti b'minoranza ta' Kattoliċi l-Isqof Sheen kellu udjenza regolari li kienet titkejjel bil-miljuni kbar.

## Messaġġ ċar

### It-Tieni Regola: Kun ċar fil-Messaġġ

Kun ċar fil-messaġġ li trid twassal.

Dawk li għamlu xi żmien jgħallmu jafu kemm-il darba qalu ħaġa u t-tfal fehmu ħaġ'oħra jew ma fehmu xejn. Naturalment l-għalliem għandu l-mezzi biex jistaqsi ħa jara x'tgħallmu t-tfal u jekk jara li l-messaġġ, l-għan tal-lezzjoni ma laħqux, jerġa' jirrepeti u jibqa' jirrepeti sakemm ikun hemm bżonn. Dan il-vantaġġ ixxandari ma għandux. **U għalhekk il-ħtieġa kbira li min ikun qed jitkellem ikun ċar fil-ħsieb tiegħu.**

### It-Tielet Regola: Kliem Sempliċi

Il-mezzi li juża x-xandari minn fuq l-artal u minn fuq ir-radju hu **l-kliem.** Hu permezz tal-kliem li dak li jkun irid iwassal il-ħsibijiet tiegħu.

Mela x-xandari għandu juża l-aħjar kliem, il-kliem li jaqdih l-aktar; il-kliem li jrid igħinu jwassal il-messaġġ tiegħu. **Kelma waħda biss li ma tinftiehemx tista' tfixkel lil min ikun qed jisma', ittelliflu l-konċentrazzjoni u f'dak il-waqt, imqar għal ftit sekondi, il-kuntatt bejn il-kelliemi u s-semmiegħ jintilef,** bil-periklu li

jista' jibqa' mitluf għall-bqija tat-taħdita.

Għalhekk uża kliem sempliċi li jinftiehem minn kulħadd bla tbatija. Jekk kelma x'aktarx tqila ma tistax teħles minnha, fissirha.

**Ftakar li biex titkellem sempliċi trid tidra taħseb sempliċi.**

Mhux biss il-kliem irid ikun sempliċi u li jinftiehem imma wkoll **il-ħsieb**.

Fejn hu possibbli nqeda bl-eżempji. Ma hemm xejn eħfef għal kulħadd mill-eżempju u mill-ħajja ta' kuljum: eżempji kredibbli, mhux esaġerati jew banali.

Żgur smajtu kemm-il darba u anki intom kellkom l-opportunità tirriflettu fuq il-mod stupend li bih l-Akbar Għalliem kien jgħallem. F'artiklu li kien kiteb fuq il-priedki ċertu Fr Brian Conolly u li parti minnu ġie kkwotat fi ktieb tajjeb ħafna fuq il-komunikazzjoni jismu "Sound Effective" li forsi ġie f'idejkom Fr Conolly hekk qal għall-istil ta' Ġesù:

> "Christ's technique: power, conviction, authority... direct contact, mind to mind, man to man; to learned and to unlettered, concrete not abstract, the particular not the general; his exposition a woven tapestry of pictures not abstract ideas; argument in comparisons in syllogisms; he spoke the language of the common man; his vocabulary is from daily life to his own time... derives from the weather, seasons, nature, crops, animals, birds, occupations, commerce... His speach patterns are on the familiar level: repetition, questions and innumerable easy to remember sayings, incidents, people, stories, parables, which we who learnt them years ago can still remember."

**Nimitaw lil Kristu**

Naturalment f'qalbkom qegħdin tgħidu: "Iss, grazzi! Imma dak kien Ġesù. Min jista' jikkompeti miegħu?" Ħadd. Imma nistgħu nitgħallmu ħafna minnu u għandna nagħmlu kull sforz biex nimitawh mill-aħjar li nistgħu.

Anki hawn bil-permess tagħkom nixtieq li ngħid li dejjem skond l-udjenza li għandek quddiemek. U hawnhekk forsi s-saċerdot għandu vantaġġ kbir fuq il-"broadcaster". In-nies li jisimgħu l-quddiesa tas-sebgħa ta' fil-għodu mhumiex ta' l-istess stoffa bħal dawk li jisimgħu tal-ħdax jew tas-sitta ta' fil-għaxija tas-Sibt u lanqas tas-sitta tal-Ħadd. U dan is-saċerdot jafu — jew suppost ikun jafu u għandu jadatta ruħu. Altru għandek kongregazzjoni magħmula l-aktar miż-żgħażagħ u altru għandek waħda li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma nies ta' mezz'età jew ta' età avanzata.

**Kun af l-udjenza u adatta**

Biss huma min huma, ir-regoli li semmejna jiġifieri: **preparazzjoni, idea ċara tal-messaġġ** u **kliem sempliċi** jibqgħu japplikaw dejjem u għal kulħadd. Forsi d-differenza, kif naraha jien qiegħda fl-eżempji li wieħed iġib. Omelija f'quddiesa fejn l-maġġoranza kbira hi magħmula minn żgħażagħ żgur li għandha tkun mibnija fuq eżempji u esperjenzi li jgħixu ż-żgħażagħ. Fil-fehma personali tiegħi x'qal

jew x'qalet it-tali pop star jew film star wara li għaddiet minn xi esperjenza kerha tal-ħajja naħseb jien tkun aktar valida, tagħmel aktar effett milli kieku tirrakkonta inċident mill-ħajja ta' Sant Injazju ta' Loyola biex insemmi eżempju, jew ta' xi qaddis ieħor. Diżgrazzjatament malli ssemmi qaddis, dak li jkun jista' ma jifhemx li qabel ġie kanonizzat kien bniedem tad-demm u l-laħam bħalna. Inżid ngħid li din hija l-fehma tiegħi personali, imma naħseb li hija valida. B'dan ma rridx infisser li l-qaddisin għandna nwarrbuhom għal kollox. Lanqas xejn. Jien is-sena l-oħra qrajt il-ħajja ta' Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù u swietli daqs ġimgħa rtir. Imma jien naturalment ili li tlaqt żmien iż-żogħżija.

Naturalment biex titkellem mill-esperjenza taż-żgħażagħ, jew tal-miżżewġin, jew tas-sajjieda, jew tal-ħaddiema tal-fabbriki, trid tkun taf u ssir taf billi tkun sensittiv, **titħallat, taqra, tinteressa ruħek mill-ħajja u l-problemi tal-bnedmin li qed igħixu madwarek.**

Dan tista' tagħmlu billi

a) titħallat
b) tiddiskuti
c) taqra, tisma' u tara.

Il-"mass media" huma mera tal-ħajja tas-soċjetà. Tagħmel tajjeb jekk tara inti wkoll xi ftit mill-aktar programmi popolari. Iż-żomm ruħek aġġornat. U ħafna drabi jistgħu jagħtuk spunt importanti għall-omelija tiegħek.

Jekk għamlitx sewwa "Sue Allen" meta biddlet lil "J.R." talli dan kien kontinwament jibdilha u ssemieħa, mhux biss turi li inti aġġornat iżda tkun qed tnaddaf l-imħuħ u l-qlub mill-ħsara li ċerti programmi jkunu qegħdin jiżirgħu.

("J.R." u "Sue Allen" huma żewġ karattri mis-sensiela popolari DALLAS li hu l-aktar programm li qed jaraw il-Maltin bħalissa).

**Stil**

Għidt mhux ħażin fuq il-Kontenut. Nixtieq ngħid xi ħaġa dwar l-ISTIL.

Naturalment kull bniedem għandu l-istil tiegħu, "the style is the man" igħidu l-Ingliżi. Hemm xi wħud li l-Mulej tahom doni speċjali f'dan il-qasam. Oħrajn f'qasam ieħor. Imma esperti (mhux jien) jaqblu li dawn il-punti għandhom ikunu dejjem preżenti f' omelija tajba.

**a) Is-Sinċerità.**

Tkellem minn qalbek hekk li minn jisimgħek jaċċetta li dak li qed tgħidlu int **verament temmen fih** u fuq kollox tipprattikah. Int forsi ma tafx l-udjenza tiegħek, imma l-udjenza taf lilek. Taf jekk int (skużawni) il-**Karità Nisranija** tipprattikahiex sewwa bl-għemil u mhux bil-kliem. Taf jekk ir-**regħba għall-flus** li Kristu kkundanna hix qegħda fik jew le. Taf kemm int lest tiddedika ħin għall-**ħidma pastorali**. Taf kemm int kalm jew rasek sħuna fuq il-partit jew festa tar-raħal. Taf li meta inti tfakkar jew tikkundanna din l-imġieba jew dak l-għemil, intix sinċier jew le.

**b) Metodu.**

1. Ippermettuli nuża cliche':

Irrispetta l-intelliġenza tas-semmiegħa tiegħek... u anki l-injoran-

za tagħhom. Tittrattahomx ta' tfal żgħar, tfal tal-iskola, imma lanqas ta' professuri jew ta' nies li kollha għamlu ħames snin ta' skola sekondarja.

**Kliem tekniku**

2. Evita **kliem** li għalkemm jinstema' ħafna drabi ftit jafu xi jfisser.

E.g.: "Liturġija"
"Pastorali"
"Ħajja Sagramentali"
"fis-sens tal-qari"
"tema" — "Żmien l-Eżilju"
"Poplu t'Alla"
"Sinodu", eċċ, eċċ.

3. "Għeżież ħuti" —
"Ħuti għeżież"
"eċċ, eċċ, eċċ."

Nevitaw il-**catch phrases** li ħafna drabi nużawhom x'aktarx biex nimlew il-vojt temporanju.

4. Kellem **lilhom** direttament. Mhux qisek dak li qiegħed tgħid igħodd għall-oħrajn, għan-nies ta' barra imma mhux **għalihom.**

5) Stimulhom. Staqsihom direttament. Invitahom. "Hi ħaġa sewwa?"
"Kont trid tagħmel hekk?"
"X'kontu taħsbu?"

6) Oqgħod attent li ma tirrepetix ġrajjiet li inti stess tkun semmejt snin qabel. In-nies jiftakru u ma hemmx ħaġa li tnaqqas aktar l-interess milli meta tgħid oġġett magħruf minn kulħadd **bħal likieku qed tgħidu għall-ewwel darba.**

7) **Sib bidu tajjeb**, iżda li jkun relevanti ma' dak li ser tgħid. Agħmel riferenza għall-bidu mqar darba waħda, speċjalment fl-aħħar.

Tkun ħaġa tajba li l-bidu tvarjah. Mhux dejjem per eżempju tibda bi ġrajja. Xi saċerdoti jagħmlu sforzi kbar biex isibu bidu tajjeb. Iżda dejjem l-istess. "Waħda xebba li kienet toqgħod fi flats..." "Raġel xiħ li għadda ħajtu jaħdem għall-familja...". "Naqraw fil-ħajja ta' Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù..." —

**Varja**

"Kemm minnkom li qegħdin hawn dalgħodu, anki intom li tinsabu wara l-bieb ġejtu hawn għax tassew temmnu li..."

**JEW**

"Qatt kontu tafu li s-sena l-oħra f'pajjiżna tressqu tant mijiet jew eluf akkużati bi... eċċ.

8. L-interess żommu. Hi x'aktarx faċli li ssib bidu tajjeb. Mhux daqshekk faċli li żżommu.

9) Tgħabbix l -omelija. Żewġ punti, tlieta l-aktar u mhux aktar.

10. Fl-aħħar iġbor kollox, il-messaġġ **f'applikazzjoni prattika** għal tul il-ġimgħa li ġejja. Hekk li min joħroġ minn quddiemek jaf mhux biss fuq xhiex tkellimt iżda wkoll hu x'se jagħmel, jew għall-inqas x'inhu mistenni minnu.

**Leħen**

**Leħen**: Il-mikrofonu, a) fih innifsu hu ħaġa intima. Hemm differenza bejn taħdem parti fuq il-palk fejn trid **twassal** sewwa l-vuċi għal parti fuq **ir-radju.** Fil-knisja għandna nieħdu t-triq tan-nofs bejn ir-radju u l-palk jew il-pulptu.

U la qed nitkellmu fuq il-mikrofonu użawh tajjeb.

1) Tgħajjatx ġo fih.
2) Tħarisx 'l hawn u 'l hemm

3) Sib distanza tajba għalik u
4) Ipproġetta ftit il-vuċi.
5) Imma jekk jogħġbok **KELLEM LIL** mhux tippriedka.

b) **Kulur**

Evita **l-monotonija** — li tagħmel dan u tibqa' sejjer bih. Għalhekk daħħal kemm jista' jkun il-kulur fil-leħen.

c) **Pawsa**

Agħti pawsiet effettivi. Jekk għamilt mistoqsija ħalli pawsa żgħira biex dak li jkun ikollu ċans jirrispondi.

**Ħin**

Diżgrazzjatament f'pajjiżna ħlejna ħafna enerġija fuq kemm għandha tkun twila l-omelija.

Bħala regola jien ngħid li bejn 10 u 12-il minuta huma idejali. Iżda dan mhux dejjem igħodd. Kultant ir-regola tkun tista' tinkiser jew billi tieħu xi ftit inqas ħin jew xi ftit iżjed. Biss, ma nabbużawx. Aħjar ftit inqas milli ftit iżjed. Però t-tul jew il-qosor waħdu ma jagħmilx omelija **tajba** jew **ħażina.**

**L-importanti jekk wassaltx il-messaġġ li ridt twassal.**

Intenni però li t-tul żejjed **bħala regola jtellef** u mhux **igħin.**

**Ġesti**

L-użu **limitat** ta' l-idejn, kultant għandu jgħin u mhux ifixkel.

Innutaw: **Limitat** u **kultant.**

**Ftakru li għal numru sewwa ta' l-Insara l-omelija hi l-uniku mezz biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla birrilevanza għall-ħajja ta' kuljum. Meta tqis li mal-75% tal-poplu għadha tisma' l-omelija tinduna x' responsabbiltà għandu min jagħmilha.**

## KIF JAĦSBUHA ERBA' LAJĊI

### I

### "Intejbu l-Omiliji"

"L-ewwel ħaġa li wieħed jilmaħ malli jaqra t-tema ta' din il-Konferenza hija l-kelma 'intejbu'. Din turi li l-qagħda f'dak li għandu x' jaqsam mal-omiliji mhix dik idejali li wieħed jistenna — għax kieku kien hekk m'hemmx għalfejn nitkellmu fuq titjib. Min-naħa l-oħra m'għandniex nifhmu li kollox sejjer ħażin f'dan il-qasam; hemm ħwejjeġ tajbin, u hemm oħrajn li jridu jitjiebu. Jibqa' l-fatt li t-titjib huwa mixtieq minn kulħadd jidher minn għadd ta' kontribuzzjonijiet li dehru fil-ġurnali ewlenin ta' pajjiżna. Hemm qbil ukoll li t-titjib isir kemm f'dak li hu kontenut, kif ukoll u fuq kollox fil-mod li bih isiru l-omiliji.

"Bħala wieħed minn ħafna fidili li għadna ħerqana **nisimgħu** u niflu l-messaġġ tal-omilija, nemmen illi xi ħwejjeġ li ma tantx jogħġbuni u li minn qalbi nħoss li għandhom jinbidlu għandi ngħidhom b'mod kostruttiv, l-iżjed kif ninsabu fil-preżenza wisq mixtieqa tar-Ragħaj Spiritwali ta' pajjiżna

u ta' tant saċerdoti. Għal darba, il-kongregazzjoni kostitwita minn tant reliġjużi, se jkollha, imqar jekk għal ftit minuti, tisma' l-fehma tagħna l-lajċi.

**Il-kontenut**

Personalment inħoss li l-omilija għandu jkollha żewġ ingredjenti ewlenin: jiġifieri, il-kontenut didattiku u l-kontenut komunikativ. Dwar ta' l-ewwel, wieħed għandu jgħid li l-poplu li jinġabar kull tmiem il-ġimgħa huwa mxebbah ma' merħla għatxana biex tisma' leħen ir-ragħaj tagħna, u titgħallem minnu. Madonkollu, jeħtieġ li dan it-tagħlim ikun mifhum minn dawk li għalihom hu ntiż. Dwar il-valur komunikativ, irid jingħad li l-omilija hija l-mezz li bih nisimgħu Alla xi jrid jgħidilna. Għalhekk, kull ħaġa li tfixkel din il-komunikabilità, titfa' lura l-effettività ta' l-omilija.

**Ħwejjeġ li jfixklu**

"Ħwejjeġ li jfixklu din il-komunikabilità jinkludu l-użu ħażin ta' mezzi moderni ta' xandir (i.e. mikrofoni, 'loudspeakers', eċċ.) u l-intervent arbitrarju tas-saċerdot predikant. B'dan ta' l-aħħar nifhem dik il-manjiera ta' espressjoni li taqta' kollox għad-dritt bla ma tħalli wisa' għall-ħsieb u raġunijiet tas-semmiegħa. Kif qal tajjeb wieħed mill-kelliema ta' qabli, l-omilija għandha tkun id-djalogu bejn Alla u l-miġemgħa, bis-saċerdot jagħmilha ta' medjatur. Ma naf b'ebda medjatur li lill-partijiet ma jwasslilhomx il-messaġġ sħiħ u bla mittiefes. Jekk mhux hekk, allura ma nistgħux nitkellmu iżjed f'termini ta' medjazzjoni. L-istess fil-każ tal-omilija.

**Imsejsa fuq argumenti loġiċi**

"Ħaġ'oħra li forsi xxekkel l-effikaċja ta' l-omilija hija l-kuntest tagħha fil-quddiesa, jiġifieri l-pożizzjoni tagħha, fil-quddiesa preċiżament qabel iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Ħafna drabi, minħabba li l-omilija tkun qanqlet ħafna ħsibijiet, wieħed faċilment jiġrilu li, jekk jintilef jaħseb fuq dak li jkun sama', jitlef mill-parteċipazzjoni tiegħu fil-bqija tal-quddiesa. Min-naħa l-oħra, wieħed li jrid jagħti sehem sħiħ fis-sagrifiċċju tal-quddiesa, iwarrbu għall-ġenb u ftit hemm possibbiltà li jerġa' jieqaf jimmedita wara li jkun intemm kollox.

"Huwa mixtieq, għalhekk, li l-omilija tkun imsejsa fuq argumenti loġiċi li jħallu fil-moħħ tas-semmiegħa impressjoni li malajr tiġi assimilata. Fuq kollox, ma hemmx mod iżjed effikaċi biex tiġbed u żżomm l-attenzjoni ta' min qiegħed jisma' milli ssejjes il-messaġġ fuq l-aneddotu. Dan huwa mezz imħaddem b'mod maġistrali mill-Imgħallem innifsu, u minn kull min, matul is-snin, baqa' magħruf għall-oratorja popolari.

**Tagħti messaġġ ta' tama**

"L-iżjed ħaġa mportanti, madankollu, hi li l-omilija twassal messaġġ ta' tama. Kliem li jbeżża' u li jkexkex għandu effett psikoloġiku negattiv: min jisimgħu għandu t-tendenza li jwarrbu u jdawwar l-attenzjoni tiegħu fuq ħwejjeġ anqas sinistri. Kliem ta' tkexkix, għadab divin, qtigħ ta' qalb u superlattivi oħra ta' din l-għamla,

ma jinżlux tajjeb ma' min irid jitgħallem. Tagħna huwa don mibni fuq il-Bxara t-Tajba; l-omilija għandha tkun ta' tama nisranija. Kienet eċċellenti l-omilija li smajt ftit tal-ġimgħat ilu fl-okkażjoni tal-mewt ta' qarib tiegħi: iċ-ċelebrant fetaħ l-erba' kelmiet tiegħu b'dan il-mod: 'Nixtieq nifirħilkom... għax illum il-familja tagħkom għandha qaddis fis-sema!' X'tama aktar minn din f'okkażjoni bħal din tista' ssib?

**Tagħlim soċjali fl-omilija**

"Fl-aħħarnett, nixtieq ngħid xi ħaġa dwar l-element ta' tagħlim soċjali fl-omilija. Nagħraf id-dritt tal-Knisja li tgħallem 'l uliedha kif taħsibha dwar aspetti soċjali. Il-ħasra hi, madankollu, li ma hemmx uniformità fil-kontenut kif nisimgħuh ippredikat. Hija xxewqa ta' ħafna lajċi — speċjalment ta' dawk bħali li jwettqu appostolat fi ħdan ta' għaqda — li jkollhom **ideja ċara** ta' x'inhu t-tagħlim tal-Knisja fuq xi aspett (mhux l-ideja personali tal-predikant). Din isseħħ billi l-kleru jiġi mħejji sew fuq ċerti ħwejjeġ meħtieġa fil-qadi tal-pastorali tagħhom. Fuq kollox, inħoss li l-mod li bih jiġu mgħallmin dawn il-punti lill-poplu m'għandux iweġġa' s-sentimenti tal-fidili miġbura — wara kollox, għall-omilija ma hemmx 'right of reply'. Min-naħa l-oħra, it-tagħlim li jkun fiha l-omilija huwa l-għalf li dawk l-insara li jridu jiddefendu t-twemmin tagħhom ifittxu fil-mumenti tal-ħajja matul il-ġimgħa. Għalf ħażin u żbilanċjat jikkawża indiġestjoni u rfiżultati fatali. Grazzi."

**Joseph R. Micallef**

## II

1. L-omilija għandha tkun adattata għall-kwalità ta' kongregazzjoni li għandek quddiemek — età, livell intellettwali, ambjent soċjali, livell ta' edukazzjoni, eċċ. Din xi drabi hija ħaġa diffiċli speċjalment meta jkollok kongregazzjoni kbira mħallta imma min jagħmel l-omilija tajjeb li jżomm dan il-prinċipju f'moħħu kontinwament.

**Il-quddiesa kollha hi omilija**

2. Is-sagrifiċċju tal-Quddiesa għandu jkun kollu kemm hu omilija u mhux biss il-kelmtejn li igħid iċ-ċelebrant wara l-Evanġelju — u hawn wieħed irid jara li kull parti tal-quddiesa, il-qari talliturġija, it-talb, ir-ritmu, eċċ. biex b'hekk il-poplu t'Alla jingħaqad aktar fil-qrib mas-saċerdot fittwettiq tas-sagrifiċċju. Hawn ta' min isemmi li ħafna min-nuqqasijiet tagħna waqt il-quddiesa ġejjin minn l-injoranza tal-biċċa l-kbira tal-prattikanti li ma jifhmux sewwa x'inhi l-quddiesa. Dan hu l-każ fejn wieħed irid jara sewwa u jsib ir-rimedju.

**Il-qari**

3. Il-qari tal-liturġija, kemm dak ta' qabel l-Evanġelju kif ukoll l-Evanġelju għandhom ikunu moqrija minn persuni mħarrġin u taj-

jeb ukoll li ċerti brani tat-Testment il-Qadim partikolarment, li huma diffiċli u tajjeb jekk wieħed ifiehem xi ftit l-isfond storiku eċċ. biex il-liturġija tal-ġurnata, partikolarment tal-Ħadd, tittiehem aħjar u l-messaġġ ikun aktar ċar.

Punti oħra li ma kellix żmien insemmi jinkludu: it-tul żejjed, konċetti astratti żżejjed u ripetizzjonijiet u nuqqas ta' applikazzjoni tat-tagħlim ta' Kristu għal problemi prattiċi u tal-mument fil-ħajja ta' kuljum.

S. Tellus

## III

Għandi sbatax-il sena u noqgħod ġċewwa r-Rabat flimkien ma' ommi, missieri u oħti. Jiena nattendi s-'Sixth Form' tal-Kulleġġ Stella Maris bħala studenta tattieni sena sabiex sa Mejju li ġej inkun għamilt ħames 'A' levels. Ftit hu l-ħin li fih ma jkollix x' nagħmel iżda meta nkun libera nieħu gost naqra u fis-sajf immur ngħum. Bħal kulħadd għandi t-tamiet tiegħi, meta nispiċċa l-iskola nixtieq li nsib xogħol ta' segretarja ma' kumpanija jew aħjar xi aġenzija. Ntgħażilt sabiex nagħti l-opinjoni tiegħi dwar l-omilija u għalhekk ser ngħid dak kollu li naħseb bla ħabi.

Aħna ż-żgħażagħ ħadna l-fama li m'għadniex nemmnu, wisq aktar nitolbu u mmorru għall-quddies, mod speċjali meta din tkun bl-omilija. Iżda nixtieq nistaqsi jekk it-tort hux kollu tagħna?

### Idejjaq it-tul żejjed

L-aktar ħaġa li ddejjaqna fl-omilija hija t-tul żejjed. Kieku jkun fiha xi ftit sens paċenzja, iżda ħlief tirrepetu l-istess ħaġa u ddura mal-lewża ma tagħmlux. Seba' minuti l-aktar għaxra żgur li huma biżżejjed. M'hemmx għalfejn tagħmlu spjega tal-Vanġelu kollu, biżżejjed tieħdu żewġ punti/ tlieta u testendu lilhom tajjeb. Is-saċerdot hemm bżonn li jadatta ruħu għall-udjenza li jkollu quddiemu, jekk iqaddes tal-ħamsa ta' filgħodu mod u ta' l-għaxra mod ieħor. Anki l-belt jew raħal jagħmel differenza. Nixtiequ li dan tagħtu każ tiegħu.

### Kliem ma jiftiehemx

Ħafna drabi titkellmu b'ilsien għalikom li ħadd ma jifhem. Ma tinżlux għall-poplu, tinsew li mhux kulħadd jifhem kliem tqil. Aħna rridu xi ħaġa li nistgħu nipprattikaw, eżempji li huma faċli li nwettquhom. Niddejqu nisimgħu fuq il-biża' ta' l-infern u l-hena tal-ġenna. Il-preżent żgur, għall-futur inħallu f'idejn Alla. Irridu dak li hu attwali, prattiku u utli, xejn aktar. M'aħniex nitolbu dak li hu mpossibbli. Nixtiequ nkunu nafu kif nistgħu nservu lill-Knisja u lil pajjiżna, x'tistenna minn għandna din l-istess Knisja biex permezz tagħna ssir aktar u aktar interessanti għad-dinja tagħna.

Xi saċerdoti jsemmu ismijiet ta' qaddisin li lanqas qatt ma ħlomna li jeżistu. Eżatt bħal ma jagħmel

il-'pardoner' ta' Choucer biex juri kemm jaf. Aħna l-ġenerazzjoni l-ġdida ma naċċettawx kollox malajr, għal ebda raġuni oħra ħlief li għandna l-edukazzjoni u b'hekk nistgħu nagħrfu t-tajjeb u l-ħażin. Tinsewx kemm tgħidulna biex ma naċċettawx dak li nisimgħu... irridu naħsbu u nifhmu. Lanqas it-tfal iż-żgħar ma tgħid 'Agħmel hekk u tagħmilx hekk', aħseb u ara f'omilija. Tajjeb li jkollna gwida iżda mhux dittatur.

**Agħtuna żmien naħsbu**

Is-silenzju mhux dejjem ifisser attenzjoni, anzi naħseb aktar bil-maqlub. Jiena ma' tul il-ġimgħa nagħmel kollox qisni makna għax ma jkollix ħin biex nieqaf naħseb iżda l-Ħadd proprju waqt l-omilija nsibni sew indur dawra madwari u nara għalfejn għidt jew qaluli xi kliem, insomma li jkun hemm bżonn. Tuna ċans naħsbu ftit wara omilija tajba mhux tibqgħu sejrin bil-quddiesa qisu qatt ma ġara xejn.

**Irbħu l-udjenza**

Hemm bżonn tirbħu l-udjenza, imqar b'ċajta jew fatt li hu possibbli li jiġri. Qiskom ma tgħixux fl-istess dinja tagħna! Ftit huma s-saċerdoti li jħobbu janalizzaw problemi ta' llum, l-oħrajn ma jagħtux każ għax moħħhom għadu dak li kien meta bdew iqaddsu. Tridu tiftakru li għalina hu sagrifiċċju li mmorru l-quddies u kultant nagħmluh biex nissodisfaw lill-ġenituri. Fil-ħajja hemm affarijiet wisq aktar interessanti milli mmorru l-quddies u għalhekk qed tissogħraw li ħlief xjuħ ma tarawx għall-quddies.

Iġegħluniex meta joħorġu t-television 'wrist watches' niftħuhom waqt l-omiliji tagħkom!

**Lucienne Bugeja**

## IV

How many times in Malta have we heard the words: "I don't attent that mass, the priest's sermons are so long and so boring".

Not only have I heard these words many times, but my own choice of mass is definitely ruled by my choice of celebrant.

I look for a mass that is clear, reverent, with communal singing, but most of all, where I know I will hear a short and intelligent homily.

Should this be so?

Not everybody is in a position to drive several miles away from home to attend the mass of their choice. Probably many do not realise how important a meaningful mass is.

**"Desperately boring"**

I feel it is wrong that each mass depends so much on the manner of the celebrant — and to be quite frank, a very large percentage of homilies delivered in our local churches are far too long, desperately boring, and sometimes infurating. — Within a minute of a bad preacher beginning his sermon, one can almost hear the

clicking as 90% of the congregation "switch off" and you can be sure that this type of homily will go on the longest — The children will fidget — Your neighbour develops a nervous cough, and you wonder how burnt your roast pork will be when you get home. During a particularly long and monotonous sermon the other day, my 8 year old daughter turned round and said to me "This talk makes me itch all over — I must leave the church at once", and I knew what she meant!

**"Be concerned with today"**

But how sad that this be so — The word of God, cannot and should not be delivered in this way. Our Lord himself delivered his teaching in charming stories about every day life and his reference to the mysteries coupled with a stress on the faith needed to accept the unexplained. So often a preacher fails by trying to explain the myteries of the church by using long complicated words with references to some obscure teaching that should be buried in the past.

Surely we must be concerned with **to-day**. The faithful want to hear how they can apply God's teaching to their every day lives. The homily must syncronize with the environment it is delivered in, and the words should strike a chord of recognition in the listener.

I once heard of a Preacher who lived in a country with tropical conditions. On one particular Sunday when the heat was quite unbearable, he stood up on the pulpit, looked down on his sweltening faithful and said "So you think to-day is unbearably hot? — well think of the heat down in hell — Lord deliver us!" How short? Yes, but how meaningful!

Of course it is impossible for every priest to have what we call "the gift of the gab", but some practical solution to this very real problem must be found. I would suggest the first action to be taken should be a limit of 5 to 7 minutes to be put on the Sunday homily.

**Talk to the people**

Possibly for the future priests could be properly trained in public speaking and finally, those priests that have a natural aptitude for delivering homilies could preach at different churches as a 'visiting preacher'.

I do not thing I am exaggerating when I say that people like myself feel that some changes are long overdue.

Remember that the Sunday mass is now competing with radio, television, Sunday sporting events and so many other modern distractions.

Please bring our masses and homilies back to life!

Talk across to the people — not down to them. Invite your congregation to share your experiences and thoughts — help them to realise that God's teaching is a guideline for everyone of us. Make the mass a living experience for us all as well as for yourselves.

Act to-day and avoid preaching to half empty churches tomorrow.

**Philippa Mattei**

# KUNSILL PRESBITERALI — SESSJONI 1979-81

## RAPPORT TAL-ĦIDMA

1. Is-seba' Sessjoni tal-Kunsill Presbiterali fetħet uffiċċjalment is-Sibt, 10 ta' Novembru 1979, fid-Dar tal-Kleru B'kara, b'Quddiesa li l-Arċisqof ikkonċelebra mal-membri tal-Kunsill.

2. B'kollox saru 22 laqgħat ordinarja u tliet laqgħat straordinarji.

3. Il-laqgħat kollha saru taħt il-presidenza ta' Monsinjur Arċisqof u l-attendenza tal-membri kienet, tista' tgħid, sodisfaċenti ħafna, ħeħħi xi ftit eċċezzjonijiet, kif jidher minn nota tal-attendenza, mehmuża ma' dan ir-rapport. Ħafna mill-assenzi kienu ġustifikati.

4. Il-laqgħat ordinarji tal-Kunsill Presbiterali għall-ewwel kienu jsiru fid-Dar tal-Kleru, B'kara, iżda mis-6 ta' Diċembru 1980 bdew isiru l-Kurja ,il-Furjana, f'dak li fl-imgħoddi kien ir-refertorju ta' San Kalċedonju.

Dawn il-laqgħat kollha saru bħala regola kull l-ewwel Sibt tax-xahar għalkemm qatt ma bdew fil-ħin, minħabba li qatt ma kien ikun hemm membri biżżejjed biex tibda l-laqgħa. Iżda l-laqgħa tas-6 ta' Diċembru 1980, kellha titkompla ġimgħa wara, fit-12 ta' Diċembru, mit-3.30 p.m. sas-6.30 p.m. minħabba l-urġenza tal-aġenda (il-budget tar-rimunerazzjoni tal-kleru).

Kull laqgħa kienet tibda bit-Talba ta' nofs il-jum, u wara kien isir talb b'suffraġju għas-saċerdoti u r-reliġjużi li l-Mulej kien ikun sejjaħ għandu tul ix-xahar ta' qabel; imbagħad kien jingħata t-tagħrif meħtieġ u/jew it-tweġib għall-mistoqsijiet li jsiru mill-membri. Wara dan kienet tibda d-diskussjoni tal-aġenda, b'intervall ta' mistrieħ fl-10.30 a.m.

5. **L-ewwel laqgħa straordinarja** saret qabel il-ftuħ uffiċjali tas-sessjoni biex tiddiskuti skema ġdida għar-rimunerazzjoni tal-kleru, li kellu jibda jseħħ fl-ewwel ta' Novembru 1980; il-laqgħa saret il-Kurja fl-10.30 a.m. nhar l-20 ta' Ottubru.

**It-tieni laqgħa straordinarja** issejħet mill-Arċisqof wara talba minn erba' membri tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-qagħda attwali tal-Knisja. Il-laqgħa saret fid-Dar tal-Kleru fl-24 ta' Mejju 1980.

**It-tielet laqgħa straordinarja** saret il-Kurja, il-Furjana, mis-7.00 p.m. sal-9.45 p.m., u ġiet imsejħa b'urġenza mill-Arċisqof biex il-membri tal-Kunsill ikunu jafu sew x'kien ġara fil-kwistjoni tal-"Blue Sisters" u biex ma jaħsbux li l-Knisja ma kienet għamlet xejn għalihom.

6. L-Arċisqof żamm dejjem il-Kunsill informat fuq il-problemi ewlenin tad-djoċesi. F'din is-sessjoni dan għamlu l-aktar fuq il-qagħda preżenti tal-Knisja, speċjalment fuq l-isptarijiet (saret laqgħa straordinarja), l-iskejjel (issemmew kemm-il darba u l-Arċisqof talab il-parir tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni tal-ittri tal-Card. Casaroli u tal-Card. Baum), ix-xandir reliġjuż (kemm meta l-Kummissjoni proposta mill-Arċisqof ġiet imwarrba u kemm meta ma komplewx

isiru trasmissjonijiet ta' Quddies mill-parroċċi), tal-użu taż-żwieġ (l-Arċisqof għarraf lill-Kunsill b' ittra mill-Kongregazzjoni dwar xi interpretazzjonijiet li kienu qed jingħataw —il-punt imsemmi fl-ittra mbagħad ġie mfisser fil-pastorali tal-Isqof tal-5 ta' Awissu.

Meta tkellem fuq il-problemi mal-Gvern, l-Arċisqof dejjem insista li wieħed jużа għaqal u prudenza kbira meta jitkellem, għax il-Knisja ma tridx konflitti ma' ħadd u ma tridx ebda kwistjoni politiko-reliġjuża, iżda biss titlob il-libertà biex taqdi sewwa l-missjoni kollha tagħha.

7. Fil-bidu tas-sessjoni tqassam lill-membri abbozz ta' **Direttorju Liturġiku,** imqassam f'għadd ta' kapitoli: il-bidu tal-ħajja nisranija, it-tbatija u l-mewt tan-nisrani, il-penitenza u r-rikonċiljazzjoni, il-festi, ecc. Fuq dan l-abbozz saret darba biss diskussjoni ġenerali u ġie suġġerit li d-Direttorju jkollu introduzzjoni u jiżdiedlu kapitlu ieħor fuq l-Ewkaristija. Twaqqfet ukoll kummissjoni biex tistudja l-proposti u l-emendi li jsiru lill-abbozz biex wara jiġu ppreżentati għall-istudju tal-Kunsill. Xi kapitoli tad-Direttorju ntbagħtu lill-membri kollha tal-kleru biex kulħadd ikun jista' jagħti l-parir tiegħu, iżda t-tweġib kemm min-naħa tal-membri tal-Kunsill u kemm mill-bqija tal-kleru kien deludenti ħafna. Dwar il-kapitlu fuq **il-bidu tal-ħajja nisranija** kien hemm tweġib mhux ħażin u għalhekk se jitħejja abbozz finali li jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Kunsill wara li fih jiġu inkorporati l-osservazzjonijiet fuq id-direttivi għall-ewwel tqarbina u l-Griżma li għadhom kemm intbagħtu lill-membri tal-Kunsill u lill-kappillani ħalli jagħtu l-parir tagħhom.

Dwar il-kapitlu fuq "It-tbatija u l-mewt tan-Nisrani", l-osservazzjonijiet li waslu tgħoddhom fuq ponot subgħajk: milli jidher ħadd ma sab x'joġġezzjona għall-artikoli ta' dan il-kapitlu.

Dwar il-kapitlu fuq **il-festi** waslu biss żewġ osservazzjonijiet, waħda min-naħa tal-Karmelitani veramment kostruttiva u oħra li kienet tgħid li kapitlu dwar il-festi ma hemmx lok għalih.

Il-kapitlu fuq **Il-penitenza u r-rikonċiljazzjoni** tħalla għas-sena d-dieħla, għaliex hu maħsub li wieħed mis-suġġetti għall-kors tal-aġġornament tal-kleru għas-sena d-dieħla jkun proprju l-Penitenza u r-Rikonċiljazzjoni bħala tħejjija biex jibda jiġi osservat l-**Ordo Paenitentiae** l-ġdid fid-djoċesi, issa li ġà ġie stampat u ma jdumx ma joħroġ flimkien ma' l-Ordo għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ewkaristija barra mill-Quddiesa.

8. Il-Kunsill tul din is-sessjoni iddiskuta wkoll għadd ta' rapporti li ġew ippreżentati lill-membri. Wieħed minn dawn ir-rapporti kien dwar **il-problemi tal-familja,** bħala tħejjija għas-sinodu tal-isqfijiet. Ir-rapport kien okkażjoni biex il-membri tal-Kunsill jiddiskutu fit-tul il-problema taż-żwiġijiet mal-barranin, tal-influwenza tal-"mass media" fuq il-familja, u tat-tħejjija xierqa għaż-żwieġ. Bħala riżultat tad-diskusjoni kollha li saret kien hemm it-twaqqif tal-Kunsill Djoċesan tal-Familja, li bħala l-ewwel ħidma kellu t-tħejjija ta' rapport ibbażat fuq it-tweġib għall-għadd ta' mistoqsijiet li sa-

ru lill-parroċċi kollha: ir-rapport ġie wkoll diskuss mill-Kunsill Presbiterali.

9. Rapport ieħor kien dak magħmul minn Kummissjoni li fuq proposta tal-Kunsill twaqqfet mill-Arċisqof biex tagħti rapport fuq l-iskop, li-struttura u l-personnel tal-gazzetta **IL-ĦAJJA**, u tfassal pjan konkret ta' azzjoni mmedjata. Il-Kunsill kien ilu jinteressa ruħu mill-problemi ta' IL-ĦAJJA, kemm tal-ġurnal u kemm ta' l-azjenda, u tul is-sessjoni saru diversi mistoqsijiet kemm fuq il-ħanut li hemm il-Belt fi triq l-Arċisqof, kemm fuq l-opportunità li l-gazzetta tibqax toħroġ kuljum, u kemm fuq il-kontenut.

Ir-rapport ġie ppreżentat lill-Kunsill fil-laqgħa ta' Lulju. Ir-rapport ipproponа li l-istamperija u l-gazzetta, għalkemm impriża waħda, ikollhom **management** u **accounts** differenti, jinħatar minnufih **board ta' diretturi**, li mbagħad jagħżel **board editorjali** tal-gazzetta, jingħata self jew għotja lill-azjenda mill-KRD sakemm jirranġaw ruħhom l-affarijiet. Ikun hemm **planning** serju u **budget** annwali, u li l-gazzetta jkollha **advertising manager** u żewġ **reporters** oħra.

Nistgħu nqisu dan ir-rapport bħala riżultat tal-insistenza li l-Kunsill kien ilu jagħmel biex tinsab soluzzjoni għall-problemi ta' l-azjenda.

10. Rapport ieħor kien fuq **il-ministri straordinarji ta' l-Ewkaristija.** Fid-diskussjoni li saret fuq dan ir-rapport kulħadd qabel mal-prinċipju li għandu jkun hemm ministri straordinarji tal-Ewkaristija, iżda dawn ma kienux meħtieġa fil-parroċċi, imma biss fl-iskejjel, meta l-għadd tat-tfal għall-Quddies ikun kbir ħafna, il-ħin limitat, u jkun hemm nuqqas ta' saċerdoti biex iqarbnu. Il-permess għall-ministru straordinarju għandu jintalab kull darba bil-miktub mis-Segretarju tal-Kurja.

Il-kwistjoni reġgħet tqanqlet fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ta' din is-sessjoni meta ssemmiet il-ħtieġa li l-parroċċi jkollhom ministri straordinarji għat-tqarbin tal-morda fil-Ħdud u l-festi, meta s-saċerdoti jkunu tant impenjati fil-knisja li ma jkunux jistgħu joħorġu jqarbnu l-morda. Dan l-aspett ġdid irid jiġi studjat fis-sessjoni l-ġdida tal-Kunsill.

11. L-A/Officialis ippreżenta rapport fuq il-ħidma tat-**Tribunal metropolitan** mill-1976 'il quddiem, biex juri l-progress li sar fil-proċedura tal-kawżi: dan ir-rapport sar wara li l-Arċisqof kien ħabbar it-twaqqif tat-Tribunal tat-Tieni Istanza fil-Provinċja.

Ix-xogħol tat-Tribunal issemma wkoll meta kienu qed jiġu diskussi l-problemi tal-familja u ngħata tagħrif dwar l-għadd ta' żwiġijiet ċivili u ta' żwiġijiet ma' barranin f'Malta minn meta saret il-liġi fuq iż-żwieġ ċivili mill-Gvern Malti.

12. Rapport ieħor ġie preżentat mid-Delegat djoċesan għall-iskejjel biex juri **l-kontribut finanzjarju li qegħdin jagħtu r-reliġjużi** għall-iskejjel tagħhom, kontribut li jilħaq aktar minn £M177 000.

13. Mar-rapporti ppreżentati lill-Kunsill, nistgħu ngħoddu wkoll **l-Income & Expenditure Account, actual and budgeted results 1979-80**, u l-iskema tar-rimunerazzjoni tal-kleru kif bdiet isseħħ mill-1

ta' Novembru 1980. Il-Kunsill apprezza ħafna l-ħidma li saret biex jinstabu l-fondi meħtieġa għar-rimunerazzjoni tal-kleru biex ma jikbirx id-deficit tal-Kurja, iżda xi wħud dehrilhom li kien għad hemm nuqqas ta' konsultazzjoni f'ħaġa hekk importanti u li kienet għadha mhux tingħata informazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tad-djoċesi.

14. Barra dawn ir-rapporti li, b'xi mod, nistgħu nqisuhom uffiċjali, kien hemm memorandum u rapport, ippreżentati minn xi membri, u li ġew aċċetti għad-diskussjoni mill-Kunsill. Dawn kienu:

a) **memorandum dwar il-konsultazzjoni fil-Knisja;** dan beda jiġi diskuss fl-aħħar tas-sessjoni, iżda billi d-diskussjoni ma spiċċatx il-memorandum irid jerġa' jiġi preżentat lill-Kunsill il-ġdid.

b) **rapport fuq il-qassis djoċesan u l-vokazzjoni missjunarja** tiegħu. Dan ir-rapport ma ġiex diskuss, għalhekk irid jerġa' jiġi preżentat lill-Kunsill il-ġdid.

15. Fil-Kunsill kemm-il darba wkoll issemmiet il-ħtieġa li jitħejja **pjan pastorali** għad-djoċesi, u fl-aħħar, fil-laqgħa tal-5 ta' Lulju 1980, fuq proposta tal-Kunsill, l-Arċisqof waqqaf kummissjoni biex tagħtih parir dwar x'jista' jsir. Din il-kummissjoni ssuġġeriet li jitwaqqaf **board ta' riċerka u kummisjoni żgħira** ħa tagħmel ix-xogħol u oħra rappreżentativa tar-realtà kollha tad-djoċesi biex tagħmel evalwazzjoni tax-xogħol li jkun sar u tagħmel proposti u suġġerimenti eċċ fid-dawl tar-realtà konkreta tad-djoċesi.

L-Arċisqof minnufih waqqaf il-board ta' riċerka u l-kummissjoni żgħira, li bdew jaħdmu minnufih, u żammew il-Kunsill infurmat bil-progress li kien qiegħed isir.

16. Punti oħra li ġew studjati u diskussi tul din is-sessjoni kienu:

a) **il-fakoltà tal-qrar.** Il-Kunsill ta l-parir lill-Arċisqof li l-fakoltà tal-qrar tingħata għall-ħames snin u għall-penitenti kollha; din il-fakoltà tiġġedded awtomatikament jekk wieħed ikun attenda bi profitt kors ta' aġġornament kull sena.

b) **riorganizzazzjoni tas-Seminarju ż-żgħir.** Il-Kunsill qabel mal-proposta li fis-seminarju ż-żgħir ikun hemm "headmaster", megħjun minn "assistent headmaster". Il-"headmaster" mhux neċessarjament ikun magħżul minn fost il-membri tal-istaff tas-Seminarju ż-żgħir, li jista' jkun kemm saċerdot djoċesan jew reliġjuż jew "brother", basta jkollu l-kwalitajiet umani u kulturali meħtieġa.

c) **irtiri tas-saċerdoti.** Il-Kunsill ippropona li titwaqqaf kummissjoni li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-irtiri tas-saċerdoti u tfassal għadd ta' regolamenti biex l-irtiri jsiru aħjar u jagħtu aktar frott.

d) **evanġelizzazzjoni taż-żgħażagħ.** Il-Kunsill innota li għalkemm iż-żgħażagħ naqsu minn madwar is-saċerdot, madankollu għadhom lesti biex jisimgħuh; — tkun ħaġa tajba jekk ikun hemm għadd ta' żgħażagħ iffurmati tajjeb lesti biex jagħmlu ħidma ta' appostolat fost sħabhom; hu meħtieġ ukoll li jkun hemm għadd ta' saċerdoti lesti biex iżommu kuntatti maż-żgħażagħ biex ma jħalluhomx jinqatgħu mill-appostolat u jingħalqu fi gruppi għalihom.

e) **tqassim ġdid tad-distretti u tad-**

dekanati. Din kienet waħda mill-aħħar suġġetti diskussi f'din is-sessjoni; il-parroċċi issa huma mqassmin fi tnax-il distrett; id-dekani ma jkunux aktar kappillani imma uffiċjali tal-Kurja, u kull dekan ikun responsabbli ta' għadd ta' distretti.

f) **suffraġji għas-saċerdoti mejtin.** Il-Kunsill aċċetta li kull darba li l-Mulej isejjaħ għal għandu xi saċerdot djoċesan, il-kleru djoċesan kollu joffri quddiesa għalih: din tista' tkun jew il-Quddiesa tal-funeral jew ukoll l-ewwel quddiesa binata li wieħed ikollu jqaddes.

17. Tul is-sessjoni il-membri għamlu għadd mhux żgħir ta' mistoqsijiet, u xi wħud minn dawn il-mistoqsijiet kienu okkażjoni ta' xi wħud mir-rapporti li ġew preżentati lill-Kunsill jew ta' xi wħud mill-punti diskussi fil-Kunsill u msemmija hawn fuq.

a) Kemm-il darba saru mistoqsijiet fuq **il-policy tal-amministrazzjoni** tad-djoċesi, dwar l-għoti ta' artijiet mill-Kurja, u l-impjegati lajċi tal-Kurja.

Bi tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet ġie spjegat kif taħdem is-**Sezzjoni finanzi** tal-Kurja, li tagħmel ix-xogħol ta' bank u tħaddem u tinvesti l-flus tad-djoċesi u ta' renti intitolati oħra (bħalma hu s-Seminarju); ġie spjegat ukoll il-mod kif taħdem **l-amministrazzjoni tal-Kurja** u minn fejn jiġu l-flus biex tingħata r-rimunerazzjoni lis-saċerdoti u jitħallsu l-ispejjeż tal-attivitajiet kollha tad-djoċesi; ġiet spjegata wkoll il-'policy' tal-Kurja dwar l-artijiet.

Dwar l-impjegati lajċi intqal li x-xogħol tagħhom huwa meħtieġ għaliex huma l-esperti fix-xogħol li l-Kurja qed titlob minnhom; ma joħorġux avviżi pubbliċi għall-applikazzjoni għall-impiegi fil-Kurja, imma dejjem issir għażla bil-għaqal minn fost il-kandidati li jkun hemm għall-impjieg.

b) Mistoqsija dwar **proġetti li jsiru fil-knejjes** mingħajr permess tal-Kurja wasslet għall-ħruġ ta' ċirkolari f'Lulju 1981 dwar il-proċedura li trid issir biex jingħata l-permess għal xi proġett fi knisja; intqal ukoll, bi tweġiba għall-mistoqsija oħra li saret, li ċ-ċirkolari ma torbotx lir-reliġjużi, għalkemm dawn huma mistednin li, kemm jista' jkun, jadegwaw ruħhom mal-'policy' tal-Kurja, kif qed jagħmlu dwar l-artijiet tagħhom.

c) Saru kemm-il darba mistoqsijiet dwar il-**Kummissjoni Ġustizzja u Paċi**, u tweġiba kienet dejjem li l-isforzi li saru mill-awtorità ekkleżjastika biex twaqqaf din il-Kummissjoni dejjem sfaw fix-xejn, għax qatt ma nstabu nies responsabbli li riedu jidħlu għax-xogħol delikat tal-Kummissjoni.

d) Mistoqsijiet oħra:

i) Dwar **il-Bulletin** tal-Arċidjoċesi (kien aktarx meħtieġ u kien hemm għalfejn aktar skemi talomilija meta hemm il-Missal kateketika.

ii) Dwar **ir-rappreżentanza tal-Kunsill fil-laqgħa li saret Fribourg** f'Mejju 1980 għas-segretarji tal-Kunsill Presbiterali tal-Ewropa (fl-aħħar mument is-Segretarju ma setax imur).

iii) Dwar pjan komprensiv ħa jitneħħew **l-abbużi fil-festi** (kapitlu tal-abbozz tad-Direttorju liturġiku jittratta fuq il-festi).

iv) Dwar kontroll fuq il-ħarsien tad-direttivi taż-żwiġijiet, l-aktar

dwar il-kant (jittieħdu passi, meta tasal xi informazzjoni fuq xi abbużi li jsiru).

v) Dwar **l-attendenza tal-membri** (l-istatuti tal-Kunsill ma jsemmu xejn dwar membri li jfallu bla ebda ġustifikazzjoni — jiddependi mill-membri jagħmlux suġġerimenti dwar dan).

vi) Dwar **rappreżentanza tal-Kunsill f'istituzzjonijiet tal-Knisja** (il-Kunsill hu rappreżentant fil-KRD, u r-rappreżentant hu fid-dmir li jirraporta lill-Kunsill meta jkun hemm deċiżjonijiet importanti u jrid ikun jaf il-parir tal-Kunsill fuqhom)

vii) Dwar l-għażla tal-membri tal-**Kapitlu tal-Kattidral** (jagħżilhom l-Arċisqof wara li jisma' l-parir tal-Kapitlu, u jista' jagħżel 'il min irid, ukoll xi viċi).

viii) Dwar **konsultazzjoni għan-nomina tal-Kappillani** u għall-mandat **tas-saċerdoti ġodda**) il-konsultazzjoni qed issir, iżda xi nies konsultati konfidenzjalment tkellmu qabel il-waqt u qalgħu l-inkwiet; dwar il-mandat tas-saċerdoti ġodda ssir konsultazzjoni fit-tul marrettur tas-Seminarju, il-fakoltà u kull min hu interessat.

**Attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill 1979-81**

| | |
|---|---|
| Rev. P. Camilleri | 21 |
| Rev. F. Mizzi | 21 |
| Rev. A. Galea | 5 |
| Rev. A. Gouder | 21 |
| Rev. G. Sladden | 16 |
| Rev. N. Bonavia | 15 |
| Rev. A. Micallef | 19 |
| Rev. A. Seychell | 20 |
| Rev. G. Mifsud | 21 |
| Rev. G. Caruana | 21 |
| Rev. A. Said Pullicino | 21 |
| Rev. S. Borg | 7 |
| Rev. A. Deguara | 15 |
| Rev. J. Sammut | 21 |
| Rev. C. Cassar | 16 |
| Rev. C. Sciberras | 16 |
| Rev. G. Mifsud Bonnici | 23 |
| Mons. A. Depasquale | 22 |
| Rev. L. Cachia | 10 |
| Rev. P. Attard | 19 |
| Rev. V. Balzan | 14 |
| Rev. A. Vella | 3 |
| Rev. J. Inguanez | 22 |
| P. Cr. Cini OSA | 11 |
| P.K. Azzopardi OC | 11 |
| P.A. Busuttil OCD | 7 |
| P.J. Bonello MSSP | 17 |
| P. G.B. Xuereb OFM | 20 |
| P.E. Mizzi OFM Con. | 10 |
| P. A.J. Vella SJ | 13 |
| P. Ch. Cini SDB | 4 |
| P. P. Cremona OP | 16 |
| P. W. Axiaq OFM Cap | 5 |
| Mons. Vigarju | 6 |
| Mons. L. Gatt | 19 |
| Mons. Ph. Calleja | 20 |
| Provinċjali OSA | 3 |
| OP | 12 |
| OFM Conv | 9 |
| OFM Cap | 8 |
| OFM | 13 |
| O Carm | 17 |
| SJ | 17 |
| MSSP | 13 |
| SDB | 15 |
| OCD | 1 |
| FSC | 15 |
| **Dekani:** | |
| Rev. Ġ. Frendo | 6 |
| Rev. E. Attard | 6 |
| P.L. Tabone OFM Cap | 5 |
| Rev. P. Xuereb | 10 |
| Rev. B. Tonna | 1 |
| **Nominati:** | |
| Mons. C. Muscat | 21 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Mons. V. Grech | 12 | | **Preżenzi:** | |
| Rev. Anġ. Vella | 15 | | Saċerdoti Djoċesani | 77% |
| Rev. S. Darmanin SJ | 20 | | Reliġjużi | 53% |
| Rev M. Eminjan SJ | 17 | | Membri nominati jew ex officio | 58% |
| Rev. A. Azzopardi SJ | 8 | | | |
| Rev. Ġ. Frendo OP | 12 | | | |

## RAPPORT FUQ L-ELEZZJONIJIET TAL-KUNSILL PRESBITERJALI

1. L-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-kleru djoċesan din id-darba kienet komplikata wisq. Dan ġara minħabba l-riorganizzazzjoni tad-distretti u tad-dekanati. Fil-Kunsill skond din ir-riorganizzazzjoni għandu jkun hemm rappreżentant minn kull distrett, u tliet rappreżentanti għal kull dekanat. L-ewwel issir l-għażla tar-rappreżentanti tad-distrett, u wara li jingħażlu dawn issir dik tad-dekanati. Dan ikkomplika ħafna l-elezzjoni u naqqas l-interess tant li n-numru tal-voti beda dejjem jonqos. Kien ikun biżżejjed kieku l-għażla tar-rappreżentanti tad-distretti u tad-dekanati saru fl-istess waqt.

2. Fl-ewwel votazzjoni ġew eletti biss Dun G. Sammut (viii distrett) u Dun G. Milfsud Bonnici (xii distrett) Fid-distretti l-oħra ma ħareġ elett ħadd, għax ħadd ma ġab wieħed aktar mill-voti li ntbagħtu, għalhekk saret it-tieni votazzjoni, biex jingħażel wieħed minn tlieta li ġabru l-aktar voti.

Fl-ewwel votazzjoni ivvutaw:—

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| fl-I | distrett | 11 | saċerdoti | minn | 33 |
| II | ” | 14 | ” | ” | 34 |
| III | ” | 13 | ” | ” | 35 |
| IV | ” | 20 | ” | ” | 36 |
| V | ” | 16 | ” | ” | 38 |
| VI | ” | 14 | ” | ” | 25 |
| VII | ” | 15 | ” | ” | 43 |
| VIII | ” | 20 | ” | ” | 36 |
| IX | ” | 7 | ” | ” | 21 |
| X | ” | 13 | ” | ” | 41 |
| XI | ” | 10 | ” | ” | 26 |
| XII | ” | 11 | ” | ” | 27 |

Wara t-tieni votazzjoni kien hemm dan ir-riżultat:

I distrett Dun F. Mizzi b'9 voti minn 14 persentaġġ tal-voti 43%

II distrett Dun G. Caruana b'7 voti minn 17 persentaġġ tal-voti 48%

III distrett Dun N. Grima b'7 voti minn 18 persentaġġ tal-voti 52%

IV distrett Dun A. Gouder b'7 voti minn 19 persentaġġ tal-voti 53%

V distrett Dun A. Micallef b'10 voti minn 25 persentaġġ tal-voti 66%

VI distrett Dun F. Bonnici bi 11 voti minn 15 persentaġġ tal-voti 60%

VII distrett Dun E. Attard b'10 voti minn 18 persentaġġ tal-voti 39%

VIII distrett Dun A. Vella bi 8 voti minn 18 persentaġġ tal-voti 50%

IX distrett Dun G. Fsadni bi 3 voti minn 7 persentaġġ tal-voti 33%

X distrett Dun G. Sammut b'9 voti minn 13 (fl-ewwel votazzjoni) 31%

XI distrett Mons. V. Borg b'6 voti minn 15 persentaġġ tal-voti 57%

XII distrett Dun G. Mifsud Bonnici b'10 voti minn 11 (fl-ewwel votazzjoni) 40%

3. Għalkemm kien hemm rakkomandazzjoni biex wieħed iqis sewwa l-attendenza għal-laqgħat tas-sessjoni li għaddiet, qabel jivvota, u, kemm jista' jkun, ikun żgur li jagħżel 'il min ikun jista' jattendi regolarment, mhux kulħadd ta każ ta' dan.

4. Wara li saret l-elezzjoni għar-rappreżentanti tad-distretti, saret dik għar-rappreżentanti tad-dekanati. Is-saċerdoti ta' kull dekanat kienu liberi jagħżlu lil min iridu, għalkemm biex ma jkunx hemm tixrid ta' voti, mal-lista tas-saċerdoti ta' kull dekanat, intbagħtet ukoll lista ta' saċerdoti li ġabu l-aktar għadd ta' voti fl-elezzjoni tar-rappreżentanti tad-distretti.

5. Fil-votazzjoni għar-rappreżentanti tad-Dekanati l-għadd ta' voti invalidi kien proporzjonatament kbir — 15, kollha voti moħlijin għax mogħtijin lis-saċerdoti li kienu ġà ġew eletti bħala rappreżentanti tad-distretti: dan ifisser li min ivvota b'dan il-mod, l-anqas qara ċ-ċirkolari u ħaseb li l-kandidati kienu biss dawk imsemmijin fiha, dawk li ġew eletti għad-distretti.

Il-voti invalidi l-oħra, 2 jew 3 f'kull votazzjoni, kienu voti li ntbagħtu mhux fuq il-karta tal-vot.

Xi voti waslu wara li għalaq iż-żmien iffissat u għalhekk ma ġewx ikkunsidrati: fl-aħħar votazzjoni għar-rappreżentanti tad-dekanati 2 voti waslu ġimgħa wara!

6. Fl-ewwel votazzjoni għar-rappreżentanti tad-dekanati l-għadd tal-voti kien dan:

I Dekanat 30 minn 101 saċerdoti 30%

II Dekanat 39 minn 99 saċerdoti 39%

III Dekanat 22 minn 100 saċerdot 22%

IV Dekanat 18 minn 94 saċerdoti 18.5%

...u ħareġ elett biss Dun P. Camilleri (I Dekanat).

7. It-tieni votazzjoni, ir-riżultat kien dan:

I Dekanat:

Mons. A. Said Pullicino
20 vot minn 34; % ta' votanti 34%
Kappillan G. Galea
18 vot minn 34

II Dekanat

Dun N. Bonavia
37 vot minn 46; % ta' votanti 46%
G. Caruana (Birgu)
37 vot minn 46;
Kan. V. Cilia
35 vot minn 46

III Dekanat:
Mons. A. Depasquale
26 vot minn 32; % ta' votanti 32%
Arċipriet L. Cachia
23 vot minn 32
Dun J. Inguanez (Għaxaq)
22 vot minn 32

IV Dekanat
Arċipriet G. Carabott
24 vot minn 30; % ta' votanti 29%
Kappillan A. Xuereb
18 vot minn 30
Mons. C. Sciberras
17 vot minn 30

## FACULTY OF THEOLOGY — TAL-VIRTU', MALTA GRADUATION CEREMONY

**Oration by**

The Rt. Rev. Mgr. Dr. V. Borg, D.D., H.E.D. (Greg.), Arch. Ch. L.

on

## THE DIOCESAN PRIESTS IN THE MALTESE ISLANDS: 1551-1950

**Some Results of a Demographic Survey**

**Saturday, 16th January, 1982**

At a similar occasion last year, when a group of Our Lay students obtained their Diploma in Sacred Theology, the Orator dealt on an important aspect in the formation of the Laity in the Church today (1). This year, a group of newly-ordained priests as well as other members of the clergy together with a layman, are receiving their merited degrees and diplomas. I thought it fit to choose for this year's oration a theme closely related to the priesthood.

During the past two years, a group of students graduating today have shared with me the toilsome and meticulous work entailed in scientific research within the fields of history. They have analysed the records of some of Malta's parish registers to bring out the end of the human existence of priests who lived within the boundaries of these parishes, helping me, thereby, in an extensive project on the history of the local diocesan clergy, a project which, with the collaboration of others, may eventually be extended to cover also the Male Religious Orders existing in these Islands. It has been possible so far to prepare preliminary drafts of important statistical data in this regard which, however, are still subject to further revision and amendments. As a token of thanks to my students graduating today this oration will present the contents of these data as well as an explanation of certain results derived from them.

### The Contents

Apprendices A and B annexed to this oration, give the preliminary drafts just mentioned.

Appendix A contains the numerical and demographic distribution of the diocesan priests in the Maltese Islands according to the year of ordination to the priesthood. The four hundred years examined, i.e. 1551-1950, for practical reasons, have been subdivided in eight groupings of fifty years each. The contents of this appendix are based on a thorough analysis of various historical sources chief among which are (a) Ordination Lists, (b) Records of Pastoral Visits, (c) Parish Death Registers, and (d) Records of the Conferment of Ecclesiastical Benefices.

Appendix B is complementary to the previous one. It is a draft of priest-population ratios for certain particular years within the span of time under review. This exercise has been possible as in certain instances the records of the Pastoral Visits provide both the number of priests as well as that of the population living within certain parishes. When these were unavailable, and when it has been, so far, impossible to arrive at an approximate estimate of the above-mentioned ratios, the resulting gap has been left blank for the time being. The data for Malta earmarked under the year 1909 have been mainly derived from a report on the parishes of the Island. This report, together with some other sources mentioned above, are preserved in the Curia Archives.

The starting point of these statistical data has been conditioned by certain factors related to the historical documentation available. The earliest complete lists of o r d i n a t i o n s to the priesthood celebrated in Malta belong to the second half of the sixteenth century, namely 1574 (2). Moreover, the contents of the Death registers kept in parish archives almost coincide with this same period. As ordination lists and records of the end of life provide the "terminus a quo" and the "terminus ad quem", the beginning and the end of each individual priest's life, the present statistical drafts could not go beyond the middle of the sixteenth century. It is quite obvious that a considerable number of diocesan priests lived in Malta before the 1550s, indeed research being carried out presently has brought to light the names of many of these. But, for the time being, these have been excluded from this survey.

A diligent perusal of Appendix A is bound to lead to various important conclusions which need a good amount of time to elaborate. Certain things, however, may be quite evident and a superficial glance at its contents can point them out without hardly any difficulty. Chief among these is the presence of a highly marked line of demarcation just at the very middle of the four hundred years being analysed. In fact, from 1551 till 1750, the ordinations to the priesthood, though quite sporadic during the first fifty years begin to acquire momentum immediate-

ly afterwards to reach the highest rata ever attained in the Maltese Islands. This record is obtained during the years 1701-1750. To quote some figures, four hundred and eleven diocesan priests ordained during this period hailed from Valletta, while Senglea gave one hundred and twenty seven followed by Cospicua with one hundred. Vittoriosa was not far lagging behind having a total of ninety-two new priests. It was to be expected that the highest proportions, at that time, would be forthcoming from the urban areas where the greater part of Malta's population was living. Mdina and Rabat provided quite a good number of Diocesan priests during this same period, namely 156, while Gozo's Citadel and its Suburb had one hundred and fifteen. Zebbug and Qormi were the leading parishes within rural Malta in this regard. Zebbug had one hundred and seven ordinations to the diocesan priesthood to its record while Qormi had seventy two.

This steady increase in ordinations explains the presence of so many priests in all the parishes of the diocese during the middle of the eighteenth century (3). Till the 1750s in Malta a priest-population ratio amounting to an approximate average of one diocesan priest to every eighty-six inhabitants had been reached (4). Once this highest peak in the demographic parabola of our diocesan priesthood had been attained, a steady decline follows immediately afterwards which is already noticeable during the second half of the eighteenth century itself. The only exceptions to this general rule is provided by the rural parishes of Gozo and a few instances in rural Malta such as Mosta and Zejtun.

The nineteenth century presents an attempt to establish some form of stability, with certain parishes compensating for the decrease accruing in certain areas, particularly urban centres. However notwithstanding this attempt at a numerical equilibrium (5), the priest-population ratio dwindled considerably and this phenomenon extended itself to various parts of the Maltese Islands including the rural parishes of Gozo, at least, till its elevation to the status of a diocese in 1864.

The beginning of the twentieth century heralds a further abrupt increase in the impressive unbalance with the demographic growth of the Maltese population. The results obtained in 1909 give a diocesan priest for every four hundred and forty-four persons living in Malta, which incidently is more than twice the ratio registered sixty years before.

These are briefly the main obvious results obtained from a first reading of the statistical data presented today.

### The Eighteenth Century Decrease

Some are prone to think that numbers speak for themselves. In our instance, they need further clarification in order to be properly understood. Being a historian, I think that a good amount of light can be shed on these numbers through a reconstruction of

the socio-cultural backround that gave birth to these data. This historical perspective will eventually show that these numbers are the logical sequence of a process that has been moulded by important decisions resulting from particular conditions prevalent in the Maltese Islands.

Time does not permit delving in detail with all factors that may have had their say in this process, notwithstanding that these are, at times closely inter-related. Nevertheless, I deem it quite convenient to discuss briefly important legislative enactments whereby ecclesiastical authority tried to remedy certain situations which needed its intervention. The results of these enactments left the indelible marks we have witnessed.

The growth in the ranks of the diocesan priests noticed till the first half of the 18th Century is quite understandable. From the arrival of the Order of St. John of Jerusalem in Malta till a few years before its departure, one of the main apples of discord between the Heads of the Order and the local Ecclesiastical Authority centred itself on jurisdictional problems arising from the exemption of civil duties enjoyed by clerics. Many preferred to subject themselves to ecclesiastical jurisdiction with the reception of clerical tonsure enabling themselves at the same time for the eventual possibility ot attaining some ecclesiastical living. This accounts for the presence of a great number of clerics already noticeable during the first decades of the seventeenth century. In 1638, the number of diocesan priests amounted to just one-fifth of Malta's diocesan Clergy, the other four-fifths consisting merely of clerics (6). During the following years, though the number of clerics seems to have decreased, there was at the same time the steady increase in priestly ordinations already explained before. It is quite evident that the socio-political conditions existing then in the Maltese Islands favoured this development.

Malta, however, was not an exception to a general situation that was common elsewhere, particularly in Italy. Statistical data regardinp some Italian regions, which are by now available, are quite useful in an attempt to achieve a right evaluation of Malta's situation. In 1781 there was an average of one diocesan priest for every hundred persons residing in Malta who were under the jurisdiction of the Bishop and one for every one hundred twelve living in Gozo, giving an overall average of one diocesan priest for almost one hundred and three persons (7). Turin and Bologna, during almost the same time, had an average of one priest for every sixty inhabitants, Tuscany had one for every eighty two, while in Southern Italy there was a priest for every fifty five persons. Palermo recorded quite a high ratio, one priest for every fifteen inhabitants. The situation in France was rather different. Towards the end of the eighteenth century, there was here a priest for every two hundred persons (8). These data show that the situation in Malta was quite

near to the one prevailing in certain Italian regions though it was far below Southern Italy and particularly Palermo.

This predominant pattern underwent a great change in Malta as an outcome of the direct intervention of the Holy See itself which considered quite unsuitable and undesirable the large amount of diocesan priests living in the Maltese Islands. The effective remedy to this situation was the "Motu Proprio" of Pope Pius VI **"Ea Semper"** given on the 25th June 1777. This papal document formulated wise legislation whereby to control the conferment of clerical tonsure and eventually also ordination to the priesthood for members of the Diocesan Clergy (9). The first Bishop of Malta appointed after the promulgation of this papal Brief, Fra Vincenzo Labini, was quite adamant in a strict observance of the 'Motu Proprio'. His ordinations to the priesthood were quite few (10). The same bishop a few years after his appointment to Malta began to harbour serious apprehensions about the serious depletion among his priests. His attempts to secure from the Holy See a mitigation of the requirements stipulated in the "Motu Proprio" proved futile (11), and his predictions became eventually a reality. Moreover, as if to add insult to injury and to precipitate still more this situation, he had to witness the results of a sudden epidemic which must have been quite prediminant in various parts of Malta during the first half of 1799 while the circumstances prevalent during the blockade of the French were harrassing the Island. These left also their deep mark on the ranks of the diocesan Clergy. In six months, about one hundred priests perished (12). Another serious blow which, worsening the situation, confermed what Labini had foreseen.

These events are quite sufficient to explain the steady decrease both in the ordinations to the priesthood and eventually among the diocesan priests living in Malta after the 1750s.

### An Explanation to a Widening of the Gap

The widening of the gap referred to here is meant to portray the further decrease in ordinations noticeable towards the end of the nineteenth century and the first half of the present century. In this instance our attention is entirely focussed on Malta.

The education required from those aspiring to the diocesan priesthood in our Island during the last one hundred years underwent a gradual development which had its direct impact in reducing their numbers.

Till the days of Bishop Antonio M. Buhagiar, who was Apostolic Administrator of the Diocese between 1885 and 1888, diocesan clerics had different options of places where to receive their instruction to the priest-hood. The Seminary, the Faculty of Theology at the University, the Dominican College first at Valletta and later transferred to Rabat, provided normal courses in philosophy and theolo-

gy. The last two institutions had been enabled to confer academic degrees on their students since the 1720s, while the Seminary had obtained a similar authorisation from the Holy See in 1858 and bestowed such degrees until 1874 [13]. Apart from these normal courses, private tuition by duly authorised teachers was also available. Bishop Buhagiar, during his short term of office undertook to carry out various reforms to have better control on diocesan clerics, particularly those still living outside the Seminary [14]. In October 1887, following the advice of a Commission from the Cathedral Chapter, he decreed that thenceforth no diocesan cleric was to be allowed to proceed to any Ecclesiastical Order unless, among other requirements, he had followed the courses of studies given either at the Seminary or at the Faculty of Theology of the University. Moreover, those who still preferred to live outside the Seminary had to be duly authorised to do so by its Rector [15]. This enactment sounded the death-knell of all forms of private tuition for diocesan clerics including also attendance at the Dominican College.

A few decades after the Buhagiar Enactment namely in 1909, the Holy See sent an Apostolic Visitor to Malta, Cardinal Pietro La Fontaine who visited the Island in October of that year. His mission centred primarily on Seminary life and its results had durable effects. The Sacred Consistorial Congregation in a letter to Bishop Pietro Pace dated 18th June 1910, communicated the main points at issue resulting from this visit, insisting first and foremost on a gradual abolition of all day students in the Major Seminary. Thenceforth no one of the students then following courses at the Seminary was to receive Ecclesiastical Orders unless he had at least one year's residence within the same institution [16]. A notice under the signature of the Bishop's Secretary dated 12th August 1910 followed by another one dated 6th September of the same year, promulgated the more important points demanded by the abovementioned Roman Congregation, insisting that all diocesan clerics, including those who were either regular or occasional students of the Faculty of Theology at the University, had to reside at the Seminary [17].

The Buhagiar and the La Fontaine enactments brought the education of diocesan clerics under the direct vigilance of ecclesiastical authority which could thus follow more properly the welfare and proper training of future diocesan priests. At the same time, however, acceptance to ecclesiastical training was not as easy as it had been before. These new policies, though they produced indeed a thorough reform on the quality of Malta's diocesan priests, had at the same time a direct repercussion on their number and may, in part, explain the widening of the gap in the decrease noticed especially during the first fifty years of the twentieth century.

To conclude, I hope it has been possible to provide a right ap-

proach to present a meaningful explanation of some problems arising from the statistical data I have been able to compile, showing thereby how an accurate analysis of historical sources can help in giving life to numerical figures which otherwise may appear either unintelligible or suffer different interpretations which at times can be the fruit of flights of fancy.

One final word to our new graduates to whom I dedicated this oration. Although the number of our diocesan priests has witnessed a considerable decline compared both with the past centuries as well as with the demographic growth of our nation and the assistance of our ministry beyond our Island's shores, we need not be discouraged at all. Quantity indeed could be detrimental at times. This is the answer Bishop Labini received in 1787 when he lamented to the Holy See about the scarcity of diocesan priests (18).

Moreover, help today is coming from many quarters. Our brethren priest members of various Religious Orders are giving extensive assistance in the daily pastoral needs ou our people. The Laity around us is a source of great encouragement. Their dedication and collaboration in the actualisation of Christian principles both in private as well as in public life instills in us a deep sense of responsability in looking after their spiritual welfare and in guiding them in the light of Catholic Truth. Together, dear brethren in Christ, though fewer in the ranks of the ministerial priesthood within this beloved diocese, with God's help and assistance, under the leadership of our Pastor, we shall not only maintain, but also help to make flourish still more the great Catholic inheritance that has been handed to us by our forefathers.

## REFERENCES


1. Spiteri, Rev. Dr. Donatus OFM Cap., "Theological Formation of the Laity in the Church today" in *Bullettin talArċidjoċesi u Liturġija tal-Kelma,* 1981, nr. 28 p. 236.
2. Curia Episcopalis Melitensis (CEM), *Registrum Ordinationum ab anno 1574 tempore Episcopi Fratris Martini Royas de Portalrubro, et ab anno 1578 tempore Episcopi Fratris D. Thomae Gargallo usquè ad 1601 inclusive.*
3. Statistical data regarding the diocesan priests living in some parishes of the Matese Islands resulting from the records of the Pastoral Visit carried out during 1758-60: *Malta:*
Attard: 14 (Archivum Archiepiscopale Melitense (AAM), *Visit. Past. 1758-60, Vol. II,* 286r); Balzan: 14 (*Ibid.,* 6v); B'Kara: 38 (Ibid., 30r-v); Cospicua: 56 (*Ibid.,* 81v-82v); Gharghur: 9 (*Ibid.,* 250r); Gudja: 9 (*Ibid.,* 433r-v); Ghaxaq: 21 *(Ibid.,* 448r); Kirkop: 4 *(Ibid.,* 424v); Lija: 23 *(Ibid.,* Vol. I, 571r); Luqa: 19 (*Ibid.,* Vol. II, 533v); Mosta: 12 (*Ibid.,* 266v); Mqabba: 12 *(Ibid.,* 357r); Naxxar: 36 *(Ibid.,* 226-v); Qormi: 48 *(Ibid.,* 561-v); Qrendi: 10 *(Ibid.,* 368v)! Safi: 3 *(Ibid.,* 415r-v); Senglea: 63 *(Ibid.,* 103v-104v); Siġġiewi: 30 *(Ibid.,* 332r-v); Tarxien 16 *(Ibid.,* 517r); Valletta: 263 *(Ibid.,* 164-170r); Vittoriosa: 44 *(Ibid.,* 66r-v); Żabbar: 17 *(Ibid.,* 500r); Żebbuġ: 59 *(Ibid.,* 592r-593r, 611v); Zejtun: 22 *(Ibid.,* 480r); Zurreq: 34 *(Ibid.,* 390r-v).
*Gozo:*
At the Matrice and Rabat: 92 *(Ibid.,* 689-691r); Gharb: 11 *(Ibid.,* 670v); Nadur: 6 *(Ibid.,* 687r); Sannat: 7 *(Ibid.,* 638v); Xaghra: 5 *(Ibid.,* 682r); Xewkija: 8 *(Ibid.,* 677v); Zebbug: 5 *(Ibid.,* 658v).
4. About 1750, Gozo had a lesser priest-population ratio than Malta, name-

ly, 1:219, while the average ratio for both islands together during the same time was 1:113.

5. During the second half of the 19th century, ordinations in Malta marked only a relatively slight decrease on the previous fifty years. This decrease, however, was quite negligible since Gozo provided almost an equal number of ordinations to make amends for the loss sustained in Malta during the same period. Confer Appendix A.
6. A census of the Maltese Diocesan Clergy compiled during July 1638 gives the names of 1140 ecclesiastics consisting of 216 priests, 644 celibate clerics and 280 married clerics (AAM, *Rolli del Clero,* 36r-114v). Another one dated December of the same year gives different figurs, namly 1205 ecclesiastics consisting of 273 priests, 655 celibate clerics and 277 married clerics (Archivo de Simancas, Spain, *Secreterias Provinciales, Legajo 1477*, Cart. 1).
7. These figures, like all other data mentioned in this oration, are subject to alterations. This will be the result of modifications that may be inserted in Appendices A and B once all statistical data included in these Appendices will be duly checked and the gaps that are still unavoidably present in them will be eventually filled.
8. Giacomo Martina, *La Chiesa nell'Età dell'Assolutismo, Liberalismo, Totalitarismo*, Morcelliana 1790, 253.
9. Archives of the Order of St. John of Jerusalem (AOM), *Ms 273, Liber Conciliorum Status,* 160r-167v. This document is also included in Callus, Philip, *The Rising of the Priests,* Malta Univ. Press 1961, 107-117.
10. In ten years time, between 1781 and 1790, Bishop Labini ordained 69 diocesan priests (AAM, *Registrum Ordinationum Ill.mi et R.mi D.ni Fratris Vincentii Labini Episcopi Mel. a mense Septembris 1780*, passim). His predecessor in less than five years time, betwen September 1770 and June 1775, ordained 131 Maltese diocesan priests (AAM, *Registrum Ordinationum Ill.mi et R.mi D.ni Fratris Don Joannis Carmine Pellerano Episcopi ... ab anno 1770 ad ann. 1775,* passim).
11. Archivum Secretum Vaticanum (ASV), *Congregazione del Concilio, Meliten. IIa,* p.n.n., Labini's 'Ad Limina' Visit Report dated 19th August 1786, and the answer to this same Report dated 20th July 1787.
12. Number of Diocesan priests who died in certain parishes during the first six months of 1799: Attard: 3; B'Kara: 8; Cospicua: 2; Naxxar: 6; Qormi: 4; Qrendi: 2; Notabile and Rabat: 18; Senglea: 2; Siggiewi: 4; Tarxien: 3; Valletta: 18; Zabbar: 3; Zebbug: 7; Zejtun: 13 and Zurrieq: 1. These data have been derived from the Registers of the Death of the respective parishes.
13. Vinc. Borg, *The Seminary of Malta and the Ecclesiastical Benefices of the Maltese Islands*, Malta 1965, 34.
14. AAM, *Editti Mon. Scicluna 1885, Mon. Buhagiar 1885, 1886, 1887.,* p.n.n. Pastoral Letter dated 21st November 1885, "Sull'Educazione ed istruzione dei giovani chierici che vivono fuori del Seminario" and "Regolamenti pei Prefetti dei chierici che vivono fuori del Seminario" dated 7th December 1886.
15. *Ibid.*, Edict dated 24th October 1887.
16. AAM, *Pace Corrispondenza 1909-1910,* p.n.n., 1910, No. 3.
17. *Ibid.*, Nos. 124a and 124b.
18. ASV, *Congregazione del Concilio, Meliten,* IIa, p.n.n.: "longe gravius Ecclesiae infortunium imminere, ubi multitudo adesset quae vocatione Sacerdotali dignitatisque sanctitate esset destituta", from the answer given by the Sacred Congregation of the Council to Bishop Labini dated 20th July 1787.

**APPENDIX A**
(Provisional)

## DIOCESAN PRIESTS IN MALTA AND GOZO: 1551-1950

### Statistics Based on Ordinations to the Priesthood data and Parish Groupings

Columns in each Fifty-Year Groups give:

Column a: Priests whose ordination to the Priesthood has been duly checked.

b: Priests residing within the limits of the respective parish, but whose ordination date has still to be checked. Some of these may have been ordained abroad, or had originally been members of a Religious Order.

c: Total number of priests resulting from the two previous columns.

| | 1551-1600 | | | 1601-1650 | | | 1651-1700 | | | 1701-1750 | | | 1751-1800 | | | 1801-1850 | | | 1851-1900 | | | 1901-1950 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. |
| Attard | 3 | – | 3 | 9 | 1 | 10 | 10 | – | 10 | 27 | 1 | 28 | 8 | 1 | 9 | 10 | 1 | 11 | 7 | 3 | 10 | 8 | – | 8 |
| Balzan | – | – | – | 11 | 1 | 12 | 24 | 1 | 25 | 16 | 1 | 17 | 8 | 2 | 10 | 10 | 3 | 13 | 5 | 1 | 6 | 4 | – | 4 |
| B'Kara | 4 | 2 | 6 | 24 | 5 | 29 | 28 | 7 | 35 | 55 | 6 | 61 | 32 | 7 | 39 | 46 | 11 | 57 | 28 | 17 | 45 | 22 | 2 | 24 |
| Cospicua | – | – | – | 14 | 3 | 17 | 40 | 6 | 46 | 94 | 14 | 108 | 55 | 26 | 81 | 58 | 13 | 71 | 44 | 15 | 59 | 23 | 8 | 31 |
| Dingli | – | 3 | 3 | – | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 | 4 | 1 | 5 | – | 1 | 1 | 1 | – | 1 | – | 3 | 3 | – | 1 | 1 |
| Floriana | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 21 | 2 | 23 | 22 | 2 | 24 | 13 | 2 | 15 |
| Gharghur | – | – | – | 4 | 1 | 5 | 5 | – | 5 | 17 | 1 | 18 | 12 | 2 | 14 | 5 | 1 | 6 | 6 | 3 | 9 | 5 | – | 5 |
| B'Miftuh/Gudja | 3 | 5 | 8 | 5 | 2 | 7 | 5 | – | 5 | 12 | 1 | 13 | 11 | 3 | 14 | 11 | 2 | 13 | 6 | 3 | 9 | 5 | – | 5 |
| Gżira | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 2 | 2 | 4 |
| Ghaxaq | – | – | – | – | – | – | 6 | – | 6 | 17 | 1 | 18 | 15 | 1 | 16 | 12 | 1 | 13 | 11 | 4 | 15 | 3 | – | 3 |
| Hamrun | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 3 | 3 | 6 | 19 | – | 19 |
| Kalkara | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | – | 1 | 5 | – | 5 |
| Kirkop | – | 2 | 2 | 2 | – | 2 | 2 | 2 | 4 | 4 | 3 | 7 | 4 | – | 4 | 2 | – | 2 | 2 | – | 2 | – | – | – |
| Lija | 2 | 1 | 3 | 11 | – | 11 | 18 | 1 | 19 | 32 | 2 | 34 | 12 | 5 | 17 | 14 | 4 | 18 | 5 | 5 | 10 | 12 | 2 | 14 |
| Luqa | – | – | – | 8 | 3 | 11 | 10 | 2 | 12 | 19 | 2 | 21 | 12 | 4 | 16 | 8 | 3 | 11 | 13 | – | 13 | 3 | – | 3 |
| Marsa | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 4 | – | 4 |
| M'Xlokk | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | 1 | 2 |
| Mdina/Rabat | 30 | 12 | 42 | 33 | 54 | 87 | 46 | 23 | 69 | 122 | 34 | 156 | 53 | 20 | 73 | 39 | 11 | 50 | 57 | 8 | 65 | 32 | 10 | 42 |
| Mellieha | – | 1 | 1 | 1 | – | 1 | – | – | – | 1 | 1 | 2 | – | – | – | – | – | – | 3 | 2 | 5 | 4 | 1 | 5 |
| Mġarr | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 3 | – | 3 |
| Mosta | – | – | – | 9 | 1 | 10 | 17 | 1 | 18 | 11 | – | 11 | 18 | 2 | 20 | 21 | 6 | 27 | 21 | 6 | 27 | 32 | 5 | 37 |
| Mqabba | 2 | – | 2 | 10 | 1 | 11 | 17 | 3 | 20 | 12 | 1 | 13 | 6 | – | 6 | 7 | 2 | 9 | 7 | 1 | 8 | 8 | – | 8 |
| Msida | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 5 | 4 | 9 | 9 | 1 | 10 |

| | 1551-1600 | | | 1601-1650 | | | 1651-1700 | | | 1701-1750 | | | 1751-1800 | | | 1801-1850 | | | 1851-1900 | | | 1901-1950 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. | a. | b. | c. |
| Naxxar | 2 | 3 | 5 | 21 | 4 | 25 | 21 | 3 | 24 | 40 | 2 | 42 | 28 | 2 | 30 | 22 | 7 | 29 | 16 | 5 | 21 | 16 | 2 | 18 |
| Paola | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 14 | 2 | 16 |
| Qormi S. George | 1 | 6 | 7 | 23 | 4 | 27 | 46 | 2 | 48 | 72 | 1 | 73 | 36 | 5 | 41 | 16 | 1 | 17 | 21 | 7 | 28 | 22 | – | 22 |
| Qormi S. Sebastian | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | – | 1 |
| Qrendi | – | – | – | 6 | 1 | 7 | 9 | 1 | 10 | 15 | 1 | 16 | 10 | 3 | 13 | 9 | 4 | 13 | 4 | 1 | 5 | 3 | – | 3 |
| Safi | – | – | – | 2 | 2 | 4 | 2 | – | 2 | 4 | – | 4 | – | – | – | 3 | – | 3 | 2 | – | 2 | 1 | – | 1 |
| St. Julian's | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | 1 | 2 | 1 | 3 | 4 |
| St. Paul's Bay | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – |
| Siġġiewi | – | 2 | 2 | 10 | 5 | 15 | 13 | 5 | 18 | 39 | 5 | 44 | 22 | 5 | 27 | 27 | 6 | 33 | 25 | 1 | 26 | 11 | 1 | 12 |
| Senglea | – | 2 | 2 | 45 | 3 | 48 | 62 | 7 | 69 | 117 | 10 | 127 | 48 | 16 | 63 | 41 | 10 | 51 | 38 | 21 | 59 | 43 | 3 | 46 |
| Sliema S. Girgor | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 3 | 1 | 4 |
| Sliema Stella Maris | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 5 | 4 | 9 | 28 | 3 | 31 |
| Tarxien | 1 | 3 | 4 | 15 | 4 | 19 | 13 | 2 | 15 | 15 | 4 | 19 | 15 | – | 15 | 6 | – | 6 | 5 | – | 5 | 16 | – | 16 |
| Valletta | 2 | 11 | 13 | 83 | 11 | 94 | 170 | 78 | 248 | 326 | 85 | 411 | 174 | 62 | 236 | 162 | 43 | 205 | 115 | 36 | 151 | 56 | 14 | 70 |
| Vittoriosa | 2 | 5 | 7 | 68 | 34 | 102 | 49 | 9 | 58 | 73 | 19 | 92 | 34 | 14 | 48 | 32 | 13 | 45 | 27 | 8 | 35 | 15 | 3 | 18 |
| Zabbar | 1 | 1 | 2 | 6 | – | 6 | 1 | 6 | 7 | 13 | – | 13 | 9 | – | 9 | 24 | – | 24 | 21 | – | 21 | 17 | 2 | 19 |
| Zebbuġ | – | 4 | 4 | 25 | 18 | 43 | 38 | 9 | 47 | 95 | 9 | 104 | 49 | 9 | 58 | 23 | 8 | 31 | 32 | 3 | 35 | 22 | 4 | 26 |
| Zejtun | 2 | 2 | 4 | 5 | 1 | 6 | 10 | – | 10 | 16 | 5 | 21 | 27 | 10 | 37 | 32 | 4 | 36 | 31 | – | 31 | 10 | 3 | 13 |
| Zurrieq | 1 | 5 | 6 | 11 | 2 | 13 | 25 | 1 | 26 | 44 | 5 | 49 | 28 | 4 | 32 | 18 | 3 | 21 | 21 | – | 21 | 15 | – | 15 |
| Totals for Malta: | | | 126 | | | 623 | | | 858 | | | 1527 | | | 929 | | | 839 | | | 786 | | | 588 |
| Citadel/Rabat | – | 19 | 19 | 31 | 6 | 37 | 37 | 14 | 51 | 104 | 11 | 115 | 98 | 17 | 115 | 55 | 15 | 69 | 60 | 19 | 79 | 58 | 8 | 67 |
| Fontana | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 7 | – | 7 |
| Ghajnsielem | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | – | 1 | 3 | – | 3 |
| Gharb | – | – | – | 1 | – | 1 | 3 | – | 3 | 7 | – | 7 | 17 | – | 17 | 19 | 4 | 23 | 11 | 8 | 19 | 10 | – | 10 |
| Ghasri | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | – | 1 |
| Kercem | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 7 | – | 7 |
| Nadur | – | – | – | – | – | – | 2 | 1 | 3 | 5 | 2 | 7 | 9 | 2 | 11 | 4 | 2 | 6 | 22 | 1 | 23 | 29 | – | 29 |
| Qala | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 3 | 1 | 4 | 6 | – | 6 | 11 | – | 11 |
| S. Lawrence | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 1 | – | 1 | 8 | – | 8 |
| Sannat | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 7 | – | 7 | 5 | 1 | 6 | 6 | – | 6 | 5 | – | 5 | 9 | – | 9 |
| Xaghra | – | – | – | – | – | – | – | – | – | 3 | 2 | 5 | 11 | – | 11 | 8 | 3 | 11 | 15 | 3 | 18 | 26 | 4 | 30 |
| Xewkija | – | – | – | – | – | – | 2 | – | 2 | 5 | 1 | 6 | 9 | – | 9 | 2 | 2 | 4 | 11 | 1 | 12 | 12 | – | 12 |
| Zebbuġ | – | – | – | – | – | – | 1 | – | 1 | 5 | – | 5 | 3 | 1 | 4 | 4 | – | 4 | 8 | 1 | 9 | 9 | – | 9 |
| Totals for Gozo | | | 19 | | | 38 | | | 60 | | | 152 | | | 173 | | | 127 | | | 173 | | | 203 |

**APPENDIX B**
Provisional

## PRIEST-POPULATION RATIO

Data marked with an asterisk (*) present an estimated ratio as the population figures for that particular year/s are still unavailable. Each figure presents the number of inhabitants per diocesan priest living in each parish. These data are, normally, those which each parish priest recorded in the records of the "Status animarum" from the last dedaes of the 17th century onwards.

| MALTA | 1618 | 1667-68 | 1744-51 | 1781 | 1811 | 1859 | 1909 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Attard | 250 | 103 | 52 | 48 | 115 | 130 | 142 |
| Balzan | – | 61 | 52 | 83* | 110 | 65 | 257 |
| B'Kara | 562 | – | 94* | 95 | 273 | 286 | 337 |
| Cospicua | 700 | 268 | 89* | 110 | 192 | 268 | 274 |
| Dingli | – | – | 133 | 450* | 425 | – | 593 |
| Floriana | – | – | – | – | – | 272 | 282 |
| Gharghur | 390 | 272 | 60 | 76 | 167 | 233 | 388 |
| B'Miftuh/Gudja | 436 | 132 | 79 | 74 | 187 | 98 | 280 |
| Ghaxaq | – | 200 | 66 | 53 | 119 | 102 | 200 |
| Hamrun | – | – | – | – | – | – | 2166 |
| Kalkara | – | – | – | – | – | – | 500 |
| Kirkop | 100* | 154 | 70 | 54 | 280 | 225 | 408 |
| Lija | – | 112 | 50 | 62 | 140 | 91 | 215 |
| Luqa | – | 118 | 106 | 64 | 250 | 242 | 316 |
| Marsaxlokk | – | – | – | – | – | – | 1042 |
| Mdina/Rabat | – | – | 61 | 35* | 77 | 66 | 94 |
| Mellieha | – | – | – | – | – | 800 | 750 |
| Mġarr | – | – | – | – | – | – | 570 |
| Mosta | 1153 | 128 | 170 | 131 | 345 | 226 | 303 |
| Mqabba | – | 37 | 65 | 65* | 200 | 116 | 156 |
| Msida | – | – | – | – | – | – | 688 |
| Naxxar | 430 | 111 | 83 | 56 | 187 | 223 | 156 |
| Qormi | 1000* | 125 | 89 | 86 | 244 | 294 | 421 |
| Qrendi | – | 208 | 60 | 68 | 105 | 126 | 233 |
| Safi | 47 | 95 | 62 | 171 | 187 | 83 | 206 |
| St. Julian's | – | – | – | – | – | – | 400 |
| Senglea | – | 160 | 90 | 133* | 269 | 230 | 281 |
| Siġġiewi | 1350 | 133 | 56 | 81 | 242 | 142 | 223 |
| Sliema | – | – | – | – | – | – | 490 |
| Tarxien | – | 180* | 63 | 57 | 227 | 402 | 620 |
| Valletta | – | 105 | 82 | 92 | 263* | – | 205 |
| Vittoriosa | 120* | 60 | 84 | 100 | 192 | 219 | 265 |
| Zabbar | 600 | 188 | 123 | 150 | 333 | 217 | 447 |
| Zebbuġ | 560 | 138 | 68 | 83 | 176 | 259 | 188 |
| Zejtun | 200 | 297 | 242 | 141 | 323 | 178 | 512 |
| Zurrieq | 450 | 117 | 73 | 98 | 185 | 141. | 320 |
| Average Figures for Malta | 510 | 144 | 86 | 100 | 215 | 217 | 444 |

| GOZO | 1618 | 1667-68 | 1744-51 | 1781 | 1811 | 1859 | 1909 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Citadel/Rabat | – | – | 62 | 53 | 67 | 109 | N.A. |
| Ghajnsielem | – | – | – | – | – | 851 | N.A. |
| Gharb | – | – | 249 | 120 | 110 | 94 | N.A. |
| Nadur | – | – | 381 | 157 | 237 | 600 | N.A. |
| Qala | – | – | – | – | – | – | N.A. |
| Sannat | – | – | 135 | 84 | 158 | 250 | N.A. |
| Xaghra | – | – | 346 | 137 | 228 | 385 | N.A. |
| Xewkija | – | – | 254 | 129 | 362 | 326 | N.A. |
| Zebbuġ | – | – | 109 | 102 | 181 | 181 | N.A. |
| Average Figures for Gozo | – | – | 219 | 112 | 192 | 349 | – |

## DISSERTATIONS SUBMITTED BY GRADUANDS

**Masters in Sacred Theology**

Emanuel AGIUS
The Social Consciousness of the Church in Malta from 1891-1821

John AVELLINO
The Humanism of Karol Wojtyla

Valentino BORG
Aspects of the Mariology of Raymond E. Brown

Mario CAMILLERI
Pastoral Ministry among Tourists

Michael CEFAI
The Concept of Salvation in Contemporary Catechesis

Victor DEGUARA
The Christian Vision of Life in the Writings of Dun Ġorġ Preca

Faustino ELLUL
The Process of Self-Actualization of the Priests

Trevor FAIRCLOUGH
Church and State Relations according to John Courtney Murray

Joseph GATT
Workers' Participation in the Church Documents

Konrad GRECH
The Role of Priests in Maltese Politics during the 1920's

**Diplomas in Pastoral Theology**

Carmel CAMILLERI
Il-Magħmudija

Aloysius DEGUARA
The Reverenda Fabrica di San Pietro in Malta: Its Early Developments and Insertion in Pastoral Life (1626-1655)

Joseph FENECH
'New' Perspective of the Sacrament of Confirmation

Paul FENECH
Communal Discernment of God's Will. A Theological Perspective

Joseph PACE
Il-Pjan Pastorali. Studju u Riflessjonijiet

Victor SCICLUNA
Mass Media in the Service of the Church

**Diploma in Sacred Theology**

Vittorio FILLETTI
Moral Development. The Cognitive-Developmental Approach.

## NOMINI ĠODDA MILL-KURJA

Mons. Prof. G. Sapiano, S.Th.D., Ph.D., H.E.L. — dekan tal-Kapitlu Metropolitan

Dun Ġwann Galea, B.A., Lic.D., kappillan ta' San Ġiljan — Kap Uffiċċju parroċċi

Dun Tony Agius — kappillan ta' San Ġiljan.

# DIRETTIVI GĦAD-DEKANI

Id-Dekani, li fl-istess ħin huma wkoll Kapijiet tal-Uffiċċji Parroċċi, Kleru, Reliġjużi u Lajċi, jaħdmu id f'id bejniethom u jkunu ta' għajnuna lil xulxin fil-qadi tal-uffiċċju partikulari tagħhom.

Jiltaqgħu, almenu darba fix-xahar, taħt il-presidenza tal-Vigarju Ġenerali wara sejħa mis-Segretarju djoċesan, biex jikkoordinaw ix-xogħol bejniethom.

Fiż-żjajjar lill-parroċċi tad-distretti tagħhom għandhom jaraw

1. kif hu mqassam il-kleru u x'ħidma qed issir minn kull saċerdot, biex imbagħad jitfassal pjan ħalli l-parroċċi tal-istess distrett u tal-istess dekanat ikunu jistgħu jgħinu lil xulxin;

2. x'inhuma r-relazzjonijiet mar-reliġjużi fil-parroċċa

3. kif hu mqassam il-Quddies fil-parroċċa u fid-distrett u x'faċilitajiet hemm għall-qrar

4. kif issir il-katekeżi tat-tfal (hemmx dar tad-duttrina, min igħallem, eċċ.) u ta' l-adulti (tal-għarajjes, tal-ġenituri, eċċ.)

5. kif huma organizzati ż-żjajjar lill-familji, u, jekk ma jsirux, għaliex

6. hemmx pastorali organizzata tal-inkapaċitati (torox, għomja, eċċ.) u xi ħsieb qiegħed jittieħed tal-morda

7. humiex imħarsin id-direttivi djoċesani dwar żwiġijiet, magħmudija, funerali, l-ewwel tqarbina, kant, eċċ.

8. huwiex aġġornat li **status animarum**, u humiex miżmuma aġġornati r-reġistri parrokkjali; l-arkivju parrokkjali huwiex fi stat tajjeb; hemmx inventarju sħiħ u xjentifiku ta' kull ma għandha l-parroċċa

9. hemmx il-kotba liturġiċi kollha meħtieġa f'numru biżżejjed, u f'kundizzjoni xierqa; issirx regolarment il-kalemdazzjoni tal-Quddies skond id-direttivi tal-Kurja; huwiex organizzat il-kant tal-poplu; jekk hemmx **schola cantorum.**

10. x'għaqdiet hemm fil-parroċċa (fratellanzi, għaqdiet tal-appostolat, gruppi ta' talb, eċċ.); x'inhu l-istat tagħhom; min jieħu ħsiebhom; x'diffikultajiet għandhom.

11. hemmx kunsill parrokkjali; meta jiltaqa'; jekk m'hemmx għaliex

12. hemmx laqgħat regolari tal-presbiterju parrokkjali; huwiex kostitwit skond id-direttivi tal-Kurja

13. hemmx swali parrokkjali jew djar oħra tal-parroċċa; għalfejn qed iservu; min jieħu ħsiebhom

14. xi skejjel hemm fil-parroċċa; humiex moqdijin tajjeb pastoralment

15. hemmx grupp ta' letturi; humiex organizzati u preparati

16. huwiex organizzat tajjeb il-"piccolo clero"

17. x'ħidma qed issir għall-vokazzjonijiet

18. x'inhuma l-problemi pekuljari tal-parroċċa

19. huwiex il-każ li l-parroċċa tinqasam f'żoni pastorali, jew jinħolqu parroċċi oħra, jew jiġu riveduti l-limiti parrokkjali

20. x'servizzi jingħataw mill-uffiċċju parrokkjali

21. hemmx uniformità fil-ħruġ tal-permessi u ċ-ċertifikati

## DIRETTIVI PROPRJI TAL-KAP UFFIĊĊJU PARROĊĊI

1. jagħti rapport kull sena tal-ħidma tal-Uffiċċju

2. ikun membru tal-kummissjonijiet: irtiri tal-kleru; aġġornament tal-kleru; kunsill pastorali; kunsill presbiterali; jattendi ex officio fil-laqgħat tal-Kulleġġ tal-kappillani

3. jagħti pariri lill-Arċisqof fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħidma tiegħu u jara li d-deċiżjonijiet li jittieħdu, jiġu implimentati

4. igħin lill-kappillani ġodda u jurihom kif imexxu l-parroċċa

5. kull darba li tivvaga parroċċa jara

a) f'liema stat hi d-domus curialis

b) jekk l-uffiċju parrokkjali u l-waiting room humiex mobiljati skond id-direttivi tal-Kurja

c) x'hemm bżonn isir fid-domus curialis

6. jekk il-parroċċa għandhiex domus curialis tagħha u

a) jekk għandha, il-kappillan huwiex igħammar fiha

b) jekk m'għandhiex, x'jista' jsir

7. l-istat tal-knisja parrokkjali u tal-knejjes l-oħra tal-parroċċa

a) x'inhuma l-ħtiġijiet tal-istruttura, l-istat tal-indafa, id-dwal, eċċ.

b) kemm hemm sagrestani u nies oħra mpjegati jew voluntieri, xi ħlas isirilhom

c) xi status u x'setgħa għandhom dawk li jieħdu ħsieb il-knejjes l-oħra tal-parroċċa u x'relazzjonijiet għandhom mal-kappillan

8. kif huma miżmumin ir-reġistri tal-amministrazzjoni; x'inhu d-dħul; x'inhuma l-ispejjeż rikorrenti; x'kontribuzzjoni ssir u tista' ssir lill-Fondo Clero eċċ.

9. ikun ikkonsultat mill-Uffiċċju Finanzi dwar il-budget preżentat minn kull parroċċa u jagħti l-vot tiegħu fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu.

10. jieħu ħsieb it-tħejjija ta' Direttorju għall-kappillani

## DIRETTIVI PROPRJI TAL-KAP UFFIĊĊJU KLERU

1. iżomm aġġornata l-lista tal-kleru djoċesan bil-"curriculum vitae" dettaljat ta' kull wieħed, u tal-mandat li kull wieħed ikollu fid-djoċesi

2. almenu darba fis-sena jagħmel evalwazzjoni tal-ħidma ta' kull saċerdot flimkien mal-kappillan tiegħu u mas-saċerdot stess

3. iżomm listi aġġornati

a) tas-saċerdoti li jagħmlu l-irtir magħluq, u fejn

b) tas-saċerdoti li jattendu l-kors ta' aġġornament

c) ta' ġranet tal-vaganzi (inkluż is-safar) ta' kull saċerdot

d) tal-quddies li jitqaddes kull darba li jmut xi saċerdot

## DIRETTIVI PROPRJI GĦALL-KAP UFFIĊĊJU RELIĠJUŻI

1. iżomm lista aġġornata tar-reliġjużi kollha, irġiel u nisa, bil-ħidmiet kollha li jagħmlu
2. iżomm lista aġġornata tal-attendenza tar-reliġjużi għall-kors ta' aġġornament tal-kleru
3. iżomm lista ta' reliġjużi li regolarment jew kaswalment iqaddsu jew jagħmlu ħidma pastorali f'parroċċi tal-kleru djoċesan (eskluża l-predikazzjoni)
4. iżomm reġistru bil-lista tar-reliġjużi rġiel u nisa li l-Mulej isejjaħ għandu, bi bjografija qasira ta' kull wieħed jew waħda
5. jagħti l-għajnuna tiegħu meta l-uffiċċju kleru jew l-uffiċċju parroċċi jew xi kappillan ikun ifittex l-għajnuna ta' xi reliġjuż jew reliġjużi għal xi ħidma pastorali
6. igħin biex ikun hemm kooperazzjoni sħiħa fil-ħidma pastorali bejn il-kleru djoċesan u r-reliġjużi fid-dawl tal-**Mutuae relationes**
7. jara li d-direttivi djoċesani dwar il-liturġija, il-ħajja pastorali, u l-katekeżi tat-tfal u ta' l-adulti jkunu mħarsin kif jixraq. (Ara speċjalment nri 3, sa 7 u 10, 13 sa 16).
8. igħin biex fejn jinqalgħu diffikultajiet bejn kappillan u reliġjuż dawn jiġu rranġati kemm jista' jkun malajr, f'kooperazzjoni sħiħa mal-uffiċċju parroċċi.

N.B. Dawn id-direttivi kollha jkomplu u jiddeterminaw aħjar dak li hemm fid-Direttiva tal-Kleru.

## ĦUTNA FI KRISTU LI L-MULEJ SEJJAĦ GĦANDU MATUL IS-SENA 1981

MONS. CARMELO SCERRI twieled in-Naxxar fil-25 ta' Jannar 1905, u studja għal saċerdot fid-djoċesi franċiża tal-Vendée, fejn ordna saċerdot u fejn, sal-1936, għamel ħidma ta' viċi fil-parroċċa ta' St. Mesmin; wara laħaq organista tal-Kattidral ta' Luçon. Minn 1935 'il quddiem kien igħallem ukoll, u kien kappillan ta' sptar. Wara l-gwerra ġie Malta u għal xi żmien għallem ukoll fis-Seminarju: kien organista tal-Konkattidral ta' San Gwann għal bosta snin, u ftit qabel ma miet ġie nominat kanonku onorarju tal-kapitlu tal-Kattidral. Miet fil-5 ta' Marzu 1981.

MONS. SALV. LASPINA ġie msejjaħ mill-Mulej biex jissieħeb fil-liturġija tas-sema fis-7 ta' Ottubru 1981 fl-għomor ta' 78 sena. Hu kien ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Settembru 1927. Għal bosta snin kien assistent ekklesjastiku taċ-Circolo Gioventù Cattolica tal-Belt, u ħadem ħafna fi ħdan l-Azzjoni Kattolika. Għen ħafna fil bini tal-Istitut Kattoliku, u għal snin twal, mill-1958 sal-1980 mexxa l-Kummissjoni Djoċesana Films. Kien jattendi regolarment laqgħat internazzjonali fuq il-films u kellu sehem kbir fl-organizazzjoni tal-Kungress tal-O.C.I.C. (Organizzazzjoni Kattolika Internazzjonali taċ-Cinema) li kien sar f'Malta. Għal ħafna snin għallem l-Istorja ta' Malta fil-Liċeo u s-Seminarju, u kiteb bosta drammi u kitbiet oħra.

Mons. GIOVANNI MIFSUD twieled tas-Sliema fl-20 ta' Ottubru 1902 u studja l-Liceo, fis-Seminarju ta' Malta u wara, meta s-Seminarju ta' Malta għalhekk fi żmien il-viżta tal-Kard. Lafontaine, fis-Seminarju ta' Għawdex. L-istudji filosofiċi u teoloġiċi għamilhom Ruma fl-Universita' Gregorjana, bħala student tal-Kulleġġ Capranica. Mill-Gregorjana ħa d-dottorat tal-Filosofija u dak tat-Teolo-

ġija u mill-Pontificio Istituto S. Apollinare d-dottorat *utriusque iuris*. Ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' April 1925, u tul is-sentejn wara l-ordinazzjoni tiegħu, meta kien għadu Ruma jkompli l-istudji tiegħu kien jagħmel ħidma pastorali f'Torpgnattara u f'La Storta, fil-kampanja madwar Ruma. Mis-sena 1932 sal-1937 kien viċi-rettur fis-Seminarju, fejn kien igħallem ukoll l-Istorja tal-Knisja, u mbagħad laħaq rettur; dam jokkupa din il-kariga sa meta sar Kanċillier tal-Kurja, kariga li baqa' jokkupa sa kemm irtira minħabba l-mard. Kien ukoll Dekan tal-Kapitlu Metropolitan.

KAN. DUN GWANN CALLEJA twieled tas-Sliema fl-1893 u ġie ordnat saċerdot fl-1919. Studja fis-Seminarju u mbagħad l-Universita' fejn ħa d-dottorat fit-Teoloġija u l-baċellerat fil-Liġi tal-Knisja. Għamel żmien twil igħallem fil-Kulleġġ ta' B'Kara, u kien id-Dekan tal-Kapitlu ta' B'Kara. Il-Mulej sejjaħlu għandu mid-Dar tal-Kleru fejn dawn l-aħħar snin kien residenti, fit-28 ta' Mejju 1981.

MONS. SALVATORE GAUCI twieled il-Kalkara fit-18 ta' Jannar 1908 u ġie ordnat saċerdot fl-1934; studju s-Seminarju u għal xi żmien kien prefett fis-Seminarju l-kbir. Wara sar kappillan f' Ħal Għargħur, fejn dam seba' snin, u mbagħad arċipriet iż-Żurrieq. Wara ħmistax-il sena fiż-Żurrieq ġie nominat kanonku tal-Kattidral, u fl-14 ta' Novembru 1978 ġie nominat Arċipriet tal-Kattidral. Għal sitt snin, mill-1961 sal-1966 kien kappillan tas-sorijiet tal-Bon Pastur, u mill-1966 'il quddiem kappillan tas-sorijiet benedittini fl-Imdina. Il-Mulej sejjaħlu għandu fit-23 ta' Jannar 1981 fl-għomor ta' 73 sena.

FRA INDRI BEZZINA O.Carm twieed il-Marsa fit-22 ta' Novembru 1902. Wara żmien bħala Soċju intern tal-M.U.S.E.U.M. f'Diċembru tas-sena 1937, flimkien ma' ħuh Fra Romeo daħal reliġjuż karmelitan fejn għamel il-professjoni sempliċi fil-5 ta' Jannar 1941 u l-professjoni solenni fis-7 ta' Mejju 1944. Kien għal xi żmien il-Palestina. Serva għal ħafna snin fil-kunventi tal-Belt u ta' l-Imdina. Dan l-aħħar kien rikoverat għand il-Little Sisters of the Poor, in-Naxxar fejn miet fl-20 ta' Ottubru 1981.

P. GWANN ZAHRA O.Carm twieled fiż-Zejtun nhar is-27 ta' Marzu 1897. Hu studja fl-iskola ta' l-apprentisti fid-Dockyard fejn ukoll ħadem hemm għal xi żmien sakemm issieħeb ma' l-Ordni Karmelitan fejn imbagħad ipprofessa l-voti reliġjużi nhar it-3 ta' Ġunju 1920. Wara li temm l-istudji tiegħu tal-Filosofija u fit-Teoloġija huwa ġie ordnat saċerdot nhar is-6 ta' Jannar 1927.

Il-ħidma ta' Patri Gwann fi ħdan l-Ordni Karmelitan kienet prinċipalment fil-parroċċa ta' Santa Venera fejn qatta' 32 sena f'ħidma fejjieda li minnhom kien għal 12-il sena Pirjol ta' l-istess kunvent. Kien fi żmienu li saru diversi xogħlijiet fl-istess parroċċa, fosthom il-ftuħ u t-tberik tal-kappella ta' Chateau Lonz (il-lum għaż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika), it-tberik tas-Sala Parrokkjali u ta' l-'Open-Air Talkies', kif ukoll it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja.

PATRI GIOVANNI XERRI OSA twieled il-Belt Valletta fid-9 ta' Awissu 1914. Fid-9 ta' Marzu 1930 daħal bħala novizz fl-Ordni Agostinjan. Fid-19 ta' Marzu 1931 wiegħed temporanjament lil Alla li jgħix fqir, kast u ubbidjenti. Fil-11 ta' Awissu 1935 għamel il-Professjoni Solenni. Studja l-Letteratura, il-Filosofija u t-Tejoloġija fil-Kulleġġ tagħna ta' San Mark ir-Rabat. Fit-18 ta' Settembru 1937 ġie ordnat Saċerdot fil-kattedral ta' Għawdex mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi. L-aħjar snin ta' ħajtu għaddiehom fil-Missjoni tagħna tal-Alġerija u tat-Tuneżija. L-aħħar snin ta' ħajtu għaddiehom f'ħidma fejjieda qalb il-ħaddiema tal-fabbriki.

Il-Mulej sejjaħlu fi ħdanu nhar it-22 ta' Diċembru, 1981.

F. FERDINAND XUEREB OSA twieled il-Mosta fil-31 ta' Diċembru 1931. Wara li ffrekwenta l-iskola elementari tal-Gvern, kompla l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' S. Wistin li dak iż-żmien kien għadu l-Belt Valletta. Fit-28 ta' Settembru, 1947 beda s-sena tan-Novizzjat ġewwa Għawdex u fil-5 ta' Ottubru tal-1948 għamel l-ewwel professjoni tal-Voti sempliċi. Wara beda sentejn filosofija

fil-Kulleġġ ta' San Mark, ir-Rabat. Studju t-teoloġija fil-kunvent ta' S. Rita u f'dak tal-Belt, Valletta. Fl-eta' kanonika ta' 21 sena ntrabat għal dejjem bil-Voti Solenni. Fis-17 ta' Marzu 1956 ġie ordnat saċerdot fil-Knisja Kon-kattedrali ta' San Gwann.

F'Awissu tas-sena 1967 ġie maħtur Segretarju tal-Provinċja, kariga li baqa' fiha sakemm il-Mulej sejjaħlu għal għandu nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 1981.

FRA EGIDJU MALLIA OFM twieled is-Siġġiewi fit-2 ta' Frar, 1904. Daħal fl-Ordni fit-18 ta' Gunju 1921 u għamel il-professjoni solenni fl-24 ta' Mejju, 1931. Għal bosta snin kien xhieda Franġiskani huwa u jiġbor bieb bieb ma' Malta kollha. Miet fil-5 ta' Jannar 1981.

W. REV. P. PIETRU MUSCAT OFM miet Tas-Sliema fil-15 ta' Jannar, 1981 ftit wara Fra Eġidju Mallia. Huwa kien Lettur tal-Filosofija li għallem għal bosta snin lill-istudenti tagħna. Għal xi żmien ħadem Quaracchi fuq ir-reviżjoni ta' l-opra ta' Duns Skotu. Għamel xi żmien bħala Provinċjal (1933-1936).

Huwa daħal fl-Ordni fid-9 ta' Lulju, 1914 u ordna saċerdot fil-15 ta' April 1922. Twieled Tas-Sliema fil-21 ta' Frar 1897.

REV. P. TONIN SCICLUNA OFM miet ħabta u sabta l-Ingilterra fejn mar jaħdem bħala supply, fid-9 ta' Ottubru, 1981. Huwa twieled Tas-Sliema fid-9 ta' Lulju 1933 u libes iċ-ċoqqa Franġiskana għall-ewwel darba fid-19 ta' Settembru, 1948. Ordna saċerdot fit-22 ta' Marzu 1958. Għal xi żmien, wara l-ordinazzjoni tiegħu ħadem mal-Maltin mid-dar tagħna ta' Victoria. Dawn l-aħħar snin kien qiegħed fil-kunvent ta' Tas-Sliema.

BROTHER JOSEPH VELLA S.J. twieled il-Mellieħa fl-24 ta' Frar 1894. Huwa daħal fin-Novizzjat tal-Kumpanija ta' Gesù f'Bagheria (Sqallija) fit-13 ta' Novembru 1916. Wara s-sentejn tiegħu bħala novizz, huwa ħadem f'diversi djar tal-Kumpannija ġewwa Sqallija kif ukoll f'Malta. Brother Vella kien verament bniedem prattiku, u kull fejn kien, għamel ħafna xogħol siewi u varjat. Ħadem f'refetorji u fi kċejjen bħala assistent kok u anki bħala kok. Kien jaf jagħmel xogħol fil-ġebel u fil-ħadid. Kien 'mechanic', kapaċi fix-xogħol tal-biedja u ta' l-elettriku. Iżda l-iktar xogħol importanti li għamel kien bħala mastrudaxxa, xogħol li kien tassew jinqala' għalih. Huwa miet ta' 87 sena (wara iktar minn 64 sena ta' ħajja reliġjuża) fin-Novizzjat tan-Naxxar, ikmieni filgħodu ta' l-10 ta' Awissu, 1981.

FATHER ANTHONY SCICLUNA, S.J., miet fl-20 ta' Awissu 1981, ta' 69 sena, meta kien proprju wasal biex jagħlaq 50 sena ta' ħajja reliġjuża fil-Kumpanija ta' Gesù. Infatti. Father Scicluna li kien twieled il-Mosta fit-30 ta' Ottubru, 1911, daħal Giżwita fl-10 ta' Settembru, 1931, fin-Novizzjat ta' Bagheria, Sqallija. Sentejn wara, għamel l-ewwel voti perpetwi, u minnufih telaq għall-Missjoni tal-Giżwiti Maltin tas-Santal Parganas, Indja. Hemmhekk studja l-letteratura, il-filosofija u t-teoloġija, f' Hazaribagh, Shembaganur u Kurseong rispettivament. Wara li qaddes fil-21 ta' Novembru, 1943, huwa beda x-xogħol proprju tiegħu ta' missjunarju sal-1972, meta ġie lura Malta. Hawn Malta għamel ħafna ħidma appostolika sakemm miet fir-Residenza tal-Patrijiet Giżwiti ta' San Filippu, l-Isla.

FRA GUZEPP TA' SAN BERNARD, fis-seklu Amabile Gatt, miet f'St. Luke's Hospital, G'Manga, fit-18 t'Ottubru 1981. Kellu 75 sena magħluqa. Kien Konventwali fil-Kunvent ta' Sant'Alfons, Valley Road, B'Kara.

Bin il-mejtin Giovanni Gatt u Gużeppa nèe Curmi, imwieled f'Haż-Zebbuġ, Malta, fit-8 ta' Settembru 1906; daħal novizz Tereżjan — bħala "non-clericus" fl-24.9.1924 fil-Kunvent ta' S. Tereża, Bormla, fejn ipprofessa fil-25.9.1926. Għamel il-voti solenni fil-5.12.1929. Ix-xogħol tiegħu kien kemm fil-kċina, fil-kunvent u l-aktar fis-sagrestija — bħala sagristan. Kien assidwu għall-atti komuni.

BROTHER HENRY GRECH F.S.C. miet fl-10 ta' Gunju, 1981 fl-isptar San Luqa wara li kien ittieħed hemm fl-istess jum.

Huwa twieled t-18 ta' Diċembru, 1919 f'Tas-Sliema, Malta; sar Brother f'Lem-

becq-lez-Hal, fil-Belġju; u ħa l-Aħħar Voti fis-26 ta' Awissu, 1944.

Huwa għadda 38 mill-41 sena tiegħu ta' tagħlim u ħajja reliġjuża fil-Kulleġġ De La Salle, Kottonera; qatta' sena oħra f'St. Joseph College, Londra (1959-1960); u sentejn fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira (1966-1968). Għallem ukoll il-Malti fil-Kulleġġ għat-Taħriġ ta' l-Għalliema — San Mikiel, ta' Giorni. Kien bniedem dedikat għall-ħajja reliġjuża tiegħu; kien bniedem mimli ħeġġa bħala edukatur u għalliem; kien iħobb ħafna n-Natura; u kiteb għadd kbir ta' kotba bil-Malti li llum jintużaw sew fl-iskejjel tal-Gvern kif ukoll dawk privati. Bosta mill-innijiet liturġiċi li kiteb jew li qaleb għall-Malti ta' sikwit jinstemgħu fil-parroċċi tagħna.

Bħala għarfien għall-kontribut letterarju tiegħu, l-Akkademja Maltija għamlitu membru tagħha, u l-Ordni Sovran ta' San Gwann ta' Gerusalem ħatritu Kavalier wara mewtu.

PATRI DOVIK GRIXTI, O.F.M.Kapp., twieled Ħaż-Żabbar fit-22 ta' Mejju 1911. Ta' 17-il sena ħaddan l-Ordni Franġiskan Kappuċċin billi beda n-Novizzjat fil-Kunvent ta' Sta. Liberata, il-Kalkara, nhar id-9 ta' April 1928. Sar saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1936. L-ewwel 11-il sena għaddihom fil-kura tal-morda bħala Kappillan f'diversi sptarijiet. Fl-24 ta' Novembru 1947 telaq lejn il-missjoni ta' l-Eritrea fejn għal 12-il sena għamilha ta' Kappillan tal-Forzi Armati Amerikani fl-istazzjon ta' Gaggiret (Asmara). Gie Malta fl-1959 u s-Superjuri ħatruh Mastru tan-Novizzi fil-Kunvent tar-Rabat, Għawdex. Wara sentejn f'din il-kariga, iżda, reġa' telaq mill-ġdid fl-Afrika, din id-darba f'Addis Ababa, biex jgħin lill-Patrijiet Kappuċċini Maltin li kienu jieħdu ħsieb il-Parroċċa 'San Salvatore' fost il-kattoliċi Ewropej tar-Rit Latin. F'Mejju tal-1962 inħatar Kappillan tal-Parroċċa u Superjur tad-Dar. Dam hemm sal-1965 meta ġie Malta u nħatar Gwardjan tal-kunvent t'Għawdex. Meta spiċċa minn Gwardjan reġa' mar l-Etjopja, fejn kienu marbuta qalbu u moħħu sakemm irritorna Malta għal kollox wara sentejn oħra hemm bħala Kappillan u Superjur fl-1969. Qatta' l-aħħar 12-il sena ta' ħajtu fil-Kunvent tal-Furjana bħala Vigarju fejn l-aktar xogħol fejjiedi tiegħu kien il-Qrar. Otħna l-mewt ħatfitu mimli bl-imħabba għal għajru fil-Kunvent tal-Furjana fl-għodwa tat-23 ta' Novembru 1981.

PATRI GUZEPP M.A. SPITERI, O.F.M.KAPP. twieled il-Furjana fl-4 ta' Jannar 1893. Wara li spiċċa l-edukazzjoni sekondarja fl-iskola "San Pawl", il-Belt Valletta, daħal fl-Ordni Franġiskan Kappuċċin billi beda n-Novizzjat nhar l-10 t'Ottubru fil-Kunvent ta' Sta. Liberata, il-Kalkara. Ha l-Quddiesa fil-25 ta' Mejju 1918. Minn dak il-jum huwa ntefa għax-xogħol Pastorali u bejn l-1920 u 1945 insibuh dejjem fil-Kunvent tal-Parroċċa tas-Ss.ma. Trinità, il-Marsa, jaqdi dmiru bħala Viċi-Parroku, Prokuratur tal-Knisja, Sagristan Ma'ġur, Direttur tat-Terzjarji Franġiskani, tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla u Assistent Ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika. Imma l-iktar xogħol fejjiedi u li kien għal qalbu kien l-assistenza spiritwali malmorda li dak iż-żmien kienu kważi kollha jmutu fi djarhom u li kienet titlob sagrifiċċji mhux żgħar minn min jassistihom bil-lejl u bi nhar. Mill-Marsa għadda għal San Gwann. Huwa kien wieħed mill-ewwel żewġ Kappuċċini li fuq talba tal-Arċisqof M. Gonzi fil-Kappella ċkejkna tal-Imsieraħ, imsejħa ta' San Gwann 'tal-Għargħar'. Għal xi snin iż-żewġ patrijiet kienu joqogħdu f'dar ċkejkna mikrija, sakemm inbena l-Kunvent u l-Knisja sabiħa li hemm il-lum, li maż-żmien saret Parroċċa ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Kien Vigarju għal ħafna snin fiż-żewġ Kunventi tal-Marsa u ta' S. Gwann u mfittex ħafna għall-Qrar. Miet fl-isptar San Luqa, G'Mangia fis-27 ta' Novembru 1981.

DUN ANTON CAMILLERI, iben Emmanuele u Margerita nee Schembri, twieled l-Isla fis-6 ta' Marzu 1911. L-edukazzjoni tiegħu ħadha fl-iskola primarja l-Isla u f''St. Paul's School', Valletta.

Beda n-Novizzjat mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fl-1 ta' Jannar 1928. Għamel l-Ewwel Professjoni sempliċi f' Jannar 1929 u dik Perpetwa fl-10 ta' Marzu 1932. Il-Filosofija u t-Teoloġija għamilhom għand il-Patrijiet Agostinjani fil-Kulleġġ San Mark, ir-Rabat.

Gie ordnat saċerdot fid-29 ta' Settembru 1934 u wara kellu diversi karigi: prefett ta' l-Aspiranti MSSP; viċi-Direttur tad-Dar ta' S. Ġużepp, Hamrun; Direttur ta' l-Oratorju S. Domenico Savio. B'Kara; Assistent tas-Sperjur Generali u Segretarju Generali tas-Soċjetà. Fl-1968 mar il-Peru' flimkien ma' missjunarji oħra biex jiftaħ missjoni hemmhekk.

Miet fl-20 ta' Lulju 1981 wara marda twila li ġarrab bir-rassenjazzjoni.

Dun Anton kien predikatur tajjeb u konfessur imfittex u jibqa' mfakkar għall-ħeġġa missjunarja li kellu.

L-Ewwel Ħadd tar-Randan

## IL-ĦELSIEN MID-DNUB

### Il-pattijiet ta' Alla

Tul ir-Randan din is-sena l-Knisja tistedinna ngħixu magħha xi mumenti ewlenin tal-ġrajja tas-salvazzjoni, li bihom aħna nistgħu naslu biex nifhmu x'siwi kbir hi s-salvazzjoni li seħħet bil-mewt u l-qawmien għall-ħajja ta' Kristu għalina.

Il-bniedem bid-dnub ġab is-saħta fuq l-art, imma Alla ma riedx li l-bniedem jibqa' f'din il-qagħda, wegħdu l-ħelsien, u tul iż-żminijiet Alla kellem il-bniedem bosta drabi u b'ħafna manjeri, u miegħu għamel pattijiet: patt ma' Noe li qatt iżjed ma jinżel dilluvju biex jeqred il-ħlejjaq ta' l-art, patt ma' Abraham li jagħmlu missier ta' kotra kbira ta' ġnus, patt ma' Mose' għall-ħarsien tal-liġi mogħtija fis-Sinaj lill-poplu meħlus mill-jasar tal-Eġittu — kollha pattijiet li kienu biss dell u xbieha tal-patt il-ġdid u għal dejjem, imwiegħed permezz tal-profeti, li kellu jseħħ fil-milja taż-żminijiet bi Kristu Ġesù.

### Id-dilluvju

F'dan l-ewwel Ħadd tar-Randan il-Knisja tistedinna nimmeditaw il-patt li seħħ wara d-dilluvju. Id-dnub fid-dinja tant kotor li Alla ma felaħx iżjed għall-ħtijiet tal-bnedmin u ried jeqridhom minn wiċċ l-art; imma, fost dak il-ħażen kollu li kien qiegħed iħassar lid-dinja, kien baqa' bniedem ġust, Noe ,u Alla ried jeħilsu mill-qilla li kienet ġejja fuq id-dinja: ordnalu jibni arka biex fiha jistkenn sa ma jgħaddi l-kastig. Il-bini ta' l-arka ħa żżmien u Alla stenna bis-sabar jara l-bnedmin jindmux minn ħtijiethom, imma flok nidmu iddieħku b'Noe kull meta kien iwissihom bil-kastig li kien ihedded lid-dinja.

U fl-aħħar ġie d-dilluvju u qered lil kulħadd ħlief il-ftit li kienu fl-arka, jiġifieri tmienja min-nies biss. Meta mbagħad spiċċa d-dilluvju u Noe u wliedu ħarġu mill-arka, Alla għamel patt ma' Noe li qatt iżjed ma jinżel dilluvju fuq l-art biex jisħet il-ħlejjaq kollha tal-laħam. U b'sinjal tal-patt fis-sema deher il-qaws ta' Alla (il-qawsalla).

### X'ifisser id-dilluvju

Xi tfisser għalina din il-ġrajja? Tgħidulna l-Knisja llum fit-tieni qari bi kliem l-Appostlu San Pietru.

It-tmienja min-nies li kienu fl-arka, igħidilna l-Appostlu, salvaw bis-saħħa ta' l-ilma; u dan l-ilma jfisser l-ilma tal-Magħmudija, li issa jsalva lilna lkoll. M'huwiex ilma biex inaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, ikompli jgħidilna l-Appostlu, imma talba li ssir lil Alla biex niksbu kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

Naħsbu ftit fuq dan il-kliem ta' l-Appostlu u naraw x'inhu t-tifsir

tiegħu, x'tagħlim fih għalina għall-ħajja tagħna tallum.

Kristu miet darba għal dejjem minħabba dnubietna; hu li kien ġust, miet għalina li aħna inġusti, biex iressaqna lejn Alla. Fi kliem ieħor, Ġesù, li ma kienx jaf x'inhu dnub, sar dnub għalina: ċekken lilu nnifsu u sar bniedem bħalna, tgħabba bi dnubietna kollha, u bid-demm tiegħu li xerred fuq is-salib, ħassar il-kont tad-dejn li kellna ma' Alla minħabba l-ħażen u l-inġustizzja tagħna, ħabbna mill-ġdid ma' Alla, u reġa' tana dik id-dinjita' li konna tlifna bid-dnub.

Kristu feda l-ħolqien kollu, imma l-frott tal-fidwa nibdew ingawduh meta nitwieldu mill-ġdid fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu, u bil-Magħmudija nsiru wlied Alla, aħwa ma' Kristu, membri tal-Knisja tiegħu, werrieta tal-ġenna, u nitnaddfu minn kull tebgħa ta' dnub. Immutu għad-dnub, u ma' Kristu nindifnu fil-mewt tiegħu, ħalli miegħu nqumu għall-ħajja ġdida, b' kuxjenza safja minn kull ħtija.

Kull darba għalhekk li ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, issir tal-ba lil Alla mill-poplu kollu tiegħu mifdi bid-demm ta' Kristu, poplu li ħe-les mill-għarqa fid-dilluvju għax daħal fl-arka tal-patt il-ġdid li hi l-Knisja ta' Kristu.

**Il-ħtieġa ta' l-indiema**

Tul ir-Randan, il-Knisja ta' spiss tfakkarna fil-Magħmudija tagħna, sa-biex lhekk thejjina ħalli fil-lejl qaddis ta' l-Għid inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħna li niċħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen u ngħixu skond il-fidi li nistqarru; għalhekk il-Knisja llum ma' Kristu tgħidilna: -'Indmu, u emmnu fil-Bxara t-tajba".

Nindmu, għaliex minkejja li ksibna s-salvazzjoni aħna għadna bned-min dgħajfa u malajr nagħtu widen lix-xitan li jġarrabna u jipprova jerġa' jwaqqagħna fid-dnub. Imma m'għandniex naqtgħu qalbna — il-Mulej Ġesù stess illum jurina kif għandna nirbħu t-tiġrib tax-xitan. Dan jista' jġarrab-na billi jaqtagħlna qalbna mill-provvidenza ta' Alla u jimliena b'tħassib żejjed għall-ġid ta' l-art li jwassalna biex nagħmlu kull xorta ta' ħażen u ta' inġustizzja meta ma jwassalniex ukoll biex nagħalqu kull att taż-żwieġ għall-ħajja jew neqirdu t-tarbija fil-ġuf. Imma l-Mulej Ġesù jgħidilna li mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla; u Alla jgħidilna jekk aħna nfittxu l-ewwel is-Saltna tiegħu u l-ġustizzja, hu jipprovdilna kull ma neħtieġu — fi kliem ieħor jekk in-ħarsu dejjem il-liġi ta' Alla xejn ma jkun jonqosna. Ix-xitan iġarrabna wkoll billi jqanqal is-suppervja tagħna u dan jista' jwassalna għal kull xorta ta' ġlied, inkwiet, tilwim, u vjolenza; u jġarrabna wkoll billi jħajjarna nabbu-żaw mill-ħniena ta' Alla u nħallu għall-aħħar tard il-konverżjoni tagħna. Imma l-Mulej Ġesù jistedinna minn issa biex nindmu u nibdlu ħajjitna.

Żmien ir-Randan huwa ż-żmien tajjeb għal dan u għalhekk bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nibdew millum mexjin fit-triq li għandha twassalna għall-bidla sħiħa fl-imġiba kollha ta' ħajjitna b'mod li nkunu nistgħu b'ferħ lie-ma bħalu niċċelebraw din is-sena l-Għid il-Kbir tal-Mulej.

Kristu miet darba għal dejjem minħabba fi dnubietna; hu, li kien ġust, miet għalina li aħna inġusti; nitolbuh għalhekk juri magħna ħniena kbira tul dawn il-granet li ġejjin u jmexxina fit-triq tas-sogħba u ta' l-indiema.

Mulej Gesù, ieqaf mal-poplu tiegħek tul dan iż-żmien qaddis biex jindem minn dnubietu u jemmen fil-Bxara t-tajba, ħalli l-Knisja tiegħek tidher quddiem id-dinja dak li tassew hi, l-Għarusa tiegħek kollha ġmiel u sbuħija.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Gesu', uri t-triqat tiegħek u għarraf il-mogħdijiet tiegħek lill-ġnus kollha ta' l-art biex jimxu fis-sewwa tiegħek u jaslu għall-għarfien sħiħ tat-tagħlim tiegħek ħa jiksbu twelid ġdid fil-Magħmudija.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Gesu', żomm fi ħsiebek tul dan iż-żmien qaddis lil dawk kollha li qegħdin iħejju ruħhom biex jitwieldu mill-ġdid fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-lejl ta' l-Għid, u lil dawk li bi tbatija qegħdin jibdew it-triq tal-indiema li se twassalhom għall-ħbiberija mill-ġdid miegħek: ilkoll wettaqhom bil-grazzja tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Gesù, lilna lkoll li ninsabu mġarrbin bil-ħażen kollu li hawn fid-dinja u bla heda qiegħed jheddidna, agħti l-grazzja tiegħek biex nagħarfu nieqfulu lix-xitan, qawwijin u sħaħ fil-fidi.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Gesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int qiegħed issejħilna llum biex nitwettqu bil-qawwa tar-rażan u nissieltu tajjeb kontra l-ispirtu tal-ħażen: għinna nkomplu mexjin f'din it-triq, biex kull ma nagħmlu, nagħmluh b'fehma safja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-IMĦABBA TA' ALLA GĦALINA

### Għaliex it-Trasfigurazzjoni

Kull tieni Ħadd tar-Randan il-Knisja tistedinna nimmeditaw il-misteru tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor, biex il-ħsieb tal-glorja li hemm imħejjija għalina fis-sema, jekk inkunu fidili għas-sejħa tagħna ta' nsara li aħna, tqawwilna qalbna fil-ġlieda bla heda li għandna mas-setgħat tal-ħażen f'din id-dinja, aħna u nħabirku biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u l-qerq tal-ħażen u nemmnu bil-fatti fil-Bxara t-tajba ta' Kristu l-Mulej.

Ġesù ried jitbiddel quddiem l-Appostli tiegħu fuq it-Tabor biex iwettaqhom fil-fidi fih quddiem it-traġedja tal-passjoni u l-mewt tiegħu. Ġesù kien jaf xi bnedmin dgħajfa kienu l-Appostli tiegħu, kien jaf li fil-mument tal-prova lkoll kienu se jaħarbu u wieħed minnhom kien se jiċħdu u ieħor jagħtih f'idejn is-Sanhedrin; għalhekk ittrasfigura ruħu quddiemhom fuq it-Tabor, imma mbagħad qalilhom biex ma jgħidu 'l ħadd bid-dehra li kienu raw, qabel ma hu jkun qam mill-imwiet. Dak il-ħin huma ma fehmux x'ried igħid Ġesù: fehmuh aktar tard, meta raw lil Ġesù rxoxtat ,u mbagħad intebħu li Ġesù kellu jgħaddi mit-triq tas-salib tal-Kalvarju biex jidħol fil-glorja tiegħu.

### Ħajjitna fuq l-art

Hekk aħna wkoll; ħajjitna fuq l-art hi ħajja ta' tiġrib; ilkoll irridu nerfgħu s-salib tagħna u nimxu wara Ġesù jekk irridu nidħlu miegħu fil-glorja tiegħu ta' dejjem. L-istess żmien tar-Randan għandu jkun xbieha tal-ħajja tagħna f'din id-dinja, għaliex matul ir-Randan aħna rridu ngħixu ħajja ta' penitenza, ħajja ta' ċaħda, ħajja ta' sagrifiċċju ħa nkunu sajmin mid-dnub u nitnaddfu minn kull tinġis tad-dinja. Żmien ir-Randan huwa għalina żmien ta' talb u ta' għajnuna lil għajrna aktar miż-żminijiet l-oħra tas-sena, hu żmien li fih irridu nibku dnubietna u npattu għalihom b' egħmejjel ta' tjieba u ħniena, żmien li fih nidħlu ftit fina nfusna u nitnikktu meta naraw kemm hi kerha l-qagħda tagħna quddiem Alla minħabba ħtijietna. Ma' tul ir-Randan nibku u nolfqu, imma n-niket tagħna għad jinbidel f'ferħ liema bħalu, ferħ imxerred ma' kullimkien fid-dinja, ma' l-aħbar tal-lejl ta' l-Għid: "Kristu, it-tama tagħna, qam mill-imwiet! Kristu rxoxta! Nifirħu u nithennew u nroddu ħajr lil Alla!"

### Nisimgħu lil Iben ta' Alla

Iżda biex il-ferħ tagħna fil-ġranet li ġejjin ta' l-Għid ikun tassew sħiħ, jeħtieġ li nagħtu widen għal dak li l-Missier qalilna fuq it-Tabor, fit-trasfigurazzjoni ta' Ġesù: "Dan hu Ibni l-għażiż, lilu isimgħu".

Jekk nisimgħu minn Ġesù ma għandna qatt għax naqtgħu qalbna, ikunu kemm ikunu kbar id-diffikultajiet li magħhom niltaqgħu tul il-ħajja

tagħna f'din id-dinja. Għaliex jekk aħna nisimgħu minn Ġesù, Alla jagħżilna għalih, Alla jkun magħna. U jekk Alla magħna, min se jeħodha kontra tagħna? Jekk Alla ħabbibna miegħu, min se jikkundannana? Min jista' qatt jifridna mill-imħabba ta' Alla fi Kristu?

Xejn ma jista' jifridna, igħidilna San Pawl, jekk il-fidi tagħna tkun tassew sħiħa, qawwija daqs il-fidi ta' Abraham, li, għax emmen fuq li emmen fil-kelma ta' Alla, dan ġie lilu meqjus b'ġustifikazzjoni, jiġifieri deher bniedem ġust, bniedem tajjeb quddiem Alla.

**Il-fidi ta' Abraham**

Mhux darba Alla ġarrab lil Abraham biex jippruvalu l-qawwa tal-fidi tiegħu. Abraham emmen meta Alla qallu biex iħalli kollox u jmur f'art oħra 'l bogħod li kien se jagħtih b'wirt; Abraham emmen meta Alla ħabbarlu li martu Sarah, li ma setax ikollha tfal, kienet se twellidlu tifel fi xjuħitu; u Abraham emmen ukoll meta Alla qallu biex jissagrifikalu l-iben il-waħdieni tiegħu, Iżakk, dak l-iben li bih kellhom isehħu l-wegħdiet kollha li Alla kien għamel lil Abraham li jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus u fih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art. Abraham emmen li Alla għandu s-setgħa li jqajjem saħansitra mill-imwiet u li Alla qatt ma jonqos minn kelmtu u bil-qawwa tal-fidi tiegħu, Abraham sar għalina missier, missier skond il-fidi għaliex uriena kif għandha tkun il-fidi tagħna.

Is-sagrifiċċju ta' ibnu li Alla ried minn Abraham hu tħabbira ta' dak li għamel Alla għas-salvazzjoni tagħna. Alla tant ħabbna li tana lil Ibnu stess għas-salvazzjoni tagħna. Lanqas lil Ibnu stess ma ħelisha Alla, qalilna San Pawl fit-tieni qari tallum, imma tah għalina lkoll biex bis-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib jeħlisna mill-jasar tal-mewt u d-dnub u jħabbibna mill-ġdid ma' Alla li konna ċħadna bid-dnubiet tagħna.

**Kif se nwieġbu għall-imħabba ta' Alla**

Quddiem dawn is-sinjali hekk kbar tal-imħabba ta' Alla għalina, kif jista' jkun li ma nilqgħux l-istedina tal-Missier u nisimgħu 'l Ibnu l-għażiż?

Tul ir-Randan il-Mulej Ġesù jsemmagħlna bla heda l-Kelma tiegħu li tħeġġiġna għall-konverżjoni tagħna, li tqawwilna qalbna biex inħallu l-ħajja tad-dnub, u ngħixu tassew bħal wlied Alla, li tistedinna nwarrbu fil-ġemb kull ma jifridna, kull ma hu qerq u ħażen, kull ma hu nuqqas ta' mħabba u tjieba. Kbar kemm jistgħu jkunu kbar il-ħtijiet tagħna, Alla ma jabbandunaniex, jibqa' magħna, ma jikkundannaniex, u jagħtina ż-żmien kollu biex nerġgħu lura għandu. U Ġesù, li miet u rxoxta għalina, fis-sema, fil-lemin ta' Alla, jidħol għalina quddiem Alla.

Nilqgħu għalhekk f'dawk il-ġranet il-Kelma tal-Mulej Ġesù tistedinna għall-indiema, u ma nabbużawx mill-ħniena u t-tjieba ta' Alla. Alla ħanin, Alla jħobbna, Alla jridna nsalvaw u naslu fil-hena tiegħu; ma nkunux aħna li nwarrbu 'l Alla fil-ġemb u nirrifjutaw l-imħabba tiegħu u nixxewxu kontra tiegħu u naqbdu t-triq li twassalna għat-telfien ta' dejjem. Dan Alla ma jridux u l-Knisja ma tixtiqux... inkunu aħna biss il-ħtija tat-telfien tagħna. Jalla dan qatt ma jkun!

## TALBA TAL-FIDILI

Nilqgħu ilum l-istedina li qiegħed jagħmlilna l-Missier mis-sema biex nisimgħu lil Gesù, 'l Ibnu l-għażiż, li miet u rxoxta għalina u issa qiegħed fil-lemin tal-Missier jidħol għalina quddiemu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u tħabbar lid-dinja l-kobor bla qjies ta' mħabbtek għalina u twassal lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba l-kelma setgħana ta' Ibnek l-għażiż.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li l-ġnus kollha ta' l-art jiksbu s-salvazzjoni bil-qawwa tad-Demm tal-Patt il-ġdid u għal dejjem imxerred minn Kristu fuq is-salib għall-bnedmin kollha, għall-maħfra tad-dnubiet.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Sejjaħ li l-ulied kollha ta' Abraham skond il-ġisem, biex jaslu għall-għarfien sħiħ ta' Kristu bħala s-Salvatur tad-dinja, u jkunu wkoll wlied Abraham skond il-fidi.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wettaqna dejjem fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba biex xejn qatt ma jifridna mill-imħabba tiegħek u mill-imħabba ta' Kristu li miet u rxoxta għalina u qiegħed isejħilna għall-hena tiegħu fis-sema.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, int qiegħed tistedinna llum biex nisimgħu l-Kelma ta' Ibnek l-għażiż, li kull nhar ta' Hadd titħabbrilna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa: agħtina l-grazzja li nilqgħu dejjem bil-qalb din il-Kelma tiegħu u ngħożżuha biex fina tagħmel kotra kbira ta' frott. Bi Kristu Sidna.

It-tielet Ħadd tar-Randan

## "QADDISA U BLA TEBGĦA QUDDIEM ALLA FL-IMĦABBA"

**Inxandru 'l Kristu msallab**

Il-Ħadd li għadda, Missierna tas-sema stess stedinna nisimgħu lil Ibnu l-għażiż, li biex jagħmel ir-rieda tal-Missier għadda mit-triq tas-Salib qabel daħal fis-sebħ u l-glorja tiegħu. Bħalu rridu nagħmlu aħna, qaltilna l-Knisja dak in-nhar, u fakkritna li r-Randan huwa ż-żmien it-tajjeb biex aħna nagħarfu x'għandna nagħmlu sewwa biex nimxu wara Kristu, ħalli, imbagħad, meta jasal il-waqt, miegħu nidħlu fis-sebħ tiegħu.

Illum il-Knisja terġa' tfakkarna f'dan kollu u turina wkoll kif għandna nimxu wara Ġesù, mgħobbijin bis-salib tagħna.

-'Aħna nxandru Kristu msallab" tgħidilna l-Knisja llum bi kliem Missierna San Pawl; aħna nxandru u nemmnu f'ħaġa li kienet "skandlu għal-Lhud u bluha għall-pagani", imma għal dawk li jemmnu "Kristu hu l-qawwa u l-għerf ta' Alla".

X'ifisser dan il-kliem? Xejn ħlief li l-bnedmin, bil-għerf u d-dehen kollu tagħhom, ma jaslu qatt biex jifhmu l-ħsieb ta' Alla, għaliex it-triqat ta' Alla m'humiex it-triqat tal-bnedmin u l-ħsibijiet ta 'Alla m'humiex il-ħsibijiet tal-bnedmin.

**Skandlu għal-Lhud**

Il-bnedmin tad-dinja, l-għorrief u dawk kollha li jifhmu fil-ħwejjeġ tad-dinja, imkabbrin bihom infushom, ma jaslux biex jifhmu kif is-salvazzjoni tal-bniedem setgħet isseħħ billi l-Iben ta' Alla jċekken lilu nnifsu u jobdi sal-mewt tas-Salib. Għal-Lhud li kienu jistennew Messija li b'wiri ta' setgħa u ta' qawwa jġib fix-xejn is-saltna ta' Ruma, u jerġa' jwaqqaf is-saltna ta' David, id-dehra ta' Kristu, umli u ġwejjed, jitkellem fuq saltna li m'hijiex ta' din id-dinja, kienet skandlu kbir, kienet ta' tfixkil għalihom: għalhekk meruh u ma emmnux fih, u riedu mingħandu sinjal biex jurihom is-setgħa tiegħu.

Ġesù s-sinjal tahulhom dak in-nhar li keċċa l-bejjiegħa mit-tempju; tahulhom meta qalilhom: "Ħottu dan it-tempju u fi tlett ijiem nerġa' ntellgħu". Huma ma fehmux il-kliem ta' Ġesù; ħasbuh li kien qiegħed jitkellem fuq it-tempju tal-ġebel li kien ilu jimbena sitta u erbgħin sena u kien għadu mhux lest; imma Ġesù kien qiegħed jitkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu, u kien qiegħed iħabbrilhom, li huma kienu se joqtluh, imma hu kien se jerġa' jqum mill-imwiet wara tlett ijiem. Is-sinjal li Kristu kien tassew il-Messija, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għas-salvazzjoni tagħna, kellu jkun il-qawmien tiegħu mill-imwiet. Imma meta Ġesù qam mill-imwiet u seħħ dak kollu li kien hemm miktub fuqu fil-liġi u l-profeti, il-Lhud ma riedux jemmnu, u baqgħu fil-għama tagħhom. Kristu msallab kien tfixkif għalihom, skandlu, sinjal li jmeruh.

**Bluha għall-pagani**

Iżda jekk għal-Lhud, Kristu msallab kien skandlu, għall-pagani kien bluha, għaliex it-tħabbira tal-Evanġelju kollu kemm hu, kienet tmur għal

kollox kontra l-fehmiet tagħhom. Għall-pagani l-umiltà, is-sabar, il-mogħdrija, l-imħabba tal-egħdewwa, il-ħniena għall-fqir u għall-miskin kienu kollha sinjali ta' dgħufija; kienu jqisu iblah u miġnun kull min kien ixandar fehmiet bħal dawn, għaliex fil-fehma tal-bnedmin tad-dinja l-kbar huma dawk li għandhom is-setgħa, il-qawwa, il-forza ta' l-armi, biex jaħkmu fuq kulħadd u jagħmlu dak li jridu. Sa hawn jasal l-għerf u d-dehen tal-bnedmin!

**Qaddisa u bla tebgħa quddiemu**

Iżda kull min jemmen fi Kristu, kull min iħaddan it-tagħlim tiegħu jaf u jistqarr li s-salvazzjoni tad-dinja seħħet bis-Salib ta' Kristu, għaliex Kristu bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna, u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet tana ħajja ġdida, dik il-ħajja ġdida li aħna lkoll bdejna ngħixu meta, fil-Magħmudija tagħna, indfinna ma' Kristu fil-mewt tiegħu biex miegħu nqumu għal din il-ħajja ġdida. Mitna għad-dnub u għall-qerq tal-ħażen, biex nibdew ngħixu bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba.

U l-Knisja llum tgħidilna wkoll kif għandna ngħixu bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba. Fl-ewwel qari smajna liema huma l-għaxar kmandamenti li Alla ta lill-poplu tiegħu fuq il-għolja tas-Sinaj, wara li ħelsu mill-jasar tal-Eġittu. Dawn l-għaxar kmandamenti jiġbru fihom il-liġi kollha ta' Alla u t-tagħlim kollu tal-profeti; huma kmandamenti li Alla għoġbu jonqoxx fil-qalb ta' kull bniedem, tant li l-istess pagani, sakemm moħħhom ma jiddallamx mill-ħażen, jaslu biex jafuhom u jħarsuhom.

Dawn il-kmandamenti Ġesù, meta ġie fid-dinja, ma neħħihomx, imma wassalhom għall-perfezzjoni, u ġabarhom kollha kemm huma fiż-żewġ preċetti tal-imħabba: Ħobb 'l Alla fuq kollox; ħobb l-għajrek bħalek innifsek. Jekk aħna għalhekk irridu ngħixu bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba, jeħtieġ inħarsu l-kmandamenti sa l-iċken tikka tagħhom, għax kif qal Ġesù stess, min iħares il-kmandamenti b'dan il-mod ikun kbir fis-saltna tas-smewwiet.

Bħalma Ġesù keċċa l-bejjiegħa mit-tempju għaliex għamlu d-dar ta' Alla suq, hekk aħna wkoll fid-dmir li nkeċċu minn ħdan il-familji tagħna kull ħaġa ma tixraqx lil Alla, għaliex il-familji tagħna, kull familja nisranija, hi dar ta' Alla, il-Knisja ż-żgħira tal-familja, fejn isir talb flimkien, fejn l-ulied jikbru fil-biża' u l-imħabba ta' Alla, u jitgħallmu jħarsu l-liġi ta' Alla kollha kemm hi, billi jikbru fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba, imqawwijin u mqanqlin mill-eżempju ħaj tal-ġenituri tagħhom.

**Fl-imħabba fi ħdan il-familji tagħna**

Infittxu għalhekk li fil-familji tagħna qatt ma jinstema' kliem li joffendi 'l Alla, il-Madonna u l-qaddisin; li qatt ma jsir diskors li jwaqqa' għaċ-ċajt il-ħwejjeġ l-aktar qaddisa; li jum il-Ħadd ikun tassew imqaddes għal Alla, mhux biss bit-tisħib fil-Quddiesa tal-Ħadd, imma wkoll billi ma jsirx xogħol li ma għandux isir fil-Ħdud, billi l-mistrieħ tal-Ħadd ma nfittxuhx f'postijiet li jistgħu jkunu għalina okkażjoni ta' dnub, billi nhar ta' Ħadd inżuru 'l min hu marid jew abbandunat u billi nitolbu aktar missoltu u naħsbu fit-tul fuq il-Kelma ta' Alla li tkun tħabbritilna fil-laqgħa tagħna mal-Mulej.

Infittxu wkoll li fil-familji tagħna qatt ma jonqsu r-rispett u l-imħabba mhux biss bejn il-membri kollha tal-familja, imma wkoll għall-barranin, għal kulħadd hu min hu; infittxu wkoll li l-familji tagħna jagħtu dejjem servizz sħiħ lill-ħajja, għaliex għalhekk huma msejħin il-ġenituri, biex jissieħbu ma' Alla, li ħalaq kollox, għat-tnissil ta' ħajja ġdida li tkun il-frott ta' mħabbithom; infittxu f'kelma waħda li l-familji tagħna jkunu dejjem familji li jemmnu u bil-ħajja kollha tagħhom jagħtu xhieda tal-Evanġelju ta' Kristu, ikunu familji li ma jieqfu qatt jitolbu 'l Alla u jitkellmu miegħu kontinwament fil-ferħ u n-niket tal-ħajja tagħhom ta' kuljum, ikunu familji dejjem lesti biex jaqdu 'l oħrajn u juruhom dik l-istess imħabba li Alla juri lil kull bniedem li hawn fid-dinja.

Hekk aħna nkunu nħarsu l-kmandamenti ta' Alla u nkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba, mexjin wara Ġesù, nerfgħu miegħu s-salib tagħna sa ma naslu miegħu għall-glorja tal-qawmien.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nxandru llum 'il Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-pagani, nitolbu 'l Alla jwettaqna bil-grazzji tiegħu, ħalli nagħarfu nerfgħu salibna u nimxu wara Gesù, biex meta jasal il-waqt nidħlu fil-glorja tiegħu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u xxandar lil Kristu msallab lid-dinja kollha u tħabbar li biss bis-Salib u l-Qawmien tiegħu d-dinja kisbet is-salvazzjoni.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha tad-dinja li biss bil-ħarsien tal-kmandamenti li int naqqaxt fil-qalb ta' kull bniedem, id-dinja jista' jkollha s-sliem u l-paċi li tant tixtieq.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wettaq bil-grazzja tiegħek il-familji kollha tagħna ħalli dejjem jagħtu servizz għall-ħajja u jkunu komunitajiet li jemmnu u, bl-għajnuna li jagħtu 'l kull min hu fil-bżonn, ikunu xhieda ħajja tal-Evanġelju.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Kun magħna bl-għajnuna tal-grazzja tiegħek ħa nagħarfu li dan iż-żmien tar-Randan hu ż-żmien tajjeb għalina biex nibdew ħajja ġdida ta' għaqda aktar sħiħa miegħek fl-imħabba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, twarrab qatt minna l-grazzja tiegħek, imma wettaqna fiha biex qatt ma tonqosna l-għajnuna mis-sema ħalli l-familji tagħna kollha jgħixu verament is-sejħa tagħhom ta' familji nsara. Bi Kristu Sidna.

Ir-raba' Ħadd tar-Randan

## IL-ĦELSIEN TAGĦNA

**Alla ħabbna**

"Konna mejta minħabba fi dnubietna," għadha kemm qaltilna l-Knisja bi kliem Missierna San Pawl, "imma Alla, għani fil-ħniena, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu — bi grazzja intom salvi!"

Din hi tħabbira li għandha timliena b'ferħ kbir, għaliex turina b'liema mħabba kbira Alla ħabbna. U Ġesù stess jgħidulna, kif qalu lil Nikodemu, dak il-Lhudi għaref fil-liġi, li kien mar għand Ġesù bil-lejl, bil-moħbi, biex jisma' mingħandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem. "Alla hekk ħabb id-dinja," qal Ġesù lil Nikodemu, "li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem."

Iżda jekk din hi tħabbira ta' ferħ kbir għalina, hi wkoll twissija li s-salvazzjoni tagħna, aħna m'aħniex se niksbuha bil-ħila tagħna, imma biss bil-grazzja ta' Alla: "bi grazzja intom salvi!"

**Xbihat tal-misteru tas-salvazzjoni fil-Patt il-qadim**

Il-Knisja biex tgħinna nifhmu aħjar il-misteru tas-salvazzjoni, tfakkarna f'dak kollu li seħħ fi żmien il-Patt il-Qadim, għaliex, kif igħidilna San Pawl, dak kollu li nsibu fil-Kotba tal-Patt il-qadim, inkiteb għat-tagħlim tagħna.

Fi żmien il-Patt il-qadim seħħu żewġ ġrajjiet kbar fl-istorja tal-poplu ta' Israel, ta' dak il-poplu li Alla għażel għalih wara li ħelsu mill-jasar tal-Eġittu u għamel patt miegħu fid-deżert ħdejn l-għolja tas-Sinaj. Din il-ġrajja tal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu sad-dħul tal-poplu ta' Alla fl-art imwiegħda lil missirijietu minn Alla, hi xbieha tal-ħelsien tal-bniedem mill-jasar tad-dnub u tas-sejħa tiegħu biex jidħol fl-art imwiegħda lilu minn Alla stess, is-sema pajjiżna. Imma fil-ġrajja tal-poplu Lhudi hemm ġrajja oħra ta' ħelsien, ġrajja li fiha, kif qalu l-profeti, Alla għamel egħġubijiet wisq akbar għall-ħelsien tal-poplu tiegħu minn dawk li kien għamel meta ħelsu mill-jasar ta' l-Eġittu. U hi din it-tieni ġrajja li l-Knisja tfakkarna fiha llum, fl-ewwel qari li smajna. Hija l-ġrajja tal-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-jasar ta' Babel. Fil-ġrajja tal-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-jasar tal-Fargħun wara li qasmu fl-inxief minn nofs il-baħar tal-qasab, aħna naraw xbieha tal-ħelsien tal-bniedem mill-jasr td-dnub u tal-mewt permezz ta' l-ilma tal-Magħmudija bis-saħħa tal-fidwa li Kristu kiseb għalina bil-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu għall-ħajja.

Fil-ġrajja tal-ħelsien tal-Lhud mill-eżilju f'Babel biex jerġgħu lura ħa jibnu mill-ġdid il-belt ta' Ġerusalem, naraw ukoll xbieha tal-ħelsien tal-bniedem mill-jasar tad-dnub li eżiljah 'il bogħod minn Alla: il-bniedem mifdi mid-dnub jerġa' lura fi ħdan Alla u jerġa' jitħabbeb miegħu.

**Is-salvazzjoni tagħna**

Din il-ġrajja tas-salvazzjoni tiġġedded bla heda fil-ġrajja ta' kull wieħed u waħda minna; u din il-ġrajja ta' salvazzjoni f'kull wieħed u waħda minna l-aħjar żmien li fih tiġġedded huwa żmien ir-Randan, li, kif igħidil-

na San Pawl "huwa ż-żmien it-tajjeb, huwa jum is-salvazzjoni" ta' kull wieħed u waħda minna.

Bħal-Lhud qabel l-eżilju f'Babel, aħna kattarna dnubietna u xi wħud minna waslu biex jagħmlu l-qżiżijiet kollha tal-ġnus; niġġisna t-tempju li Alla qaddes għalih u, għalkemm Alla spiss wissiena u widdibna, aħna ftit tajna kont tal-ministri tiegħu, u bqajna nidinbu, u stedinna fuqna l-kastigi tal-Mulej. Ir-Randan huwa żmien tajjeb biex nintebħu kemm dnibna quddiem il-Mulej, u għalhekk ir-Randan hu għalina jum is-salvazzjoni. Meta aħna nqasna mill-verità tas-safa u għamilna dak li mhux sewwa quddiem Alla, u fittixna l-pjaċiri tal-ġisem għall-gost biss u mhux kif irid Alla u b'hekk dnibna kontra l-qdusija taż-żwieġ, aħna niġġisna t-tempju tal-Mulej, li hu ġisimna stess, ikkonsagrat fil-Magħmudija biex ikun tempju ta' Alla, il-post fejn Alla jgħammar bil-grazzja tiegħu. Meta aħna bejjitna f'qalbna ħsibijiet ta' faħx, ta' għira, ta' mibgħeda, ta' żina, ta' kefrija, ta' vjolenza, aħna wasalna biex nagħmlu l-qżiżijiet kollha tal-ġnus, li ma jafux x'jiġifieri ħniena, tjieba, mogħdrija, sabar u maħfra, u jqisu l-irġulija fil?wiri talqawwa u tas-saħħa. U għalhekk il-ħtieġa li nindmu, ħa nsalvaw mill-ħażen kollu li fih ninsabu u neħilsu mill-kastigi li bil-ħażen tagħna stedinna fuqna.

**Bi grazzja aħna salvi!**

Neħilsu iva mill-ħażen tagħna, imma mhux bil-ħila tagħna — "Bi grazzja intom salvi!" tennitilna l-Knisja fit-tieni qari llum, bi kliem San Pawl. Hu Alla li jeħlisna mill-ħażen tagħna, Alla li fil-kobor tal-ħniena tiegħu għalina ried jurina l-għana bla qjies tal-grazzja tiegħu, u wera magħna t-tjieba tiegħu fi Kristu Ġesù, li tahulna għas-salvazzjoni tagħna, biex bil-mewt tiegħu jeqred il-mewt tagħna, wirt id-dnub, u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet jagħtina ħajja ġdida. "Bi grazzja intom salvi!" tgħidilna l-Knisja llum, bil-grazzja ta' Alla u mhux bis-saħħa u l-ħila tagħna, għaliex aħna, bil-ħila tagħna m'aħna kapaċi għal xejn, l-anqas biss biex intennu l-isem ta' Ġesù u jkun jgħoddilna għall-ġustifikazzjoni tagħna. "Bi grazzja intom salvi," tfakkarna l-Knisja; bil-grazzja li hi don ta' Alla u mhux b'ebda egħmil li stajna għamilna; bil-grazzja li Alla dejjem jagħtina u qatt ma jħallina neqsin minna, tant li jekk ma nsalvawx, ikun għal kollox ħtija tagħna, għaliex il-grazzja tiegħu nkunu warrabniha fil-ġenb. "Bil-grazzja intom salvi!" b'din il-grazzja li bis-saħħa tagħha aħna nistgħu nemmnu u nagħmlu dawk l-opri tajba li Alla, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, ħejjielna biex nagħmluhom.

Imqawwijin bil-grazzja ta' Alla, aħna nemmnu li Alla, għani fil-ħniena, bagħat fid-dinja lil Ibnu mhux biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex min jemmen fl-isem l-Iben il-waħdieni ta' Alla ma jintilifx, imma jkollu s-salvazzjoni.

Inkunu nemmnu fl-isem l-Iben il-waħdieni ta' Alla jekk nimxu fiddawl tal-Mulej u naħarbu d-dlamijiet tad-dnub, għaliex min jagħmel issewwa jersaq lejn id-dawl biex juri li hemm Alla f'egħmilu. L-egħmejjel tal-ħażen il-bniedem ma jagħmilhomx bid-dieher, imma bil-moħbi, fiddlam, biex l-egħmejjel ħżiena tiegħu ma jidhrux. Mela, jekk irridu jkollna

s-salvazzjoni, għandna nfittxu li ngħixu bħala wlied id-dawl u mhux bħala wlied id-dlam, billi naħarbu minn kull egħmil ta' wlied id-dlam, minn kull qerq, u regħba, u ġlied, u għira, u tilwim u mibgħeda, u nfittxu l-egħmejjel ta' wlied id-dawl, li huma kull ma hu tjieba, u verita' u ġustizzja, u ħaqq u sewwa, u hekk ikunu mexjin fit-triq li twassalna għall-milja tas-salvazzjoni fil-ħajja ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Alla, għani fil-ħniena, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, u salvana bid-don tal-grazzja tiegħu: aħna u nroddulu ħajr għall din il-ħniena kbira tiegħu, nitolbuh l-għajnuna kollha li neħtieġu biex nibqgħu dejjem fidili lejh u ma nitbegħdu qatt minnu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tistieden il-bnedmin kollha tad-dinja għall-fidi u għall-indiema biex jirċievu mingħandek id-don tas-salvazzjoni.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Iġbed qlub il-bnedmin kollha lejn Ibnek l-għażiż imsallab għalina, biex jemmnu fih u jiksbu l-ħajja ta' dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull min ikasbar l-isem qaddis tiegħek u jmaqdar kliemek, biex jagħraf l-iżball tiegħu u jistqarr li int is-Sid u l-Hallieq ta' kollox.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina li nifhmu li aħna nsalvaw mhux bil-ħila tagħna, imma bil-qawwa tal-grazzja tiegħek, li int tagħtina bħala don għas-salvazzjoni tagħna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex turi ħniena magħna u tagħtina l-grazzja tiegħek biex nitħarrġu b'egħmejjel tajba, u b'qalb safja, inħarsu l-kmandamenti tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## L-AWTUR TAS-SALVAZZJONI TAGĦNA

### X'għamel Kristu għalina

Il-Ħadd li għadda, il-Knisja fakkritna li aħna ksibna s-salvazzjoni tagħna, mhux b'xi egħmil li għamilna aħna, imma għaliex Alla ħabbna, għaliex, Alla, għani fil-ħniena, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu. Illum il-Knisja, hija u tfakkarna f'dan, tistedinna biex nimmeditaw fuq dak li Kristu għamel għalina għas-salvazzjoni tagħna. "Meta kien igħix fuq l-art Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt, u ġie mismugħ: tgħallem minn dak li bata xi tfisser ubbidjenza u sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu". Dan il-kliem qaltilna l-Knisja fit-tieni qari tallum, kliem mimli tagħlim għalina, għaliex fih insibu miġbura l-ġrajja kollha tas-salvazzjoni tagħna.

L-Iben ta' Alla, Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, ċekken lilu nnifsu, sar bniedem bħalna, ried ikun jixbahna f'kollox minbarra d-dnub, u dan għaliex din kienet ir-rieda tal-Missier. -'Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla". Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna tqaddisna, jiġifieri ksibna s-salvazzjoni. U x'kienet din ir-rieda ta' Alla? Li Ġesù jċekken lilu nnifsu u jobdi, jobdi sal-mewt tas-salib.

### "Jekk jista' jkun biegħed minni dan il-kalċi"

Quddiem il-ħsieb tal-mewt kiefra fuq is-salib, bħala bniedem, Ġesù tnikket u tħawwad, u b'talb għoli u suppliki, talab biex jitbiegħed minnu l-kalċi tal-passjoni kiefra li kellu jġarrab għalina; tnikket u tħawwad għaliex l-ispirtu, iva, kien irid li sseħħ ir-rieda ta' Alla imma l-ġisem kien dgħajjef. U għalhekk Ġesù talab l-għajnuna tat-talb tal-Appostli: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt: ibqgħu hawn u ishru miegħi". U talab u qal: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi", imma minnufih żied igħid: "Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int." Għax din kienet ir-rieda tal-Missier, li Ġesù jixrob il-kalċi tal-passjoni sal-aħħar qatra tiegħu. U Ġesù qagħad għar-rieda tal-Missier, għax għalhekk kien ġie fid-dinja — għas-siegħa li fiha kellu jmut fuq is-Salib, biex meta jkun merfugħ mill-art jiġbed il-bnedmin kollha lejh, ħalli għal dawk li jisimgħu minnu jkun awtur tas-salvazzjoni tagħhom.

### Xbiehat tal-Patt il-ġdid

Fuq is-salib Ġesù offra sagrifiċċju wieħed għall-maħfra tad-dnubiet, l-offerta tiegħu nnifsu magħmula darba għal dejjem, u bid-demm li xerred għalina u għall-bnedmin kollha seħħ il-Patt il-ġdid u għal dejjem, il-patt il-ġdid imħabbar mill-profeti, il-patt il-ġdid li xbieha tiegħu fi żmien il-Patt il-qadim, għandna, kif rajna fil-Hdud li għaddew, fil-patt ta' Alla ma' Noe wara d-dilluvju, fil-patt ta' Alla ma' Abraham, u fil-patt li seħħ ħdejn is-Sinaj ma' Mose'.

Il-patt ma' Noe mfisser mill-qawsalla li dehret fis-sema wara d-dilluv-

ju kien patt li ried ifisser li Alla mill-ġdid se jerġa' jwaqqaf il-ħbiberija tiegħu mal-bniedem; il-patt ma' Abraham kien patt li bħala premju għall-fidi tiegħu Abraham kien se jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus. Il-patt ma' Mose' kien il-patt mal-poplu li Alla għażel għalih: "intom tkunu l-poplu tiegħi u jien, Alla, inkun Alla tagħkom". Dawn it-tliet pattijiet seħħu fil-milja tagħhom fil-patt il-ġdid u għal dejjem li twettaq bid-demm li Kristu xerred għalina u għall-bnedmin kollha fuq is-Salib għall-maħfra tad-dnubiet.

**Il-Patt il-ġdid hu għal dejjem**

Bis-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-Salib seħħet verament il-ħbiberija tal-bniedem ma' Alla, għaliex Ġesù minn fuq is-salib ġibed lejh il-bnedmin kollha, ħabbibhom bejniethom u ħabbibhom ma' Alla. Mid-demm u l-ilma li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu msallab twieldet il-Knisja, li fi ħdanha jinġabru l-ulied kollha t'Abraham, missierna fil-fidi, kotra kbira aktar mill-kwiekeb kollha tas-sema u mir-ramel ta' xatt il-baħar, minn kull ġens poplu lsien u nazzjon li bħal Abraham emmnu fil-kelma ta' Alla u bħalu kisbu mingħand Alla l-ġustifikazzjoni, jiġifieri saru ġusti quddiem Alla, mhux bil-ħila tagħhom imma bid-don tal-grazzja ta' Alla, kif rajna l-Hadd li għadda — "Bi grazzja intom salvi!" U din il-kotra kbira hija l-poplu ġdid t'Alla, poplu li bir-raġun kollu, wisq aktar milli qatt setgħu jgħiduh il-Lhud, hu verament il-poplu ta' Alla, poplu li Alla kiseb għalih, poplu li miegħu seħħ patt ġdid u għal dejjem, patt wisq aktar għoli minn dak li kien seħħ ħdejn is-Sinaj fi żmien Mose', patt li jwassal għall-għarfien sħiħ ta' Alla, tant li, kif kien ħabbar il-profeta Ġeremija, ebda bniedem ma jkollu bżonn aktar jgħallem il-liġi lil għajru, għax ilkoll ikunu jafu l-Mulej miż-żgħir sal-kbir.

**X'jitlob minna l-Patt il-ġdid**

X'jitlob minna dan il-patt il-ġdid imwettaq bid-demm ta' Kristu mxerred għalina fuq is-salib? Alla lil-Lhud wegħedhom l-art ta' Kangħan u ħelsien mill-egħdewwa kollha tagħhom, jekk jibqgħu fidili lejh billi jħarsu l-kmandamenti tiegħu. Il-Patt il-ġdid u għal dejjem hu xi ħaġa aqwa: Alla jwegħedna mhux art f'din id-dinja, imma s-sema pajjiżna, jekk aħna nħarsu l-kmandamenti tiegħu fil-perfezzjoni li għaliha wassalhom il-Mulej Ġesù, meta ġabarhom fiż-żewġ kmandamenti kbar tal-imħabba.

U llum Ġesù stess qiegħed igħidilna b'liema mod jistennie na nħarsu l-parti tagħna tal-patt.

Il-patt il-ġdid hu mibni fuq l-imħabba, u l-vera mħabba tasal biex tagħmel kull sagrifiċċju, biex tissagrifika l-aktar ħwejjeġ għeżież. U dan jitlob minna Ġesù: nitilfu ħajjitna għalih, jew aħjar, immutu għalina nfusna, biex ngħixu għalih biss, għaliex hekk biss nistgħu nsalvaw ruħna għal ħajja ta' dejjem. Immutu għalina nfusna biex ngħixu għal Kristu, ifisser li niċċaħħdu minn dak kollu li jista' jbegħdna minn Kristu, minn dak kollu li ma jħalliniex nagħmlu dak li Alla jrid minna. Alla lil kulħadd isejjaħ, min għal ħaġa u min għal oħra: jalla nwieġbu bil-ħeġġa u bil-qalb għas-sejħa ta' Alla, u bħal Ġesù ngħidu: "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-

rieda tiegħek, o Alla"; jalla bħal Ġesù nitgħallmu xi tfisser l-ubbidjenza, xi tfisser tagħmel ir-rieda ta' Alla. Bħal Ġesù jista' jirrilna li nħossu ruħna dgħajfa, bħal Gesu' nistgħu nitnikktu u nitħawdu, għaliex "il-ġisem dgħajjef", imma l-ispirtu tagħna, imqawwi mill-grazzja ta' Alla, għandu jkun dejjem lest biex jagħmel dak li jkun qed jitlobna Alla. Dan jista' jkun biss, jekk tul ħajjitna kollha ngħixu f'għaqda sħiħa ma' Kristu, fl-ispirtu tal-Evanġelju tiegħu. Ha jkun dan il-proponiment tagħna, il-frott tat-tħarriġ qaddis li għamilna tul ir-Randan li qiegħed joqrob għat-tmiem tiegħu, tħarriġ fit-talb, fis-sagrifiċċji u ċ-ċaħdiet, u fl-għajnuna lil min hu filbżonn biex il-ferħ tagħna fil-ġranet sbieħ ta' l-Għid ikun tassew ferħ imxerred ma' kullimkien fid-dinja.

## TALBA TAL-FIDILI

Inroddu ħajr illum lill-Mulej Gesu' li miet għalina fuq is-Salib biex ikollna l-ħajja: nitolbu minn qalbna l-grazzja li nitgħallmu minnu xi tfisser l-ubbidjenza, ħalli nagħmlu dejjem dak li Alla jrid minna.

Għarus divin tal-Knisja, naddaf lill-Knisja għażiża tiegħek minn kull tebgħa ħalli bil-qawwa kollha twassal sa truf l-art il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni tiegħek għall-bnedmin kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Sultan tas-sliem, xerred fuq id-dinja kollha s-sliem li int ksibt għalina meta, merfugħ fuq l-art, int ġbidt il-bnedmin kollha lejk u ħabbibthom bejniethom u ma' Alla l-Missier.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Salvatur tad-dinja, keċċi 'l bogħod minna l-ispirtu tal-ħażen u tal-qerq, biex ma jassarx aktar lil dawk li nqabdu minnu: eħlishom minn idejh u reġġagħhom lura għall-ħbiberija tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Iben Alla l-ħaj, oħloq fina qalb safja, ġedded fina ruħ sewwa u roddilna l-hena tas-salvazzjoni tagħna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Gesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, sawwab fuqna l-grazzja tiegħek u agħtina li nwarrbu minna l-imgħoddi tagħna u ninbidlu f' bnedmin ġodda ħalli nithejjew tajjeb għall-festi sbieħ tal-Għid il-kbir tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## HADD IL-PALM JEW IL-PASSJONI TAL-MULEJ

### TALBA TAL-FIDILI

Sidna Gesu' Kristu meta tela' Gerusalem fejn kellu jbati u jmut għalina kif ra l-belt beda jibkiha għax ma għarfitx iż-żmien taż-żjara li Alla għamlilha. Ninxtehtu sogħbiena quddiem il-Mulej u nitolbuh maħfra għal kull darba li ma għarafniex, mis-sinjali taż-żminijiet, li hu kien qiegħed iżurna u jsejħilna biex nisimgħu leħnu u nimxu warajh.

Mulej Gesù, int tlajt b'rieda sħiħa Gerusalem biex hemm tbati u tmut għalina: ieqaf mal-Knisja tiegħek fil-mixi tagħha f'din iddinja u wassalha għall-hena tal-Għid bla tmiem fil-glorja tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Gesu', il-ġnus ixxewxu kontra tiegħek u s-setgħanin ta' l-art ċaħdu s-saltna tiegħek: f'ġieh il-passjoni u l-mewt tiegħek agħtihom li jagħarfu li kull setgħa ġejja minn għandek ħa jagħtu widen għat-tagħlim tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Gesu', int ġejt fid-dinja biex issejjaħ il-midinbin għall-penitenza: aħfer il-ħtijiet ta' dawk kollha li tul ir-Randan għamlu egħmejjel sbieħ ta' penitenza u erġa' ħabbibhom miegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Gesu', int iċċekkint u obdejt sal-mewt tas-Salib: agħtina li nitgħallmu mingħandek xi tfisser l-ubbidjenza, biex dejjem nagħmlu r-rieda ta' Missierna li hu fis-smewwiet.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Gesu' Kristu, Iben Alla l-ħaj, agħtina li niċċelebraw il-misteru tal-passjoni tiegħek biex ikollna l-maħfra ta' dnubietna u hekk bil-ferħ niċċelebraw il-qawmien tiegħek mill-mewt. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## HADD IL-GHID

### Bxara ta' ferħ bla qjies

"Il-Mulej qam tassew mill-imwiet" tħabbrilna l-Knisja llum; "nifirħu u nithennew għax dan il-jum riedu l-Mulej, għax dan il-jum seħħ bis-saħħa tal-Mulej u aħna rajna ħaġa ta' l-għaġeb b'għajnejna: il-Mulej Ġesù, imwarrab mill-bnedmin miċħud quddiem is-setgħanin ta' l-art, abbandunat minn kulħadd, illum, mas-sebħ, qam mill-imwiet rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub."

"Il-Mulej qam mill-imwiet" tħabbar bis-solennità kollha l-Knisja llum, imma din l-aħbar ittenniha kull nhar ta' Ħadd, ma' tul is-sena kollha, ma' tul iż-żminijiet kollha, għaliex jum il-Ħadd, hu dejjem Jum il-Mulej, il-jum li fih il-Mulej bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet tana ħajja ġdida. Kull nhar ta' Ħadd niċċelebraw il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, għaliex din il-verità hija l-qofol tal-fidi tagħna — dan dejjem ħabbru l-Appostli kull fejn marru jxandru l-Evanġelju; dan dejjem ħabbret il-Knisja tul iż-żminijiet kollha; għaliex kieku Kristu ma qamx mill-imwiet, il-fidi tagħna hija fiergħa, u aħna l-aktar imsejknin fost il-bnedmin, għax qed nibnu l-fidi tagħna fuq pedament fieragħ. Iżda aħna nafu li Kristu qam tassew mill-imwiet, għax għandna x-xhieda tal-Kelma ta' Alla stess, dik il-Kelma li f'dawn il-ġranet li ġejjin il-Knisja tħabbarilna bla heda, ħalli l-fidi tagħna fi Kristu rxoxt tissaħħaħ dejjem aktar.

### Nissieħbu ma' l-Appostli biex nemmnu

Nissieħbu mal-Maddalena, nissieħbu ma' San Ġwann u San Pietru u mmorru ħdejn il-qabar fejn kien midfun Ġesù: se nsibuh vojt, u l-blata li kienet tagħlaq il-qabar se nsibuha mneħħija mill-qabar. Nidħlu magħhom fil-qabar vojt u naraw il-faxex li bihom kien imgeżwer il-ġisem ta' Ġesù mejjet mixħutin fil-ġenb, u l-maktur li kien madwar rasu, qiegħed imgeżwer u mixħut għalih. Inħarsu lejn il-qabar vojt, ħa naraw kif raw l-Appostli u nemmnu li Kristu qam tassew mill-imwiet.

Jew nissieħbu maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws li nhar l-Għid fil-għaxija kienu mexjin fit-triq jitħaddtu fuq dak li kien ġara, fuq dak li kienu ħabbrulhom xi nisa filgħodu kmieni wara li ġew lura minn ħdejn il-qabar ta' Ġesù li kienu sabuh vojt. Magħna jissieħeb ukoll Ġesù, u jfissrilna dak kollu li kien hemm miktub fuqu fl-Iskrittura kollha, u qalbna titħeġġeġ ġewwa fina, aħna u nisimgħu l- Mulej ifissrilna l-Iskrittura.

F'kelma waħda, il-qabar vojt, ix-xhieda ta' l-anġli, id-dehriet ta' Ġesù wara li qam mill-imwiet, l-istess predikazzjoni ta' l-Appostli, ta' dawk ix-xhieda tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u li mietu kielu u xorbu wara li qam mill-imwiet, huma għalina xhieda biżżejjed tal-verità tal-misteru ta' l-Għid. Forsi għal min ma jemminx, għal min iqis kollox bil-kejl tal-bnedmin, forsi għal min hu mimli bih innifsu minħabba l-għerf u d-dehen li għandu tal-ħwejjeġ tad-dinja, dan kollu mhux biżżejjed biex jemmen; imma għalina li rċevejna

d-don tal-fidi fil-Magħmudija tagħna, li nagħarfu li ma aħna xejn u Alla hu kollox fil-kobor tiegħu, il-qabar vojt, ix-xhieda ta' l-anġli, id-dehriet ta' Ġesù, il-predikazzjoni ta' l-Appostli, huma biżżejjed għalina biex mal-Knisja kollha llum ngħidu lid-dinja: "Kristu qam tassew mill-imwiet, hallelujah".

**It-twissijiet ta' l-Appostli**

Din it-tħabbira li timliena b'ferħ liema bħalu, ma tridx tkun tħabbira bil-kliem biss. Nifirħu iva għaliex bl-qawmien ta' Kristu mill-imwiet aħna twelidna mill-ġdid għal dak il-wirt li la jitħassar u lanqas jittebba' jew jinxef, li hemm imħejji għalina fis-sema, wirt li Alla għandu lest għal dawk kollha li f'din id-dinja qegħdin igħixu fit-tama tad-dehra tiegħu fil-glorja fl-aħħar taż-żminijiet, għalina li nemmnu li Kristu, Sid il-ħajja, ħareġ mill-qabar isaltan rebbieħ.

Il-ferħ tagħna jkun tassew sħiħ jekk nilqgħu t-twissijiet li għandu għalina l-Appostlu Missierna llum: "Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema". Inwarrbu minna l-ħmira l-qadima tal-qerq u tal-ħażen, biex inkunu għaġna ġdida ta' ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa. Għaliex aħna mitna ma' Kristu għall-ħwejjeġ ta' l-art u rxoxtajna miegħu għall-ħajja ġdida, meta tgħammidna fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu, u sseħibna miegħu bħala membri tal-ġisem tiegħu li hu l-Knisja.

**Inġeddu l-Magħmudija tagħna**

Il-festa tallum hi għalhekk it-tiġdid tal-Magħmudija tagħna: illum nerġgħu nicħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen, u t-tlellix u l-frugħat tad-dinja tad-dnub; illum nerġgħu nistqarru l-fidi tagħna fil-Missier li ħalaqna, fl-Iben li fdiena, u fl-Ispirtu s-Santu li jqaddisna; illum flimkien mal-Lhud erġajna għaddejna mill-inxief f'nofs il-baħar tal-Qasab biex neħilsu mill-jasar li konna fih u b'ħerqa aqwa nkomplu mexjin lejn l-art imwegħda, is-sema pajjiżna; illum ħlisna mill-eżilju bħal dak tal-Lhud f'Babel, eżilju 'l bogħod minn Alla minħabba l-kobor ta' ħtijietna, u erġajna lura b'ħeġġa aqwa għall-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla biex b'qalb safja nfaħħruh f'nofs it-tempju tiegħu; illum qiegħed jerġa' jseħħ il-patt tal-ħbiberija ta' Alla mal-bniedem, imħabbar mill-qawsalla li dehret bħala sinjal ta' sliem bejn is-sema u l-art, wara d-dilluvju; illum seħħ fil-milja kollha tiegħu l-patt ta' Alla ma' Abraham għaliex illum it-truf kollha ta' l-art raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna u t-tħabbira tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet se tasal għand il-ġnus kollha mħabbra lilhom b'ilsienhom stess, ħalli l-ġnus kollha kemm huma jiġu jagħtu qima lill-Mulej, is-Sultan rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub, u l-ġnus kollha jistqarru u jagħarfu 'l Abraham bħala missierhom fil-fidi; illum ukoll seħħ fil-milja kollha tiegħu l-patt tas-Sinaj, u l-liġi mogħtija minn Alla lil Mose' għall-poplu tiegħu tal-patt il-qadim, imġedda u mwassla għall-perfezzjoni minn Kristu, illum twettqet għall-ġnus kollha tad-dinja, għax ilkoll imsejħin biex inkunu l-poplu wieħed u qaddis ta' Alla.

Nifirħu għalhekk u nithennew f'dan il-jum qaddis li għamel il-Mulej, hallelujah.

## TALBA TAL-FIDILI

Kristu l-Mulej miet u rxoxta għalina, u issa dejjem jidħol għalina quddiem Alla l-Missier: nitolbuh u ngħidulu b'qalbna ferħana: Sultan rebbieħ ismagħna.

Mulej Gesù, int dejjem ħaj fil-Knisja tiegħek: wassalha għall-verità sħiħa permezz tal-Ispirtu qaddis tiegħek.

Sultan rebbieħ, ismagħna.

Mulej Gesù, int wegħedt lill-bnedmin kollha l-qawmien mill-imwiet għall-ħajja ġdida: agħmel li l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni tasal sa truf l-art kollha.

Sultan rebbieħ, ismagħna.

Mulej Gesù, int il-paċi tagħna: f'ġieh il-misteru tal-mewt u l-qawmien tiegħek mill-imwiet, agħti lill-gvernijiet tad-dinja u lis-setgħanin ta' l-art spirtu ħerqan ta' ġustizzja u sliem.

Sultan rebbieħ, ismagħna.

Mulej Gesù, int ġibt rebħa kbira fuq id-dnub u l-mewt: kun fostna u wettaqna bil-grazzji tiegħek ħa neħilsu mid-dnub u mill-mewt ta' dejjem.

Sultan rebbieħ, ismagħna.

Mulej Gesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int salvajtna bil-misteru ta' l-Għid tiegħek: wettaq il-poplu tiegħek f'dan id-don qaddis biex, issa li kiseb ħelsien sħiħ, iħabrek għal dak il-hena tas-sema li t-tama tiegħu qiegħda tferrħu fuq l-art. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

It-tieni Ħadd ta' l-Għid

# IR-REBħA TAD-DINJA

## Xi wħud, bħal S. Tumas, iddubitaw

Għaddew tmint ijiem minn mindu l-Knisja tatna l-Bxara t-tajba ta' ferħ kbir li l-Mulej kien tassew qam mill-imwiet, u aħna, bħal dak in-nhar, ninsabu mill-ġdid miġburin flimkien bħalma kienu miġburin flimkien l-Appostli tmint ijiem wara l-ewwel Għid il-kbir nisrani. Tmint ijiem ilu fostna kien hemm dawk li forsi ma kienux jemmnu għal kollox fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet għaliex mehdijin kif kienu fl-għerf u d-dehen tad-dinja, il-bxara t-tajba li tatna l-Knisja ma qanqlithomx, ħallithom indifferenti, u bħall-Appostlu San Tumas, iddubitaw, għaliex riedu jaraw bl-għajnejn tal-ġisem u jmiss ub'idejhom biex jemmnu li Kristu tabilħaqq irxoxta.

Illum ukoll fostna jinsabu dawk li għadhom jiddubitaw, dawk li għadhom m'humiex sħaħ fil-fidi, li għadhom indifferenti, għadhom reqdin, jekk m'humiex mejtin għal kollox għall-ħajja tal-fidi. Jalla llum kif jinsabu miġburin flimkien magħna hawn, f'dan il-post, li hu xbieha taċ-Ċenaklu ta' Ġerusalem, fejn kienu jinsabu miġburin l-Appostli, iseħħ għalihom il-miraklu ta' San Tumas, ħalli huma bħalu llum igħidu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" u flimkien magħna jistqarru bil-ħeġġa kollha ta' qalbhom il-fidi tagħhom fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, stqarrija li tfisser l-impenn sħiħ tagħhom li jgħixu ħajja tassew nisranija.

## Nemmnu f'Ġesù

Dan il-miraklu jista' jseħħ għalihom bħalma seħħ għal San Tumas, għaliex Ġesù jinsab fostna, bħalma kien jinsab dak in-nhar fiċ-Ċenaklu, u qiegħed isemmagħlna l-Kelma tiegħu, u jixtiqilna l-paċi tiegħu. Lilna lkoll illum Ġesù qiegħed igħidilna kif qal lil San Tumas: "Newwel sebgħek 'il hawn u ara idejja, u ġib idek u qegħidha fuq ġenbi; qis li ma tonqsokx il-fidi, iżda emmen". Ġesù dan il-kliem qiegħed igħidu lilna lkoll, għax ilkoll kemm aħna bħal San Tumas iddubitajna xi ftit u nqasna mill-fidi fih; kieku ma nqasniex mill-fidi fi Kristu rxoxt ma konniex nagħmlu egħmejjel li ma jixirqux lil min jiftaħar li hu nisrani; kieku ma nqasniex mill-fidi ma konniex niksru l-kmandamenti ta' Alla u konna ngħixu fl-imħabba ta' xulxin, konna nħobbu 'l kulħadd bħala aħwa, għax ilkoll ulied Alla; kieku emminna kif kellna nemmnu fi Kristu, kieku d-dinja rbaħniha u ma konniex inħallu l-qerq tad-dinja u l-frugħat u t-tlellix tagħha jirħuna u jbegħduna mit-triq li twassalna għand Ġesù.

## Nirbħu d-dinja

Ġesù fostna llum qiegħed jistedinna llum biex ma nonqsu qatt mill-fidi fih, qiegħed jistedinna nemmnu fih, biex bil-fidi tagħna fih aħna nirbħu d-dinja.

B'liema mod nistgħu nagħmluh dan? Kif nistgħu nirbħu d-dinja aħna li m'aħniex ħlief ftit nies — merħla żgħira — f'għadd bla qjies ta' bned-

min indifferenti, ta' bnedmin li ma jridux jafu bil-liġi ta' Alla, ta' bnedmin li għalihom qisu ma hemmx Alla, ta' bnedmin moħħom biss fil-ħena u l-ġid u l-għana ta' din id-dinja li tgħaddi u tintemm? Nistgħu nirbħu d-dinja, kif rebħuha l-Appostli, kif rebħuha l-insara tal-ewwel żminijiet, li huma wkoll kienu merħla żgħira, "Tibżgħux, ja merħla żgħira," igħidilna l-Mulej, kif qal lill-Appostli tiegħu, "għaliex għoġob lill-Missier jagħtikom is-saltna tiegħu," saltna ta' verita' u ta' ħajja, ta' qdusija u ta' grazzja, ta' ġustizzja, imħabba u sliem. Din is-saltna aħna nirbħuha bil-fidi tagħna, fidi li tidher f'egħmilna, bl-imġieba kollha ta' ħajjitna.

### L-eżempju ta' l-ewwel insara

Smajna fl-ewwel qari tal-lum kif kienet iġġib ruħha, fl-ewwel żmenijiet, il-ġemgħa ta' dawk li kienu jemmnu: kienu qalb waħda u ruħ waħda bejniethom; ħadd minnhom ma kien igħid li dak li kellu kien tiegħu, imma kienu jaqsmu ġidhom kollu ma' l-aħwa; kienu għaqda waħda bejniethom, fit-talb, fit-tagħlim tal-Appostli u fi qsim il-ħobż.

Minna jiddependi jekk aħna, l-insara tas-seklu għoxrin, l-insara li qegħdin ngħixu f'dan il-qasam tal-Knisja ta' Kristu, inkunux bħalma kienu l-ewwel insara f'Ġerusalem. Kristu huwa magħna, kif kien magħhom; Kristu jwettaqna bil-grazzji tiegħu, kif kien iwettaq lilhom; Kristu jqawwilna qalbna biex nirbħu kull tiġrib u neħilsu minn kull deni, kif kien iqawwilhom qalbhom biex ma jaqgħux fit-tiġrib u jeħilsu minn kull deni. Jekk mela ngħixu l-istess ħajja tagħhom, aħna nistgħu nkunu bħalhom, u bħalhom nirbħu d-dinja. Inkunu ngħixu l-istess ħajja tal-ewwel insara ta' Ġerusalem jekk inkunu qalb waħla bejnietna fl-imħabba ta' xulxin. Bħala nsara, bħala membri tal-Knisja, aħna għandna nkunu xirka waħda ta' mħabba, miġburin flimkien fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Din l-għaqda tagħna f'xirka waħda ta' mħabba nuruha l-ewwelnett meta nkunu miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, għax f'dak il-waqt inkunu tassew ħaġa waħda fit-talb, fit-tagħlim ta' l-Appostli u fil-qsim tal-ħobż, għaliex meta nissieħbu fil-Quddiesa lilna jaslilna t-tagħlim tal-Appostli, jiġifieri titħabbrilna l-Kelma ta' Alla, biex tqawwilna l-fidi tagħna ħalli nitolbu flimkien b'ħeġġa u ħerqa aqwa u mbagħad inkunu nieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej, li jaqsmilna bejnietna l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, Ġismu għall-ħajja ta' dejjem, l-ewkaristija mqaddsa li hi wkoll sinjal tax-xirka ta' mħabba li tgħaqqadna flimkien u fl-istess ħin tgħqqadna verament flimkien.

### Ix-xhieda ta' ħajjitna

Din ix-xirka ta' mħabba li sseħħ waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, trid tidher ukoll fil-ħajja tagħna ta' kuljum, l-ewwelnett fil-mod kif nagħmlu użu mill-ġid tad-dinja li tana l-Mulej, ġid li miegħu ma għandniex norbtu qalbna b'mod li ninsew għal kollox il-ġid li jibqa' għal dejjem, ġid li għandna nużaw biex bih ngħinu lil ħutna fil-bżonn, huma minn huma, imqar dawk li naqsuna, li għamlulna d-deni, li ħaduha kontra tagħna. U ngħinu 'l ħutna fil-bżonn mhux biss bil-ġid materjali, bl-għana u l-flus, imma ngħinuhom fuq kollox fil-ħtiġijiet spiritwali tagħhom. Għaliex ħaf-

na minn ħutna llum aktar milli neqsin mill-ġid materjali, huma neqsin mill-ġid spiritwali: neqsin mill-fidi, neqsin mit-tama f'Alla, neqsin mill-fiduċja fil-bnedmin l-oħra, ma jafux x'jġifieri tagħder, tħenn, tistabar, taħfer; ma għandhomx f'qalbhom ħlief ħsibijiet ta' għira, ta' mibgħeda, ta' ġlied, ta' tilwim, ta' tpattija. Nuruhom bl-imġieba tagħna li l-imħabba hija l-aqwa ħaġa li jista' jkollu l-bniedem, li l-imħabba l-iktar li tressaq il-bniedem lejn Alla, tagħmlu l-iktar jixbah lil Alla, li l-imħabba tista' tegħleb il-ħażen u l-qerq u l-mibgħeda kollha li hawn fid-dinja. Jalla jemmnu b'fidi sħiħa fl-imħabba ta' Alla u nagħtu xhieda tagħha bl-egħmil kollu tagħna ma' ħutna l-bnedmin, biex inkunu nistgħu ngħidu ma' Ġesù: "Jiena rbaħtha d-dinja," għaliex bil-fidi tagħna, imwettqa mill-imħabba, inkunu rbaħna d-dinja. Din tkun ir-rebħa li rebħet lid-dinja: il-fidi tagħna.

## TALBA TAL-FIDILI

Qawwijin fil-fidi, sħaħ fit-tama, u kollna ħeġġa fl-imħabba, nitolbu 'l Alla llum iwettaqna bil-grazzja tiegħu, ħalli nkunu nistgħu nirbħu d-dinja.

Wettaq, Mulej, il-Knisja bil-grazzja tiegħek ħalli tkun tista' tidher quddiem id-dinja tallum, kif dehret fl-ewwel żminijiet: xirka waħda ta' mħabba u sliem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Henn għal dawk kollha li jinstabu mġarrbin mill-hemm tad-dinja u qegħdin ibatu għax neqsin mill-ħtiġijiet tar-ruħ u l-ġisem; qanqal qlub il-bnedmin biex igħinuhom fil-ħtiġijiet tagħhom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ressaq lejn xulxin 'il dawk kollha li jistqarru li Kristu Ibnek hu l-Mulej, biex ikunu lkoll ħaġa waħda bejniethom, f'xirka waħda ta' mħabba ħalli d-dinja temmen fik.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Saħħaħ il-fidi tagħna u kebbisna b'imħabbtek, biex bl-imġieba kollha tagħna nagħtu xhieda għalik, u niksbu rebħa sħiħa fuq id-dinja tad-dnub, tal-qerq u tal-ħażen.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox, saħħaħ fina l-fidi, qawwi t-tama u ħeġġiġna fl-imħabba, ħalli nkunu tassew quddiem id-dinja xirka waħda ta' mħabba għat-tifħir tal-glorja tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## It-tielet Ħadd ta' l-Għid
## IL-BXARA T-TAJBA TA' KRISTU

**Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws**

Il-qari tal-Evanġelju tal-lum beda b'dan il-kliem: "Id-dixxipli kienu qegħdin itarrfu xi ġralhom fit-triq u kif għarfu 'l Ġesù fil-qsim tal-ħobż". Dawn id-dixxipli kienu dawk iż-żewġ dixxipli li nhar l-ewwel Għid filgħaxija kienu sejrin lejn ir-raħal ta' Għemmaws, u huma u mexjin, Ġesù ssieħeb magħhom, iżda huma ma għarfuhx. Ġesù stqsiehom fuqhiex kienu qegħdin jitkellmu, u huma qalulu fuq dak li kien ġara Ġerusalemm f'dawk il-ġranet u bi kliemhom urewh ukoll li ma tantx kienu emmnu fil-bxara li xi nisa kienu wasslu lill-Appostli filgħodu kmieni li Ġesù kien qam mill-imwiet. Ġesù għalhekk beda jkellimhom u jurihom kif seħħ kull ma kien hemm miktub fuqu fil-Liġi ta' Mose', fil-Profeti u fis-Salmi; meta waslu Għemmaws, għax kien daħal il-ħin sewwa, stednuh jibqa' magħhom, u qagħad bil-qiegħda fuq il-mejda magħhom u qasmilhom il-ħobż — dak il-ħin għajnejhom infetħu u għarfu 'l Ġesù. Hu minnufih għeb minn quddiemhom, iżda huma minnufih telqu jiġru lura lejn Ġerusalem sabiex iħabbru lill-Appostli li Ġesù kien tassew qam mill-imwiet. Meta wasslu, sabu li l-Appostli wkoll kienu rawh 'il Ġesù rxoxt, u għalkemm għall-ewwel ma riedux jemmnu, u ħasbuh xi fantażma, meta kellimhom u kiel quddiemhom huma emmnu fil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

**Ġesù magħna llum**

Dak li seħħ dak in-nhar tal-ewwel Għid fit-triq ta' Għammaws u fiċ-Ċenaklu, qiegħed iseħħ illum ukoll aħna u qegħdin nisimgħu, għaliex Ġesù, għalkemm mhux qegħdin narawh bl-għajnejn tal-ġisem, qiegħed jissieħeb magħna kif issieħeb mad-dixxipli fit-triq ta' Għemmaws, qiegħed fostna kif kien fost l-Appostli fiċ-Ċenaklu, u qiegħed igħid lilna llum dak li qal lill-Appostli dak in-nhar.

Ġesù, liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws u lill-Appostli, fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura ħalli jaraw kif seħħ kull ma nkiteb fuqu fil-Liġi ta' Mose', fil-Profeti u fis-Salmi. Dan qiegħed jagħmlu Ġesù proprju f'dan il-waqt, għaliex kien Ġesù stess li kellimna waqt il-qari mill-Iskrittura, għaliex l-Iskrittura m'hijiex kelma tal-bniedem, imma hi l-Kelma ta' Alla; u issa wkoll Ġesù qiegħed ikellimna permezz tal-ministru tiegħu biex jurina kif il-Kelma tiegħu li smajna fil-qari mill-Iskrittura tgħodd għalina, għall-ħajja tagħna ta' kuljum f'din id-dinja, f'dan il-waqt li qegħdin nisimgħuh.

**Il-Bxara t-Tajba ta' Ġesù**

X'qiegħed igħidilna l-Mulej Ġesù llum? Dak li qal lill-Appostli dak in-nhar tal-ewwel Għid: li hu kellu jbati għalina u jmut, u wara tliet ijiem iqum mill-imwiet u li f'ismu lill-ġnus kollha għandha tixxandar l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet. Dan l-Appostli għamluh minnufih, wara li Ġesù tela' s-sema u huma twettqu b'qawwa mill-għoli meta niżel fuqhom l-Is-

pirtu s-Santu: bdew minn Ġerusalemm, imbagħad xterdu mal-Lhudija kollha u mal-Galilija, u marru fost il-ġnus u l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni tħabbret sa truf l-art kollha.

**It-tħabbira tal-Knisja**

It-tħabbira ta' l-Appostli kull fejn marru kienet dejjem l-istess, u tagħha għandna l-eżempju fl-ewwel qari tal-lum: Ġesù huwa Sid il-ħajja, huwa l-Iben ta' Alla, li sar bniedem bħalna u għex fostna l-bnedmin igħallem il-kliem tal-ħajja ta' dejjem. Il-Lhud, ġensu, ċaħduh, tawh f'idejn Ponzju Pilatu li għalkemm ried jeħilsu fl-aħħar għamillu dak li riedu l-Lhud: sallbu, iżda wara tliet ijiem qam mill-imwiet. Kull ma għamlu l-Lhud lil Ġesù, għamluh bla ma kienu jafu, għaliex ma għarfux li Ġesù kien il-Qaddis ta' Alla, li Ġesù kien il-Ġust. Alla dan ippermettih, għax hekk kienu ħabbru l-profeti. Imma hu x'inhu, issa jeħtieġ li wieħed jindem minn dnubietu, ħa jinħafrulu u jkollu l-faraġ tal-Mulej.

Din it-tħabbira ta' l-Appostli, il-Knisja tennietha tul iż-żminijiet kollha, u għadha ttenniha sal-lum, u tibqa' ttenniha sa l-aħħar taż-żminijiet, għaliex il-bnedmin ta' kull żmien, b'egħmilhom, jiċħdu l-Qaddis u l-Ġust, joqtlu lil Sid il-ħajja u jitolbu l-ħelsien għal wieħed qattiel. Aħna wkoll dan għamilnieh, għaliex bi dnubietna aħna niċħdu 'l Kristu u nsallbuh mill-ġdid; bi dnubietna aħna nwarrbu 'l Kristu u floku nagħżlu l-bniedem midneb. Għalhekk aħna wkoll jeħtieġ li nindmu u nerġgħu lura mit-triq li qbadna biex jinħafrulna dnubietna.

**It-tweġiba tagħna**

X'se tkun it-tweġiba tagħna għal din it-tħabbira tal-Knisja llum? Igħidilan l-Appostlu San Ġwann fit-tieni qari tal-lum. Ma nidinbux, imma nħarsu l-kmandamenti ta' Alla; inżommu l-kelma tiegħu, għaliex hekk nuru li fina hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha. Fi kliem ieħor, jekk aħna lqajna bil-qalb it-tħabbira tal-Knisja llum, aħna lesti nħarsu dejjem u kullimkien il-kamndamenti ta' Alla. Il-Knisja ħabbritilna minn kien Ġesù, qaltilna li hu Sid il-ħajja, li ġie fid-dinja biex jagħtina l-ħajja u ħajja bil-kotra; u Ġesù kisbilna l-ħajja ta' dejjem bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet; bit-tħabbira tagħha l-Knisja għarfitna 'l Ġesù u aħna sirna nafuh. Imma jeħtieġ li 'l Ġesù ma nkunux nafuh bil-kliem biss; inkunu nafu tassew 'il Ġesù jekk inkunu nafu għalfejn ġie fid-dinja; Ġesù ġie fid-dinja biex jeqred id-dnub u jeħles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub, għalhekk inkunu nafu 'l Ġesù jekk inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub, u nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub jekk inħarsu l-kmandamenti ta' Alla. Jekk il-kmandamenti ta' Alla ma nħarsuhomx, mhux tassew li nafuh 'il Ġesù, u jekk ngħidu li nafuh, inkunu giddibin, ma nkunux ngħidu s-sewwa, inkunu qegħdin niċħdu dik l-imħabba li wera Alla magħna meta tana 'l Ibnu stess biex imut għalina ħa jeħlisna mid-dnub.

It-tweġiba tagħna għalhekk għat-tħabbira tal-Knisja għandha tkun proponiment sħiħ li ma nidinbux aktar. Imma jekk imbagħad xi ħadd minna jidneb, ma għandux jaqta' qalbu, għaliex Ġesù stess jidħol għalina

quddiem 'il Missier u jaqlagħlna l-grazzja ta' l-indiema, biex nerġgħu nitbegħdu mid-dnub u nitħabbu mill-ġdid ma' Alla.

Alla li tana 'l Ibnu stess għas-salvazzjoni tagħna ma jridx jikkundannana għat-telfien ta' dejjem; Kristu li ħallas għal dnubietna kollha, u mhux għal dnubietna biss, imma għad-dnubiet tad-dinja kollha, ma jridx jikkundannana, għaliex Hu ma ġiex fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex biħ id-dinja ssalva. Ma għandniex għalhekk għax naqtgħu qalbna mill-ħniena t'Alla, minn Alla li hu għani fil-ħniena, iżda fl-istess ħin, ma għandniex nabbużaw mill-ħniena ta' Alla u nħallu għall-ġejjieni l-indiema għall-maħfra ta' dnubietna li l-Knisja xxandrilna bla heda fuq ordni tal-Mulej. Nilqugħa bil-qalb l-istedina għall-indiema, nerġgħu lura minn triqtna l-ħażina, ħa jinħafrulna dnubietna u jkollna faraġ mingħand il-Mulej.

## TALBA TAL-FIDILI

Nilqgħu l-istedina tal-Knisja llum biex nindmu minn dnubietna u nerġgħu lura lejn Alla ħalli jkollna żminijiet ta' faraġ mingħand il-Mulej.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar lid-dinja li l-Mulej Gesù wara li bata u miet għalina qam mill-imwiet fit-tielet jum, waqt li tistieden f'ismu lill-bnedmin kollha għall-indiema ħa jiksbu l-maħfra ta' dnubiethom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha biex jagħarfu jagħżlu dejjem dak li hu sewwa, u ma jwarrbux it-tajjeb biex iġibu 'l quddiem dak li jaqbel lilhom.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Ixħet id-dawl ta' wiċċek fuq kull min hu mdejjaq u mġarrab mill-hemm u n-niket tad-dinja, u agħtih il-faraġ tas-sliem u l-hena tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Agħtina l-grazzja li nkunu nafu 'l Gesù u nistqarruh bħala l-Qaddis u l-Gust u Sid il-ħajja billi nħarsu dejjem u kull imkien il-kmandamenti qaddisa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Alla li tista' kollox, wettaqna bil-grazzji tiegħek biex nilqgħu bil-qalb il-kelma tiegħek li titħabbrilna kull meta ningabru hawn flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa tiegħek: agħmel li ngħożżuha bil-qalb u nżommuha bil-ħerqa kollha ħalli fina jkun hemm tassew l-imħabba tiegħek fil-milja kollha tagħha. Bi Kristu Sidna.

## Ir-raba' Ħadd ta' l-Għid

## RAGĦAJJA TA' L-ERWIEĦ

### L-isem fuq kull isem

"F'ħadd aktar ma hemm salvazzjoni ħlief biss fl-isem ta' Ġesù" ħabbritilna l-Knisja llum bil-kliem li San Pietru kien qal lil-Lhud f'Ġerusalemm wara l-fejqan ta' wieħed magħtub li kien jitlob kuljum il-karità fil-bieb tat-Tempju. Lil San Pietru u lil San Ġwann li kienu telgħin fit-tempju għall-ħin tat-talba tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar, dak il-magħtub talabhom karità, u San Pietru qallu: "Deheb u fidda ma għandniex, imma nagħtuk dan li għandna: f'isem ta' Ġesù ta' Nażaret, qum u imxi". Dak qam u mexa u n-nies stagħġbu, u San Pietru, mimli bl-Ispirtu s-Santu, lill-folla tan-nies qalilhom, kif smajna fl-ewwel qari: "Fl-isem ta' Ġesù li intom sallabtu u li Alla qajmu mill-imwiet, bih dar-raġel hu hawn qawwi u sħiħ quddiemkom. Intom 'il Ġesù warrabtuh, ma ridtux tisimgħuh, imma fih biss tistgħu tiksbu s-salvazzjoni, għaliex ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih jistgħu jkunu salvi ħlief l-isem ta' Ġesù". Dan għaliex lil Ġesù, wara li ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt tas-salib, Alla tah l-isem li hu fuq kull isem u l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art jinżlu għarkobbtejhom jistqarru li Ġesù hu l-Mulej.

### Ikkonsagrati għas-Servizz tal-Mulej

Aħna dan nafuh u nemmnuh, għaliex rajna l-kobor tal-imħabba ta' Alla għalina li għoġbu jsejħilna mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu tal-għaġeb, meta tana twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija tagħna; għamilna ġens magħtur, poplu miksub, nazzjon qaddis ħa nxandru l-egħġubijiet li hu għamel għas-salvazzjoni tagħna, u kkonsagrana għas-servizz tiegħu biex naqduh f'ħutna l-bnedmin l-oħra u nagħtuh il-qima li tistħoqqlu u tixraqlu.

Kull nisrani, għaliex fil-Magħmudija tiegħu ġie ikkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu, u fil-Griżma rċieva s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu, għandu sehem mill-missjoni ta' Kristu bħala Profeta, bħala saċerdot u bħala Sultan. Kull nisrani hu fid-dmir jagħti xhieda b'ħajtu kollha għall-Kelma ta' Alla u hekk jaqdi l-missjoni tiegħuta' profeta; kull nisrani hu msejjaħ biex jaqdi 'l Alla f'ħutu l-bnedmin l-oħra u hekk ikun isaltan, għaliex minn jaqdi 'l Alla jkun isaltan, kif igħidilna San Ambroġ; kull nisrani hu msejjaħ biex iqim lil Alla kemm għal rasu u kemm bħala membru tax-xirka tal-bnedmin, u hekk jaqdi l-missjoni tiegħu ta' saċerdot, imsieħeb fis-saċerdozju ta' Kristu.

### Sejħa speċjali

Iżda l-Mulej Ġesù, minn fost il-poplu kollu tiegħu, jagħżel lil xi wħud biex ikomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja f'sura ogħla, jew bħala ministri tiegħu u ammiraturi tal-misteri qaddisa tiegħu, jew bħala nies ikkonsagrati għas-servizz tiegħu bl-irbit tal-voti tal-faqar, tas-safa u tal-ubbidjenza. Is-saċerdoti u r-reliġjużi kollha għandhom sejħa speċjali mingħand il-

Mulej Ġesù biex, maħlulin minn kull irbit tad-dinja, ikunu marbutin biss miegħu għall-qadi tas-sejħa tagħhom.

Il-Mulej Ġesù lis-saċerdoti u lir-reliġjużi jsejħilhom minn fost il-bnedmin biex fost il-bnedmin ikomplu l-missjoni tiegħu ta' mħabba ħa jwasslu lill-bnedmin kollha s-salvazzjoni ta' dejjem, minkejja t-tiġrib u t-tfixkil kollu li miegħu jistgħu jiltaqgħu, minkejja li biex jiksbu dan il-għan il-Mulej ikun iridhom imorru f'artijiet imbegħda biex hemm jagħtu xhieda tiegħu quddiem id-dinja.

**Il-missjoni tar-ragħaj**

Il-Mulej Ġesù jsejħilhom biex ikunu bħalu, jixbhuh fil-missjoni tiegħu ta' Ragħaj u Għassies ta' ruħna. Fl-Evanġelju tal-lum, il-Mulej Ġesù jkellimna proprju fuq din il-missjoni tiegħu ta' Ragħaj, u jgħidilna li hu r-ragħaj it-tajjeb, li jaf waħda waħda n-ngħaġ kollha tal-merħla tiegħu, li lest jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu, li jekk xi waħda tintiliflu ma jistrieħx qabel ireġġagħha lura fil-maqjel, li għandu ħerqa kbira jiġbor in-ngħaġ l-oħra kollha tiegħu li għadhom bogħod mill-maqjel ħa jkun tassew merħla waħda, ragħaj wieħed. Bħala ragħaj li jgħożż il-merħla tiegħu, hu l-ħatar u l-għasluġ tagħha, hu wens għaliha, u jmexxiha minn widien mudlama fit-triq tas-sewwa sa mergħat kollhom ħdura, ħdejn l-ilma ġieri fejn imeddha tistrieħ.

Taħt ix-xbieha tar-ragħaj it-tajjeb għandna mfissra l-missjoni ta' Kristu u tal-ministri tiegħu, u ta' dawk kollha li hu jsejjaħ biex jaqduh bħlaa reliġjużi u missjunarji tiegħu. Dmirhom hu li jwasslu t-tagħlim tal-Evanġelju lill-bnedmin kollha ħa juruhom it-triq li twassalhom għand Alla, fis-sema, fejn jaraw 'l Alla kif inhu, wiċċ imb'wiċċ; dmirhom hu li jsejħu l-bnedmin kollha għall-indiema u għall-fidi, iħabbuhom ma' Alla, ifarrġuhom fid-dwejjaq u l-hemm tagħhom, iħabbruhom u jwassluhom is-sliem u l-paċi ta' Kristu; dmirhom hu li jxandru l-Kelma ta' Alla, u jagħtu xhieda tagħha quddiem id-dinja u, jekk huma saċerdoti, jiċċelebraw il-misteri qaddisa u jġeddu fil-Quddiesa s-sagrifiċċju li Kristu offra darba għal dejjem fuq is-salib għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja kollha.

**Il-Mulej ma jehdiex isejjaħ**

Mhux kulħadd imsejjaħ għal din il-missjoni hekk kbira, imma dawk biss li jsejjaħ il-Mulej; ħadd ma għandu jieħu b'idejh dan il-ministeru, imma hu Alla li jagħtih lil min jogħġbu jsejjaħ. U l-Mulej qatt ma jehda jsejjaħ minn fost il-poplu tiegħu żgħażagħ ġenerużi lesti biex iħallu kollox ħalli jmorru wara Ġesù bħala saċerdoti, jew reliġjużi jew missjunarji. Jekk dan, għaliex, jista' xi ħadd jistaqsi, dejjem aktar qegħdin jonqsu l-vokazzjonijiet fid-dinja?

Veru li f'ħafna pajjiżi qegħdin jonqsu l-vokazzjonijiet, imma dan mhux għaliex Alla m'huwiex isejjaħ qlub ġenerużi għal warajh, iżda għaliex forsi ħafna m'humiex iwieġbu għas-sejħa tiegħu? Għaliex forsi l-għadd tal-qlub ġenerużi fid-dinja qed jonqos? Fost iż-żgħażagħ dejjem kien hemm qlub ġenerużi, u fost iż-żgħażagħ tal-lum hemm ħafna qlub ġenerużi, lesti

biex iwieġbu bil-qalb għas-sejħa tal-Mulej. Il-ħtija tan-nuqqas ta' vokazzjonijiet hi fuq kollox it-tifrik tal-familji: it-tfal u ż-żgħażagħ ma għadhomx isibu fil-familji tagħhom ambjent xieraq fejn tista' tinbet u titrabba u tissaħħaħ vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża jew missjunarja. L-aqwa "seminarju" għat-trobbija tal-vokazzjonijiet huwa l-familja, il-familja verament nisranija, il-familja li tkun vera knisja żgħira tad-dar, fejn issaltan l-imħabba u s-sliem u l-għaqda ta' kulħadd flimkien, fil-qadi ta' dmirijiethom lejn xulxin u lejn għajrhom u lejn Alla; familja li fil-ħajja tagħha ta' kuljum, fil-ferħ u n-niket tagħha, fir-riżq tajjeb u fil-ħażin, hi dejjem imsieħba fil-misteru tas-Salib glorjuż ta' Kristu. Familja bħal din tkun l-ewwel u l-aqwa post fejn tinbet u tikber vokazzjoni. Jalla l-familji kollha tagħna jkunu kollha hekk! jalla ma jkunx hemm familja waħda f'pajjiżna li tfixkel il-vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża ta' tifel, jew il-vokazzjoni reliġjuża — u din m'hijiex xi ħaġa rari wkoll f'familji tajbin — ta' tifla! jalla kull familja tagħraf x'barka kbira għall-familja kollha hi s-sejħa li Alla jagħmel lil xi wieħed jew waħda fil-familja! jalla kull familja Maltija, bil-ħajja li tgħix skond it-tagħlim tal-Evanġelju, skond kif huwa mwassal lilna mill-Papa u l-isqfijiet, ikollha l-grazzja ta' xi vokazzjoni mingħand Alla, biex pajjiżna jibqa', kif għadu sallum, pajjiż li jagħti ħafna qlub ġenerużi għas-servizz tal-Mulej mhux biss hawn fostna imma filpajjiżi kollha tad-dinja.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Alla li jista' kollox, biex ma jehda qatt isejjaħ minn fostna għadd sabiħ ta' qlub ġenerużi lesti biex jaqduh bħala saċerdoti, bħala reliġjużi u bħala missjunarji fil-Knisja tiegħu.

Ibgħat, Mulej, ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħek, biex iwasslu l-Kelma setgħana tiegħek lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba li b'tant ħerqa qegħdin jistennewha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Agħmel li fil-Knisja qatt ma jonqos l-għadd ta' dawk li jikkonsagrawlek ħajjithom kollha biex jaqduk bħala ministri tiegħek u amministraturi tal-misteri qaddisa jew bħala nies konsagrati għas-servizz tiegħek f'ħuthom il-bnedmin fil-bżonn.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Ieqaf ma' dawk kollha li qegħdin jaħdmu fl-opra tal-vokazzjonijiet f'pajjiżna u ma' dawk kollha li jieħdu ħsieb il-formazzjoni ta' dawk li int sejjaħt għalik, biex il-ħidma tagħhom tagħti ħafna frott f'waqtu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Bierek il-familji kollha tagħna u żommhom sħaħ fil-fidi u fl-imħabba ħalli fihom issib dejjem qlub ġenerużi lesti biex iwieġbu bil-ħerqa kollha ta' qalbhom għas-sejħa tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Alla li tista' kollox, ibgħat l-Ispirtu tiegħek fil-Knisja kollha biex irawwem fiha ministri xierqa ta' l-altari tiegħek, iqajjem difensuri qalbiena tal-Evanġelju tiegħek, u jħeġġeġ lil ħafna biex fil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi, jimxu aktar qrib wara Ibnek Sidna Gesu' Kristu, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

## NGĦIXU FI KRISTU

**Ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ**

Kliem San Ġwann fit-tieni qari tal-lum nistgħu nqisuh bħala twissija li tista' tkun importanti ħafna għalina lkoll, għaliex aħna kemm-il darba naħsbu li mexjin sewwa quddiem il-Mulej, li ma għandna xejn fuq il-kuxjenza tagħna li jinkwetana, għaliex aħna lil Alla nħobbuh, u nħobbu wkoll lill-proxxmu tagħna. Issa San Ġwann illum iwissina biex noqogħdu attenti dwar dan, għaliex kemm-il darba, aħna nkunu nħobbu 'l Alla u 'l proxxmu tagħna bil-kliem biss u t-tpaċpiċ, u mhux bil-fatti u tassew, għaliex, għalkemm b'fommna ngħidu li nħobbu 'l kulħadd, bl-imġiba tagħna spiss nuru li dan mhux minnu, għalkemm ma nħossu xejn xi jċanfarna fil-kuxjenza tagħna, għax ikun irnexxilna nserrħu l-kuxjenza tagħna quddiem Alla. Iżda m'aħniex se nqarrqu b'Alla, għaliex Alla jaf kollox, u jaqra sal-fond ta' ruħna u ta' qalbna.

Kliem San Ġwann illum għandu jġiegħelna nidħlu ftit fina nfusna u ngħarblu sewwa l-kuxjenza tagħna, ħa naraw kemm tassew inħobbu 'l Alla u 'l għajrna. Lesti nagħmlu l-ġid lil min għamlilna d-deni? Lesti ninsew il-ħtijiet kollha li sarulna, qishom qatt ma kienu? Jew lesti ngħidu li naħfru iva imma ma ninsew qatt? Inħallu l-antipatija u s-simpatija jmexxuna fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn, jew nittrattaw ma' kulħadd l-istess? Il-piki u l-partiti għandhom xi influwenza fuq kif naħsbuha dwar ħaddieħor? Iwassluna biex inkunu inġusti ma' l-oħrajn, u nmaqdruhom u naħsbu ħażin fihom? Kliemna dejjem hu nieqes minn ġudizzji addoċċ fuq l-oħrajn, jew iwassal biex joħloq suspetti f'moħħ ħaddieħor? Nuru dejjem ir-rispett li jistħoqqlu bħala bniedem lil kull min niltaqgħu miegħu, ikun min ikun, ukoll jekk imċerċer jew fqir, jeħ ħfieflu moħħu, jew belgħani? Jew nieħdu pjaċir ngħadduh biż-żmien u nwaqqgħuh għaċ-ċajt? Imġiba bħal din ftit nagħtu każha, u aktarx inqisuha ħaġa ta' xejn, xi ħaġa li m'hijiex nuqqas, u għalhekk niltaqgħu spiss magħha; imma hi nuqqas kbir ta' mħabba għal għajrna, u għalhekk ukoll nuqqas kbir ta' mħabba għal Alla, li sura xbieha tiegħu hu maħluq kull bniedem li hawn fid-dinja, ukoll jekk moħħu ħafif jew belgħani jew fqir u mċerċer.

**Il-ħarsien tal-kmandamenti**

Dan l-eżami tal-kuxjenza li għadna kemm għamilna llum, imqanqlin minn kliem l-Appostlu San Ġwann, għandu jwassalna biex nifhmu aħjar x'jiġifieri tħobb 'l Alla u tħares il-kmandamenti tiegħu.

F'kull bniedem, u aktar u aktar f'kull bniedem fqir u mċerċer, f'kull bniedem imwarrab u dgħajjef, aħna għandna naraw 'il Kristu, aħna għandna naraw lil ħuna, u nħobbuh, għaliex dan hu l-kmandament ta' Alla, għaliex dan titlob minna l-fidi tagħna fl-isem ta' Kristu Ġesù, dak l-isem li, kif rajna l-Ħadd li għadda, ma hemmx ieħor ħliefu li bih il-bnedmin jistgħu jsalvaw.

Meta aħna nkunu nħarsu l-kmandamenti ta' Alla, aħna nissieħbu ma' Kristu, għax bħalu nkunu qegħdin nagħmlu r-rieda tal-Missier li hu fis-smewwiet: hekk għamel Kristu meta daħal fid-dinja, u qal: "Hawn jien ġej nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla".

**Ħaġa waħda ma' Kristu**

Imseħbin ma' Kristu l-Mulej fil-ħarsien tar-rieda ta' Alla, aħna nkunu ħaġa waħda miegħu, għaliex hu jgħammar fina u aħna fih, u hekk ikollna l-għajnuna kollha li neħtieġu biex inkunu nistgħu nħarsu l-kmandamenti ta' Alla dejjem aktar bir-reqqa. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar bil-ħila tagħna biss ma naslu qatt biex inħarsuhom il-kmandamenti ta' Alla, biex inħobbu lil min jagħmlilna d-deni, biex naħfru lil min hu ħati għalina, biex ma nwaqqgħux għaċ-ċajt 'il min l-imġiba tiegħu twaqqgħu għaċ-ċajt. Għal-hekk Ġesù stess igħidilna li mingħajru qatt ma nistgħu nagħmlu xejn.

Dan Ġesù jgħidulna permezz tal-parabbola tad-dielja, parabbola mill-isbaħ, parabbola li ma tridx ħafna għerf biex tifhimha. Kif il-fergħa tad-dielja ma tagħmilx frott jekk tinqata' mid-dielja u ma tkunx tajba ħlief għan-nar, hekk aħna jekk ninqatgħu mill-Mulej: ma nkunux nistgħu nagħmlu ebda ħaġa li biha nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem — sehemna jkun it-telfien ta' dejjem.

**Kif ngħixu magħqudin mal-Mulej**

Ngħixu magħqudin mal-Mulej, jekk ngħixu l-istess ħajja tiegħu, dik il-ħajja li bdejna ngħixu meta twelidna mill-ġdid fl-ilma u l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija, dik il-ħajja li nsaħħu dejjem iżjed fina permezz tat-tisħib tagħna fl-Ewkaristija Mqaddsa. Din il-ħajja ta' għaqda ma' Kristu ngħixuha mhux għal rasna, imma bħala membri tal-Knisja tiegħu — il-Knisja li nistgħu nqisuha bħala dielja li tagħha aħna l-insara aħna l-friegħi; Il-Knisja li nistgħu nqisuha bħala ġisem, li tiegħu aħna lkoll membri u li r-Ras hu Kristu stess. Minn Kristu, permezz tal-Knisja, l-aktar bis-Sagramenti mqaddsa, tinxtered f'kull wieħed u waħda minna, il-ħajja ta' Kristu, li żżommna magħqudin ħaġa waħda miegħu, u tagħtina l-qawwa biex inħarsu l-kmandamenti tiegħu, u nħobbu 'l xulxin kif ħabbna hu.

**L-eżempju ta' San Pawl**

F'dan għandna l-eżempju ta' San Pawl, li msejjaħ minn Kristu stess fit-triq ta' Damasku, huwa u sejjer jitfa' l-ħabs l-insara ta' hemm, sar dix-xiplu tal-Mulej, u b'ħila kbira kien jitkellem f'isem il-Mulej, jitħaddet u jeħodha kontra dawk kollha li kienu jmaqdru 'l Kristu. Kien imfittex għall-mewt, ġarrab ħafna persekuzzjonijiet, għadda minn ħafna perikli, kellu ħafna egħdewwa, sab ħafna tfixkil: imma qatt ma qata' qalbu, qatt ma ħalla xejn jifirdu mill-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù — l-imħabba ta' Alla kienet issuqu, kienet timbuttah, biex jissagrifika ruħu kollu kemm hu ħa jsejjaħ għas-salvazzjoni kemm jista' minn fost il-Lhud u minn fost il-Griegi. Dan kollu San Pawl seta' jagħmlu, għaliex tant kien ħaġa waħda ma' Kristu, li darba kiteb: Ngħix jiena, imma mhux jiena; imma igħix fija Kristu.

Jalla aħna nitgħallmu minn San Pawl, li nagħarfuh bħala Missierna fil-fidi, u bħalu ngħixu magħqudin ħaġa waħda ma' Kristu, b'mod li ebda tfixkil, ebda tiġrib, ebda persekuzzjoni, ebda fehma, ebda bniedem, ebda ħaġa, tkun xi tkun, sabiħa kemm hi sabiħa, għażiża kemm hi għażiża, ma tifridna qatt mill-imħabba ta' Alla, fi Kristu Ġesù Sidna.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin f'dar Missierna tas-sema llum, imqanqlin mill-eżempju ta' San Pawl Missierna nitolbu 'l Alla l-grazzja li ngħixu dejjem magħqudin ħaġa waħda ma' Kristu Gesù, biex nagħmlu kotra ta' frott għall-ħajja ta' dejjem.

Hares, Mulej, il-Knisja tiegħek din id-dielja li int ħawwilt għalik, u għamel li twassal il-friegħi tagħha sa truf l-art kollha, biex kull bniedem jara s-salvazzjoni tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Agħmel, Mulej, li dawk kollha li jistqarru li Kristu Ibnek hu l-Mulej, u qegħdin iħabirku biex igħixu magħqudin ħaġa waħda miegħu, ikunu lkoll flimkien f'xirka waħda ta' mħabba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Dawwal il-fehma ta' dawk kollha li m'humiex jintebħu li bl-imġieba tagħhom ma' ħuthom il-bnedmin l-oħra huma qegħdin jonqsu mill-kmandament tal-imħabba, ħalli jifhmu li l-vera mħabba tal-proxxmu titlob minnhom li jħarsu d-dinjità ta' kull bniedem, hu min hu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Agħtina l-grazzja li nagħarfu ngħarblu dejjem sewwa l-imġieba tagħna biex l-imħabba tagħna għal għajrna ma tkunx bil-kliem u t-tpċpiċ imma bl-egħmil u tassew.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Alla tagħna, ħenn għalina, bnedmin dgħajfa, u għadirna meta nonqsu mill-imħabba lejn għajrna: żommna dejjem magħqudin ħaġa waħda miegħek u wettaqna bil-grazzji tiegħek, biex dejjem inħarsu l-kmandamenti tiegħek kif trid int. Bi Kristu Sidna.

## L-IMĦABBA TA' ALLA

**L-imħabba ta' Alla għalina**

"Alla hu mħabba", tgħidilna l-Knisja llum bi kliem l-Appostlu San Ġwann; u tgħidilna wkoll li aħna rajna l-kobor tal-imħabba ta' Alla għalina għaliex hu tana lil Ibnu stess biex bih nerġgħu niksbu dik il-ħajja li konna tlifna bid-dnub.

Alla fil-kobor tal-imħabba tiegħu għall-bniedem, meta ħalqu, mhux biss tah in-nifs tal-ħajja tal-ġisem, imma tah li jgħix ukoll ħajja sopranaturali, u żejnu b'ħafna kwalitajiet sbieħ 'il fuq mill-istess natura tiegħu ta' bniedem. Alla ħalaq il-bniedem u ma riedx li l-bniedem ikun il-qaddej tiegħu, imma riedu jkun il-ħabib tiegħu, ibnu adottiv; Alla ħalaq il-bniedem għalih, u għamlu ftit inqas mill-anġli, u wara ż-żmien tal-prova ried li jdaħħlu fl-hena tiegħu għal dejjem.

Iżda l-bniedem ma weġibx għall-imħabba ta' Alla kif kellu jwieġeb: f'lok għamel dak li Alla ried minnu, imqarraq mill-ħażin, il-bniedem ried ikun daqs Alla, jaf it-tajjeb u l-ħażin, kiser il-kmand ta' Alla u sab ruħu lsir tal-Ħażin, maħkum mid-dnub u l-mewt, b'saħta fuqu li kien ġab b' idejh.

Imma Alla li ħalaq il-bniedem imqanqal mill-imħabba, baqa' jħobb il-bniedem għalkemm dan kien sar għadu tiegħu bid-dnub li għamel; Alla baqa' jħobb il-bniedem, u meta wasal il-waqt bagħat lil Ibnu stess fid-dinja biex ipatti għad-dnubiet tal-bnedmin, biex jerġa' jħabbeb lill-bnedmin ma' Alla.

Dan kollu jurina l-kobor tal-imħabba ta' Alla għalina, igħidilna San Ġwann: Alla ma ħabbniex għax ħabbejnih aħna, imma ħabbna qabel stess ma ħabbejnih aħna, ħabbna qabel m ħalaqna, baqa' jħobbna u fassal pjan ta' salvazzjoni biex jerġa' jħabbibna miegħu. Hu bagħat fid-dinja li lIbnu stess biex isir bniedem bħalna, ikun wieħed minna ħalli jkun jista' jidher għalina, ipatti minn flokna, biex it-tpattija li hu jagħmel għalina tkun tissodisfa l-ġustizzja ta' Alla, għax tpattija magħmula minn Bniedem-Alla.

**Ħadd ma għandu mħabba akbar**

U kif il-Missier ħabbna, hekk ukoll ħabbna l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina. Il-bniedem qatt ma ra imħabba akbar minn dik li wriena Kristu l-Mulej. "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu", qalilna Ġesù llum. U jekk ma hemmx imħabba akbar minn dik li tagħti ħajtek għal ħbiebek, xi ngħidu għal dak li jagħti ħajtu, mhux għal ħbiebu, imma għal dawk li ma jriduhx isaltan fihom? Għax dan għamel Ġesù għalina: ta ħajtu għalina li kontinwament niċħduh, u nwarrbuh fil-ġenb biex infittxu dak li jaqbel lilna, biex niġru wara l-frugħat tad-dinja; ta ħajtu għalina li kontinwament niksru l-kmandamenti tiegħu u nġibu fix-xejn il-liġi tiegħu; ta ħajtu għalina li nkasbru l-isem qaddis tiegħu, u bi dnubietna nerġgħu nsallbuh mill-ġdid; ta ħajtu għalina

biex jeħlisna mill-ħażen tagħna li jġiegħelna neħduha kontra tiegħu u niksru l-kmandamenti tiegħu. Ta ħajtu għalina għax iħobbna, għax irid l-imħabba tagħna, u għalhekk, bil-ħerqa kollha, illum qiegħed igħidilna: "Ibqgħu fl-imħabba tiegħi; kunu bħali u ibqgħu fl-imħabba tiegħi kif jien bqajt fl-imħabba ta' Missieri, billi ħarist il-kmandamenti tiegħu, billi għamilt dak li ried minni".

**Nilqgħu l-istedina ta' Ġesù**

Nilqgħu din l-istedina ta' Ġesù u nibqgħu fl-imħabba tiegħu billi nħarsu l-kmandamenti tiegħu. Dawn il-kmandamenti mhumiex xi ħaġa tqila, ma għandniex għalfejn immorru 'l bogħod biex inkunu nafuhom, ma hemmx għalfejn nixxabtu mal-muntanji u naqsmu l-ibħra biex inkunu nafuhom: huma minquxin fi qlubna, huma mħabbrin lilna mill-Knisja, f' Ismu; huwa miġburin fi kmandament wieħed: Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien.

Inpattu mela għall-imħabba ta' Alla għalina, billi nħobbu 'l xulxin, billi nħobbu 'l Alla f'ħutna l-bnedmin kollha, huma min huma, huma fejn huma. Għaliex l-imħabba ta' Alla m'hijiex għat-tajbin biss, għal xi ġens wieħed biss, imma hi għall-bnedmin kollha, ta' kull żmien u ta' kull imkien, ta' kull poplu u ġens u lsien u nazzjon. Lil kull bniedem għandna nuruh imħabba, u nuruha billi nagħtuh l-aktar ħeġġa għażiża li għandna: il-fidi tagħna.

**Is-sejħa tagħna**

Lilna għal dan għażilna l-Mulej. Mhux aħna għażilnieh, u tant ma għażilnihx aħna li lanqas biss konna nafu bih — konna poplu miexi fid-dlamijiet tad-dnub u tal-paganeżmu, meta Alla fl-imħabba tiegħu għalina, bagħatilna l-Appostlu tiegħu fostna biex jagħtina twelid ġdid fi Kristu. Alla għażilna għalih, u ħatarna biex inkunu xhieda tiegħu fid-dinja, ħa nwasslu ismu sa truf l-art kollha, għaliex il-ġnus kollha ta' l-art huma msejħa għall-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù. Dan rajnih fl-ewwel qari tal-lum, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Kornelju, il-fizzjal ruman u l-familja tiegħu li kienu laqgħu lil San Pietru f'darhom ħa jisimgħu mingħandu l-Bxara t-tajba ta' Kristu. Kornelju u l-familja tiegħu ma kienux Lhud, kienu pagani, u l-Mulej b'miraklu wera lil San Pietru li l-pagani wkoll kienu msejħin għas-salvazzjoni, dik is-salvazzjoni li lilna, li konna wkoll pagani, waslitilna fl-ewwel żminijiet tax-xandir tal-Kelma minn Appostlu ieħor, minn San Pawl.

Alla lilna ħabbna b'imħabba speċjali, u żammna f'imħabbtu tul il-mijiet tas-snin: jalla nibqgħu f'imħabbtu għall-ġejjieni wkoll billi ma niċħdu qatt il-wirt għażiż tal-fidi li ħallewlna missirijietna, imma ngħożżuh u ngħadduh bla mittiefes lil uliedna, u nwassluh ukoll lil dawk li magħhom il-Mulej ilaqqagħna. Inkunu appostli tal-fidi u tal-imħabba ta' Alla fost il-barranin li jiġu fostna, fl-artijiet tal-barranin fejn immorru; inkunu appostli bl-imġiba kollha ta' ħajjitna biex hekk inpattu għall-imħabba li biha Alla ħabbna, nuru ruħna tassew dixxipli ta' Kristu u nagħtu sebħ u glorja lill-Missier.

Il-Mulej Gesù llum tana xhieda tal-kobor tal-imħabba ta' Alla għalina u stedinna biex nibqgħu fl-imħabba tiegħu u nħobbuh kif ħabbna hu. Bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nitolbuh għalhekk, u ngħidulu: Mulej Gesù, żommna fl-imħabba tiegħek.

Mulej Gesù, permezz tal-Knisja tiegħek, wassal il-Bxara t-tajba ta' mħabbtek lill-ġnus kollha ta' l-art, li għad ma jafux biha.
Mulej, Gesù, żommna fl-imħabba tiegħek.

Mulej Gesù, wettaq bil-grazzja tiegħek lil dawk li int għamilt għalik u ħtarthom biex imorru fid-dinja jagħtu xhieda ta' mħabbtek.
Mulej, Gesù, żommna fl-imħabba tiegħek.

Mulej Gesù, sejjaħ lura lejk lil dawk kollha li għall-kapriċċi u l-interessi tagħhom warrbu fil-ġenb imħabbtek: erġa' ħabbibhom miegħek u uri lilhom il-kobor ta' mħabbtek għalihom.
Mulej, Gesù, żommna fl-imħabba tiegħek.

Mulej Gesù, uri magħna l-kobor ta' mħabbtek biex nibqgħu dejjem fl-imħabba tiegħek billi nitgħallmu minnek kif inħarsu l-kmandamenti tiegħek.
Mulej, Gesù, żommna fl-imħabba tiegħek.

Mulej Gesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int ħabbejtna b'imħabba tassew ta' l-għaġeb għax tajt ħajtek għalina, meta konna għadna egħdewwa tiegħek minħabba dnubietna: tħalli xejn jifridna mill-imħabba tiegħek biex nibqgħu dejjem fil-ħbiberija tiegħek, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

N.B. Flok il-Lezzjoni II li hemm fil-Lezzjonarju B, tista' tinqara l-Lezzjoni li ġejja:

**LEZZJONI II — "Hekk isseħħ il-milja ta' Kristu"**

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin** **4,1-13**

**Huti:**
**Inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej,**
**biex timxu sewwa skond is-sejħa**
**li biha kontu msejħin;**
**billi bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar,**
**taħmlu u tħobbu 'l xulxin.**
**Habirku biex iżżommu Spirtu wieħed**
**bir-rabta tas-sliem:**
**ġisem wieħed u ruħ waħda,**
**l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda:**
**Mulej wieħed, fidi waħda, Magħmudija waħda,**
**Alla wieħed u Missier ta' kulħadd,**
**li jsaltan fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.**
**Lil kull wieħed minna Alla tana l-grazzja**
**skond il-qjies tad-don ta' Kristu.**
**Hu għalhekk li tgħid l-Iskrittura:**
**"Tela' fil-għoli, jassar l-ilsiera,**
**ta don lill-bnedmin".**
**"Tela'." X'ifisser dan għajr li niżel ukoll**
**fl-inħawi l-aktar t'isfel ta' l-art?**
**Dak li niżel**
**huwa dak li tela' 'l fuq mis-smewwiet kollha,**
**biex jimla kollox.**
**U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli,**
**lil xi wħud profeti,**
**lil xi wħud evanġelisti,**
**lil xi wħud rgħajja u mgħallmin;**
**b'hekk jitrawmu l-qaddisin**
**għax-xogħol tal-ħidma tagħhom**
**għall-bini tal-ġisem ta' Kristu,**
**sakemm aħna lkoll naslu biex inkunu ħaġa waħda**
**fil-fidi u fil-għarfien ta' l-Iben ta' Alla;**
**insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu.**
**U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu.**

**Il-Kelma tal-Mulej.**

**Eżempju ta' Omilija (Jum il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali)**

## IX-XANDIR TAL-EVANĠELJU — IL-MASS MEDIA

### Il-ferħ tal-Knisja

"Tela' l-Mulej b'agħjat ta' ferħ, il-Mulej bid-daqq tat-trombi". B'dan il-kliem il-Knisja llum uriet il-ferħ tagħha għat-tħabbira li smajna fl-ewwel qari, tħabbira li m'hijiex ħaġ'oħra ħlief il-Bxara t-tajba li l-opra tas-salvazzjoni tad-dinja ntemmet u s-sema ma għadux aktar magħluq għalina l-bnedmin.

L-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna, ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt tas-salib, biex bil-mewt tiegħu jeqred il-mewt tagħna, u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet jagħtina ħajja ġdida, l-istess ħajja tiegħu, ħajja li fina tilħaq il-milja tagħha, meta għalina tgħaddi s-sura ta' din id-dinja u aħna wkoll nidħlu fis-sema pajjiżna; hemm mar qabilna Hu, Ġesù, wara li qam mill-imwiet, liebes bin-natura tagħna l-bnedmin, b'ġisem glorjuż, li hu għolla 'l fuq minn kull setgħa u minn kull qawwa, 'il fuq mill-Anġli u l-Arkanġli, mit-Troni u d-Dominazzjonijiet, 'il fuq minn kull isem li jissemma' issa u għal li ġej, u qagħad fil-leminija ta' Alla l-Missier li jista' kollox. Fi tlugħ il-Mulej fis-sema aħna naraw il-glorifikazzjoni tan-natura tagħna l-bnedmin fi Kristu, u għalhekk nifirħu u mal-Knisja kollha nuru l-ferħ tagħna aħna u ngħidu: "Tela' l-Mulej fis-sema, tela' l-Mulej b'agħjat ta' ferħ, tela' l-Mulej bid-daqq tat-trombi, rebbieħ u glorjuż."

### Ix-xandir tal-Evanġelju

Bħall-Appostli għalhekk aħna llum għajnejna ċċassati lejn is-sema, ħsibijietna f'Ġesù li, bl-għajnejn tal-fidi tagħna qegħdin narawh fil-lemin tal-Missier, dejjem lest biex jidħol għalina. Nixtiequ kieku nibqgħu hekk, nikkontemplaw il-glorja tal-Mulej, glorja li għad ikollna sehem minnha meta Ġesù jerġa' jiġi b'setgħa u glorja kbira; imma dan ma jistax ikun, għax għad għandna dmirijiet x'naqdu fid-dinja: l-istess dmirijiet li kellhom l-Appostli, dmirijiet li dwarhom il-Mulej Ġesù stess fakkarhom fihom, meta bagħathom fid-dinja kollha jxandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.

Aħna wkoll, bħala dixxipli tal-Mulej, fid-dmir li nxandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu, u mmorru, bħall-Appostli, nippriedkaw f'kull imkien, u nwasslu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni bil-mezzi kollha li għandna llum ħa nilħqu kull persuna li hawn fid-dinja. Hu għalhekk li l-Knisja proprju llum tridna nqisu sewwa kif se nużaw il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali biex bihom nagħtu xhieda għal Kristu.

### L-użu tal-mass media

Fl-esortazzjoni li l-Papa kiteb fil-festa ta' Kristu Re, is-sena l-oħra, fuq il-ħidma tal-familja nisranija tal-lum, deherlu li għandu jikteb ukoll xi ħaġa fuq id-dmirijiet mhux biss ta' dawk li jagħmlu użu mill-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, imma wkoll ta' dawk li jħaddmuhom.

Dawn il-mezzi, igħidilna l-Papa ,għandhom importanza kbira fil-ħajja tagħna llum: il-ġurnali, il-films, ir-radju u t-television illum huma parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum u l-kotra l-kbira tan-nies illum ma jgħaddux mingħajrhom. Dawn il-mezzi jista' jkollhom influwenza kbira fuq kulħadd u l-aktar fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, influwenza li tista' tkun tajba, għaliex jistgħu jkunu ta' ġid kbir għall-edukazzjoni tal-qalb u tal-fehma tal-bniedem, mhux biss, imma wkoll ta' ġid għall-formazzjoni morali u reliġjuża tiegħu. Iżda jistgħu jkunu wkoll ta' ħsara kbira għall-bniedem, jekk iservu biex ixandru ideoloġiji li jġibu firdiet u tilwim fis-soċjetà, jew fehmiet mgħawġa dwar il-ħajja, il-familja, ir-reliġjon u l-moralità nisranija u jwasslu biex ixejnu d-dinjità tal-bniedem bħala bniedem.

**Dmir il-ġenituri**

Illum f'pajjiżna ħafna ġenituri qegħdin ifarfru minn fuq spallejhom, bla ħsieb ta' xejn, ir-responsabbiltà li għandhom għat-trobbija u l-edukazzjoni ta' wliedhom. Biex uliedhom iħalluhom kwieti u ma joqogħdux idejquhom, jiftħulhom it-television u jħalluhom sigħat sħaħ jaraw il-programmi li jkun hemm, jew jagħtuhom f'idejhom 'il ħafna pubblikazzjonijiet bl-istampi li hawn jiġru fl-idejn, mingħajr ma joqogħdu jqisu x'influwenza dan kollu jista' jkollu fuq uliedhom. Il-ġenituri huma fid-dmir — u dan hu dmir serju ħafna — li jħarsu 'l uliedhom mit-theddid li jista' jiġilhom mill-"mass media"; il-ġenituri huma fid-dmir li jirregolaw l-użu tal-mass media fi ħdan il-familja tagħhom: huma fid-dmir li jaraw li l-programmi li wliedhom jaraw fuq it-television jew jisimgħu fuq ir-radju jkunu tassew tajbin, u tassew jiswew biex uliedhom jiksbu formazzjoni moralment u spiritwalment tajba; il-ġenituri huma fid-dmir jaraw x'kotba, u ġurnali u stampi jidħlu fi djarhom, biex uliedhom ma jitilgħux b'fehmiet u drawwiet li jmorru kontra l-ispirtu tal-Evanġelju u kontra t-tagħlim tal-Knisja mwassal lilna mill-Papa u l-isqfijiet; il-ġenituri huma fid-dmir jaraw x'films uliedhom jaraw kemm fis-swali taċ-ċinematografu u kemm fuq it-television.

Id-dmir tal-ġenituri dwar l-użu tal-mass media jitlob minnhom ukoll li jgħallmu 'l ulied jagħżlu dak li hu tajjeb u jwarrbu l-ħażin, iħarġuhom fis-sens tar-responsabbiltà, u fuq kollox jagħtuhom eżempju kif jużaw ir-responsabbiltà tagħhom. Il-ġenituri għandhom ukoll jagħmlu użu middritt li għandhom biex, waħedhom jew flimkien ma' oħrajn, jieħdu kull inizjattiva li tista' twassal biex il-mass media ma jkunux b'mod jew ieħor theddida għas-sħuħija tal-familji tagħhom.

**Dmir min iħaddem il-mass media**

Jekk il-ġenituri għandhom dawn id-dmirijiet, daqshom, jekk mhux aktar minnhom, għandhom dmirijiet kbar dawk li jħaddmu l-mass media: il-kittieba, l-edituri tal-ġurnali, ir-"reporters", il-kummentaturi, il-produtturi tal-films, id-diretturi tal-ġurnali u tal-istazzjonijiet tar-radju u tat-television, għandhom responsabbiltajiet kbar: iridu jkunu nies ta' rieda tajba, nies tal-affari tagħhom, nies li jħossu fihom sens kbir ta' respon-

sabbiltà lejn il-bnedmin kollha biex iwasslulhom biss dak li hu tajjeb, ġust u veru u jħarsuhom minn kull xorta ta' ħażen, qerq u gideb.

Bħala ġenituri nsara, bħala ħaddiema nsara fil-Mass Media nilqgħu bħala jgħodd għalina l-kliem ta' San Pawl lill-Efesin li smajna fit-tieni qari tal-lum. Il-ħidma tagħna dwar il-mass media titlob sabar kbir minna, biex, jekk fina ssaltan l-imħabba ta' Alla għal għajrna, inkunu kapaċi nagħmlu kull ma nistgħu ħa nkunu ta' ġid għall-oħrajn. Għandna nħabirku biex fostna jkun hemm spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem, għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, aħna lkoll inħaddnu fidi waħda, ilkoll irċevejna l-istess magħmudija, ilkoll inqimu l-istess Alla wieħed li hu Missier ta' kulħadd.

Il-ħidma tagħna lkoll m'hijiex ta' l-istess sura, imma lkoll kemm aħna rridu naħdmu għall-kobor ta' Kristu fid-dinja, jiġifieri aħna, bħala nsara, aħna msejħin biex inħabirku ħalli kull bniedem jasal għall-għaqda ma' Kristu fl-imħabba, biex fostna ma jkun hem mxejn x'jifred aktar, imma lkoll inkunu xirka waħda ta' mħabba fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

## TALBA TAL-FIDILI

Nuru l-ferħ tagħna llum għaliex il-Mulej Gesù tela' s-sema u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier fil-glorja ta' dejjem; mal-popli kollha ta' l-art nagħtuh qima u nagħarfuh bħala Sultan tal-ħolqien kollu. Nitolbuh u ngħidulu: Sultan glorjuż, ismagħna.

Mulej Gesù, int tlajt fis-sema u wegħdtna l-Ispirtu qaddis tiegħek: ibgħatu fuq il-Knisja tiegħek biex bih tiġġedded fiż-żgħożija tagħha.

Sultan glorjuż, ismagħna.

Mulej Gesù, qabel tlajt fis-sema, int bgħatt l-Appostli jxandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu: ibgħat ħafna ħaddiema biex ikomplu l-missjoni li fdajt l-Appostli fid-dinja tallum u jwasslu l-Bxara t-tajba tiegħek sa truf l-art kollha.

Sultan glorjuż, ismagħna.

Mulej Gesù, int trid li kull min jemmen fik iħabrek bil-mezzi kollha li għandu għall-verità, għall-ġustizzja u s-sliem: dawwal il-fehma ta' dawk kollha li jaħdmu fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali biex jinqdew bihom b'sens kbir ta' responsabbiltà ħa jġibu 'l quddiem kull ma hu tajjeb, kull ma hu ġust u kull ma hu veru.

Sultan glorjuż, ismagħna.

Mulej Gesù, int trid li l-bnedmin kollha jaslu biex ikunu ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien tiegħek: wettaqna bil-grazzji tiegħek biex nagħarfu nagħmlu dejjem użu tajjeb mill-mezzi kollha ta' komunikazzjoni soċjali li għandna llum.

Sultan glorjuż, ismagħna.

Mulej Gesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, fit-tjieba tiegħek ieqaf magħna u isma' t-talb tagħna: agħmel li nħossu li għadek magħna u tibqa' magħna biex teħlisna minn kull tiġrib u twassalna biex inkunu ħaġa waħda fil-fidi u l-għarfien tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## GHID IL-HAMSIN

Quddiesa tal-jum

Flok il-Lezzjoni II u l-Evanġelju li hemm fil-Lezzjonarju B, jistgħu jinqraw dawn li ġejjin:

**LEZZJONI II — Il-frott ta' l-Ispirtu**

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin** **5,16-25**

**Huti:**
**Imxu fl-Ispirtu u taqgħux għall-passjonijiet tal-ġisem.**
**Il-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-Ispirtu,**
**u l-Ispirtu hu kontra l-ġisem;**
**dawn it-tnejn huma kontra xulxin,**
**biex ma jħallukomx tagħmlu dak li tixtiequ.**
**Jekk lilkom imexxikom l-Ispirtu,**
**m'intomx taħt il-liġi.**
**L-egħmejjel tal-ġisem huma magħrufa:**
**żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija,**
**seħer, mibgħeda, ġlied, għira, korla,**
**ambizzjoni, firda, partiti, invidja, qtil,**
**sokor, tbaħrid u ħwejjeġ bħal dawn.**
**Inwissikom, bħalma wissejtkom qabel,**
**min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiretx is-saltna ta' Alla.**
**Il-frott ta' l-Ispirtu huma:**
**l-imħabba, il-hena. is-sliem, is-sabar,**
**il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan.**
**Kontra dawn ma hemmx liġi.**

Dawk li huma ta' Kristu Gesù
sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu.
Jekk ngħixu bl-ispirtu, ħalli nimxu bl-Ispirtu;
ma nkunux minn dawk li jfittxu ftaħir fieragħ;
ma nġarrbux lil xulxin;
ma ngħirux għal xulxin.

Il-Kelma tal-Mulej.

EVANGELJU — "L-Ispirtu tal-verità jwassalkom għall-verita' kollha."

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 15, 26-27; 16,12-15

F'dak iż-żmien: Gesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Meta jiġi d-Difensur,
li se nibgħatilkom mingħand il-Missier,
l-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier,
huwa jixhed għalija.
U intom ukoll tixhdu,
għax intom kontu miegħi sa mill-bidu.
Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom,
imma għalissa ma tifilħux għalihom.
Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità,
iwassalkom għall-verità kollha:
għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu,
imma jgħid dak li jisma',
u jħabbrilkom il-ġejjieni.
Hu jagħtini glorja,
għax jieħu minn dak li hu tiegħi
u jħabbru lilkom.
Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi.
Għalhekk għidt li jieħu minn dak li hu tiegħi
u jħabbru lilkom.

Il-Kelma tal-Mulej.

**Il-missjoni tal-Knisja**

Dak in-nhar li l-Mulej tela' s-sema, lill-Appostli, qabel infired minnhom, il-Mulej qalilhom biex ma jitilqux minn Ġerusalemm qabel isseħħ il-wegħda tal-Missier li jiġi fuqhom l-Ispirtu s-Santu ħalli mbagħad ikunu xhud tiegħu f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha, fis-Samarija u sa truf l-art.

Illum seħħ dak li wiegħed il-Mulej, u kif smajna fl-ewwel qari, l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli u mliehom bil-qawwa tiegħu u ħeġġiġhom b'nar ta' mħabba ħalli b'ħerqa liema bħalha jinxterdu mad-dinja kollha jħabbru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni l-bnedmin kollha ta' rieda tajba, u hekk jagħtu bidu għal fażi oħra tal-ġrajja tas-salvazzjoni. Kristu kien temm il-missjoni tiegħu fid-dinja; il-bniedem kien ġie meħlus mill-jasar tad-dnub u l-mewt; u issa kien jonqos li dan ikun magħruf sa truf l-art kollha; il-missjoni ta' Kristu kellha tkompli tul iż-żminijiet; u dan seħħ permezz tal-Knisja, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Minn dak n-nhar li ssawwab fuq l-Appostli f'Ġerusalemm, nhar l-ewwel Għid il-Ħamsin nisrani, l-Ispirtu s-Santu baqa' jissawwab fil-Knisja biex iwassalha għall-verità kollha u jagħtiha l-qawwa li tixhed għal Kristu quddiem id-dinja.

**L-Ispirtu tal-Verità**

L-Ispirtu s-Santu jħares il-Knisja u jiddefendiha minn kull qerq fil-fidi, u jżomm ħaj fix-xirka kollha ta' dawk li jemmnu s-sens tal-fidi, hekk li l-poplu kollu ta' Alla, taħt it-tmexxija ta' dawk li l-Ispirtu s-Santu stess jagħżel biex imexxu l-Knisja ta' Alla, jilqa' ħerqan il-kelma tal-fidi li jwasslulu, mhux bħala kelma tal-bniedem, imma bħala l-kelma ta' Alla, kif tassew hi. Imdawwal mill-Ispirtu s-Santu u mwieżen bil-qawwa tiegħu, kull nisrani jifhem dejjem aktar il-veritajiet tal-fidi u jgħixhom fil-ħajja tiegħu kollha, u b'dan il-mod jagħti xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja.

**Is-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu**

Iżda l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja u f'kull nisrani, ma tieqafx hawn, għaliex l-Ispirtu s-Santu jqassam id-doni tiegħu lil kull wieħed mill-poplu ta' Alla, kif irid hu, għall-ġid tal-Knisja kollha. Jagħti **l-għerf** tal-ħwejjeġ tas-sema biex nifhmu kemm it-triqat tal-Mulej m'humiex it-triqat tal-bnedmin, kemm ħsibijietu m'humiex bħal ħsibijiet il-bnedmin; jagħti **d-dehen** biex nagħrfu nsawru ħsibijietna skond il-verità' u s-sewwa ta' Alla, skond it-tjieba u l-ġustizzja tiegħu; jagħti **l-għaqal** biex nagħarfu nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li hu fieragħ u dak li hu ta' fejda għalina, għall-ħajja tar-ruħ; jagħti **l-qawwa** biex inkunu nistgħu nrażżnu fina kull ġibda ħażina u jkollna ħila nagħmlu kull xorta ta' ċaħda u ta' sagrifiċċju biex nibqgħu dejjem fidili lejn Alla u għall-kelma li tajnih bħala dixxipli tiegħu; jagħti **x-xjenza** biex nitgħallmu dejjem aktar dak li hu ta' ġid għal ruħna; jagħti **l-pjetà** u t-tjieba biex b'qalbna kollha

nintelqu f'idejn Alla u nafdaw fih f'kollox billi nfittxu l-ewwel u qabel kollox is-saltna tiegħu u nagħtuh il-qima kollha li tistħoqqlu u tixraqlu; jagħti fl-aħħarnett **il-biża' ta' Alla**, dik li m'hiex ħlief rispett u mħabba għal Alla bħala Missierna tas-Sema.

**Il-ġlieda bejn il-ġisem u l-Ispirtu**

Bil-qawwa ta' dawn id-doni tal-Ispirtu s-Santu, in-Nisrani jimxi 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ u jeħles mit-tiġrib li jiġih mill-ġlieda bla heda li jħoss ġewwa fih, ġlieda li kellha l-bidu tagħha ma' l-ewwel dnub, ġlieda bejn il-passjonijiet tal-ġisem u l-ispirtu. Il-bniedem iħoss li għandu jagħmel it-tajjeb u jixtieq li jagħmlu, imma jħoss ukoll fih liġi oħra li tiġbdu lejn il-ħażen u d-dnub. Bil-ħila tiegħu biss, il-bniedem ma jeħlisx minn din il-ġlieda fih, bie x jegħleb il-ġibdiet u l-passjonijiet tal-ġisem, li jkaxkruh lejn id-dnub; iżda l-bniedem, bil-qawwa tal-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, imwettaq bid-doni tiegħu, jasal biex jikseb rebħa sabiħa u jaħkem fuq il-passjonijiet kollha tal-ġisem.

Jalla nħallu jmexxina l-Ispirtu tal-Mulej li rċevejna fil-Magħmudija, u li ssawwab fina, bħalma ssawwab fuq l-Appostli, dak in-nhar li rċevejna s-siġill tad-don tiegħu bis-sagrament tal-Griżma. Jekk inħallu l-Ispirtu s-Santu jmexxina, naħarbu żgur l-egħmejjel kollha tal-ġisem, għaliex inkunu nistgħu ngħixu ħajja ta' rażan 'il bogħod minn kull ma jista' jniġġes is-safa ta' ruħna; inkunu nistgħu nwarrbu minna l-ħsibijiet kollha ta' għira, ta' tpattija, ta' mibegħda li nistgħu nbejtu f'qalbna kontra min jonqosna f'xi ħaġa; inkunu nistgħu nżommu ruħna 'l bogħod mill-ħażen kollu u minn kull qerq, u nevitaw dak kollu li anqas biss jixraq li jissemma' minn dawk li huma ta' Kristu. Jekk inħallu l-Ispirtu s-Santu jmexxina, inkunu nistgħu nqawwu fina l-istess sentimenti li kellu Kristu Ġesù, u hekk insiru nixbhuh dejjem iżjed: inkunu bħalu u nistabru b'min jonqosna u nagħdruh, nuru ħniena u tjieba ma' kulħadd, ngħixu ħajja ta' rażan u ta' ġabra u nogħġbu 'l Alla f'kollox.

Ħaġa bħal din ma tkunx xi ħaġa tqila għalina, għaliex bil-qawwa li tiġina mill-Ispirtu s-Santu nkunu għarafna naħkmu fuq il-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet kollha tiegħu: inkunu ssallabna ma' Kristu, kif igħid San Pawl, u bħalu għalhekk inkunu nistgħu ngħidu li b'xejn aktar aħna ma niftaħru jekk mhux bis-Salib ta' Kristu, li bih id-dinja bil-frugħat kollha tagħha, hi msallba għalina u aħna għad-dinja.

Illum l-Ispirtu s-Santu deher lid-dixxipli f'sura ta' ilsna tannar, qasmilhom id-doni tiegħu u bagħathom fid-dinja jxandru l-Bxara t-tajba. Nitolbu 'l Alla jibgħat l-Ispirtu tiegħu fuqna biex iqaddisna u jmexxiha għall-verita' kollha, biex nixhdu għalih quddiem id-dinja.

Int fil-bidu ħlaqt is-sema u l-art u fil-milja taż-żminijiet ġeddidt kollox fi Kristu: ġedded dejjem wiċċ l-art bl-Ispirtu qaddis tiegħek għas-salvazzjoni tagħna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Int infaħt f'wiċċ Adam in-nifs tal-ħajja: ibgħat l-Ispirtu tiegħek fil-Knisja biex bih tgħix u titqawwa u tagħti l-ħajja lid-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Int dawwalt il-bnedmin kollha bid-dawl tal-Ispirtu tiegħek: keċċi minn fostna d-dlamijiet tad-dnub u biddel il-mibgħeda fi mħabba, it-tbatija f'hena u l-ġlied u l-gwerer f'paċi u sliem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Int tajtna l-Ispirtu tal-verità biex iwassalna għall-verita' kollha: ibgħatulna biex igħallimna kollox, ifissrilna l-fidi u jagħmilna xhieda tagħha quddiem id-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Alla li tista' kollox, ibgħat l-Ispirtu tiegħek, biex jimla qlub il-fidili kollha u jkebbes fihom in-nar ta' mħabbtek. Bi Kristu Sidna.

Egħżież,

Ix-xogħol u l-familja huma ż-żewġ pernijiet li fuqhom, sa mill-bidu, iddur il-ħajja kollha tal-bniedem fid-dinja. Il-bniedem jaħdem biex iżomm il-familja, u l-familja ma tistax timxi 'l quddiem jekk mhux bix-xogħol tal-bniedem. Fuq il-pedament tax-xogħol timbena l-ħajja tal-familja, li hi dritt naturali ta' kull bniedem u l-vokazzjoni tiegħu.

Il-pjan li Alla fassal għall-bniedem sa mill-bidu huwa li l-bniedem jaħkem fuq l-art u fuq kull ma fiha, imexxi d-dinja fis-sewwa u fil-qdusija, u jorbot lilu nnifsu u l-ħolqien kollu ma' Alla, li għandu jagħraf bħala s-Sid li ħalaq kollox. Meta l-bniedem ikun jagħmel dan, ikun qiegħed jissieħeb ma' Alla l-Ħallieq, ikun qiegħed jissokta l-opra ta' Alla b'riżq il-bnedmin kollha, ħa jseħħ il-pjan sħiħ ta' Alla għall-bniedem.

Veru li x-xogħol hu marbut mat-tbatija, imma hija proprju t-tbatija li jġib miegħu x-xogħol li ssieħeb il-bniedem ma' Kristu, li bis-Salib u l-mewt tiegħu wassalna għall-qawmien miegħu f'ħajja ġdida.

Iżda Alla ma ħalaqx il-bniedem biss biex jaħkem fuq l-art: ħalaq il-bniedem għax ħabbu, ħalqu sura xbieha tiegħu, u ħalqu biex iħobb. Alla hu mħabba, u għalhekk ried li kull bniedem iħobb u jkun maħbub. Il-bniedem, minnatura tiegħu stess, hu msejjaħ biex iħobb, biex jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu, fir-ruħ u l-ġisem, lil min iħobb. L-imħabba hi bejn tnejn, u jkun hemm imħabba tassew, fejn dawn it-tnejn jagħtu lilhom infushom, kollhom kemm huma, lil xulxin. Dan iseħħ fl-aqwa tiegħu, meta r-raġel u l-mara jagħtu lilhom infushom lil xulxin, kollhom kemm huma, fiż-żwieġ, għal dejjem, b'imħabba "qawwija bħall-mewt, li lmijiet kbar qatt ma jaslu biex jitfuha" (Għanja 8,6-7). Din ir-rabta hekk sħiħa ta' mħabba hi l-pedament tal-familja, li hi xirka ta' mħabba bejn il-ġenituri u l-ulied, u bejn l-aħwa bejniethom. Meta mbagħad il-familja tkun familja nisranija hi twettaq fid-dinja l-istess missjoni ta' Kristu u tal-Knisja. Dan tista' tagħmlu bil-qawwa tal-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, "l-ewwel imwieled fost ħafna aħwa" (Rum 8,29); dan tagħmlu għaliex, bħala "l-knisja ż-żgħira tad-dar," hija xbieha ħajja tal-misteru tal-Knisja ta' Kristu.

Il-familja nisranija tkun twettaq tassew il-missjoni ta' Kristu u tal-Knisja fid-dinja, meta tkun verament tgħix ħajja nisranija fil-ħarsien kuljum tal-kmandamenti kollha ta' Alla, biex, bl-imġieba kollha tagħha, tkun eżempju li jqanqal għall-familji l-oħra kollha li magħhom tiltaqa'.

Twettaqha wkoll meta l-ħajja, fi ħdanha, hi ħajja ta' djalogu dejjem sejjer ma' Alla, djalogu li jseħħ bit-talb flimkien u bit-tisħib fl-Ewkaristija, u fl-ispirtu tal-maħfra 'l xulxin u rikonċiljazzjoni flimkien. Twettaqha fl-aħħarnett billi ma tkunx magħluqa fiha nfisha, imma tkun miftuħa għall-ħtiġijiet ta' l-oħrajn, dejjem lesta biex tgħin lill-aħwa fil-bżonn.

Bħala nsara hu dmir tagħna nifhmu sewwa u ngħixu kif imiss dawn il-valuri tal-familja u tax-xogħol tal-bniedem, valuri li fuqhom il-Papa ilu jisħaq ħafna. Żmien ir-Randan, għaliex hu żmien ta' salvazzjoni, hu żmien tajjeb biex aħna ngħarblu sewwa lilna nfusna u l-imġieba kollha tagħna, ħa naraw aħniex nifhmu u ngħixu sewwa dawn il-valuri fis-siwi kollu tagħhom.

Kull sena l-Knisja, fil-bidu tar-Randan imqaddes, issejħilna għall-indiema u għall-konverżjoni billi ngħarblu lilna nfusna u l-imġieba kollha tagħna: għalhekk nagħmlu l-eżerċizzi fi żmien ir-Randan. Imma kemm tassew nindmu u nikkonvertu? Wara r-Randan insiru tassew aħjar milli nkunu?

Mhux biss jindem u jikkonverti l-midneb li jerġa' lura minn ħajja ta' dnub; jikkonverti wkoll il-bniedem ittajjeb biex jgħix ħajja aħjar. Hemm waqt fil-ħajja ta' kull bniedem, li fih il-bniedem jieħu deċiżjoni darba għal dejjem, li jkun kollu kemm hu ta' Ġesù, u jimxi warajh dejjem. Din id-deċiżjoni l-bniedem jagħmilha wara sejħa tal-Mulej, sejħa li l-Mulej jagħmilha lil kulħadd, għalkemm mhux lil kulħadd bl-istess mod u fl-istess ħin. Il-Mulej jista' jsejjaħ meta wieħed ikun se jibda xi sura ta' ħajja ġdida, jew meta tiġri lilu jew madwaru xi ġrajja kbira, jew xi ġrajja li tolqtu fil-laħam il-ħaj — il-mewt ta' xi ħadd għażiż, xi grazzja li qatt ma stenniha, xi disgrazzja kbira. Huma sejħat tal-Mulej, biex induru lejh bil-qawwa kollha ta' qalbna. Imma din is-sejħa tista' tkun ukoll omilija li nkunu smajna, jew xi kors ta' eżerċizzi, jew xi rtir, li nkunu għamilna; tista' tkun dan l-istess Randan.

U x'titlob minna din is-sejħa għall-konverżjoni? Xejn ħlief li ngħixu skond il-vokazzjoni tagħna ta' nsara, billi ż-żewġ pernijiet li fuqhom iddur il-ħajja kollha tagħna f'din id-dinja — ix-xogħol u l-familja — ikunu għalina verament mezzi ta' qdusija billi ngħixuhom skond kif irid Alla.

Jalla dan ir-Randan ikun għalina l-bidu ta' konverżjoni vera, ħalli pajjiżna jerġa' jkun dak li kien fl-imgħoddi: pajjiż magħqud fl-imħabba u s-sliem, fil-ħarsien sħiħ tal-fidi nisranija u tal-kmandamenti ta' Alla.

Għal dan iridu jwasslu ż-żewġ Kungressi f'ġieh il-Verġni Mqaddsa Marija li se jiġu ċelebrati f'Settembru tas-sena d-dieħla, kif ġa tħabbrilkom bil-pastorali tal-10 ta' April 1981. L-ewwel pass għal din il-konverżjoni sħiħa ta' pajjiżna se jkunu l-eżerċizzi tar-Randan, iżda mba-

għad, minn Ottubru ta' din is-sena, ix-xahar tar-Rużarju, sa Mejju tas-sena d-dieħla, ix-xahar tal-Madonna, fil-parroċċi kollha se jkun hemm Missjoni għat-tiġdid tagħna lkoll fi Kristu, taħt il-ħarsien ta' Marija, li qatt ma naqset li tidħol għalina fil-ħtiġijiet tagħna kollha, kull meta tlabniha. Fiha dejjem ittamaw missirijietna, u hi ħelsithom. U hekk teħles lilna wkoll mit-theddid kollu taż-żminijiet tal-lum, u żżommna ħielsa minn kull tagħlim qarrieqi, biex il-wirt għażiż tal-fidi li writna nkunu nistgħu ngħadduh bla mittiefes lil uliedna u lil ulied uliedna.

Illum, 10 ta' Frar, 1982, solennità ta' San Pawl Missierna.

† ĠUŻEPPI MERCIECA,
*Arċisqof ta' Malta.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier*

"Il-proxxmu tiegħi min hu?" (Lq 10.29).

Ftakru: Il-Mulej wieġeb bil-parrabola tas-Samaritan it-tajjeb għal din il-mistoqsija li għamillu wieħed għaref fil-liġi u qallu li fil-liġi hemm miktub: "Int għandek tħobb il-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek."

Is-Samaritan it-tajjeb hu l-ewwelnett Kristu stess: hu resaq lejna l-ewwel u għamilna proxxmu tiegħu, biex igħinna, ifejjaqna u jsalvana: "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah il-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil. 2.7-8).

Jekk hemm xi distanza bejna u bejn Alla, dan ġej minna biss u mit-tfixkil li nqegħdu u li bih ma jistax jersaq lejna: id-dnub f'qalbna, l-inġustizzji li nagħmlu, il-mibgħeda u l-firdiet li nsaħħu, u kull ħaġa li ma tħalliniex inħobbu 'l Alla b'qalbna kollha u bil-qawwa tagħna kollha. Żmien ir-Randan huwa ż-żmien speċjali li fih nissaffew f'ruħna u nagħmlu penitenza, biex inħallu s-Salvatur jagħmilna proxxmu tiegħu u jsalvana b'imħabbtu.

It-tieni kmandament jixbah l-ewwel wieħed (ara Mt 26.39), u ma tistax tifirdu minnu. Inħobbu l-oħrajn bl-istess imħabba li Alla jqiegħed fi qlubna u li biha jħobb lill-oħrajn. F'dan ukoll, kemm tfixkil noħolqu biex l-oħrajn ma jkunux il-proxxmu tagħna! ma nħobbux biżżejjed la lil Alla u lanqas lill-proxxmu tagħna. Għaliex għadna nsibuha tqila ħafna li naslu biex naħsbu, ngħidu u nistqarru mħabbitna għall-proxxmu tagħna b'mod li nkunu tassew emigranti mal-emigranti, rifuġjati mar-rifuġjati, u fqar ma' min hu nieqes minn kollox?

Il-Knisja tagħtina ż-żmien liturġiku tar-Randan biex fil-Knisja aħna nissaffew mill-fdalijiet ta' l-egoiżmu tagħna u mir-rabta żejda mal-ġid kollu — materjali jew le — li jżommuna 'l bogħod minn dawk li għandhom dritt għall-għajnuna tagħna: l-aktar dawk li, qrib tagħna jew bogħod minna, ma jistgħux jgħixu ħajjithom b'dik id-dinjità ta' bnedmin maħluqin minn Alla sura xbieha tiegħu.

Ha jkollna, mela, l-ispirtu ta' penitenza u ta' konverżjoni, li hu spirtu ta' mħabba u ta' qsim tal-ġid ma' l-oħrajn. Kunu ixbhu 'l Kristu, ersqu lejn dawk li baqgħu mneżżgħin u mbiċċrin, dawk li d-dinja ma tafx bihom jew twarrabhom. Issieħbu f'dak kollu li l-knisja tagħkom qiegħda tagħmel biex tgħin l-insara u l-bnedmin kollha ta' rieda tajba li qegħdin iħabirku ħa jiksbu għal ħuthom kull ma jeħtieġu, — il-ġid materjali wkoll — biex igħixu skond id-dinjità tagħhom ta' bnedmin li huma, u jkunu huma stess responsabbli ta' l-iżvilupp tagħhom u tal-familji tagħhom firruħ u l-ġisem.

Jalla l-ġbir li jsir fir-Randan, ukoll fil-pajjiżi fqar tad-dinja, iwassalkom taqsmu bejnietkom il-ġid li jkollkom ħa tgħinu l-knejjes tal-pajjiżi inqas ixxurtjati biex jaqdu d-dmir tagħhom ta' Samaritani tajba ma' dawk li tagħhom huma responsabbli mill-qrib; il-fqar tagħhom, dawk li huma bil-ġuħ, dawk li huma mċaħħdin mill-ġustizzja, dawk li ma jistgħux jiżguraw il-progress tagħhom u tal-komunitajiet tagħhom. Penitenza, konverżjoni: din hi t-triq li minnha rridu

ngħaddu: triq ta' niket, imma triq li tagħtina l-ħelsien, triq li jurihielna żmien ir-Randan. —

U jekk inkomplu nistaqsu: "Il-proxxmu tiegħi min hu?" it-tweġiba nsibuha fil-ħarsa ta' Kristu Rxoxt, u nisimgħuha minn fommu: "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, agħmiltuh miegħi" (Mt 25,40).

Joannes Paulus PP. II

## ITTRA TA' L-ISQFIJIET LILL-KLERU U LIL-LAJĊI NSARA

Aħna nafu bir-rispett u l-imħabba li l-kotra tal-poplu Malti għandu lejn is-saċerdot, kif nafu wkoll bl-apostolat ġeneruż li jwettqu s-saċerdoti tagħna.

Kif ġie li għidna fl-imgħoddi nixtiequ llum, għal darb'oħra nuru l-apprezzament tagħna għal dawn ir-rabtiet ta' fiduċja u fedeltà bejn il-kattoliċi Maltin u s-saċerdoti, nirringrazzjaw ta' dan kollu lil Alla u nitolbuH jgħinna biex inżommu dejjem sħaħ f'pajjiżna dawn ir-relazzjonijiet sbieħ u tajbin.

Kultant dawn ir-relazzjonijiet jgħaddu minn prova. Quddiem saċerdot li jżbalja, li ma ġabx ruħu kif jixraq lill-missjoni tiegħu, issib min igħid li m'għadx baqagħlu fiduċja fil-Knisja, li tilef il-fidi, jitbiegħed mis-Sagramenti u mill-Knisja; issib ukoll min kontra dan is-saċerdot juża kliem iebes u jxandar in-nuqqasijiet tiegħu ma' l-erbat irjieħ.

Kif għandu jġib ruħu n-nisrani f'sitwazzjoni bħal din?

In-nisrani jasal biex jifhem reazzjoni ta' din ix-xorta, iżda jaf ukoll li din ir-reazzjoni hija ħaġa ħażina u m'għandniex ninkoraġġuha. Dawn ir-reazzjonijiet huma kontra l-ispirtu tal-Vanġelu u għalhekk in-nisrani ma jista' qatt japprovahom, kif ma jistax japprova l-iżball tas-saċerdot. Ġesù jikkundanna l-iżball, iżda fl-istess ħin jgħidilna li għandna nagħdru, naħfru u nħobbu lil min jiżbalja billi ngħinuh jerġa' jaqbad it-triq it-tajba.

Hawn min hu tqil u iebes biex jagħmel dan ma' saċerdot u jistorlu n-nuqqasijiet tiegħu. Mis-saċerdot, jgħidlek, wieħed jistenna dejjem it-tajjeb, għaliex hu ministru t'Alla, mhux b'għażla tiegħu, iżda għaliex Kristu għażlu u bagħtu sabiex iwassal għand Alla t-talb u x-xewqat u t-tamiet tal-bnedmin, u jwassal mingħand Alla, għall-bnedmin kollha, grazzja u barka u ħniena u maħfra.

Huwa veru li s-saċerdot hu ministru ta' Alla u mżejjen b'setgħat li mhumiex ta' din id-dinja. Iżda huwa veru wkoll li s-saċerdot hu bniedem bħal bnedmin oħra, midimbin u dgħajfin u għalhekk jeħtieġ inħobbuh dejjem, naħfrulu meta jonqos, ngħinuh fid-diffikultajiet tiegħu u ma nistħux ngaħrfuh dejjem bħala saċerdot. Ġesù jaf li s-saċerdot huwa bniedem li għandu n-nuqqasijiet tiegħu ukoll; iżda madankollu, Ġesù ma stmerrx li jagħżlu minn fost l-oħrajn u jkun il-ministru ta' Alla fuq l-art, il-medjatur bejn Alla u l-bniedem.

Is-saċerdot jikber fil-qdusija meta jaqdi l-missjoni tiegħu. Hija l-missjoni tagħna bħala saċerdoti li ngħaddu lil ħutna l-Bxara t-tajba tal-ħelsien u s-salvazzjoni li kisbilna Ġesù stess. Aħna naqdu sewwa din il-missjoni meta nidentifikaw ruħna ma' Ġesù, meta f'kull okkażjoni nwasslu lill-bnedmin, bi kliem li jifhmu kulħadd, dak li Ġesù stess jitlob minna permezz tal-Knisja tiegħu. Meta aħna naqdu l-missjoni tagħna b'dan il-mod, aħna nibnu u nħarsu l-kredibilità tagħna u niksbu l-fiduċja tal-bnedmin tant meħtieġa għax-xandir tal-messaġġ ta' Ġesù.

Dan juri li l-missjoni li afdalna Kristu bħala saċerdoti tiegħu, mhix li nkunu mexxejja soċjali jew politiċi: it-tagħlim tagħna m'għandux ikun imxaqleb lejn ebda partit. Il-missjoni tagħna hi li nwasslu, dejjem u kullimkien, f'isem Kristu, il-Vanġelu tiegħu, nadif ukoll minn kull passjoni ta' politika partiġġjana kemm tax-xellug, kemm tal-lemin u kemm tan-nofs. Hija l-missjoni tagħna bħala saċerdoti li ngħaqqdu lil kulħadd fl-imħabba ta' xulxin.

Is-saċerdoti għandhom dejjem jagħtu lill-fidili dan it-tagħlim tajjeb u safi. Jekk xi darba jiġri fostna tagħlim reliġjuż ieħor li mhux il-Vanġelu ta' Ġesù, il-fidili ma għandhomx jinfixlu. F'dan il-kamp, it-tagħlim veru huwa t-tagħlim li aħna, l-Isqfijiet tagħkom, inwasslulkom f'għaqda mal-Papa, u li jgħaddulkom ukoll is-saċerdoti li jgħallmu dak li ngħallmu aħna. Haddnu dan it-tagħlim u titħawdux quddiem tagħlim ieħor, igħidu min jgħidu.

Għal ħafna, meta saċerdot jitkellem, qisha qegħda titkellem il-Knisja. Dan mhux minnu. Is-saċerdot ikun jitkellem f'isem il-Knisja meta jxandarx l-Evanġelju ta' Kristu, mhux kif jifhmu hu, imma kif tgħallmu l-Knisja, jiġifieri kif jgħallmuh il-Papa u l-Isqfijiet magħqudin miegħu fir-rabta tal-fidi u l-imħabba. Meta xi ħadd f'xi ġurnal, f'xi diskors, f'xi programm tax-xandga li jwissu lil min xandar fehmiet li ma jaqblux ma' dak li jgħallmu l-Papa u l-Isqfijiet, dak ix-xiħadd ma jkunx jitkellem f'isem il-Knisja, imma jkun biss ixandar il-fehmiet tiegħu. L-Awtoritajiet tal-Knisja mhux darba ħassew il-ħtieġa li jwissu lil min qandar fehmiet li ma jaqblux għal kollox mat-tagħlim tal-Knisja, imma l-Awtoritajiet tal-Knisja dan dejjem għamluh fl-ispirtu tal-Vanġelu li jgħid: "...meta ħuk jiżbalja, mur sibu waħdu u widdbu" b'għaqal u mħabba, għall-ġid tiegħu u tal-Knisja kollha, meta kien hemm it-tama li dak li jkun ġie mwissi joqgħod aktar attent għall-quddiem u ma jkomplix jiżbalja.

Nirringrazzjaw lil Alla li l-insara tagħna jħossuh ukoll bħala dmir tagħhom li jitolbu lil Alla jqaddes dejjem iżjed lis-saċerdoti tiegħu kollha u jibqa' sħiħ fostna r-rispett tal-Maltin għas-saċerdot. Dan ir-rispett jgħin ħafna lis-saċerdot sabiex jgħix kemm jista' jkun il-ħajja ta' ministru ta' Alla għas-servizz ta' ħutu l-oħrajn kollha.

Nagħtukom il-Barka tagħna bħala rahan ta' kull ġid mis-Sema f'għaqda ta' mħabba bir-rabta tassliem.

Illum, 25 ta' Jannar, 1982, Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl.

† ĠUŻEPPI
Arċisqof ta' Malta
† NIKOL
Isqof ta' Għawdex

Ċirkolari Nru. 102

Lir-Rev.di Arċipreti, Kappillani, Retturi tal-knejjes u Superjuri Reliġjużi.

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar jibda r-Randan Imqaddes. Ir-Randan hu għalina żmien li fih nissaffu minn kull tinġis tal-ħażen u nagħmlu tpattija għan-nuqqasijiet kollha tagħna b'egħmil ta' penitenza, bit-talb u b'opri ta' karità.

Hu dmir tagħna għalhekk li nhar l-Erbgħa tar-Rmied u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, u jekk jista' jkun, l-għada wkoll, insumu mill-ikel biex nuru li aħna sajmin ukoll minn kull ħaġa ħażina u minn kull rabta żejda ma' dak kollu li jgħaddi. Iżda l-penitenza ta' żmien ir-Randan, m'għandniex nagħmluha f'dawn il-jumejn biss, imma tul il-ġranet kollha tar-Randan. Il-Knisja tħalli f'idejna x'nagħmlu bħala penitenza tul dan iż-żmien v.g. niċċaħħdu mill-ikel, minn xi divertiment, minn xi ħaġa li togħġobna ecc.

Ir-Randan hu wkoll żmien ta' talb, kemm waħedna u kemm flimkien. Matul ir-Randan, bħal snin oħra, l-Arċisqof se jmexxi għadd ta' pellegrinaġġi ta' talb f'għadd ta' nħawi f'pajjiżna: Ħaż-Żabbar (28 ta' Frar), il-Ħamrun mat-terzjarji franġiskani (5 ta' Marzu), is-Siġġiewi (12 ta' Marzu), in-Naxxar (26 ta' Marzu) u l-Belt (Via Sagra quddiem San Ġwann fit-3 ta' April): nissieħbu miegħu f'dawn il-pellegrinaġġi b'għadd kbir ħalli flimkien miegħu nitolbu għall-Knisja, għal pajjiżna u għal dawk kollha li jeħtieġu t-talb tagħna. Nitolbu għal dawk il-pajjiżi kollha ukoll li fihom l-insara jinsabu persegwitati minħabba l-fidi tagħhom, biex tasal għalihom, mill-aktar fis, il-ġurnata li fiha jkunu jistgħu jistqarru mingħajr tfixkil il-fidi nisranija: b'mod speċjali nitolbu għall-insara taċ-Ċina skond ix-xewqa li wera l-Papa fl-ittra li bagħat għalhekk lill-isqfijiet kollha fl-okkażjoni ta' l-ewwel tas-sena ċiniża.

Fl-aħħarnett ir-Randan hu okkażżjoni mill-aqwa għalina biex nuru mħabbitna għal ħutna fil-bżonn. Il-Papa fl-appell tiegħu għar-Randan ta' din is-sena jistedinna lkoll ħa nkunu bħal Kristu u nersqu lejn dawk kollha li huma mġarrbin u neqsin minn kollox, imwarrbin u mistmerra mid-dinja: ngħinu, bl-akbar ġenerożità, lill-Knisja fit-twettiq tal-missjoni tagħha a favur ta' dawk fost ħutna li huma neqsin minn dawk il-mezzi li huma meħtieġa biex jgħixu ħajja tabilħaqq umana. Dan aħna nistgħu nagħmluh tul il-ĠIMGHA TAS-SAGRIFIĊĊJU mit-2 ta' April, festa tad-Duluri, sad-9 ta' April, jum il-Ġimgħa l-Kbira, li bħas-soltu se tkun organizzata mis-Segretarjat tal-Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika. Fl-offerti tagħna li jsiru fil-Quddies ta' filgħaxija tat-3 ta' April u tal-Ħadd, 4 ta' April sejrin jingħataw lill-Fond tal-Assistenza Soċjali.

Monsinjur Arċisqof se jiltaqa' mal-predikaturi ta' l-eżerċizzi tar-Randan fil-kappella tal-Kurja, il-Furjana, is-Sibt, 27 ta' Frar, fl-10.30 a.m.: hu jittama li ħadd ma jonqos.

Din iċ-ċirkolari għandha tinqara l-Ħadd qabel l-Erbgħa tar-Rmied flimkien mal-Appell tal-Papa għar-Randan. Il-Pastorali tal-Arċisqof għandha tinqara l-Ħadd ta' wara, l-ewwel Ħadd tar-Randan.

Hi xewqa ta' l-Arċisqof li kopja tal-pastorali titqassam lil kull familja għalhekk il-kappillani huma mitlubin jordnaw il-kopji li jeħtieġu minnufih il-kopja li jeħtieġu mill-Uffiċċju stampa tal-Kurja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili llum 10 ta' Frar 1982, solennità ta' San Pawl Missierna, Patrun ta' Malta.

MONS. CARMELO XUEREB,
*Vigarju Generali.*

ANNETTO DEPASQUALE
*Kanċellier.*

**Kors ta' Aġġornament tal-Kleru 1982**

**IL-BNIEDEM FIR-RELAZZJONIJIET TIEGHU MA' ALLA U MAL-BNEDMIN L-OHRA**

"Il-ħajja tal-bniedem fid-dinja ddur fu qżewġ pernijiet: ix-xogħol u l-familja," qal il-Papa lill-ambaxxaturi fis-16 ta' Jannar li għadda, u fix-xogħol u fil-familja l-bniedem jitqaddes għal Alla billi jitħasseb ma' ħutu l-bnedmin u jiġġedded fih innifsu ħa jagħti l-qima li tixraq u tistħoqq lil Alla.

**Programm propost:**

Konferenzi: Il-bniedem fil-Kotba Mqaddsa.
L-ispiritwalità tax-xogħol.

FORUM: Kif inwasslu l-Maltin ħa jqaddsu x-xogħol?
Konferenzi: Il-bniedem fi djalogu ma' Alla.
It-Talb.

FORUM: Kif se nqaddsu Jum il-Mulej fis-sekl uXX f'Malta.
Konferenzi: Il-bniedem f'relazzjoni ta' għaqda u ta' djalogu mal-bnedmin l-oħra.
Hbiberija u rikonċiljazzjoni.

FORUM: Kif se nħaddmu l-**Ordo Paenitentiae l-ġdid.**

Il-Kummssjoni li qiegħda thejji l-programm tistenna suġġerimenti dwar punti li wieħed jixtieq jiġu rilevati fil-Konferenzi. Is-suġġerimenti jridu jaslu fis-Segreterija tal-Kurja mhux aktar tard mid-9 ta' Marzu.